Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 114

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 57

15 ta' April 2014

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Kumitat tar-Regjuni

Il-104 Sessjoni Plenarja tat-28 u d-29 ta' Novembru 2013

2014/C 114/01 Riżoluzzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni Il-prijoritajiet politiċi tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-2014 abbażi tal-programm leġiżlattiv u ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea 1

OPINJONIJIET

Il-Kumitat tar-Regjuni

Il-104 Sessjoni Plenarja tat-28 u d-29 ta' Novembru 2013

2014/C 114/02 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Rapport tal-2013 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE 6

2014/C 114/03 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Linji gwida tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat lill-Ajruporti u lill-Kumpaniji tal-Ajru 11

2014/C 114/04 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Il-valur miżjud tal-istrateġiji makroreġjonali 18

2014/C 114/05 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan ta' Azzjoni għal industrija tal-azzar kompetittiva u sostenibbli fl-Ewropa 23

2014/C 114/06 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Sport, diżabbiltà u rikreazzjoni 27

2014/C 114/07 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Għajnuna mill-Istat għas-Sajd u l-Akkwakultura 33

2014/C 114/08 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Linji gwida strateġiċi għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura fl-UE 37

MT

III *Atti preparatorji*

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Il-104 Sessjoni Plenarja tat-28 u d-29 ta' Novembru 2013

2014/C 114/09 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Riċerkaturi, studenti, volontarji u kategoriji oħra ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi 42

2014/C 114/10 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea 48

2014/C 114/11 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Qafas dwar il-Politika Portwarja Futura tal-UE 57

2014/C 114/12 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġiji għall-Integrazzjoni tar-Rom 73

2014/C 114/13 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Direttiva dwar il-fatturar elettroniku u l-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf 79

2014/C 114/14 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Kooperazzjoni mtejba bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi. 85

2014/C 114/15 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Pakkett Leġiżlattiv "Fruntieri Intelliġenti". 90

2014/C 114/16 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali. 96

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUMITAT TAR-REGJUNI

IL-104 SESSJONI PLENARJA TAT-28 U D-29 TA' NOVEMBRU 2013

Riżoluzzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni Il-prijoritajiet politiċi tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-2014 abbażi tal-programm leġiżlattiv u ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea

(2014/C 114/01)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2014 ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-prioritajiet tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-2014 abbażi tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra l-Protokoll ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni, iffirmat fis-16 ta' Frar 2012,

Il-prijoritajiet politiċi ewlenin għall-2014

1. iqis li l-isfidi prinċipali tal-Unjoni Ewropea huma li tiġġenera t-tkabbir sostenibbli, tiżgura l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, toħloq l-impjiegi u ssaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew;

2. jitlob għal iktar koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u soċjali sabiex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-kompetittività tal-Istati Membri; itenni l-urġenza tal-bżonn li jiġu indirizzati l-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-inugwaljanzi ġeografiċi bejn ir-reġjuni tal-UE sabiex ma jkomplix jintilef il-kapital uman;

3. jitlob li fl-2014 issir reviżjoni rigoruża ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020 li tkun ibbażata fuq l-inklużjoni ta': i) id-dimensjoni territorjali, li tippermetti miri sottonazzjonali skont is-sitwazzjonijiet reġjonali differenti; ii) governanza li tinvolvi l-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-twaqqif tal-miri u l-implimentazzjoni tal-istrateġija, iii) finanzjament adegwat għall-investimenti fuq perjodu twil, li m'għandhomx jiġu sagrifikati għat-tishiħ fiskali tal-għanijiet;

4. jenfasizza l-importanza prinċipali tal-proċess demokratiku fl-Unjoni Ewropea fis-sena tal-elezzjoni 2014 u ser jiżviluppa l-kontribut tiegħu fid-dibattitu li għaddej dwar il-ġejjieni tal-Unjoni sabiex isaħħaħ ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess ta' integrazzjoni; il-KtR ser jagħti għalhekk impetu lil kwalunkwe dibattitu dwar ir-riforma tat-Trattat billi jorganizza dibattiti politiċi u billi jkattar il-viżibbiltà tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kunċett tal-governanza f'diversi livelli bħala strumenti importanti sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet;

5. fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà bħala mezz rikonoxxut sabiex ikun żgurat li d-deċiżjonijiet politiċi jittieħdu kemm jista' jkun viċin taċ-ċittadini, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħti prova aħjar fil-proposti leġislattivi tagħha tal-valur miżjud tal-azzjoni tal-UE; jirreferi għall-kontribut li ser jagħti għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà tal-inizjattivi tal-UE inklużi fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2014 li għandhom dimensjoni lokali jew reġjonali;

([1]) COM(2013) 739 final.
([2]) CdR 4044/2013.

6. jilqa' l-enfasi tal-Kummissjoni fuq it-twassil u l-implimentazzjoni u jieħu l-impenn li jikkontribwixxi fit-tishiħ tad-dimensjoni territorjali tal-valutazzjoni tal-impatt.

L-Unjoni Ekonomika u Monetarja

7. jenfasizza li għandha tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u għalhekk jemmen li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu involuti fil-proċess tas-Semestru Ewropew fil-livell tal-Istati Membri u jitlob ukoll li l-KtR ikun involut fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-UE;

8. jilqa' r-rikonoxximent tal-bżonn li tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-UEM b'mod partikolari permezz tal-proposta tal-Kummissjoni li titwaqqaf tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi prinċipali tal-impjieg u dawk soċjali u li tkun inkluża fil-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku; jistenna li l-Kummissjoni tkompli tindirizza l-kwistjoni tal-kwalità tal-infiq pubbliku;

9. jistenna l-proposti tal-Kummissjoni meħtieġa b'urġenza sabiex titħejja l-Unjoni Bankarja permezz ta' riforma tas-settur bankarju Ewropew li jkollha l-għan li ttejjeb il-governanza korporattiva, tippermetti riżoluzzjoni u rkupru bankarji effettivi, issaħħaħ il-kapital bankarju, tiffoka fuq li twassal il-kreditu lill-ekonomija reali, u li tkun tfisser separazzjoni obbligatorja tal-attivitajiet bankarji għall-konsumatur u l-investimenti;

10. jappoġġja l-isforzi kollha li jwasslu għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja, filwaqt li jitqiesu d-dimensjoni lokali u reġjonali tagħha u r-rwol ewlieni tal-banek reġjonali fil-provvediment ta' kapital għall-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju u għall-proġetti ta' investiment pubbliku.

It-tkabbir, l-impjiegi u l-inklużjoni

11. jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li r-rati tal-qgħad b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ għadhom f'livelli xejn sostenibbli mil-lat ekonomiku u soċjali. Il-Kumitat tar-Reġjuni jitlob lill-Kummissjoni tinkludi u tikkunsidra l-prattiki tajbin tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proposti tagħha sabiex tistimula l-impjieg fost iż-żgħażagħ; jilqa' l-prijorità prinċipali tal-ġlieda kontra l-qgħad taż-żgħażagħ, li huwa theddida ġenwina għall-mudell soċjali Ewropew; jinnota l-importanza tal-"garanzija għaż-żgħażagħ" bħala miżura sabiex ikunu żgurati opportunitajiet indaqs għaż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol;

12. jilqa' li l-Kummissjoni ħabbret li ser tippreżenta pakkett dwar il-mobbiltà tax-xogħol li jiffoka fuq koordinazzjoni aħjar bejn l-iskemi ta' sigurtà soċjali fl-Istati Membri; iżda huwa tal-fehma li huwa prerekwiżit li jintemm l-istaġnar fl-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema ([3]). Dan jista' jinvolvi miżuri riveduti għall-ġlieda kontra l-frodi, eż. is-sospensjoni tar-rikonoxximent tal-formola A1. Jistenna wkoll li l-pakkett futur ikun jinkludi proposta leġislattiva dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema fir-rigward tal-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tar-ristrutturar, u li jippreżenta proposti għal koordinazzjoni mtejba tal-akkreditamenti tax-xogħol;

13. jappoġġja lill-Parlament Ewropew fl-isforzi tiegħu favur ir-reviżjoni tas-sistema tat-tliet presidenzi sabiex jiggarantixxi analiżi tad-demokrazija u r-responsabbiltà;

14. jappella lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jagħmlu użu mill-programmi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali biex jiffaċċjaw l-isfidi demografiċi, itejbu l-konċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja u jippromovu l-koeżjoni soċjali;

15. jilqa' l-isforzi favur il-modernizzazzjoni tal-politika tal-għajnuna mill-Istat bil-għan li tikkonforma aħjar mal-Istrateġija Ewropa 2020 u tnaqqas il-burokrazija, filwaqt li nżommu f'rasna li, bi prijorità, l-għan għandu jkun li titjieb il-kompetittività ta' reġjuni inqas żviluppati f'termini ta' industrija u negozju u l-livell għoli ta' qgħad. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea li jiġi konsultat dwar iktar abbozzi ta' linji gwida dwar ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat fl-UE u b'mod partikolari dawk li qed jitħejjew bħalissa b'rabta mal-infrastruttura;

16. jilqa' l-Att previst dwar l-Aċċessibbiltà Ewropea u jenfasizza li l-aċċessibbiltà tal-oġġetti u s-servizzi tiddetermina b'mod prinċipali l-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità.

([3]) Proposta għal Direttiva dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi COM (2012) 131 final.

Il-politika ta' koeżjoni

17. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tippromovi u tevalwa l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-finalizzazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija u l-programmi operattivi relatati, abbażi tal-applikazzjoni tar-Regolamenti u l-"Kodiċi tal-Kondotta" u jitlob rapport dwar dan sa Frar 2014. Il-Ftehimiet ta' Sħubija jeħtieġ li jsiru l-element prinċipali tal-governanza f'diversi livelli fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 jew kwalunkwe strateġija Ewropea għat-tkabbir u l-impjiegi;

18. jinnota ż-żieda ta' bosta inizjattivi mhux koordinati tal-UE li jolqtu l-politika tal-iżvilupp urban; jitlob li titħejja White Paper dwar aġenda urbana integrata għall-UE u jindika l-intenzjoni tiegħu li jkun involut f'dan il-proċess;

19. jimpenja ruħu li jsegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tal-miżuri taħt il-pilastru tal-iżvilupp rurali tal-PAK riformata, b'mod partikolari fir-rigward tad-diversifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi fiż-żoni rurali, u li jappoġġja kooperazzjoni mill-qrib bejn il-muniċipalitajiet rurali u urbani permezz ta' sħubijiet territorjali li jaħdmu sew;

20. iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jevalwaw l-iżvilupp ta' kwalunkwe strateġija makroreġjonali ġdida fid-dawl tal-isfidi u l-opportunitajiet komuni taż-żoni ġeografiċi inkwistjoni u l-valur miżjud Ewropew tagħha; jenfasizza l-importanza li jiġu koordinati l-istrutturi attwali tal-governanza u li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli.

Il-baġit tal-UE

21. itenni l-appell tiegħu għal riforma tas-sistema attwali tar-riżorsi proprji prevista fit-Trattat u bħala mezz biex jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet diretti tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE, biex tiżdied it-trasparenza u tiġi garantita s-sostenibbiltà tal-finanzi tal-UE; għaldaqstant jistenna li l-grupp ta' livell għoli dwar ir-riżorsi proprji jingħata l-mandat li jippreżenta proposti ta' riforma fid-dawl tar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali;

22. jimpenja ruħu li jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-UE billi jagħti ħarsa orizzontali lejn l-infiq tal-fondi tal-UE mill-perspettiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

23. jiġbed l-attenzjoni lejn in-nuqqas ta' viżjoni konsolidata tal-mezzi baġitarji disponibbli għall-Istrateġija Ewropa 2020, itenni li s-sinerġija bejn il-baġits nazzjonali u sottonazzjonali hija essenzjali sabiex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti, jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tal-konsegwenzi tal-kriżi fuq id-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji għall-finanzjament ta' investimenti fuq perjodu twil, u jitlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tesplora din id-dimensjoni fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija Ewropa 2020.

L-agrikoltura u l-politika marittima

24. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tirrevedi d-Direttiva 2004/18/KE dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti sabiex il-kriterju "prodott lokalment" ikun jista' jkun kriterju standard tal-għażla fis-sejħiet għall-offerti għall-provvista ta' ikel, pereżempju, għall-iskejjel, id-djar tax-xjuħ u l-faċilitajiet pubbliċi ([4]);

25. jitlob li jiġi evalwat bir-reqqa l-impatt territorjali tal-proposti kollha sabiex jitneħħew il-mekkaniżmi li jirregolaw is-suq tal-agrikoltura, inklużi l-ftehimiet tal-kummerċ bilaterali u l-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, u li jiġi evalwat jekk dawn il-proposti jmorrux kontra l-għan tal-koeżjoni territorjali stabbilit fit-Trattat ta' Lisbona.

It-trasport

26. jitlob li l-Kummissjoni Ewropea timmonitorja l-parteċipazzjoni tar-reġjuni u l-awtoritajiet lokali fil-pjattaformi ta' governanza tal-kurituri prijoritarji tan-netwerk tat-trasport bażiku, u tappoġġja l-parteċipazzjoni ta' dawn l-awtoritajiet fit-tħejjija ta' proġetti li jkollhom impatt fit-territorji tagħhom jew li jkollhom dimensjoni transkonfinali;

27. ser jipparteċipa b'mod attiv fl-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea marbutin mal-qasam tat-trasport li jippromovu l-użu ta' netwerks multmodali effiċjenti u jikkontribwixxu għall-konsolidazzjoni taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea u l-Ajru Uniku Ewropew.

([4]) Ara CdR 341/2010.

L-ambjent, l-enerġija u t-tibdil fil-klima

28. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta qafas ġdid u ambizzjuż għall-klima u l-enerġija għall-perjodu 2030 li jinkludi miri legalment vinkolanti għall-gassijiet b'effett ta' serra, l-effiċjenza fil-qasam tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli;

29. jitlob oqfsa leġislattivi stabbli tal-UE b'rabta mal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali u l-protezzjoni tal-ħamrija;

30. jistenna li l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-effiċjenza tar-riżorsi u l-iskart ma twaqqafx biss indikaturi tal-effiċjenza tar-riżorsi iżda wkoll miri vinkolanti bbażati fuq dawn l-indikaturi;

31. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li r-reviżjoni tagħha tal-2014 tal-leġislazzjoni dwar l-iskart u l-miri eżistenti dwar l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, l-irkupru, u d-devjazzjoni mill-miżbliet, bħala parti mill-inizjattiva tal-effiċjenza tar-riżorsi u l-iskart tqis l-Opinjoni ta' Prospettiva tal-Kumitat li talbet il-Kummissjoni Ewropea stess; ir-reviżjoni għandha tkun konsistenti mal-"miri ambizzjużi" stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi b'mod li titwitta t-triq lejn ekonomija bbażata fuq l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ; jitlob li fil-kuntest tar-reviżjoni tal-2014 tingħata attenzjoni speċjali lill-iskart tal-plastik b'kunsiderazzjoni tal-Opinjoni tal-Kumitat dwar dan;

32. jistenna li l-Kummissjoni Ewropea tipproponi aġenda ambizzjuża għall-implimentazzjoni ta' suq intern tal-enerġija kompletament integrat u kompetittiv; jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tippromovi miżuri li jiffaċilitaw it-tifrix tal-mikroproduzzjoni tal-enerġija u l-integrazzjoni tagħha fil-grids tad-distribuzzjoni u li f'dan il-proċess tiżgura li l-konsumaturi fis-suq bl-imnut jibbenefikaw bis-sħiħ mill-enerġija bi prezz li jintlaħaq minn but kulħadd u li l-investiment fl-enerġija sostenibbli fil-livell lokali u reġjonali jkun faċilitat minn regoli tal-għajnuna mill-Istat modernizzati fil-qasam tal-enerġija; fuq talba tal-Presidenza Griega, il-KtR ser iressaq proposti għal strateġija tal-UE dwar l-enerġija li tintlaħaq minn but kulħadd;

33. jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tara li fis-settur tal-enerġija, il-qafas regolatorju fil-livell nazzjonali jibqa' stabbli u allinjat mal-għanijiet stabbiliti mill-Istrateġija Ewropa 2020;

34. huwa ħerqan għall-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għall-qafas legali neċessarju dwar il-gass tax-shale u l-gass kompressat li jiggarantixxi s-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-esplorazzjoni tal-idrokarburi mhux konvenzjonali fl-Unjoni Ewropea.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni

35. jistenna b'interess l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar ir-"riċerka u l-innovazzjoni bħala sorsi ġodda tat-tkabbir" u l-valutazzjoni tagħha ta' kif l-ekonomija tal-innovazzjoni tippromovi l-kompetittività u tipprovdi bażi ta' evidenza għall-identifikazzjoni tal-investimenti prijoritarji li għandhom jiġu kofinanzjati mill-Orizzont 2020;

36. ser jibqa' membru attiv tal-Pjattaforma tal-Ispeċjalizzazzjoni Intelliġenti u proġetti relatati fir-reġjuni u ser isegwi l-fażi l-ġdida tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti fir-reġjuni.

L-ICT

37. jilqa' l-enfasi li tpoġġiet fuq l-ekonomija diġitali, l-innovazzjoni u s-servizzi u jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li jġibu 'l quddiem din l-aġenda sabiex joħolqu inċentivi f'dan il-qasam, ilestu s-Suq Uniku Diġitali sal-2015 u jniedu miżuri li jtejbu l-ħiliet u jnaqqsu d-distakk diġitali fost ir-reġjuni tal-Istati Membri. Jimpenja ruħu li jippromovi l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi lokali u reġjonali fil-forniment tas-servizzi bħall-gvern elettroniku, is-saħħa elettronika, il-fatturar elettroniku u l-akkwist elettroniku.

L-edukazzjoni, il-kultura, iż-żgħażagħ u l-isport

38. jagħti importanza kbira lill-iżgurar li l-ġejjieni tal-Erasmus+ jipprovdi appoġġ adegwat u opportunitajiet ugwali għall-gruppi mmirati minn programmi preċedenti u ser ikompli jsegwi l-aspetti tad-distribuzzjoni tal-fondi u l-ġestjoni tal-programm. Il-KtR ser jappoġġja iktar miżuri sabiex jagħti spinta lill-impjegabbiltà taż-żgħażagħ bħall-proposta għal Qafas ta' Kwalità għall-Esperjenzi ta' Taħriġ u inizjattivi mmirati lejn il-modernizzazzjoni tal-politiki tal-iskejjel u l-professjonijiet tat-tagħlim; jistenna l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għat-twaqqif ta' Żona Ewropea tal-Ħiliet u l-Kwalifiki;

39. itenni t-talba tiegħu għal komunikazzjoni dwar it-turiżmu kulturali sostenibbli u kompetittiv fl-UE u jisħaq li qafas strateġiku ċar f'dan il-qasam jista' jkun ta' benefiċċju kbir għall-iżvilupp ta' negozji żgħar u ta' daqs medju, il-promozzjoni u ż-żamma tal-wirt varjat Ewropew u iktar integrazzjoni għaċ-ċittadini Ewropej.

Żona ta' Libertà, Sigurtà, Ġustizzja u d-Drittijiet taċ-Ċittadini

40. jistenna bil-ħerqa r-risposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-ewwel grupp ta' inizjattivi taċ-ċittadini li kellhom suċċess u jisħaq fuq l-offerta tiegħu li jassisti lill-Kummissjoni Ewropea fl-evalwazzjoni tagħhom u li jipparteċipa fis-seduti pubbliċi organizzati fil-Parlament Ewropew;

41. jistenna l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għas-segwitu tal-Programm ta' Stokkolma u ser jifformula l-istennijiet tiegħu fir-rigward tal-iżvilupp futur taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja;

42. jitlob politiki komprensivi tal-UE li jindirizzaw il-migrazzjoni, il-mobbiltà u l-asil abbażi tar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi u li kapaċi jħarsu l-fruntieri tal-UE, jintensifikaw il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-immigrazzjoni illegali, iżidu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi ta' oriġini u tranżizzjoni u jibnu solidarjetà ġenwina bejn l-Istati Membri tal-UE kif ukoll bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali; jitlob b'mod partikolari li ssir reviżjoni tar-Regolament Dublin II sabiex dan jippermetti distribuzzjoni mill-ġdid ġusta ta' dawk li qed ifittxu l-asil fl-Istati Membri; dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għall-Istrateġija prevista tas-Sigurtà Marittima tal-UE;

43. beħsiebu jikkontribwixxi fit-twaqqif ta' azzjonijiet prijoritarji hekk kif talab il-Kunsill Ewropew sabiex tissaħħaħ l-Istrateġija Ewropea dwar il-migrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti; iqis f'dan ir-rigward li l-ġestjoni tal-flussi migratorji, b'mod partikolari fil-Mediterran, għandhom jiġu żviluppati b'mod komprensiv sabiex jippromovu soluzzjonijiet sostenibbli li jinvolvu l-partijiet interessati kollha b'mod partikolari fil-pajjiżi terzi, l-Istati Membri tal-UE kif ukoll l-awtoritajiet reġjonali u lokali.

L-Ewropa bħala attur globali

44. ser ikompli għaddej bl-isforz li jagħti s-saħħa lill-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali fil-proċess ta' adeżjoni; jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħidma u l-opportunitajiet li joffru l-Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranja (ARLEM) u l-Konferenza Annwali tal-Awtoritajiet Reġjonali u Lokali għas-Sħubija tal-Lvant (CORLEAP) fit-tisħiħ tad-demokrazija permezz ta' kooperazzjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Ewropa;

45. jilqa' l-impenn li tenniet il-Kummissjoni favur l-appoġġ tal-proċess ta' tranżizzjoni demokratika fil-pajjiżi msieħba tal-Mediterran u jfakkar li hemm bżonn ta' appertenenza fil-livelli kollha sabiex ikun hemm tranżizzjoni ta' suċċess; huwa ppreparat li jappoġġja l-isforzi favur id-deċentralizzazzjoni bħala strument tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki lokali u reġjonali pubbliċi li jżidu t-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali u territorjali;

46. jilqa' l-proposta u d-deċiżjoni emerġenti dwar is-Sena Ewropea tal-Iżvilupp 2015 sabiex jiġi żgurat is-segwitu tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u titnieda aġenda internazzjonali ġdida għall-iżvilupp sostenibbli; ifakkar il-bżonn li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti bis-sħiħ fl-implimentazzjoni kemm tal-aġenda tal-ġejjieni ta' wara l-2015 kif ukoll is-Sena Ewropea tal-Iżvilupp 2015; itenni għalhekk it-talba tiegħu li l-baġit jipprovdi appoġġ finanzjarju adegwat għall-inizjattivi lokali u reġjonali.

Brussell, 29 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT TAR-REGJUNI

IL-104 SESSJONI PLENARJA TAT-28 U D-29 TA' NOVEMBRU 2013

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Rapport tal-2013 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE

(2014/C 114/02)

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. ifakkar li irrispettivament minn kif tingħata ċ-ċittadinanza nazzjonali, dik tal-UE mhux biss tippermetti li l-identitajiet nazzjonali differenti jeżistu flimkien fi ħdan l-Unjoni Ewropea bl-involviment taċ-ċittadini fil-proċess tal-integrazzjoni Ewropea, iżda tikkontribwixxi wkoll biex issaħħaħ id-demokrazija Ewropea;

2. jenfasizza li l-moviment liberu huwa element essenzjali biex l-UE tkompli tiżviluppa mil-lat ekonomiku u politiku, biex jinfetħu opportunitajiet professjonali u ta' tagħlim għaċ-ċittadini tal-UE u biex jinħolqu rabtiet iktar mill-qrib bejn l-Ewropej, u għaldaqstant huwa element ċentrali taċ-ċittadinanza tal-Unjoni;

3. jenfasizza li hemm bżonn issir enfasi fuq id-dimensjoni ekonomika sabiex tiġi żgurata Ewropa b'saħħitha ekonomikament, ħaġa li twassal biex tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali taċ-ċittadinanza tal-UE peress li l-kriżi tad-dejn qed tkompli tiggrava u l-qgħad jiżdied b'mod li jaffettwa dejjem aktar liċ-ċittadini Ewropej, b'mod partikolari ż-żgħażagħ;

4. jinnota li parti miċ-ċittadini Ewropej iħossuhom 'il bogħod mill-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell Ewropew, u jfakkar li d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u qrib iċ-ċittadini;

5. huwa konxju li billi l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu qrib iċ-ċittadini, huma qegħdin fl-aħjar pożizzjoni biex ifiehmu liċ-ċittadini xi tfisser iċ-ċittadinanza tal-UE, kif ukoll biex jippromovuha u jippromovu l-vantaġġi konkreti tagħha għaċ-ċittadini;

6. jisħaq li billi bħalissa qed tiġi approfondita l-Unjoni Ekonomika u Monetarja u fl-istess ħin qed jiġi diskuss it-tisħiħ tal-unjoni politika permezz tal-possibbiltà li jiġu riveduti t-trattati, huwa indispensabbli li flimkien maż-żieda tal-integrazzjoni tiżdied ukoll il-leġittimità demokratika;

Qafas politiku u legali taċ-ċittadinanza tal-UE

7. ifakkar li fit-Trattat ta' Maastricht sar pass fundamentali u simboliku ferm fil-bini ta' identità Ewropea u demokrazija Ewropea permezz tal-introduzzjoni tal-kunċett ta' "ċittadinanza tal-Unjoni", li ngħatat liċ-ċittadini kollha ta' kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u li bl-adozzjoni tat-Trattat ta' Amsterdam ġiet ikkunsidrata li tikkomplementa ċ-ċittadinanza nazzjonali;

8. jenfasizza wkoll li d-dispożizzjonijiet il-ġodda introdotti mit-Trattat ta' Lisbona saħħew iċ-ċittadinanza tal-UE, li issa hija meqjusa bħala ċittadinanza addizzjonali (u mhux biss komplementari) għaċ-ċittadinanza nazzjonali iżda mingħajr ma teħdilha postha. Iċ-ċittadinanza Ewropea mhix intiża bħala l-espressjoni tar-rabtiet li kienu diġà jeżistu fis-sistema politika, iżda bħala qafas regolatorju li jbiddel il-libertà ta' moviment minn Stat għal ieħor f'baži ta' drittijiet u mhux ta' esklużjoni;

9. jinnota li għoxrin sena wara li t-Trattat ta' Maastricht stabbilixxa d-drittijiet taċ-ċittadinani tal-UE, dawn mhux dejjem isawru r-realtà ta' kuljum tagħhom. Iċ-ċittadini tal-UE kkonfermaw dan f'konsultazzjoni pubblika wiesgħa dwar iċ-ċittadinanza Ewropea li fiha 12 000 ċittadin tal-UE pprovdew eżempji ta' ostakli burokratiċi li jridu jiffaċċjaw meta jeżerċitaw id-drittijiet bħal dak tal-moviment liberu ([1]). Li għandu jsir aktar f'dan il-qasam ġie kkonfermat mis-sondaġġi tal-Ewrobarometru dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ([2]) u d-drittijiet elettorali ([3]), minn sensiela ta' djalogi diretti organizzati bejn iċ-ċittadini u r-responsabbli politiċi fil-livell nazzjonali u Ewropew, kif ukoll mid-diversi mistoqsijiet li l-pubbliku inġenerali jagħmel lis-servizz ta' informazzjoni "Europe Direct" dwar id-drittijiet Ewropej;

10. jisħaq li d-drittijiet li ssir referenza għalihom fir-rapport huma drittijiet mogħtija mit-Trattati tal-UE liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, iżda ħafna minn dawn id-drittijiet huma drittijiet fundamentali li japplikaw ukoll għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi;

11. jinnota li r-relazzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE ma' dik tal-Istati Membri għadha waħda ambigwa. Minn banda tiddependi direttament miċ-ċittadinanza tal-Istati Membri, li hi l-unika kundizzjoni biex tinkiseb iċ-ċittadinanza tal-UE kif definita minn kull leġislazzjoni nazzjonali. Dan l-aspett taċ-ċittadinanza Ewropea jillimita r-rwol tagħha bħala sors supplementari ta' drittijiet marbutin ma' dik tal-Istati Membri. Mill-banda l-oħra, hi però tissepara l-kunċett taċ-ċittadinanza mill-Istat-nazzjon, u ċċaqlaq l-enfasi minn fuq l-integrazzjoni tal-individwu f'komunità ċivika għal fuq ir-residenza, fuq il-garanzija tal-ugwaljanza tad-drittijiet individwali, politiċi u soċjali, u fuq il-moviment liberu tiegħu bħala ċittadin Ewropew;

12. jinnota li l-akkwist taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru – u, permezz ta' dan, taċ-ċittadinanza tal-UE – jista' jkun mekkaniżmu essenzjali għall-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-soċjetajiet Ewropej u li għalhekk għandha tkun biżżejjed aċċessibbli għall-immigranti regolari li ilhom żmien twil joqogħdu fl-UE. L-għoti taċ-ċittadinanza lil dawn il-migranti hu strument fundamentali għall-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetajiet Ewropej;

13. josserva li fl-Opinjoni tiegħu tal-2010 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE kien stieden lill-UE tkun aktar demokratika u trasparenti fil-politiki u l-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha. Talab ukoll li jiġu adottati mekkaniżmi li jistimolaw djalogu politiku bidirezzjonali u li l-prinċipju tad-demokrazija parteċipattiva jiġu applikati fil-prattika;

14. jirrikonoxxi li l-Kummissjoni qed tevalwa l-azzjonijiet li ttieħdu s'issa u qed tagħmel ħiliha biex tirrispetta l-wegħdiet tagħha li tippromovi ċ-ċittadinanza tal-UE billi tipproponi miżuri fi 12-il qasam speċifiku;

15. jinnota, madankollu, li r-rapport jippreżenta proposti li jikkonċernaw l-ewwel u qabel kollox id-dimensjoni ekonomika tal-UE u jindirizzaw biss b'mod sekondarju d-dimensjoni politika jew soċjali tal-integrazzjoni Ewropea. Pereżempju, ma jipproponi xejn speċifiku u konkret dwar it-tishiħ tad-drittijiet tal-morda jew l-għoti tas-servizzi tas-saħħa transkonfinali, l-inkoraġġiment tal-multikulturaliżmu, il-promozzjoni ta' aktar "Ewropa soċjali" ngħidu aħna permezz tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, jew inkella dwar il-bini gradwali ta' identità Ewropea;

16. jinnota li l-azzjonijiet ippreżentati fir-rapport analizzat jidhru, mal-ewwel daqqa t'għajn, li jikkonformaw mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Madakollu huwa importanti li l-Kummissjoni Ewropea tiġġustifika fid-dettall kull azzjoni individwali li ser tipproponi b'mod uffiċjali, għaliex jista' jkun li ċerti proposti individwali jkollhom bżonn analiżi aktar fil-fond (pereżempju, il-ħruġ ta' dokumenti Ewropej uniċi fakultattivi). Barra minn hekk, il-miżuri ppjanati m'għandhomx joħolqu piż amministrattiv u finanzjarju eċċessiv għall-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kkonċernati;

17. jinnota li fil-kuntest tal-elezzjonijiet Ewropej li jmiss fl-2014, ir-rapport għandu jinqara wkoll fid-dawl tal-Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni Ewropea u tar-rakkomandazzjoni relatata magħha ([4]). L-għan ta' dawn id-dokumenti hu li jsaħħu l-proċess demokratiku u d-demokrazija rappreżentattiva fi ħdan l-UE permezz tal-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej;

([1]) http://ec.europa.eu/justice/citizen/files/eu-citizen-brochure_en.pdf (mhux disponibbli bil-Malti).

([2]) http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl_365_en.pdf (mhux disponibbli bil-Malti).

([3]) http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl_364_en.pdf (mhux disponibbli bil-Malti).

([4]) COM(2013) 126 final, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea intitolata "Tħejjija għall-Elezzjonijiet Ewropej tal-2014: aktar titjib tat-twettiq demokratiku u effiċjenti tagħhom", u C(2013) 1303 final, Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tishiħ tal-kondotta demokratika u effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

18. ifakkar li l-KtR kien assoċjat mill-qrib fit-thejjija tar-rapport u li jikkunsidra r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet ta' studju li kkummissjona l-KtR dwar ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-promozzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE u tad-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej ([5]);

Il-kundizzjonijiet ta' ċittadinanza effettiva

19. jipproponi li jittieħdu miżuri biex jingħataw taħriġ u edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza, biex iċ-ċittadini jkunu kapaċi jeżerċitaw id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom b'mod konxju u liberu, biex tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali taċ-ċittadinanza fil-kuntest tal-kriżi ekonomika li qed tiħrax, u biex jitneħħew id-diversi ostakli li jillimitaw l-eżerċizzju tal-moviment liberu miċ-ċittadini Ewropej;

20. jenfasizza li f'dinja fejn il-mobilità qed tiżdied, huwa importanti immens li tinħoloq żona ġenwina ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini ([6]), u josserva li huwa kruċjali li jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-UE jeżerċitaw mingħajr xkiel id-dritt tagħhom tal-moviment liberu u tar-residenza għaliex dan huwa d-dritt tal-ikbar valur għaċ-ċittadini mogħti mit-Trattat tal-UE u jitqies bħala l-iktar riżultat importanti tal-integrazzjoni tal-UE. F'dan il-kuntest mhux biżżejjed li jiġu stabbiliti d-drittijiet, huwa indispensabbli wkoll li l-livelli kollha ta' gvern jaħdmu flimkien biex jiżguraw li jiġi garantit li min ikollu dawn id-drittijiet ikun jista' jeżerċitahom mingħajr ostakli;

Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

21. jenfasizza li waħda mill-konklużjonijiet ewlenin tar-rapport tal-2010 hi li d-diffikultajiet li jiffaċċjaw iċ-ċittadini tal-UE biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ma jirriżultawx daqstant mid-defiċit leġislattiv fil-livell tal-UE imma aktar minn fatturi marbutin mat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni fil-livell nazzjonali. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat jemmen li r-rapport tal-Kummissjoni Ewropea ma jagħtix attenzjoni speċifika lill-kontribut li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jistgħu jagħtu għall-eżerċizzju effettiv u għall-kwalità taċ-ċittadinanza Ewropea;

22. jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali ser ikollhom rwol ewlieni x'jaqdu fil-proċessi parteċipattivi li jridu jiġu stabbiliti sabiex jiġi implimentat approċċ ġenwin minn isfel għal fuq, li jippermetti li ċ-ċittadini jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli fid-definizzjoni tal-politiki tal-UE li jikkonkretizzaw id-drittijiet tagħhom;

23. jinsisti fuq il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li jgħinu fil-ġestjoni tal-problemi relatati mal-moviment u r-residenza taċ-ċittadini tal-UE kif ukoll fil-kwistjonijiet marbutin mal-akkoljenza tal-migranti, u jirrikonoxxi li huma kapaċi jilħqu gruppi li l-livell ta' parteċipazzjoni tagħhom fil-proċess politiku huwa ħafna drabi baxx, bħaż-żgħażagħ u l-immigranti;

24. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li jinħoloq strument ta' taħriġ onlajn għall-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala rimedju għan-nuqqas ta' informazzjoni fost l-aġenti ta' dawn l-awtoritajiet dwar id-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej, li sikwit iwassal għat-tixrid ta' informazzjoni żbaljata fost il-partijiet interessati u jxekkel l-eżerċizzju tad-drittijiet inkwistjoni. Peress li l-membri tal-Kumitat qegħdin f'pożizzjoni tajba biex jifhmu l-bżonnijiet u l-kapaċitajiet tal-uffiċjali lokali fir-reġjuni ta' oriġini tagħhom, il-Kumitat tar-Reġjuni huwa lest jikkollabora b'mod attiv mal-Kummissjoni Ewropea fit-tfassil ta' dan l-istrument u fil-promozzjoni tiegħu fl-Istati Membri;

25. jilqa' l-inizjattivi l-ġodda tal-Kummissjoni bil-għan li jitneħħew l-ostakli għall-eżerċitar effettiv tad-drittijiet li jirriżultaw miċ-ċittadinanza tal-UE, filwaqt li jinnota wkoll li fl-Istati Membri għad hemm distakk bejn id-dispożizzjonijiet legali applikabbli u r-realtà li jiffaċċjaw iċ-ċittadini fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, b'mod partikolari fil-kuntesti transkonfinali, u li dan il-punt għandu jingħata aktar attenzjoni;

Id-dimensjonijiet taċ-ċittadinanza Ewropea ([7]):

Ċittadinanza attiva

26. jemmen li t-tisħiħ taċ-ċittadinanza Ewropea jista' jkun ibbażat fuq it-titjib tal-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fil-ħajja tal-komunità lokali, u b'mod aktar partikolari fuq il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, li jifformaw waħda mill-kategoriji tas-soċjetà l-iktar mobbli fiż-żona Ewropea;

([5]) Studju tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-promozzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE u tad-drittijiet taċ-ċittadini mill-awtoritajiet lokali u reġjonali" (2012). Is-sommarju tal-istudju jinsab hawnhekk: http://cor.europa.eu/en/events/forums/Pages/ey2013-toolkit.aspx.

([6]) CdR 201/2009.

([7]) Din id-distinzjoni ġiet proposta fl-Opinjoni tal-KtR dwar ir-"Rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE: Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE" (relatur: is-Sur Roberto Pella, IT/PPE), CdR 355/2010 fin, u hija adottata fl-abbozz ta' opinjoni preżenti.

Ċittadinanza soċjali

27. jemmen li huwa indispensabbli li jissaħħu l-inizjattivi fil-livell Ewropew favur iċ-ċittadinanza soċjali għaliex l-aċċess għad-drittijiet soċjali huwa f'ċerti każijiet marbut ma' esiġenzi u kriterji stabbiliti mill-Istati Membri li joħolqu forom differenti ta' diskriminazzjoni, u dan imur kontra l-prinċipju tal-ugwaljanza u t-trattament indaqs kif previst fil-liġi Ewropea;

28. jirrikonoxxi li r-rapport tal-Kummissjoni Ewropea jinkludi xi miżuri li jsaħħu ċ-ċittadinanza soċjali, bħall-miżura pożittiva li jinħoloq qafas ta' kwalità għall-apprendistati, li wieħed jista' jgħid li, b'mod indikattiv, jagħmlu sens;

29. huwa deċiżament favur li d-dritt tal-moviment jissaħħaħ b'mod effettiv, speċjalment fir-rigward tal-mobilità taż-żgħażagħ, minħabba li l-qgħad fl-Istati Membri qed jiżdied b'mod kontinwu;

Ċittadinanza ċivili

30. jinnota li għad fadal miżuri x'jittieħdu f'dan ir-rigward. Fil-fatt, skont ir-riżultati tal-Ewrobarometru speċjali ([8]), minn dawk li ħadu sehem fis-sondaġġ nofshom biss kienu jafu bl-eżistenza u l-firxa ta' setgħat tal-Ombudsman Ewropew, u ftit li xejn kienu informati dwar id-dritt li jippreżentaw petizzjoni lill-Parlament Ewropew ([9]);

31. f'dan ir-rigward jipproponi li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jorganizzaw, bl-għajnuna tal-fondi Ewropej ikkonċernati, azzjonijiet speċifiċi u effikaċi li jinformaw liċ-ċittadini Ewropej dwar l-Ombudsman Ewropew u dwar id-dritt li jressqu petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew;

Ċittadinanza politika

32. jinnota li r-rata ta' parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej qatt ma waqqfet tonqos mill-1979 'l hawn u fl-2009 niżlet għal 43 % ([10]); din it-tendenza tikkonferma li ċ-ċittadini Ewropej iħossu li l-opinjoni tagħhom ma tiġix ikkunsidrata fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell Ewropw. Fil-fatt, skont l-Ewrobarometru, 68 % minnhom jesprimu din il-preokkupazzjoni;

33. jiġbed l-attenzjoni għall-prattiki tajbin ([11]) biex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jorganizzaw, bl-appoġġ tar-riżorsi Ewropej adegwati, programmi u kampanji ta' sensibilizzazzjoni fil-livell lokali u reġjonali biex jinformaw lin-nies tar-reġjuni rispettivi tagħhom dwar id-dritt tagħhom li jivvotaw kif ukoll li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet Ewropej. Il-Kumitat tar-Reġjuni jenfasizza wkoll ir-rwol li jistgħu jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jinkoraġġixxu l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari fost it-tfal tal-iskola u l-istudenti, b'mod li jkunu ppreparati biex jeżerċitaw b'mod attiv id-drittijiet elettorali tagħhom;

34. josserva li għandhom ikomplu jissaħħu d-drittijiet politiċi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex ma japplikawx dispożizzjonijiet restrittivi żżejjed rigward l-aċċess taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għaċ-ċittadinanza tagħhom. F'opinjonijiet preċedenti l-Kumitat tar-Reġjuni, minn naħa, irrikonoxxa li l-immigranti li jgħixu b'mod legali fl-Istati Membri għandhom ċerti aspettattivi rigward il-ksib taċ-ċittadinanza tal-UE u, min-naħa l-oħra, stqarr li l-parteċipazzjoni tal-immigranti legali fil-ħajja politika tirrappreżenta fattur b'saħħtu ħafna li jiffaċilita l-integrazzjoni tagħhom fil-komunitajiet lokali;

35. jistieden lill-Istati Membri kollha, mingħajr l-ebda eċċezzjoni, biex jiffaċilitaw il-mod kif iċ-ċittadini tagħhom jeżerċitaw id-dritt li jivvotaw u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet nazzjonali, irrispettivament minn jekk joqogħdux jew jinsabux fit-territorju nazzjonali. Jekk jeżerċitaw id-dritt tal-mobilità tagħhom fl-UE, dan m'għandux ikollu l-konsegwenza li jitilfu l-prerogattivi politiċi tagħhom;

36. jemmen li issa l-kundizzjonijiet jippermettu li jinfetaħ jew jissaħħaħ id-djalogu dwar l-estensjoni tad-dritt tal-vot taċ-ċittadini tal-UE sabiex ikopri wkoll l-elezzjonijiet reġjonali u nazzjonali tal-pajjiż ta' residenza tagħhom, u dan mingħajr preġudizzju għas-sovranità ta' kull Stat Membru (*jus domicilii*);

([8]) Studju tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-promozzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE u tad-drittijiet taċ-ċittadini mill-awtoritajiet lokali u reġjonali" (2012). Is-sommarju tal-istudju jinsab hawnhekk: http://cor.europa.eu/en/events/forums/Pages/ey2013-toolkit.aspx, p. 12.

([9]) Ara l-Artikolu 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

([10]) Studju tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-promozzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE u tad-drittijiet taċ-ċittadini mill-awtoritajiet lokali u reġjonali" (2012), p. 10.

([11]) Ibid., p. 11.

37. jagħmel enfasi fuq id-dinamika li jista' jispira l-kunċett taċ-ċittadinanza Ewropea fil-proċess tat-tkabbir tal-UE; dan mhux biss proċess ta' aġġustament ekonomiku u leġislattiv abbażi tal-acquis communautaire iżda jirrikjedi wkoll li jsiru interventi politiċi fil-pajjiżi li jkunu fit-triq tal-adeżjoni sabiex isaħħu l-istrutturi demokratiċi u l-Istat tad-dritt tagħhom. Il-prospettiva taċ-ċittadinanza Ewropea tista' turi b'mod konkret l-importanza ta' dawn il-miżuri;

Ċittadinanza amministrattiva

38. ifakkar li fil-livell lokali u reġjonali jeħtieġ jittieħdu miżuri ta' semplifikazzjoni amministrattiva li jagħmlu d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE effettivi, b'mod partikolari l-libertà ta' moviment, u li hemm bżonn jiġu eliminati l-prattiki dissważivi jew forom oħra ta' diskriminazzjoni li jeżistu u li joħolqu differenzi fit-trattament bejn iċ-ċittadini Ewropej, b'mod partikolari fejn jidħol l-għoti tad-dritt ta' residenza. Abbażi ta' analiżi tal-problemi li jiffaċċjaw, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu kapaċi jipprovdu soluzzjonijiet adegwati;

39. jirrikonoxxi li l-Kummissjoni tagħmel passi 'l quddiem f'dan ir-rigward permezz tal-miżuri mħabbrin. Billi wieħed mill-oqsma ta' politika jinvolvi b'mod attiv lill-awtoritajiet lokali u reġjonali ([12]), jeħtieġ li ssir valutazzjoni tal-impatt u fl-istess ħin jiġi previst il-finanzjament mill-fondi Ewropej;

40. jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea biex jiġi promoss rikonoxximent iktar faċli taċ-ċertifikati ta' affidabbiltà stradali tal-vetturi fil-konfini kollha tal-UE, u anke l-armonizzazzjoni proposta tar-rekwiżiti għall-kontrolli tekniċi tal-vetturi, li għandha tiġi implimentata mill-iktar fis u b'tali mod li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu, inkluż iċ-ċaqliq tar-reġistrazzjonijiet tal-vetturi minn pajjiż għal ieħor b'mod iktar faċli;

Kultura taċ-ċittadinanza

41. jissuġġerixxi li jissaħħu l-inizjattivi ta' kooperazzjoni intiżi biex jinformaw liċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom tal-libertà ta' moviment, bħall-ġemellaġġi tal-bliet, l-inizjattivi tal-kooperazzjoni transkofinali, eċċ.;

42. ifakkar ([13]) li fil-perspettiva tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2014, huwa importanti ħafna li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkunu aktar konxji tad-drittijiet, fosthom dawk elettorali, li għandhom fl-Istat Membru fejn joqogħdu kif ukoll li jiġi ffaċilitat l-eżerċitar ta' dawn id-drittijiet;

Metodi ta' finanzjament tal-miżuri, possibbiltajiet ta' ħolqien ta' netwerks u sħubijiet

43. fil-kuntest tal-qafas finanzjarju l-ġdid għall-2014-2020, jenfasizza l-ispinta konsiderevoli li jistgħu jagħtu l-programmi "Drittijiet fundamentali u ċittadinanza" u "L-Ewropa għaċ-ċittadini" biex isaħħu ċ-ċittadinanza Ewropea u jappoġġjaw l-attivitajiet maħsuba biex jippromovu l-għarfien u l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni u tal-politiki Ewropej fl-Istati Membri;

44. jirrakkomanda li jiġi adottat approċċ aktar sempliċi u effikaċi b'rabta mal-finanzjament tal-azzjonijiet tal-programmi taċ-ċittadinanza Ewropea, u fl-istess ħin jiġu definiti b'mod aktar preċiż prijoritajiet li jkunu koerenti mal-għażliet politiċi u ssir enfasi fuq it-tixrid tar-riżultati tal-azzjonijiet b'mod li jiżdied l-impatt tagħhom biex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi u politiċi. Sabiex jinkiseb dan, huwa essenzjali li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fl-ippjanar ta' dawn l-interventi, b'mod partikolari rigward it-taħriġ u t-tfassil ta' programmi ta' ħidma annwali.

Brussell, 28 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

([12]) B'mod speċifiku, dan jirrigwarda l-promozzjoni tad-disponibbiltà ta' data speċifika u aċċessibbli dwar l-UE, billi jinħolqu għodod ta' taħriġ onlajn għall-awtoritajiet lokali u billi tingħata informazzjoni li tkun tista' tintuża b'mod faċli miċ-ċittadini sabiex isolvu l-problemi tagħhom.

([13]) Ara l-Opinjoni dwar it-tisħiħ taċ-ċittadinanza, 2013.

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Linji gwida tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat lill-Ajruporti u lill-Kumpaniji tal-Ajru

(2014/C 114/03)

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali

1. jinnota kif fl-ambitu tal-proċess estensiv ta' modernizzazzjoni tal-istandards fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat mibdi mill-Kummissjoni Ewropea fl-2012 ([1]), it-trasport bl-ajru kien wieħed mill-ewwel setturi fejn kien meqjus neċessarju li jiġi aġġornat il-qafas leġislattiv li jirregola l-finanzjament pubbliku, kemm fir-rigward tal-infrastruttura u tal-għajnuna operattiva lill-ajruporti, kif ukoll rigward l-għajnuna tal-bidu lill-kumpaniji tal-ajru ([2]);

2. ifakkar li fl-1994 ([3]), il-Kummissjoni Ewropea kienet introdułiet l-ewwel għajnuna mill-Istat lis-settur tal-avjazzjoni ċivili, wara l-kompletar gradwali tal-programm ta' liberalizzazzjoni tas-settur tat-trasport bl-ajru. Dan inċentiva sostanzjalment il-kompetizzjoni, biex b'ħekk sar neċessarju intervent regolatorju li jippermetti li l-kompetizzjoni timxi skont regoli ugwali għal kull minn jopera fis-settur;

3. jenfasizza li fl-2005 ([4]), il-konsolidazzjoni tal-liberalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru, flimkien mal-evoluzzjoni mgħaġġla tas-settur li fis-snin ta' wara esperjenza d-dħul splużiv fis-suq tal-mudell kummerċjali ġdid tal-kumpaniji Low Cost ibbażat f'ajruporti żgħar, ħolqu l-bżonn li jiġi aġġornat il-qafas leġislattiv attwali permezz ta' Linji Gwida ġodda tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-finanzjament pubbliku tal-ajruporti u tal-kumpaniji tal-ajru li joperaw f'ajruporti reġjonali;

4. jisħaq li, wara biss 8 snin, l-iżviluppi tas-suq Ewropew wasslu għal bidla radikali fl-ammont ta' traffiku bl-ajru, b'mod partikolari minħabba t-tkabbir esponenzjali tal-poter tal-akkwist fis-suq tal-kumpaniji low cost, li l-mudell kummerċjali tagħhom huwa msejjes prinċipalment fuq ajruporti reġjonali żgħar 'il bogħod miċ-ċentru meta mqabbla ma' ajruporti nazzjonali tradizzjonali u ċentri kbar;

5. jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea dwar il-bżonn urġenti li l-qafas leġislattiv jiġi mibdul f'dak li jirrigwarda l-intervenzjoni pubblika bħala appoġġ għas-settur tal-ajruporti. Din l-azzjoni trid titwettaq b'mod koerenti mal-intenzjoni tal-programm ta' modernizzazzjoni li għandu l-għan li jipprovdi lill-Istati Membri pakkett ta' regoli li jħares il-kompetizzjoni u s-suq uniku aġġornat, semplifikat u effiċjenti għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Għaldaqstant, itenni r-rakkomandazzjonijiet diġà espressi fl-Opinjoni dwar il-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat ([5]);

6. jesprimi sodisfazzjon dwar il-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Kummissjoni Ewropea fl-ewwel stadju fis-6 ta' Ġunju 2011, u fit-tieni stadju attwali fit-3 ta' Lulju 2013, sabiex jinġabru l-kontributi mill-partijiet interessati kollha dwar ir-reviżjoni tal-qafas leġislattiv fis-seħħ u dwar il-proposti ta' linji gwida ġodda; jappoġġa l-approċċ tal-Kummissjoni Ewropea maħsub biex jistabbilixxi kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ugwali bejn id-diversi atturi tas-settur tat-trasport bl-ajru Ewropew, indipendentement mill-mudell operattiv tagħhom, sabiex jiġi żgurat li s-settur tat-trasport bl-ajru Ewropew jaħdem tajjeb u jkun kompetittiv;

7. madankollu jiddispjaċih li l-liġi Ewropea fis-settur tal-kompetizzjoni, li hija l-kompetenza esklussiva tal-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-użu eċċessiv tal-liġi mhux vinkolanti, jimpedixxu lill-entitajiet lokali u reġjonali li jintervjenu b'kontributi sostanzjali f'dawk is-setturi ewlenin tal-iżvilupp lokali u reġjonali, bħal dak tal-ajruporti reġjonali u tal-politiki ta' appoġġ tal-iżvilupp reġjonali;

([1]) COM(2012) 209 final.
([2]) Konsultazzjoni pubblika mnedija fis-7 ta' April 2011, u li ġiet konkluża fis-7 ta' Ġunju 2011.
([3]) 94/C 350/07.
([4]) 2005/C 312/01.
([5]) CdR 1528/2012.

8. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għad-differenzi fis-sitwazzjonijiet tal-ajruporti taż-żona Ewropea, speċjalment is-sitwazzjoni tal-ajruporti tar-reġjuni ultraperiferiċi, li minħabba li huma maqtugħin u 'l bogħod, u indipendentement mit-traffiku tal-passiġġieri li jkollhom, ma jistgħux ikunu sostenibbli finanzjarjament jew ikunu kompetittivi ma' ajruporti oħrajn tal-UE jew saħansitra jirrappreżentaw kwalunkwe theddida għal mezzi alternattivi tat-trasport, kemm bit-triq kif ukoll ferrovjarji;

9. ifakkar li f'dawk is-setturi l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma protagonisti tal-politiki ta' żvilupp u tkabbir tat-territorji, anke permezz ta' għajnuna mill-Istat, u għandhom għarfien approfondit tal-ekonomiji lokali minħabba li huma qrib tal-atturi ekonomiċi u soċjali, u li l-leġislazzjoni Ewropea ma tistax ma tqishomx jekk trid tkun tassew għas-servizz tar-reġjuni u l-koeżjoni tagħhom fis-suq uniku u tibni l-koeżjoni territorjali madwar l-UE;

10. ifakkar dak li diġà ntqal fl-Opinjoni dwar "Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għar-reġjuni għall-perjodu 2014-2020 ([6])", u jittama li, fil-proposta ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-Kumitat tar-Reġjuni jiġi kkonsultat bil-quddiem u b'mod sistematiku ([7]) sabiex tinkiseb l-informazzjoni neċessarja għal valutazzjoni tal-impatt b'rispett tal-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli ([8]);

Il-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura

11. jingħaqad mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([9]), biex ifakkar lill-Kummisjoni dwar ir-rwol ċentrali li bdew jaqdu l-ajruporti reġjonali fil-qafas kollu tal-avjazzjoni Ewropea: fil-fatt, fl-2010, madwar 60 % tal-ajruporti tal-UE servew inqas minn miljun passiġġier. Għaldaqstant, jittama li dan ir-rwol ċentrali jkun rifless ukoll fil-Linji Gwida l-ġodda;

12. jisħaq dwar l-importanza li l-ajruporti reġjonali jaqdu rwol fil-promozzjoni tal-iżvilupp lokali u jtejbu l-aċċessibilità, jikkontribwixxu b'tali mod għall-objettivi tal-koeżjoni territorjali, ta' tkabbir ekonomiku tat-territorji u l-impjieg; l-aċċessibilità, pereżempju fil-forma ta' konnessjonijiet bl-ajru adegwati, hija kruċjali sabiex anke ż-żoni tal-UE b'livelli iżjed baxxi ta' popolazzjoni u r-reġjuni ultraperiferiċi (u dawk li jiddependu esklużivament mit-trasport bl-ajru) ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq uniku;

13. jaħseb li dan ir-rwol huwa partikolarment rilevanti u strateġiku fuq kollox fil-mument storiku attwali meta l-Unjoni qed titħabat biex toħroġ mill-kriżi ekonomika. Fil-fatt, minħabba l-kriżi attwali, mill-ewwel stadji tagħha fl-2008, kien meħtieġ intervent inċiżiv u b'saħħtu tal-awtoritajiet pubbliċi Ewropej u nazzjonali fl-ekonomija bi rwol kontroċikliku, rikonoxxut u ġustifikat mill-Kummissjoni Ewropea stess permezz tal-ambitu wiesa' permess għall-użu tad-deroga 107(3) (b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([10]). Għalhekk, fi żmien ta' diffikultajiet ekonomiċi, huwa partikolarment importanti li jitħeġġeġ livell ogħla ta' aċċessibilità għall-partijiet kollha tas-suq;

14. fid-dawl tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-politika Ewropea dwar l-ajruporti, jisħaq ukoll dwar l-importanza tal-ajruporti reġjonali ([11]), li jnaqqsu b'mod sostanzjali l-livelli dejjem jikbru ta' konġestjoni fil-hubs il-kbar – li jolqtu b'mod negattiv lill-popolazzjoni lokali u l-ambjent – filwaqt li jiġi promoss it-turiżmu fl-UE u jiġu appoġġjati l-SMEs fl-aċċess għas-swieq u b'hekk titjieb il-kompetittività tagħhom ([12]);

15. għaldaqstant jaħseb li s-sostenibbilità u l-effiċjenza tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni jiddipendu ħafna fuq il-preżenza ta' qafas infrastrutturali adegwat ta' ajruporti żgħar;

16. jaqsam mal-Kummissjoni Ewropea it-tħassib li esprimiet ([13]) fir-rigward tat-ħtiġijiet infrastrutturali dejjem ikbar li l-istrateġija Ewropa 2020 se ġġib magħha, hija u titlob infrastrutturi ta' netwerks moderni, adegwati u flessibbli fis-settur tal-enerġija, tal-ICT u tat-trasporti li jistgħu jappoġġjaw it-trasformazzjoni tal-Ewropa f'ekonomija b'intensità għolja ta' għarfien, emissjonijiet baxxi u kompetittività qawwija;

([6]) CdR 2232/2012.
([7]) CdR 76/2005 p. 1.
([8]) Ara CdR 2232/2012, punti 18-20.
([9]) 2012/C 299/10.
([10]) Ara l-miżuri adottati mill-Kummissjoni Ewropea bħala tweġiba għall-kriżi ekonomika u finanzjarja mill-2008 'l hawn: http://ec.europa.eu/competition/state_aid/legislation/temporary.html.
([11]) COM(2011) 823 final.
([12]) COM(2006) 819 final.
([13]) SEC(2011) 391 final.

17. jaqbel ukoll mal-pożizzjoni li s-suq mhuwiex dejjem kapaċi jipprovdi l-infrastruttura li l-Ewropa teħtieġ, u li mingħajr l-intervent pubbliku mhux se jsiru ħafna mill-investimenti neċessarji għat-twettiq tal-objettivi tal-istrateġija Ewropea, jew jiġu sospiżi għal żmien wara l-2020;

18. jilqa' b'sodisfazzjon l-appell tal-Kummissjoni biex jiżdiedu l-investimenti infrastrutturali tal-Unjoni Ewropea, b'ammont meħtieġ stmat li jilħaq 'il fuq minn EUR 1,5 triljun għall-perjodu 2010-2020 sabiex tiġi sodisfatta d-domanda ta' kuljum ta' trasport, li juri biċ-ċar il-korrelazzjoni qawwija bejn l-aċċessibilità ġeografika u t-tkabbir ekonomiku tat-territorji;

19. jieħu nota tal-prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti fil-każ Leipzig/Halle ([14]), iżda jenfasizza l-kuntest speċifiku fattwali tal-oriġini tagħhom; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni biex tqis fil-linji gwida tagħha, il-firxa kbira ta' interventi pubbliċi li jappoġġjaw lill-infrastruttura. Element ta' parteċipazzjoni tas-settur pubbliku, barra mill-kapital privat, ta' spiss huwa essenzjali sabiex jiġi żgurat is-suċċess ta' proġetti kbar ta' infrastruttura bħal ajruporti, kemm jekk l-użu aħħari tagħhom huwa għal finijiet kummerċjali kif ukoll jekk le;

20. jaħseb li, bħala regola ġenerali, in-numru assolut ta' passiġġieri għandu jkun kriterju adatt għall-evalwazzjoni tal-vijabbiltà potenzjali ta' ajruport bħala faċilità infrastrutturali u għall-kategorizzazzjoni tagħha biss, u jitlob iktar flessibbiltà fl-għamla tar-regoli tal-kompatibbiltà sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati ċ-ċirkustanti partikolari ta' kull każ;

21. jitlob biex jiġi kkunsidrat li, fil-qagħda attwali tal-ħruġ mill-kriżi, ikun tajjeb li jiġu valutati bħala prijorità l-effetti pożittivi tal-finanzjament pubbliku għall-infrastruttura fuq il-koeżjoni, fuq it-tkabbir u l-impjieg, u li fil-proċess ta' valutazzjoni dawn jiġu kkunsidrati b'mod adegwat flimkien mar-regoli dwar il-kompetizzjoni;

22. jieħu nota tal-prinċipju tal-Operatur tal-Ekonomija tas-Suq użat bħala kriterju ta' kejl mill-Kummissjoni, iżda jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-impatt tal-applikazzjoni tal-prinċipju fuq l-infrastruttura fejn ir-rwol tal-Istat ma jistax jiġi sostitwit, kemm storikament kif ukoll istituzzjonalment: fid-dawl tal-ammont ta' investimenti neċessarji u tal-fatt li mhuwiex possibbli li r-rifinanzjament tal-ispejjeż ta' investiment jitpoġġa kollu fuq l-utenti li jużaw l-infrastruttura, il-biċċa l-kbira tal-investimenti infrastrutturali fil-prinċipju mhumiex sostenibbli għal investitur privat. Il-premessa li l-Istat jista' jiġi kkumparat ma' operatur privat, u li jista' jinqata' minn kull irbit soċjali, politiko-reġjonali u settorjali mhijiex realistika u hija ta' ħsara għall-benesseri pubbliku jekk tiġi applikata għall-interventi ta' infrastrutturar tat-territorji, li huma parti essenzjali tal-missjoni pubblika;

23. jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li l-interventi pubbliċi li jservu ta' appoġġ għall-kostruzzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura ([15]), u dawk maħsuba biex ipattu għan-nuqqas ta' aċċessibbiltà taċ-ċittadini residenti, jirrappreżentaw ta' sikwit miżuri ġenerali awtentiċi ta' politika ekonomika li mhumiex, madankollu, għajnuna mill-Istat, iżda miżuri ta' interess ġenerali. Għaldaqstant, jappella lill-Kummissjoni biex tkompli bil-modernizzazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, filwaqt li tqis il-prinċipji fundamentali li huma s-sisien tal-politika pubblika u tar-rwol istituzzjonali tal-Istat; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ajruporti, l-istess bħat-toroq u l-ferroviji, iservu bħala infrastruttura pubblika;

Ajruporti żgħar u mikro li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat

24. jappella lill-Kummissjoni biex tkompli bil-modernizzazzjoni bil-għan li jkun hemm semplifikazzjoni reali, bl-isforzi kkonċentrati fuq kuntesti u każi li joħolqu l-ikbar distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u li jirrappreżentaw theddida vera u proprja għall-integrità tas-suq intern;

25. jaqbel dwar in-neċessità ta' regoli li jiggarantixxu kundizzjonijiet indaqs għall-impriżi kollha fiż-Żona Ekonomika Ewropea li joperaw fis-settur tat-trasport bl-ajru, u jnaqqsu kemm jista' jkun l-interventi pubbliċi li joħolqu distorsjoni fis-swieq rilevanti, u jevitaw tlielaq għas-sussidji bejn l-Istati Membri;

([14]) Sentenza tal-Qorti ta' Ġustizzja Ewropea tad-19 ta' Diċembru 2012 – *Mitteldeutsche Flughafen AG, Flughafen Leipzig/Halle GmbH/* Kummissjoni Ewropea, Repubblika Federali tal-Ġermanja, *Arbeitsgemeinschaft Deutscher Verkehrsflughäfen ev.*

([15]) 94/C 350/07, p. 1.

26. madankollu, jaħseb li l-isforzi tal-Kummissjoni jridu jikkonċentraw fuq ir-realtajiet il-kbar fil-qasam tal-ajruporti, u li l-interventi ta' appoġġ tal-ajruporti żgħar bi traffiku medju fis-sena ta' inqas minn 300 000 passiġġier, iridu jitqiesu bħala barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-għajnuna mill-Istat għaliex ma jbiddlux l-iskambji bejn l-Istati Membri; u fil-każ ta' dawn l-ajruporti, mhumiex kapaċi jkopru l-ispejjeż tal-operat u tal-kapital minħabba l-istruttura tagħhom. Jenfasizza li l-Kummissjoni diġà għarfet l-adegwatezza tal-limitu ta' 300 000 passiġġier fil-kuntest tad-Deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Diċembru 2011 fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE dwar l-għajnuna mill-Istat fil-għamla ta' kumpens tal-obbligi ta' servizz pubbliku, mogħtija lil impriżi speċifiċi bi dmir li jiġġestixxu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, għalkemm tillimita dan għal konnessjonijiet bl-ajru lejn gżejjer jew portijiet, u tistabbilixxi limitu iktar baxx għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI) relatati mal-ajruporti. Għaldaqstant jappella lill-Kummissjoni biex tapplika b'mod iktar koerenti u semplifikat il-limiti fil-bażijiet ġuridiċi diversi, u biex konsegwentement tibdel il-proposta għal linji gwida ġodda, b'mod partikolari l-punti 80(1) u 80(2) dwar il-klassifika tal-ajruporti, il-punt 92 dwar l-intensità tal-għajnuna, fejn għandha tipprevedi t-twaqqif ta' kategorija ddedikata għall-ajruporti b'inqas minn 300 000 passiġġier, kif ukoll l-Artikolu 2(1)(e) tad-Deċiżjoni;

27. jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-attenzjoni li tat il-Kummissjoni lill-kategorija ta' ajruporti b'kapaċità mnaqqsa ħafna f'termini ta' traffiku annwali tal-passiġġieri, billi tirrikonoxxi n-nuqqas ta' kapaċità strutturali ta' dawn l-ajruporti, u b'mod aktar ġenerali dik ta' ajruporti bi traffiku sa ħames miljun passiġġier fis-sena, biex dawn ikopru l-ispejjeż tal-kapital u tal-operat fl-assenza ta' appoġġ pubbliku. Fl-istess waqt, jiddispjaċih li ma kienx hemm l-istess konsiderazzjoni fl-ambitu tal-kriterji ta' kompatibilità tal-għajnuna lil dawn l-ajruporti ([16]);

28. jinnota, b'mod partikolari li dawn l-ajruporti huma karatterizzati minn:

— ammont limitat ta' passiġġieri,

— aċċessibilità limitata ħafna tar-reġjun fejn ikunu bbażati minħabba li huma f'postijiet remoti, jew minħabba n-natura tat-territorju jew nuqqasijiet infrastrutturali għal konnessjonijiet alternattivi mat-territorju ta' madwar,

— popolazzjoni baxxa fl-inħawi u prospettivi limitati ta' żvilupp li jirriżulta minn dan;

dawn il-karatteristiċi jagħmluhom strettament lokali u ftit li xejn attraenti fil-kuntest transkonfinali;

29. jinnota kif, f'ħafna mill-każi, huma ikkonċernati ajruporti żgħar li ma jistgħux jiġu sostitwiti f'termini ta' kapaċità ta' trasport b'ajruporti alternattivi jew mezzi oħrajn ta' trasport pubbliku: id-distribuzzjoni eventwali ta' passiġġieri f'dawk tal-ewwel ma jkollha l-ebda effett fuq l-ammont ta' traffiku tat-tieni;

30. għaldaqstant, jaħseb li l-finanzjament ta' dawn l-ajruporti mhuwiex għajnuna mill-Istat fl-ispirtu tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, 'il għaliex ma jistax joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u jibdel l-iskambji bejn l-Istati Membri, u għaldaqstant, m'għandux jagħmel parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida ġodda;

31. jipproponi ([17]) li l-perjodu tranżitorju ta' sa 10 snin li matulu l-Kummissjoni Ewropea tqis kompatibbli l-għajnuna mill-Istat għall-funzjonament tal-ajruporti, jiġi applikat biss għall-ajruporti bi traffiku annwali ta' aktar minn miljun passiġġier. Il-projbizzjoni proposta m'għandhiex tirriżulta fl-għeluq ta' ħafna ajruporti iżgħar. Fit-tabella li turi l-intensità massima tal-għajnuna mill-Istat għall-investiment, il-kategorija ta' ajruporti b'inqas minn miljun passiġġier għandha tiġi identifikata bħala bejn 300 000 u miljun passiġġier fis-sena;

32. jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea dwar l-opportunità li tiġi evitata d-dupplikazzjoni tal-ajruporti li mhumiex profitabbli u li jiġi evitat il-ħolqien ta' kapaċità żejda, iżda jaħseb li, meta ma jkunx hemm il-prekundizzjonijiet ġuridiċi sabiex il-finanzjamenti jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat, bħal pereżempju l-ajruporti żgħar b'rilevanza lokali, dawn ir-rakkomandazzjonijiet m'għandhomx ikunu soġġetti għal regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, li l-għan aħħar tagħha hija l-kontroll tal-ekwilibrju kompetittiv bejn l-Istati Membri għall-integrità tas-suq uniku, biex ma nsemmux il-valutazzjoni tal-kwalità tal-għażla ta' infiq pubbliku tal-gvernijiet;

([16]) Ara l-punti 80(1) u 92 tal-Abbozz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istati lill-Ajruporti u lill-Kumpaniji tal-Ajru (2013).

([17]) Ibid, p. 102.

Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali

33. jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni tqis li l-bini u l-manutenzjoni/t-tħaddim tal-ajruporti bħala każ fejn jista' jingħata kumpens għall-obbligu li jingħata servizz pubbliku, iżda jikkunsidra li l-kamp tal-applikazzjoni huwa ristrett wisq;

34. huwa tal-fehma li t-tħaddim tal-ajruporti għandu jiġi kkunsidrat ukoll barra miż-żoni li, mingħajr ajruport, ikunu maqtugħin mill-bqija tal-UE b'tali mod li jiġi kompromess l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tagħhom;

35. jinnota li fil-prinċipju hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom li jistabbilixxu kompitu ta' interess ekonomiku ġenerali u li l-Kummissjoni tista' tintervjeni biss f'każijiet ta' żbalji evidenti;

36. iqis li l-bini u t-tħaddim ta' ajruport jikkorrespondu fuq kollox għal kompitu ta' servizz pubbliku meta dan iwassal biex is-sitwazzjoni f'reġjun bi dgħufijiet strutturali titjieb b'tali mod li jkun hemm prospetti ta' żvilupp ekonomiku reġjonali;

37. iqis neċessarju li tiġi implimentata politika ta' kooperazzjoni bejn ir-reġjuni transkonfinali Ewropej għall-koordinazzjoni u/jew il-ħolqien ta' ajruporti reġjonali li jservu reġjuni f'aktar minn pajjiż wieħed;

Għajnuna għall-funzjonament tal-ajruporti ta' bejn 300 000 u miljun passiġġier

38. jirrimarka li l-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi li l-preżenza ta' għajnuna għall-finanzjament ta' ajruporti żgħar reġjonali tiddipendi l-iżjed fuq in-nuqqas ta' kapaċità tagħhom li jkopru l-ispejjeż proprji tagħhom. Il-Kummissjoni taħseb ukoll li għandu jkun possibbli perjodu massimu ta' għaxar snin, li matulu dawn l-ajruporti jiġu mbuttati lejn mod ta' ġestjoni iktar orjentat lejn is-suq, li jippermetti li jiġu rikuperati biżżejjed riżorsi sabiex jiġu koperti l-ispejjeż tal-operat;

39. għandu ħafna dubji li din it-tranżizzjoni tista' titwettaq qabel ma jintlaħaq ammont ta' traffiku ikbar minn miljun passiġġier fis-sena, mhux biss fil-perjodu ta' għaxar snin previst mill-Kummissjoni, minħabba l-karatteristiċi tas-suq ta' ajruporti żgħar reġjonali;

40. jaqbel bħala prinċipju mal-approċċ tal-Kummissjoni Ewropea mmirat lejn is-suq, mal-allokazzjoni tar-riżorsi pubbliċi fuq mudelli ta' ajruporti effiċjenti biex b'hekk tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' ajruporti ineffiċjenti, u lejn il-ħarsien tal-kompetizzjoni għall-ajruporti u l-kumpaniji tal-ajru;

41. madankollu, jaħseb li l-metodu li bih il-Kummissjoni trid issegwi dawn l-objettivi huwa inadegwat, billi tinjora l-fatt li d-dinamika tas-suq tvarja ħafna skont id-dimensjonijiet u l-karatteristiċi tal-ajruporti u konsegwentement, il-kumpaniji amministrattivi tal-ajruporti joperaw biss, milli jidher, fuq l-istess suq;

42. jinnota dak li ġie ddikjarat mill-Kunsill Internazzjonali tal-Ajruporti f'analiżi riċenti ([18]), li 80 % tal-ispejjeż ta' ajruport huma spejjeż fissi, indipendenti mit-traffiku ta' passiġġieri, attribwiti kemm għall-infrastruttura kif ukoll għall-ispejjeż tal-operat, l-iżjed fir-rigward tal-obbligi ta' sikurezza: dan iwassal biex l-ispiża għal kull passiġġier ta' ajruport żgħir tkun ħafna ikbar minn dik ta' ajruport kbir li jista' jxerred l-ispejjeż fissi fuq ammont kbir ta' passiġġieri, u jiżdiedu ħafna d-diffikultajiet biex l-ajruport ma jagħmilx telf;

43. jenfasizza wkoll li ajruporti żgħar huma karatterizzati minn żvantaġġi kompetittivi strutturali li jimpedixxu l-kumpens għall-ispejjeż fissi, kemm mid-dħul kummerċjali, li huwa marbut strettament mal-ammont ta' passiġġieri "in transit", kif ukoll miż-żieda fl-imposti ajruportwarji mitluba mill-kumpaniji tal-ajru. Dan l-approċċ għandu l-effett li jagħmel l-ajruport dejjem inqas attraenti, meta diġà huwa penalizzat minn popolazzjoni baxxa fl-inħawi, kollegamenti tal-ivvjaġġar insuffiċjenti, u għaldaqstant iġiegħel lill-kumpaniji tal-ajru jużaw ajruporti ikbar;

44. jinnota wkoll li parti kbira mill-ajruporti żgħar ta' bejn 300 000 u miljun passiġġier fis-sena, għandhom it-tendenza li jibqgħu żgħar minħabba l-aspetti ftit li xejn favorevoli fit-territorji fejn huma bbażati (insulari, muntanjużi, deċentralizzati, nuqqas ta' infrastruttura, konnessjonijiet intermodali skarsi ...). Minkejja dan, dawn jirrappreżentaw madwar 20 % ([19]) tan-netwerk TEN-T prinċipali u ġenerali, u jaqdu rwol essenzjali fil-ġejjieni tan-netwerks trans-Ewropej u tal-objettivi ta' konnettività tal-istrateġija Ewropa 2020;

([18]) Airports and State Aid: How To Protect Both Growth and Competition, ACI, 2013.
([19]) Ibid.

45. fil-fatt jenfasizza li l-analiżijiet riċenti ([20]) urew li quddiem ammont kumplessiv ta' telf li sofrew l-ajruporti b'inqas minn miljun passiġġier fis-sena, li jilħaq EUR 445 miljun fis-sena, il-kontribut li dawn l-istess ajruporti jipproduċi f'termini ta' żieda fil-PDG tal-UE jammonta għal EUR 16,15 biljun fis-sena u jinkludi madwar 265 000 impjieg;

46. għaldaqstant jaħseb li l-Linji Gwida l-ġodda m'għandhomx jipprojbixxu l-għajnuna għall-operat tal-ajruporti bi traffiku li ma jiżboqx miljun passiġġier fis-sena, kif ukoll tal-ajruporti tar-reġjuni ultraperiferiċi, anke jekk wara l-perjodu massimu ta' għaxar snin. Din l-għajnuna tirrappreżenta l-uniku strument biex jitnaqqsu d-distorsjonijiet li joriġinaw mid-defiċit strutturali msemmi hawn fuq, u hija ġustifikata bis-sħiħ mill-esternalitajiet pożittivi li huma joħolqu;

47. jistieden lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-prijoritajiet tal-benefiċċji li l-appoġġ pubbliku ta' ajruporti żgħar reġjonali jġib għaċ-ċittadini tal-Unjoni, fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet strettament finanzjarji u ekonomiċi;

48. ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-esternalitajiet pożittivi ta' firxa ikbar u varjata ta' ajruporti żgħar reġjonali: iż-żieda fil-mobilità mhux biss nazzjonali iżda fuq kollox trans-Ewropea minħabba pressjoni kompetittiva ikbar fuq il-prezzijiet tat-trasport bl-ajru u t-tnaqqis fl-ispejjeż, il-konsolidazzjoni tal-koeżjoni soċjali, kulturali u territorjali tal-Unjoni;

49. jaqbel dwar il-bżonn ta' sorveljanza sabiex l-appoġġ pubbliku lill-ajruporti żgħar ma jwassalx għal trasferimenti doppji lejn benefiċjarji differenti mill-infrastruttura ajruportwarja;

50. jipproponi li l-iskadenza tal-perjodu tranżitorju titqies bħala "revizjoni fil-perjodu medju" li ma teskludix il-possibilità li titkompla l-għajnuna għall-operat anke wara l-perjodu ta' tranżizzjoni jekk il-kundizzjonijiet ikunu għadhom hemm. Jipproponi wkoll li, b'mod simili bħalma huwa previst għall-għajnuna għall-investiment, l-għajnuna għall-operat tkun tista' tiġi definita proporzjonalment mad-dimensjoni ta' ajruport u mat-titjib eventwali fl-effiċjenza tal-ġestjoni tiegħu, li m'għandhiex tkun stabbilita strettament għal 10 % fis-sena mingħajr distinzjoni għall-ajruporti kollha;

51. jaħseb li perjodu massimu ta' 24 xahar permess għall-inċentivar ta' rotot ġodda jrid jitqies ukoll bħala mhux konsekuttiv, minħabba l-fatt li l-mudell kummerċjali ta' titjiriet staġjonali, ta' sikwit marbuta mat-turiżmu, jirriżulta partikolarment komuni fl-ajruporti żgħar reġjonali;

Għajnuna għall-investimenti għall-ajruporti

52. jinsab imħasseb li l-kwoti stretti tal-għajnuna marbuta mad-daqs li qed tipproponi l-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-investiment ma jissodisfawx l-ispeċifiċitajiet tal-każijiet differenti, u għalhekk jitlobha tagħti għajnuna finanzjarja b'mod flessibbli, u b'konformità ma' prattika preċedenti, f'każijiet fejn ajruport jaqdi għan komuni (b'mod partikolari konnessjonijiet tat-trasport jew żvilupp reġjonali), mistenni jkun ta' profitt fuq perjodu twil skont tbassir tat-traffiku u abbażi ta' pjan kummerċjali, u jiggarantixxi aċċess mhux diskriminatorju għall-passiġġieri u l-linji tal-ajru; barra minn hekk jaħseb li mhijiex adegwata l-proposta tal-għajnuna għall-investiment mill-Istat għal dawn l-ajruporti, li hija rregolata minn limitu ta' 25 %, bil-kundizzjoni li l-għajnuna titħallas lura jekk l-investimenti jirnexxi; jipproponi li l-limitu ta' 25 % m'għandux jintrabat kollu kemm hu mal-għamla ta' pagament bil-quddiem li jitħallsu lura;

53. jirrimarka dwar ir-riżultati tal-analiżijiet tas-settur ([21]), li minnhom joħroġ li l-ajruporti jirnexxielhom jiksbu ekonomiji ta' skala kompetittivi biss meta jilħqu 5 miljun passiġġiera fis-sena. Kif ġie rikonoxxut mill-Kummissjoni Ewropea stess, ajruporti ta' bejn 3 u 5 miljun passiġġiera fis-sena mhux dejjem jirnexxielhom ikopru l-ispejjeż kollha tagħhom

Il-finanzjament tal-intermodalità tal-ajruporti

54. jappoġġja l-promozzjoni ta' pjani għall-konverżjoni tal-infrastruttura ajruportwarja attwali fiċ-ċentri reġjonali, li għandha tiġi koordinata mal-iżvilupp tal-intermodalità reġjonali tat-trasport; jaqbel mal-bżonn u l-urġenza, diġà espressi fil-White Paper dwar il-politika tat-trasport tal-2011 ([22]), li l-Unjoni tintervjeni f'qasir żmien favur l-integrazzjoni multimodali tat-trasport, b'mod partikolari l-komodalità bejn is-servizzi ferrovjarji u dawk tal-ajru, u jappella lill-Kummissjoni biex tkompli bil-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat sabiex ir-regoli ġodda jiffaċilitaw iżjed l-interventi pubbliċi li jagħmlu tajjeb għal dan in-nuqqas perikluż fl-infrastruttura u l-frammentazzjoni modali tas-sistema tat-trasport bl-ajru, u tikkunsidrahom parti integrali ta' politika pubblika li tappoġġja l-mobilità taċ-ċittadini Ewropej;

([20]) Ibid.
([21]) Ibid.
([22]) COM(2011) 144 final.

L-isfidi tal-kompetizzjoni globali

55. ifakkar ir-rwol fundamentali li taqdi l-avjazzjoni fl-ekonomija Ewropea kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-impriżi tal-Unjoni, bil-ħolqien ta' 'l fuq minn 5 miljun impjieg u kontribuzzjoni ta' EUR 365 biljun, ugwali għal 2,4 % tal-PDG Ewropew, biex b'ħekk tagħti kontribut essenzjali lit-tkabbir ekonomiku, l-impjieg, lit-turiżmu, lill-kuntatti bejn il-persuni, barra mill-koeżjoni reġjonali u soċjali tal-Unjoni, u għaldaqtant tibqa' settur essenzjali għal konnessjonijiet bejn l-Ewropea u l-bqija tad-dinja;

56. jaqbel dwar in-neċessità li l-kompetizzjoni ma tiġix imċajpra minn prattiki mhux korretti, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha. Jistieden lill-Kummissjoni biex tara li l-isforzi għat-twettiq tas-suq intern ma jillimitawx il-kapaċità tal-Unjoni li tiffaċċja l-isfida tal-kompetizzjoni globali ta' pajjiżi li llum huma l-kompetituri ewlenin tagħna u li dwarhom il-Kummissjoni stess rreġistrat telf ta' kompetittività preokkupanti u dejjem jikber fil-qasam tal-avjazzjoni Ewropea ([23]);

57. jaħseb li l-kompetizzjoni għal rotot ġodda mhijiex limitata għall-Ewropa iżda hija globali. Jekk reġjuni periferiċi se jibqgħu jew isiru kompetittivi ekonomikament, mela huwa meħtieġ l-appoġġ għal konnettività mtejba sabiex jiġi maqsum ir-riskju inerenti fit-twaqqif ta' rotot ġodda. Dawn il-konnessjonijiet lejn barra mill-UE huma dejjem iżjed importanti għaż-żamma u l-iżvilupp ta' konnessjonijiet ma' swieq li diġà jeżistu u li huma emerġenti, u l-benefiċċji ekonomiċi diretti li dawn jistgħu jġibu magħhom, u dawn ukoll jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jiġu appoġġjati;

58. ifakkar li s-sistema stretta ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea hija unika fid-dinja. Il-kompetittività tal-avjazzjoni Ewropea fil-livell globali ma tistax tkun separata mill-finanzjamenti pubbliċi enormi li fl-Istati Uniti, fl-Asja u fil-Lvant Nofsani jkomplu jingħataw lill-infrastrutturi ajruportwarji u lill-kumpaniji tal-ajru. Dan ifisser li l-Unjoni tinsab f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ kompetittiv perikoluż: il-modernizzazzjoni ma tistax tiġi minn dan ix-xenarju u l-Unjoni ma tistax tippermetti llum il-ġurnata li tkompli b'approċċ restrittiv, b'mod partikolari fir-rigward tal-għajnuna pubblika lill-infrastruttura, li thedded li tikkompromett iktar il-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni Ewropea u l-ekonomija kollha tal-UE.

Brussell, 28 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

([23]) COM(2012) 556 final.

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Il-valur miżjud tal-istrateġiji makroreġjonali

(2014/C 114/04)

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' r-rapport tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 2013 u l-valutazzjonijiet tagħha bbażati fuq iż-żewġ strateġiji makroreġjonali eżistenti (għar-reġjuni tad-Danubju u tal-Baħar Baltiku). Il-Kumitat jilqa' wkoll il-proposti tal-Kummissjoni biex jiġi kjarifikat il-kunċett bażi tal-istrateġiji makroreġjonali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tagħha għal miżuri sussegwenti, filwaqt li titqies il-ħidma kontinwa fuq l-istrateġiji makroreġjonali eżistenti u l-pjan ta' azzjoni għall-Atlantiku, l-istrateġija li qed tiġi żviluppata issa għar-reġjun tal-Adrijatiku u Jonju, l-istrateġija makroreġjonali għall-Alpi, u kwalunkwe strateġiji oħra li jistgħu jiġu żviluppati fil-futur;

2. jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar il-valur miżjud tal-istrateġiji makroreġjonali li jenfasizzaw ir-rwol prinċipali tal-makroreġjuni eżistenti u jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jadattaw l-aħjar prattiki tal-approċċ makroreġjonali anke f'oqsma ta' kooperazzjoni fuq skala u intensità inqas meta dan ikun xieraq;

3. jaqbel mal-Kummissjoni li l-approċċi strateġiċi makroreġjonali u tal-baċin marittimu għandhom l-istess aspirazzjonijiet peress li dawn effettivament jindirizzaw l-istess filosofija, għandhom l-istess għanijiet, japplikaw l-istess firxa ta' miżuri fit-territorji kkonċernati u jagħmlu parti mill-istess qafas politiku Ewropew. Dawn iż-żewġ tipi ta' strateġija jippermettu l-kooperazzjoni f'diversi setturi u l-governanza f'diversi livelli. Il-KtR jitlob li l-Kummissjoni tikkjarifika kif jista' jkun hemm tagħlim reċiproku matul l-implimentazzjoni futura taż-żewġ approċċi;

4. huwa sodisfatt biż-żmien li fih ħareġ ir-rapport tal-Kummissjoni b'rabta mal-perjodu ta' programmar ġdid 2014-2020, u jfakkar li l-KtR fl-Opinjoni tiegħu "Strateġija għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana/Kanal Ingliż" (CdR 99/2010 fin) kien diġà talab Green Paper li fiha l-Kummissjoni tinvestiga u tiddefinixxi r-rwol u t-tħaddim tal-makroreġjuni b'mod iktar preċiż;

5. itenni l-appoġġ tiegħu għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali u jenfasizza l-importanza politika u strateġika tal-ħidma li saret s'issa fuq l-istrateġiji tal-Baħar Baltiku u d-Danubju għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni f'dawn il-makroreġjuni kemm fi ħdan l-UE kif ukoll ma' pajjiżi barra mill-UE. Dawn l-istrateġiji jwittu t-triq billi japplikaw approċċi ġodda għall-kooperazzjoni u jagħtu spinta 'l quddiem lill-integrazzjoni Ewropea;

6. jinnota li l-prinċipji bażiċi tal-ħidma fuq l-istrateġiji makroreġjonali jinkludu s-sinerġiji ġenerati mill-kooperazzjoni meta jkun hemm tfittxija għal soluzzjonijiet għal problemi li jaffettwaw żona ġeografika waħda, jew ideat sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' dik iż-żona. Huma importanti wkoll it-titjib tal-koordinament tar-riżorsi disponibbli u l-aġġornar tal-kooperazzjoni bejn istituzzjonijiet eżistenti, b'mod speċjali fil-każ tar-rwol assenjat lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, mingħajr ma jinħoloq livell ieħor ta' amministrazzjoni;

7. jenfasizza l-valur miżjud tal-UE fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali, u jinnota l-importanza li l-Kummissjoni Ewropea tibqa' attur strateġiku ewlieni ta' koordinazzjoni fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali;

8. jinnota l-importanza tal-proposta tal-Kummissjoni biex kwistjonijiet relatati mal-istrateġiji makroreġjonali jiġu diskussi regolarment fil-Kunsilli settorjali rilevanti. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew għandhom rwol ewlieni x'jaqdu meta japprovaw u jippromovu strateġija;

9. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' sistemi ta' governanza innovattivi u biex jinvolvu lir-reġjuni, il-muniċipalitajiet u l-korpi Ewropej, bħar-REKT u strumenti oħra tal-kooperazzjoni territorjali bħalma jistgħu jkunu l-komunitajiet tax-xogħol, fi proċess ġenwin ta' kodeċiżjoni, speċjalment fir-rigward tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali; Il-Kumitat tar-Reġjuni jinnota li l-valur miżjud tar-REKT u strumenti oħra tal-kooperazzjoni territorjali jista' jkompli jikber billi jiġu involuti fl-istrateġiji makroreġjonali;

10. iħoss li huwa importanti li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandha tissaħħaħ u tiġi estiża sabiex tkopri l-oqsma differenti tal-politika tal-Unjoni, u li tiġi estiża tul setturi differenti. L-istrateġiji makroreġjonali għandhom iservu bħala għodda għall-kooperazzjoni bejn il-livell lokali u reġjonali, l-Istati Membri u l-UE sabiex jiġu appoġġjati dawn l-objettivi;

L-applikazzjoni effettiva tal-approċċ tal-istrateġija makroreġjonali – ir-riżultati tar-rapport

11. jinnota l-osservazzjonijiet ewlenin fir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-ħidma tal-istrateġiji li twettqet s'issa fil-makroreġjuni; din tejbet l-iffukar fuq ir-riżorsi disponibbli sabiex jinkisbu għanijiet komuni, ippromoviet approċċ transsettorjali, eż. għal kwistjonijiet ambjentali u biex ir-reġjuni jsiru aktar kompetittivi, u tejbet il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi li qed jipparteċipaw u bejn l-atturi nazzjonali varji;

12. josserva, fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, li l-approċċ tal-istrateġiji makroreġjonali pprovda valur miżjud definit fir-rigward tal-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, ekonomika u reġjonali fl-Ewropa;

13. juri li l-istrateġiji makroreġjonali attwali jenfasizzaw, b'mod eżawrijenti u minn angoli differenti, il-prijoritajiet li jeħtieġu kooperazzjoni mill-qrib. L-istrateġija riveduta tal-Baħar Baltiku b'kollox għandha 17-il qasam ta' prijorità u ħames azzjonijiet orizzontali, filwaqt li l-istrateġija tad-Danubju għandha 11-il qasam ta' prijorità. It-temi jkopru l-ħtieġa għal kooperazzjoni dwar it-trasport, l-ambjent, in-negozju u l-ekonomija, il-ħiliet u l-kultura, u l-benessri. Il-pjan ta' azzjoni għall-istrateġija tal-Baħar Baltiku jelenka aktar minn 100 inizjattiva ewlenija filwaqt li l-istrateġija tad-Danubju tinkludi aktar minn 400 proġett kooperattiv, li 150 minnhom diġà qegħdin fis-seħħ;

14. jinnota l-importanza li tkun possibbli valutazzjoni mill-ġdid tal-prijoritajiet ta' strateġiji makroreġjonali meta jkunu qed jiġu implimentati jekk ikun hemm bidla fundamentali fiċ-ċirkostanzi, jew jekk it-tagħlim miksub jirrikjedi dan. Dan ser jiżgura li r-riżorsi jiġu mmirati b'mod effettiv tul l-implimentazzjoni;

15. jinnota l-importanza tal-iffukar tal-istrateġiji makroreġjonali fuq għanijiet b'aspetti makroreġjonali realistiċi ddefiniti b'mod ċar; dawn għandhom iservu bħala bażi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwi li jinvolvi lill-partijiet interessati rilevanti.

16. jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom il-proġetti kooperattivi prattiċi fil-ħolqien ta' valur miżjud reali tal-istrateġiji makroreġjonali. Tul l-implimentazzjoni prattika, għandha tingħata aktar attenzjoni lill-modi kif tiġi ġenerata attività ta' proġett innovattiva li tissodisfa l-għanijiet strateġiċi makroreġjonali b'mod iffokat. Fil-preżent, il-kooperazzjoni tal-proġett qed tiġi gwidata aktar mir-regoli għall-istrumenti finanzjarji, u hemm biss ftit lok għall-innovazzjoni. Dan l-approċċ mhuwiex l-aħjar mod kif tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali. Fil-ġejjieni ser tinħtieġ flessibbiltà kemm fi ħdan l-istrumenti finanzjarji individwali nfushom kif ukoll bejniethom, kif ukoll lok biex titjieb il-koordinazzjoni tal-istrumenti finanzjarji differenti. Għandu jsir aktar sforz sabiex jiġu semplifikati r-regoli li jiggvernaw l-istrumenti finanzjarji. F'dan il-kuntest jenfasizza l-importanza partikolari tal-Programm INTERREG-B li għandu l-għan li jimplimenta l-proġetti ta' kooperazzjoni fil-makroreġjuni fil-perjodu 2014-2020;

17. jenfasizza li fil-ġejjieni għandu jittieħed approċċ aktar strateġiku għal xogħol fuq proġett li jikkorrespondi mal-Istrateġija Ewropa 2020, mal-qafas ġenerali tal-programm tal-UE 2014-2020, u mal-istrateġiji u l-programmi nazzjonali u reġjonali. Fix-xogħol fuq il-proġetti li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali, huwa importanti li tkun possibbli l-kooperazzjoni tul is-setturi u l-oqsma ta' prijorità, kif ukoll flessibbiltà u rispons sabiex jinħatfu l-opportunitajiet il-ġodda u jiġu ffaċċjati l-isfidi l-ġodda;

18. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi forom ġodda ta' kooperazzjoni u inizjattivi ġodda ta' proġett, u jinnota, bħala eżempju, l-importanza li għandhom il-flejjes inizjali fl-iżvilupp ta' impriżi kooperattivi ġodda. L-ewwel fażi ta' applikazzjoni għall-Faċilità ta' Flus Inizjali tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku kellha fondi allokati għal total ta' 14-il proġett preparatorju għall-iżvilupp ta' proġetti kooperattivi biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-istrateġija. Ingħata appoġġ b'suċċess għall-ħidma ta' tħejjija ta' proġett simili bħala parti mill-istrateġija tad-Danubju;

19. iħeġġeġ lill-Istati Membri li jagħmlu parti minn strateġija makroreġjonali, kif ukoll lill-Kummissjoni Ewropea, sabiex jikkunsidraw flimkien, meta jkunu qed jipprogrammaw il-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE għall-2014-2020, kif l-aħjar jappoġġjaw il-promozzjoni tal-attività tal-proġett internazzjonali bħala parti mill-ipprogrammar nazzjonali u reġjonali. L-Istati Membri, taħt it-tmexxija tal-Kummissjoni Ewropea, għandhom juru biċ-ċar ir-rabta bejn il-programmi ta' fondi tal-UE differenti u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġonali, u fejn ikun possibbli jidentifikaw l-istrumenti finanzjarji nazzjonali li jistgħu jintużaw għal dan il-għan;

20. jenfasizza l-importanza kritika tal-kooperazzjoni bejn il-koordinaturi tal-oqsma ta' prijorità u l-azzjonijiet orizzontali fl-istrateġiji tal-Baħar Baltiku u tad-Danubju, u l-kooperazzjoni fil-livell reġjonali u lokali, biex jiġu ġenerati dossiers ta' proġett ġodda li jgħinu sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-istrateġiji makroreġjonali. Għandhom jiġu żgurati wkoll kundizzjonijiet operattivi adegwati għal dawn l-atturi. Il-Kummissjoni Ewropea u l-partijiet interessati rilevanti huma mitluba jqisu l-għażliet kollha għal appoġġ finanzjarju sempliċi u disponibbli għall-koordinaturi ta' żoni prijoritarji u għall-mexxejja ta' azzjonijiet orizzonatli;

21. jinnota li, minkejja li l-Kummissjoni kkjarifikat l-istrutturi ta' governanza għall-istrateġiji tal-Baħar Baltiku u tad-Danubju, kif ukoll spjegat fid-dettall il-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-atturi varji (il-punti ta' kuntatt nazzjonali, il-koordinaturi tal-oqsma ta' prijorità, il-mexxejja tal-azzjonijiet orizzontali u l-mexxejja tal-proġetti ewlenin), il-governanza għadha titqies bħala problematika, skont l-istħarriġ li wettqet. Il-Kumitat tar-Reġjuni jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw modi kif jiġu semplifikati l-istrutturi attwali ta' governanza. Għandu jissaħħaħ aktar ir-rwol tal-livell lokali u reġjonali.

22. jenfasizza l-importanza li jiġu komunikati l-għanijiet tal-istrateġiji makroreġjonali u l-kooperazzjoni kontinwa lill-aktar partijiet interessati possibbli, sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-kooperazzjoni Ewropea u jiġi promoss impenn usa' għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji. Il-Kumitat jemmen li għandhom jitfasslu linji gwida fil-livell makroreġjonali kif ukoll dak nazzjonali sabiex jiġu appoġġjati l-komunikazzjoni u l-attivitajiet tal-partijiet interessati. Għandu jsir użu akbar tal-opportunitajiet offruti mill-pjattaformi tal-informazzjoni diġitali għall-iskambju tal-esperjenza u l-eżempji tal-aqwa prattika identifikati waqt il-proġetti;

It-tmexxija

23. jinnota li l-atturi politiċi ta' livell għoli għandhom juru impenn ċar u jieħdu pożizzjoni ta' tmexxija jekk nixtiequ li naraw progress fl-implimentazzjoni tal-istrateġija fil-pajjiżi parteċipanti kollha; Għandu jiġi żgurat impenn fil-livell tal-Istati Membri sabiex jiġi provdut l-aqwa appoġġ possibbli għall-isforzi lokali u reġjonali għall-implimentazzjoni tal-istrateġija;

24. jilqa' b'sodisfazzjon ir-reviżjoni separata dwar it-tisħiħ tat-tmexxija fl-istrateġiji attwali, li għandha titwettaq flimkien mal-forums annwali tal-istrateġija fl-2014;

Il-governanza f'diversi livelli: aspett vitali tal-implimentazzjoni

25. jiġbed l-attenzjoni għall-opinjonijiet preċedenti dwar l-istrateġija tal-Baħar Baltiku riveduta (2012), dik tal-istrateġija tad-Danubju (2011), dwar il-kooperazzjoni territorjali fil-baċir tal-Mediterran permezz tal-makroreġjun Adrijatiku-Jonju (2011), u dwar l-istrateġija għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana/Kanal Ingliż(2010), fejn il-Kumitat enfasizza bis-sħiħ l-importanza tal-governanza f'diversi livelli fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji. L-involviment tal-partijiet interessati kollha b'mod konsistenti u sostnut huwa kruċjali biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrateġiji u biex din tkun suċċess;

26. iqis importanti l-proposta tal-Kummissjoni li tiġi kkunsidrata l-inklużjoni tal-pubbliku u forums istituzzjonali oħra tal-UE fil-governanza tal-istrateġiji, u jirrakkomanda li jiġi eżaminat kif jistgħu jintużaw b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet. Organizzazzjonijiet u pjattaformi ta' kooperazzjoni varji jistgħu jaħdmu b'mod aktar effettiv bħala għodda sabiex jiġu impenjati l-atturi fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali. Min-naħa tiegħu, il-Kumitat lest li jikkoopera fil-forums esperti varji;

27. jinnota li terz minn dawk li wieġbu l-istħarriġ imwettaq mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni tagħha qalu li l-prinċipju tal-governanza f'diversi livell ma kienx rifless bis-sħiħ fil-linji gwida ta' politika tal-Istat Membru jew fil-livell ta' proġett jew fid-deċiżjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' proġett. Il-Kumitat iħoss li għandu jkun hemm enfasi akbar fuq it-tisħiħ tal-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli, b'mod speċjali fl-implimentazzjoni tal-istrateġija. Dan ser jeħtieġ li tittieħed azzjoni, b'mod partikolari mill-Istati Membri li jipparteċipaw fl-istrateġija, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni;

28. jissuġġerixxi li fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali, u b'konformità mal-prinċipji ta' sħubija u trasparenza, għandhom jiżdiedu l-opportunitajiet ta' involviment mhux biss għal atturi lokali u reġjonali iżda wkoll għal atturi tas-soċjetà ċivili. Għandhom jiddaħħlu konsultazzjonijiet regolari tal-awtoritajiet lokali u tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili fil-livelli kollha ta' governanza fl-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali.

Strateġiji ġodda

29. jipproponi li titqies l-esperjenza pożittiva mal-istrateġiji eżistenti tal-Baħar Baltiku u tad-Danubju fil-ħidma fuq strateġiji għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju, u jirrakkomanda, b'mod speċjali f'dan il-kuntest, li jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-istrateġiji makroreġjonali differenti;

30. jirreferi għall-Opinjoni tiegħu li ġiet adottata b'mod unanimu *Strateġija għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana/Kanal Ingliż* (CdR 99/2010fin), fejn fid-dawl tal-isfidi kbar li qed tiffaċċja din iż-żona talab li tinħoloq strateġija makroreġjonali għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana u l-Kanal Ingliż u jiddispjaċih li l-Kummissjoni għadha ma ppubblikatx il-Komunikazzjoni li wegħdet dwar l-implimentazzjoni ta' politika marittima integrata għall-Baħar tat-Tramuntana l-Kbir;

31. bl-istess mod jilqa' valutazzjoni tal-effettività tal-"istrateġiji tal-baċir tal-baħar" u jqabbel dan mal-esperjenzi tal-istrateġiji makroreġjonali eżistenti, qabel ma jiġu żviluppati iktar strateġiji tal-baċir tal-baħar;

32. itenni l-fehmiet espressi f'opinjonijiet preċedenti tal-KtR dwar kif atturi differenti jistgħu jitħeġġu jimpenjaw ruħhom verament fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali: jinħtieġu teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti, qsim ta' informazzjoni komprensiv, u l-iżvilupp ta' *modus operandi* komuni fil-livelli kollha;

33. jappella lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill jappoġġjaw l-iżvilupp ta' strateġiji makroreġjonali futuri u pjani ta' azzjoni relatati, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti. Dan għandu jgħin ukoll lis-sistemi ta' governanza innovattivi biex jagħtu rwol ġenwin ta' kodeċiżjoni lill-awtoritajiet lokali u reġjonali meta jkunu qed jiġu mfassla u implimentati l-istrateġiji;

34. jenfasizza li l-istrateġiji makroreġjonali għandhom ikomplu jiġu direzzjonati lejn sfidi reġjonali li l-Istati Membri individwali mhumiex kapaċi jindirizzaw, jew għandhom diffikultajiet serji sabiex jagħmlu dan, fir-reġjun tagħhom, jew li huma tant partikolari għal dak il-makroreġjun li jeħtieġu konsiderazzjoni speċjali fi ħdan qafas ta' politika usa' tal-UE. L-istrateġiji makroreġjonali għalhekk m'għandhomx jindirizzaw biss l-interessi reġjonali komuni, iżda għandhom jinkludu wkoll strateġiji ta' rispons magħmula apposta biex jirriflettu l-isfidi reġjonali speċifiċi. Konnessjonijiet effiċjenti tat-trasport f'makroreġjun huma waħda mill-kundizzjonijiet bażiċi għall-kooperazzjoni, u l-Kumitat jemmen li dan għandu jitqies meta jiġu żviluppati strateġiji ġodda; kwistjoni oħra ta' importanza kbira għall-futur ta' ħafna territorji Ewropej hija l-isfida demografika, li l-problemi speċifiċi tagħha huma relatati mal-kuntesti ġeografiċi makroreġjonali;

35. jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġu identifikati metodi adegwati sabiex jiżdiedu l-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali, u jitkomplew jiġu appoġjati l-modi ta' kooperazzjoni eżistenti li wrew li huma utli u effikaċji fejn l-istrateġiji makroreġjonali huma biss alternattiva waħda;

36. iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jivvalutaw l-iżvilupp ta' strateġiji makroreġjonali ġodda minħabba l-isfidi u l-opportunitajiet komuni taż-żona ġeografika inkwistjoni, waqt li jitqiesu l-prinċipji tal-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali u għalhekk tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni rurali, liż-żoni affettwati minn tranżizzjoni industrijali u lir-reġjuni li jsofru minn żvantaġġi naturali jew demografiċi severi u permanenti bħal, pereżempju, ir-reġjuni li jinsabu fil-partijiet l-aktar imbiegħda tat-Tramuntana b'densità tal-popolazzjoni baxxa ħafna u gżejjer, reġjuni transkonfinali u muntanjużi. Il-livell lokali u reġjonali għandu jkun involut fid-diskussjoni fi stadju bikri meta jkunu qed jiġu stabbiliti l-għanijiet tal-istrateġiji, kif kien il-każ, pereżempju, meta kienet qed tiġi żviluppata l-istrateġija tal-Baħar Baltiku. Bl-istess mod m'għandux jintesa li s-soċjetà ċivili għandha tiġi involuta f'dan il-proċess. Il-fehim tal-livell lokali u reġjonali u tas-soċjetà ċivili dwar il-ħtiġijiet u l-potenzjal ta' reġjun, kif ukoll in-netwerks ta' kooperazzjoni lokali eżistenti, jipprovdu pedament sod għall-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġija;

Il-pajjiżi mhux tal-UE u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali

37. jinnota li l-Kunsill qies il-fehmiet espressi mill-Kumitat fl-opinjoni tiegħu dwar l-Istrateġija Riveduta tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (CdR1272/2012 fin) meta rrakkomandat li titkompla l-azzjoni sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tad-Dimensjoni tat-Tramuntana u l-imsieħba tagħha fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Baħar Baltiku. L-istrateġija għar-reġjun tad-Danubju hija ta' importanza ewlenija biex tingħata spinta 'l quddiem lill-kooperazzjoni bejn 14-il pajjiż, magħmula minn Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi;

38. jenfasizza li l-istrateġiji makroreġjonali għandhom isaħħu l-pożizzjoni tal-UE u l-makroreġjun kif ukoll l-interazzjoni bejniethom u ma' reġjuni barra l-UE. Filwaqt li dawn huma strateġiji tal-UE, bosta mill-għanijiet tagħhom impossibbli jintlaħqu mingħajr il-kooperazzjoni jew xi ftehim dwar il-prijoritajiet ma' imsieħba mhux mill-UE. Il-kooperazzjoni ma' reġjuni barra mill-UE hija kritika għall-ħidma kemm tal-istrateġija tal-Baħar Baltiku kif ukoll ta' dik tad-Danubju, mhux biss biex tingħata spinta 'l quddiem lill-kompetittività ekonomika u l-koeżjoni tal-makroreġjun, iżda wkoll biex jiġu żviluppati r-rabtiet esterni tal-UE. Fl-istess perspettiva, l-involviment ta' pajjiżi terzi, bl-implikazzjonijiet tagħha kemm fil-livell tal-Politika tal-Viċinat kif ukoll f'dik dwar it-tkabbir, jista' jimplika, sa mill-bidu, element prinċipali għas-suċċess tal-istrateġiji makroreġjonali futuri;

Konklużjonijiet

39. jenfasizza li l-ħidma li saret s'issa fuq l-istrateġija ma tippermettix li jinsiltu minn issa konklużjonijiet ta' influwenza estensiva dwar l-impatt ta' dan l-approċċ mil-lat tal-kisba tal-għanijiet orizzontali u integrati tal-UE;

40. juri li l-perjodu ta' finanzjament il-ġdid tal-UE mill-2014 joffri prospetti tajba għal ħidma aktar effettiva u produttiva fuq l-istrateġiji. Il-Kumitat jitlob li jkun hemm kooperazzjoni mmirata bejn l-Istati Membri differenti u l-awtoritajiet ta' finanzjament, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fl-isforzi ta' żvilupp nazzjonali;

41. jirrakkomanda li l-Kummissjoni tkompli timmonitorja b'mod konsistenti l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali kif ukoll l-istrateġiji tal-baċir tal-baħar u tivvaluta l-valur miżjud tagħhom għall-Ewropa kollha kemm hi, mhux biss mill-perspettiva tal-istrateġiji makroreġjonali individwali.

Brussell, 28 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan ta' Azzjoni għal industrija tal-azzar kompetittiva u sostenibbli fl-Ewropa

(2014/C 114/05)

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jemmen li l-industrija tal-azzar taqdi rwol determinanti fl-ekonomija globali tal-Unjoni Ewropea u hi settur strateġiku mill-aktar importanti li għandu impatt dirett fuq l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea;

2. huwa tal-fehma li l-evoluzzjoni futura tal-industrija Ewropea tal-azzar għandha wkoll effett dirett fuq l-iżvilupp reġjonali u lokali, u li industrija tal-azzar kompetittiva u sostenibbli hija fl-istess ħin kundizzjoni u parametru għall-irkupru ekonomiku f'bosta reġjuni Ewropej;

3. jemmen li l-ħolqien ta' politika li tgħin biex l-industrija Ewropea tal-azzar tkun awtonoma hija indispensabbli sabiex tiġi żgurata l-provvista fit-tul fl-Unjoni Ewropea. Sabiex l-industrija tal-azzar iżżomm l-awtonomija tagħha, jeħtieġ li, permezz tal-innovazzjoni u approċċ li jirrispetta l-ambjent, tkun lesta li tilqa' l-isfidi tal-futur. Kwalunkwe għajnuna potenzjali mill-UE għandha biss tħaffef il-pass tal-proċess ta' tibdil li l-industrija tal-azzar stess ikollha tgħaddi minnu;

4. jagħmel enfasi fuq il-kuntest ekonomiku diffiċli li fih l-Unjoni Ewropea – b'kapaċità ta' produzzjoni totali ta' 217-il miljun tunnellata azzar fis-sena u produzzjoni reali ta' madwar 11 % tal-produzzjoni dinjija – hi esposta għall-problemi li qamu fil-livell internazzjonali tal-kapaċità żejda u tad-domanda dgħajfa tas-suq;

5. fir-rigward tal-fatt li d-domanda għall-azzar fl-Unjoni "tiddependi fuq l-istatus ekonomiku u finanzjarju ta' numru żgħir ta' industriji ewlenin li jużaw l-azzar – pereżempju s-settur tal-kostruzzjoni u s-settur awtomobilistiku" ([1]), jagħmel referenza għall-Opinjoni tiegħu dwar il-politika industrijali ([2]) u dik dwar "CARS 2020: Pjan ta' azzjoni għal industrija tal-karozzi kompetittiva u sostenibbli fl-Ewropa" ([3]);

6. iqis li l-kostruzzjoni hija wieħed mis-setturi prinċipali li jużaw l-azzar, u li l-bini sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija għandu jingħata prijorità f'dan it-tip ta' kostruzzjoni, b'mod partikolari fil-qafas ta' dik li tista' tissejjaħ "rinovazzjoni tal-bini pubbliku" u li tista' tkun marbuta wkoll mal-aġenda Ewropea għall-akkomodazzjoni soċjali ripetutament mitluba mill-KtR u l-Parlament Ewropew;

7. ifakkar li f'dawn l-aħħar snin u wara t-tnaqqis ċar fl-attività industrijali, parti sostanzjali mill-madwar 500 impjant tal-produzzjoni mifruxin fit-23 Stat Membru ffaċċjaw tnaqqis kbir fil-produzzjoni u oħrajn ingħalqu għalkollox, u jiddeplora t-telf ta' madwar 40 000 impjieg;

8. jinnota li din is-sitwazzjoni ekonomika diffiċli influwenzat b'mod negattiv il-koeżjoni ekonomika u soċjali tat-territorji kkonċernati;

9. jirrikonoxxi li hemm bżonn strateġija Ewropea għall-ġejjieni tal-industrija tal-azzar b'mod ġenerali;

10. jemmen li huwa indispensabbli li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jiġu involuti direttament f'dan il-proċess, fir-rispett taċ-ċirkostanzi u l-ispeċifiċitajiet territorjali u fid-dawl tal-fatt li dawn l-awtoritajiet jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jevalwaw l-isfidi ekonomiċi u soċjali u n-neċessità u l-vijabbiltà ta' aktar investimenti biex jinħolqu jew jinżammu l-impjiegi kif ukoll biex jidentifikaw ir-riżorsi possibbli għal dan it-tip ta' investimenti, minbarra li għandhom għarfien ikbar fil-qasam tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali;

11. huwa tal-fehma li l-ħidma għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE għandha tissejjes fuq il-prinċipji tat-trasparenza u tal-kundizzjonijiet tajbin għall-intrapriżi. L-industrija Ewropea tal-azzar għandha tiddistingwi ruħha mill-kompetizzjoni permezz tal-eċċellenza, il-kapaċità għall-innovazzjoni u l-kwalità, fost affarijiet oħra;

([1]) COM(2013) 407 final.

([2]) Opinjoni tal-KtR tal-11 ta' April 2013 dwar "Industrija Ewropea aktar b'saħħitha għat-tkabbir u l-irkupru ekonomiku", relatur: is-Sur Claude Gewerc (PSE/FR), CDR2255-2012_00_00_TRA_AC.

([3]) Abbozz ta' opinjoni tal-KtR (relatur: is-Sur Christian Buchmann (PPE/AT)), CDR1997-2013_00_00_TRA_PA.

12. jiddikjara li hu favur politika industrijali proattiva li tiffoka fuq it-titjib tal-kompetittività fl-industrija tal-azzar tal-UE u, fejn possibbli, li tipproteġi jew tespandi l-impjanti tal-azzar u l-impjiegi attwali, l-aktar billi jintużaw bl-aħjar mod l-ipproċessar u r-riċiklaġġ, sabiex is-settur ma jitlifx l-għarfien u l-kompetenzi fil-qasam tal-azzar li l-ħaddiema tiegħu kisbu tul għexieren ta' snin;

13. jitlob, għalhekk, li jiġu introdotti ftehimiet dwar it-taħriġ vokazzjonali kontinwu sabiex l-impjegati fl-impjanti li aktarx ser ikunu affettwati mir-ristrutturar ikunu jistgħu jtejbu ħiliethom fis-settur tal-azzar;

14. jitlob ukoll li jinħolqu miżuri addizzjonali ta' taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema milquta mill-għeluq jew ir-ristrutturar tal-impjanti, billi jiżdiedu l-possibbiltajiet li jintużaw il-fondi strutturali permezz ta' reviżjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) u billi jiġu offruti programmi adattati għall-bżonnijiet individwali u għall-ispeċifiċitajiet territorjali – dan kollu għandu dejjem iżomm u jissottolinja l-ħiliet tal-ħaddiema fis-settur;

15. jitlob li tinħoloq sistema ta' għajnuna finanzjarja għaż-żoni milqutin mir-ristrutturar jew mill-għeluq tal-impjanti tal-produzzjoni li tkun ibbażata fuq it-taħriġ vokazzjonali mill-ġdid tal-ħaddiema, id-diversifikazzjoni ekonomika u fuq ir-riżorsi finanzjarji pprovduti mill-atturi ekonomiċi pubbliċi u privati;

16. jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi kollha għandhom jadottaw approċċ koordinat fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ristrutturar li jaffettwaw is-settur tal-azzar;

17. jilqa' l-istabbiliment ta' grupp ta' livell għoli dwar l-azzar fil-livell Ewropew iżda jiddispjaċih li dan ser jiltaqa' biss darba fis-sena, u jissuġġerixxi li fih jiġu inklużi sew rappreżentant tal-Kumitat tar-Reġjuni u sew rappreżentanti tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, bil-għan li jiġu promossi l-kooperazzjoni, l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar prattiki fost il-partijiet interessati ewlenin fl-Istati Membri;

18. jemmen ukoll li l-Pjan ta' Azzjoni għandu jiġi evalwat 12-il xahar wara l-adozzjoni tiegħu;

19. jitlob li jsir djalogu soċjali msaħħaħ biex tingħeleb il-kriżi u li l-imsieħba soċjali jiġu involuti b'mod dirett u mill-qrib fil-politika industrijali b'mod ġenerali u fil-politika favur is-settur tal-azzar b'mod partikolari;

20. jinnota li għat-tkabbir sostenibbli tal-Unjoni Ewropea hemm bżonn mudell industrijali globali bbażat fuq l-innovazzjoni u fuq investimenti konsiderevoli fit-teknoloġiji l-ġodda;

21. jinnota li l-industrija Ewropea tal-azzar trid toffri prodotti innovattivi ta' kwalità li jissodisfaw il-bżonnijiet tas-suq u li jippermettulha tiddistingwi ruħha mill-kompetituri tagħha; però dan l-approċċ jirrikjedi investimenti kbar f'forom għaljin tal-produzzjoni u tal-ipproċessar u fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż);

22. iqis li hemm bżonn li l-għajnuna għall-innovazzjoni tiġi estiża għall-attivitajiet kollha relatati mal-azzar. Għalhekk, għandhom jiġu stabbiliti strumenti finanzjarji tal-BEI fil-qafas ta-Orizzont 2020 sabiex titħeġġeġ il-kooperazzjoni fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni bejn il-kumpaniji tal-azzar u r-reġjuni li fihom huma bbażati sabiex tiġi garantita l-promozzjoni u s-sostenibbiltà tal-attività ekonomika;

23. itenni t-talba tiegħu li jsiru investimenti fil-kwalifiki u t-taħriġ vokazzjonali sabiex jiġu promossi d-diversifikazzjoni, l-ispeċjalizzazzjoni u l-innovazzjoni tas-settur tal-azzar bil-għan li fil-futur isir aktar kompetittiv;

24. jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex tippromovi miżuri favur l-iżvilupp tal-ħiliet kif ukoll miżuri ffokati fuq l-impjieg taż-żgħażagħ fis-settur tal-azzar, iżda jiddispjaċih li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma tipproponi l-ebda miżura intiża biex tippromovi t-trasferiment tal-ħiliet fi ħdan l-intrapriżi;

25. jifraħ bil-fatt li l-Pjan ta' Azzjoni jagħmel enfasi fuq il-promozzjoni tal-innovazzjoni maħsuba biex tiżviluppa teknoloġiji aktar ekoloġiċi u aktar ekonomiċi f'dak li hu riżorsi u enerġija, bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż u jiġi rispettat il-qafas tal-politiki Ewropej dwar il-klima sal-2030;

26. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex fuq il-livell Ewropew tappoġġja l-produzzjoni tal-azzar minn fran tal-ark elettriku li tiġġenera inqas sew emissjonijiet tas-CO_2 mill-produzzjoni tal-azzar bl-użu tal-minerali tal-ħadid;

27. itenni l-appoġġ tiegħu għall-approċċ tal-ekoloġija industrijali, li tikkonċentra fuq ir-riċiklaġġ tal-materjali u l-kontroll tal-konsum tal-enerġija;

28. jenfasizza f'dan il-kuntest li l-azzar huwa riċiklabbli ħafna u li l-produzzjoni tal-azzar mir-ruttam minflok mill-minerali tal-ħadid mhux maħdum tnaqqas madwar 75 % l-enerġija meħtieġa u 90 % tal-materja prima;

29. itenni li hu jappoġġja l-investiment fl-innovazzjoni, it-titjib tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq, il-kapital, ir-riżorsi umani u l-kwalifiki, bħala s-sisien ta' politika industrijali aktar b'saħħitha;

30. jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tissokta bl-evalwazzjoni tal-piż li qed tpoġġi fuq l-industrija tal-azzar minħabba r-regolamentazzjoni, u tevalwa l-impatt ta' dan fuq il-kompetittività;

31. jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiftaħ diskussjoni dwar it-tnaqqis tal-ispejjeż tal-produzzjoni għall-industrija Ewropea tal-azzar. Id-diskussjoni għandha tikkonċentra fuq l-innovazzjoni, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-ħarsien tal-ambjent;

32. jinsisti b'mod partikolari fuq il-ħtieġa li l-industriji li jużaw ħafna elettriku jkunu jistgħu jikkonkludu kuntratti għall-provvista fit-tul, jiġifieri li jkopru perjodi ta' mill-inqas 10 snin u li jkun fihom klawżoli ta' reviżjoni strutturati b'mod adegwat, sabiex tiġi żgurata provvista regolari f'qafas kuntrattwali fit-tul, jiġu kkontrollati l-ispejjeż u b'hekk il-kompetittività tas-settur;

33. jemmen li hemm bżonn jissaħħu n-netwerks tat-trasport tal-merkanzija, u dan hu element essenzjali għar-reġjuni, speċjalment dawk imbiegħda u transkonfinali;

34. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tappoġġja d-domanda tal-azzar prodott fl-UE, kemm fi ħdan il-fruntieri tagħha kif ukoll lil hinn minnhom, l-aktar permezz ta' azzjonijiet maħsuba biex isaħħu d-domanda fis-setturi tal-karozzi u tal-kostruzzjoni sostenibbli;

35. jistieden lill-Kummissjoni tippromovi d-diversifikazzjoni tal-industrija tal-azzar b'tali mod li titnaqqas id-dipendenza tagħha mid-domanda u li jiġu minimizzati r-riskji li jirriżultaw minnha;

36. jappoġġja l-isforzi biex jinħolqu standards Ewropej għall-produzzjoni sostenibbli ta' prodotti tal-azzar għall-bini u biex jinħoloq ċertifikat ta' kwalità ("SustSteel") li jista' jwassal għall-progress tal-valur miżjud u l-kompetittività tal-prodotti Ewropej;

37. ifakkar fl-importanza li fl-interess tal-koeżjoni ekonomika u soċjali tal-Unjoni Ewropea u tal-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej fis-suq dinji, jitħarsu l-istandards Ewropej fl-oqsma tal-politika soċjali, tal-ambjent, tal-protezzjoni tal-klima, tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;

38. jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex tieħu azzjoni flimkien ma' pajjiżi terzi kontra l-prattiki kummerċjali inġusti u biex tinkoraġġixxi fost affarijiet oħra t-trattament indaqs;

39. iqis li l-iżgurar tal-kummerċ ħieles u miftuħ tal-azzar u l-prodotti tal-azzar huwa sfida importanti għas-settur fit-tul u jinnota li minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni biex jiġi liberalizzat il-kummerċ internazzjonali fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-istimi tal-industrija huma bbażati fuq il-prinċipju li madwar 65 % tas-suq dinji tal-azzar għadu jiffaċċja ostakli protezzjonisti ta' kull tip;

40. jaqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni li n-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali fuq livell bilaterali, b'mod partikolari n-negozjar ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles, jista' jkun strument importanti biex jinħolqu kundizzjonijiet ġusti għall-intrapriżi tal-Unjoni Ewropea;

41. jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-prinċipju tal-istandards reċiproċi fil-qafas tan-negozjati tal-ftehimiet, sew fuq livell bilaterali u sew fil-livell tad-WTO;

42. jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex jekk ikun hemm bżonn ma toqgħodx lura milli tapplika b'mod sod u determinat miżuri kontra l-politiki kummerċjali inġusti ta' pajjiżi terzi u li timmodernizza bil-mod il-mod l-istrumenti tagħha li jiddefendu l-kummerċ;

43. jistieden lill-Kummissjoni tivverifika bir-reqqa li s-sistema "Surveillance 2" tipprovdi mill-inqas l-istess garanziji ta' sorveljanza u kontroll kontra s-sussidji u d-dumping inġusti bħas-sistema ta' sorveljanza minn qabel ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħadid u tal-azzar (UE) Nru 1241/2009;

44. barra minn hekk jesprimi l-preokkupazzjoni tiegħu rigward it-tul ta' żmien – medja ta' sentejn – li l-Kummissjoni Ewropea teħtieġ biex tniedi mekkaniżmi kontra d-dumping filwaqt li fl-Istati Uniti dan jieħu biss sitt xhur, u jistedinha taħdem biex tkun tista' topera iktar malajr;

45. jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni li tagħmel minn kollox biex tiggarantixxi aċċess liberu għas-swieq tal-materja prima primarja u sekondarja, b'mod partikolari s-swieq tal-minerali tal-ħadid, tal-faħam tal-kokk u tal-materjali riċiklabbli, u jqis li dan l-aċċess liberu huwa indispensabbli biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-azzar fil-livell dinji;

46. huwa tal-fehma li ż-żieda fil-produttività, l-ambjent favorevoli għall-investiment u l-miżuri favur l-innovazzjoni huma kundizzjonijiet importanti biex l-industrija tal-azzar tkun tista' tiżviluppa u tissopravivi għat-tul fl-UE. It-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija huwa wkoll mod tajjeb kif jitnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija, u dan jista' jwassal għal żieda fil-kompetittività;

47. jindika li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma ssemmix l-ispejjeż loġistiċi, speċjalment fir-rigward tat-trasport marittimu, il-provvista tal-materja prima, is-sigurtà tal-provvista u l-iżvilupp ekonomiku marbut mal-attivitajiet tal-port;

48. jaqbel mal-intenzjoni tal-Kummisjoni li ttejjeb il-kundizzjonijiet ġenerali għall-potenzjal tat-tkabbir tal-industrija tal-azzar fl-UE, li jinkludu s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u prezzijiet kompetittivi tal-enerġija kif ukoll inċentivi għal produzzjoni iktar ekonomika fl-użu tar-riżorsi u l-emissjonijiet tas-CO2;

49. jappoġġja kull inizjattiva maħsuba biex ikun hemm monitoraġġ u kontroll tas-swieq tal-materja prima, inkluż is-suq tar-ruttam sabiex jiġu miġġielda l-esportazzjonijiet illegali tiegħu;

50. jappella lill-Kummissjoni biex ma tinsiex twettaq analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-miżuri proposti favur l-industrija Ewropea tal-azzar, u biex tiggarantixxi li dawn il-miżuri ma jmorrux kontra politiki Ewropej oħra, fosthom dik tal-ħarsien tal-ambjent u tal-klima u tal-iżvilupp sostenibbli;

51. jemmen li l-miżuri proposti mill-Pjan ta' Azzjoni għal industrija tal-azzar kompetittiva u sostenibbli fl-Ewropa mhumiex l-għan aħħari fihom innifishom, iżda jridu bilfors jiġu akkumpanjati minn sforzi min-naħa tas-settur industrijali biex isiru l-investimenti u jinħolqu l-impjiegi fl-impjanti tal-produzzjoni Ewropej;

52. jinnota li l-Pjan ta' Azzjoni kif inhu bħalissa ma jiksirx il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità peress li hu konformi mal-Artikolu 173 tat-TFUE, li jistabbilixxi li l-UE għandha l-kompetenza li tappoġġja l-politika industrijali;

53. jisħaq li l-Kummissjoni tisfrutta, b'konformità mal-Artikolu 173 tat-TFUE, il-potenzjal tat-Trattat ta' Lisbona fir-rigward tal-politika industrijali, b'mod partikolari billi tieħu kull inizjattiva siewja biex tippromovi l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-politika industrijali, billi tfassal linji gwida u indikaturi, billi torganizza l-iskambju tal-aħjar prattiki u billi tħejji dak li hemm bżonn għas-sorveljanza u l-evalwazzjonijiet perjodiċi.

Brussell, 28 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Sport, diżabbiltà u rikreazzjoni

(2014/C 114/06)

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Klassifikazzjoni tal-kuntest

1. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li huwa stmat li l-UE għandha mat-80 miljun persuna b'diżabbiltà, jiġifieri madwar 15 % tal-popolazzjoni. Skont l-istimi, il-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-popolazzjoni;

2. jisħaq li minħabba r-riskju akbar ta' diżabbiltà għall-anzjani u ż-żieda ġenerali ta' mard kroniku, in-numru ta' persuni b'diżabbiltà jista' jiżdied. Ir-reġjuni Ewropej għalhekk ser ikollhom jiffaċċjaw sfidi ġodda fil-ġejjieni;

3. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ma teżistix definizzjoni komuni ta' "diżabbiltà" fl-UE u li d-definizzjonijiet legali ta' dan il-kunċett ġew diskussi f'ħafna dibattiti u kellhom bosta interpretazzjonijiet semantiċi. Id-diżabbiltà hi fenomenu kumpless u esperjenza multidimensjonali, li tirriżulta mill-interazzjoni bejn il-karatteristiki fiżiċi u intellettwali tal-persuna u l-istat tas-soċjetà fejn tgħix. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu introdotti kunċetti bħal "persuni b'diżabbiltà";

4. jinnota n-nuqqas ta' għarfien u l-ideat żbaljati dwar l-effetti reali tad-diżabbiltajiet u jisħaq fuq il-ħtieġa li ssir enfasi fuq il-"kapaċitajiet" li jistgħu jiġu kkunsidrati fil-kuntest tal-prestazzjonijiet sportivi;

5. jirrikonoxxi l-valur u l-importanza tal-attività fiżika u tal-isport għall-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll il-kontribut effettiv tiegħu sabiex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi tal-UE, fosthom dawk tal-Istrateġija Ewropa 2020. Fl-aħħar snin sar progress sostanzjali fl-isport adattat u l-isport prattikat mill-persuni b'diżabbiltà. L-iżjed eżempju reċenti huwa l-Logħob Paralimpiku ta' Londra fl-2012, fejn il-mezzi tax-xandir ħabirku bil-bosta biex ikopru u jippromovu l-moviment paralimpiku;

6. jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li m'hemmx dubju li l-isport huwa ta' siwi għall-benessri ġenerali tal-persuni u għandu impatt pożittiv fuq il-possibbiltajiet ta' riabilitazzjoni u l-abilitazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà, u li l-possibbiltà li l-persuni b'diżabbiltà jkollhom biex jipprattikaw attività sportiva hija fuq kollox dritt fundamentali tal-bniedem;

7. jenfasizza l-fatt li l-"isport għall-persuni b'diżabbiltà" jinkludi firxa wiesgħa ta' attivitajiet li jmorru mill-isport ta' livell għoli għall-attivitajiet sportivi rikreattivi, u mill-edukazzjoni fiżika adatta għall-proċess ta' riabilitazzjoni permezz tal-isport; firxa wiesgħa li tkopri jew saħansitra tisboq il-kumplessità li teżisti biex jiġi definit it-terminu "sport". Huwa għalhekk, fost affarijiet oħra, li jeżistu definizzjonijiet differenti fir-reġjuni differenti tal-Ewropa. Fil-qasam tal-attività fiżika u l-isport insibu għadd ta' sfumaturi li jagħmlu l-attività fiżika waħda sportiva, rikreattiva, tajba għas-saħħa, eċċ. Fil-każijiet kollha, ix-xorta ta' attività fiżika tintgħażel mill-prattikant, abbażi tal-idea li b'mod ġenerali l-attività sportiva ttejjeb is-saħħa, sew fiżika u sew mentali, ta' kulħadd;

8. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-termini u l-kunċetti differenti relatati ma' dan is-settur jew użati fih ġew dikussi ħafna. Fil-kuntest preżenti, it-terminu użat hu ta' "sport għall-persuni b'diżabbiltà" b'mod li l-approċċ ikun iffokat fuq il-persuna filwaqt li l-iskop ikun wieħed ġenerali;

9. ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rispettat bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-awtonomija tal-korpi li jirregolaw l-isport, inklużi l-organizzazzjonijiet sportivi indipendenti. Ir-rakkomandazzjonijiet li qed isiru f'din l-Opinjoni għandhom l-għan li jservu ta' xprun sabiex iżidu l-impatt tal-azzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali u jħeġġu bidla fil-perċezzjoni, b'enfasi fuq il-kapaċitajiet tal-persuni b'diżabbiltà fil-komunità kollha;

Kuntest politiku

10. jesprimi s-sodisfazzjon u l-appoġġ tiegħu rigward ir-referenzi li saru fil-politiki tal-UE għar-rikonoxximent tal-isport għall-persuni b'diżabbiltà, fosthom l-Istrateġija Ewropea għall-Persuni b'Diżabbiltà 2010-2020 ([1]), il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport" ([2]) u l-White Paper dwar l-Isport tal-Kummissjoni Ewropea ([3]);

11. jiddispjaċih, madankollu, dwar in-nuqqas ta' kwalunkwe referenza għall-persuni b'diżabbiltà fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni Ewropea għall-ERASMUS+, il-Programm il-ġdid tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażagħ u l-Isport għall-2014-2020; iħeġġeġ, għal dan il-għan, li l-programm il-ġdid, li attwalment qed jiġi negozjat, jinkludi referenza ċara għall-ħtieġa li jiġi promoss tkabbir sostenibbli u inklużiv billi jiġi faċilitat l-aċċess għall-attivitajiet tal-isport għall-persuni b'diżabbiltà;

12. jaqbel li, fil-qafas tal-kompetenzi u tal-possibbiltajiet finanzjarji tagħhom, l-awtoritajiet nazzjonali u l-awtoritajiet reġjonali u lokali jistgħu jaqdu rwol importanti fl-iżvilupp tal-isport għall-persuni b'diżabbiltà, b'mod partikolari fir-rigward tal-promozzjoni u l-investiment fl-infrastrutturi sportivi u l-attivitajiet sportivi fit-tul, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati fondi għall-proġetti għal dawk ir-reġjuni fejn l-infrastruttura tal-iskejjel u ta' istituzzjonijiet edukattivi oħra huma sottożviluppati u t-tfal b'diżabbiltà m'għandhomx il-possibbiltà jew għandhom possibilitajiet limitati biex jipprattikaw l-isport;

13. meta jintużaw il-faċilitajiet pubbliċi, il-korpi pubbliċi għandhom iqisu b'mod adegwat l-interessi tal-isport għall-persuni b'diżabbiltà sabiex jinħolqu kundizzjonijiet tal-għajxien ugwali għall-persuni b'diżabbiltà. L-aċċessibbiltà hi fattur essenzjali f'dan ir-rigward;

14. jisħaq fuq ir-rwol tal-partijiet interessati fil-qasam tal-isport għall-persuni b'diżabbiltà biex jisfruttaw il-potenzjal tal-isport f'dik li hi inklużjoni soċjali, integrazzjoni u opportunitajiet indaqs;

15. jenfasizza li f'ħafna każi l-isport għall-persuni b'diżabbiltà jidher li jissemma b'mod speċifiku biss fil-kuntest tal-inklużjoni soċjali. Jappella biex issir distinzjoni estensiva bejn id-dimensjonijiet differenti tal-isport għall-persuni b'diżabbiltà, li jista' jinkludi l-isport ta' livell għoli, l-isport rikreattiv, l-edukazzjoni fiżika, il-possibbiltajiet ta' edukazzjoni u taħriġ permezz tal-isport, l-attivitajiet fiżiċi adatti, ir-riabilitazzjoni permezz tal-isport jew l-attivitajiet sportivi b'għanijiet terapewtiċi speċifiċi;

16. jitlob li jiġu rikonoxxuti aktar ir-rappreżentanti kwalifikati tas-settur fl-attivitajiet kollha ta' żvilupp u evalwazzjoni tal-isport tal-massa appoġġjati mill-istituzzjonijiet Ewropej. Għandha tiġi kkunsidrata l-allokazzjoni ta' riżorsi speċifiċi li jippermettu l-parteċipazzjoni ta' dan it-tip, kif ukoll riżorsi għat-taħriġ speċifiku tal-persunal tekniku professjonali involut fil-qasam tal-isport;

17. jappella li jitħejja dokument strateġiku dettaljat ibbażat fuq il-politiki eżistenti, li jiffoka b'mod partikolari fuq l-isport għall-persuni b'diżabbiltà bil-għan li jiġu stabbiliti l-prijoritajiet fost il-kwistjonijiet ewlenin ta' dan is-settur;

Sfidi speċifiċi: il-parteċipazzjoni fl-isport

18. jindika li minkejja l-interess politiku dejjem akbar fil-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fl-attivitajiet sportivi, ir-rati ta' parteċipazzjoni fl-isport għadhom baxxi wisq. Fost affarijiet oħra, dan huwa minħabba aċċess limitat għal infrastruttura tal-isport adattata għall-ħtiġiet tal-persuni b'diżabbiltà;

([1]) COM(2010) 636 final.
([2]) COM (2011) 12 final.
([3]) COM (2007) 391 final.

19. jinnota li minbarra l-ostakli fiżiċi, soċjoekonomiċi u komunikattivi, il-parteċipazzjoni fl-isport hija affettwata minn ostakli soċjali u kulturali u fatturi psikoloġiċi, fosthom l-attitudni tal-organizzaturi u l-partijiet interessati fl-attivitajiet sportivi tal-massa fir-rigward tad-diżabbiltà. Din l-attitudni hi r-riżultat tan-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni u riżorsi għall-indirizzar ta' sitwazzjonijiet differenti. Għandhom jiġu organizzati kampanji ta' informazzjoni u taħriġ sabiex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabbiltà jiġu aċċettati fl-attivitajiet sportivi. Huwa rakkomandat li kull miżura intiża biex ittejjeb l-aċċess għall-attivitajiet sportivi titfassal wara li jiġu kkonsultati b'mod adegwat il-partijiet interessati tas-settur, peress li l-gruppi differenti jista' jkollhom bżonn appoġġ differenti;

20. josserva li, sabiex jiżdiedu r-rati ta' parteċipazzjoni fl-isport, huwa kruċjali li tittejjeb l-aċċessibbiltà billi jiġi adattat l-aċċess fiżiku għall-faċilitajiet sportivi u jkun hemm komunikazzjoni aħjar;

21. jappella li jiġu organizzati kampanji ta' sensibilizzazzjoni armonizzati dwar il-possibbiltajiet li jeżistu għall-parteċipazzjoni fl-isport. Dan it-tip ta' kampanji jistgħu jiġu mnedija fil-livell Ewropew, iżda jridu jittieħdu fil-livell reġjonali u lokali fejn fil-fatt jiġi offrut l-isport propost. Huwa importanti li jindirizzaw lill-persuni b'diżabbiltà stess u jinformawhom. L-ideali hu li dawn il-kampanji jiġu organizzati bl-appoġġ tal-korpi li jirregolaw l-isport tal-massa, l-isport nazzjonali u l-isport għall-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll tal-organizzazzjonijiet (b'mod partikolari l-assoċjazzjonijiet) tal-persuni b'diżabbiltà; barra minn hekk, huwa importanti li jiġu organizzati kampanji ta' informazzjoni mhux biss għall-persuni b'diżabbiltà, iżda wkoll għall-pubbliku inġenerali, sabiex dawn jiġu megħjuna jifhmu, jaċċettaw, jintegraw u jitgħallmu kif għandhom jgħinu lill-pari tagħhom b'diżabbiltà. Jeħtieġ li tiġi promossa kemm jista' jkun l-awtonomija tal-persuni b'diżabbiltà u għandhom jitħeġġu u jiġu megħjuna biex jipproponu, jippromovu u jorganizzaw avvenimenti bħal dawn;

22. jenfasizza li jista' jkun hemm bżonn li d-diversi gruppi mmirati jiġu indirizzati b'mod individwali abbażi tal-kapaċitajiet tagħhom, l-età u s-sitwazzjoni soċjali tagħhom; huwa importanti b'mod partikolari li jiġu indirizzati u appoġġjati ż-żgħażagħ. Huwa importanti wkoll li tiġi rispettata kemm l-istruttura sportiva ta' kull Stat Membru kif ukoll l-ispeċifiċitajiet lokali u reġjonali. Għandu jkun hemm appoġġ biex tingħata informazzjoni affidabbli, aċċessibbli u aġġornata regolarment sabiex il-gruppi differenti mmirati jkunu jistgħu jiġu informati b'mod permanenti dwar l-isport offrut li jista' jkollhom aċċess għalih. It-tħeġġiġ u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-movimenti lokali organizzati f'dan ir-rigward jistgħu jiffaċilitaw it-tixrid ta' din l-informazzjoni u l-aċċessibbiltà;

23. jeħtieġ li, fil-livell lokali u reġjonali, ikun hemm netwerk ta' trasport adatt li jagħmilha possibbli li l-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jivvjaġġaw lejn il-faċilitajiet sportivi kemm biex jipprattikaw sport bħala dilettanti kif ukoll jekk l-isport ikun ta' livell kompetittiv;

24. jisħaq li l-ġenituri jaqdu rwol importanti biex jinkoraġġixxu liż-żgħażagħ jipparteċipaw fl-attivitajiet sportivi u li l-volontarji huma s-sinsla ta' dan is-settur. Għaldaqstant hemm il-ħtieġa li jkun hemm sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-ħidma volontarja u li jiġu ppjanati pjattaformi għar-reklutaġġ u t-taħriġ tal-volontarji kif ukoll miżuri biex jiġi rikonoxxut u kumpensat il-kontribut tagħhom;

25. jirrakkomanda li tinħoloq pjattaforma ta' informazzjoni dwar il-faċilitajiet tal-isport fl-UE, b'sit tal-internet kompletament aċċessibbli fejn il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni dwar l-infrastruttura tal-isport, il-possibbiltajiet tekniċi, eċċ., fil-postijiet fejn jgħixu;

26. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ċerti gruppi tal-popolazzjoni jiffaċċjaw diskriminazzjoni doppja jew tripla għax ikollhom mhux biss diżabbiltà waħda iżda diversi diżabbiltajiet jew għax ikunu ġejjin ukoll minn sfond ta' migrazzjoni jew minoranza, jew huma vittmi ta' esklużjoni soċjali marbuta mal-omofobija jew is-sess. Għandu jiġi żgurat li kulħadd jingħata appoġġ speċifiku u li jkun hemm opportunitajiet indaqs fl-aċċess għall-attivitajiet sportivi;

27. jinnota li l-isport għall-persuni b'diżabbiltà m'għandux jibqa' skartat mis-sistema sportiva tal-massa u li l-ġeneralizzazzjoni tiegħu, jiġifieri li r-responsabbiltà għall-organizzazzjoni tiegħu tinqasam mal-organizzazzjonijiet sportivi l-kbar, diġà tidher li hi għan politiku ewlieni. Għaldaqstant, għandu jiġi żgurat li tissokta l-inklużjoni tal-isport tal-persuni b'diżabbiltà fl-isport tal-massa, u li jkunu jistgħu jintużaw mudelli, formoli u strutturi differenti ta' organizzazzjoni b'mod parallel skont il-kapaċitajiet reali tal-persuni b'diżabbiltà u bil-għan li jiġu inklużi;

28. il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fl-isport għandha tiġi promossa fil-qafas tal-federazzjoni li tintegra fi ħdanha d-dixxiplina sportiva jew l-ispeċjalizzazzjoni korrispondenti. Dan għandu jsir b'rispett għar-rwol tal-federazzjonijiet sportivi li l-attivitajiet tagħhom huma indirizzati l-iżjed għall-persuni b'diżabbiltà u li l-vokazzjoni indispensabbli tagħhom għas-servizz ta' dawn il-persuni għandha tissaħħaħ;

29. il-federazzjonijiet sportivi għandhom jinkoraġġixxu lill-korpi sportivi li l-għan tagħhom hu li jippromovu l-attivitajiet sportivi għall-persuni b'diżabbiltà jieħdu sehem fl-assembleji tagħhom mingħajr id-dritt li jivvotaw, anke jekk ma jkunux jagħmlu parti mill-federazzjoni;

30. jinnota mill-eżempji identifikati li l-approċċ li jgħaqqad it-turiżmu mal-isport rikreattiv għal kulħadd hu strument siewi sabiex jinħoloq l-ewwel kuntatt mal-isport għall-persuni b'diżabbiltà bil-għan li tiżdied ir-rata ta' parteċipazzjoni sportiva u li l-pubbliku inġenerali jsir aktar konxju tal-kapaċitajiet tagħhom;

31. josserva li hemm bżonn li tiġi inkluża informazzjoni ta' kwalità għolja u aġġornata dwar l-attivitajiet sportivi għall-persuni b'diżabbiltà, u dwar it-trasport u l-aċċess adattat għall-faċilitajiet sportivi bil-għan li jiġi promoss it-turiżmu sportiv;

Sfidi speċifiċi: l-edukazzjoni

32. jirrikonoxxi li l-iżvilupp adegwat tal-isport għall-persuni b'diżabbiltà jirrikjedi professjonisti li għandhom livell għoli ta' edukazzjoni u taħriġ;

33. jikkunsidra li għalkemm il-persuni b'diżabbiltà mhumiex stigmatizzati, huma xorta waħda jistgħu jiġu esklużi għaliex ħafna nies ma jafux jilqgħuhom u jintegrawhom fl-attivitajiet u l-istrutturi sportivi. Hu jitlob informazzjoni konġunta permezz ta' inizjattivi ta' edukazzjoni u taħriġ indirizzati mhux biss għall-persuni kkonċernati direttament mill-organizzazzjoni tal-attivitajiet sportivi, iżda wkoll fuq livell ħafna akbar, għall-pubbliku inġenerali, pereżempju bis-saħħa ta' għodod ta' taħriġ onlajn li jkunu faċilment aċċessibbli. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li b'mod parallel in-nies isiru aktar konxji tad-drittijiet, il-bżonnijiet u l-kapaċitajiet tal-persuni b'diżabbiltà;

34. jenfasizza li t-tfal kollha tal-iskola għandu jkollhom aċċess għall-edukazzjoni fiżika u sportiva u li l-ebda diżabbiltà m'għandha tkun ostaklu għall-integrazzjoni fil-programmi sportivi tal-iskola. Ħafna drabi huwa waqt il-lezzjonijiet tal-edukazzjoni fiżika fl-iskola li ż-żgħażagħ jiksbu l-ewwel esperjenza tagħhom fl-attivitajiet sportivi u jiżviluppaw passjoni għall-isport, u l-istess jiġri fil-każ taż-żgħażagħ b'diżabbiltà. Barra minn hekk, l-ambjent sportiv fl-iskola joffri l-opportunità li t-tfal mingħajr diżabbiltà jitgħallmu u jsiru konxji tal-kapaċitajiet ta' sħabhom tal-klassi. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġi inkoraġġut b'mod partikolari l-holqien ta' "programmi sportivi aċċessibbli għal kulħadd". L-idea tal-integrazzjoni inversa, jiġifieri l-integrazzjoni tal-persuni sportivi żgħażagħ mingħajr diżabbiltà fl-isport għall-persuni b'diżabbiltà, hi eżempju tajjeb biex tinbidel l-attitudni fir-rigward tal-kapaċitajiet ta' parteċipanti oħra. Bl-istess mod, l-inizjattivi bħall-"isport kondiviż" għandhom jiġu appoġġjati u żviluppati. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, huwa essenzjali li l-għalliema fiċ-ċentri edukattivi, u b'mod partikolari l-għalliema tal-edukazzjoni fiżika, jingħataw edukazzjoni u taħriġ speċifiċi u li l-ġenituri tat-tfal b'diżabbiltà jingħataw aċċess għall-informazzjoni dwar l-attivitajiet sportivi differenti disponibbli;

35. jinnota li l-għarfien u l-kompetenzi ta' min iħarreġ sikwit ma jintużawx minħabba n-nuqqas ta' skambju u koordinazzjoni bejn il-partijiet interessati fl-isport għall-persuni b'diżabbiltà u fl-isport tal-massa. Huwa propost li jinħolqu inizjattivi ta' taħriġ abbażi ta' kooperazzjoni bejn dawn l-organizzazzjonijiet, bl-appoġġ tal-korpi ta' taħriġ u l-awtoritajiet pubbliċi;

36. jirrakkomanda li r-rappreżentanti tal-edukazzjoni għolja jkunu iktar involuti fil-proċess ta' aġġustament biex tiġi evitata l-esklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà. L-għan ta' dan l-involviment għandu jkun li jinbidel it-taħriġ tal-għalliema tal-edukazzjoni fiżika, biex b'hekk jifhmu aħjar id-diversi kwistjonijiet marbutin mas-saħħa tal-istudenti tagħhom;

37. jikkunsidra li l-immaġni tal-isport għall-persuni b'diżabbiltà għandha tingħata valur ġdid, billi jiġi promoss l-isport ta' livell għoli fost l-aqwa persuni sportivi b'diżabbiltà u jinkiseb l-istess status li jirċievu l-persuni sportivi ta' livell għoli mingħajr diżabbiltà. B'mod ġenerali jitqies li s-sensibilizzazzjoni dwar il-prestazzjonijiet tal-atleti b'diżabbiltà fl-isport ta' livell għoli tista' twassal biss għal bidla f'din il-perċezzjoni. Għal dan il-għan, l-istrateġija tal-komunikazzjoni relatata mal-Logħob Paralimpiku u l-avvenimenti sportivi ta' livell għoli għall-persuni b'diżabbiltà hija importanti ħafna;

38. jammetti li l-isport għall-persuni b'diżabbiltà jistrieħ ħafna fuq il-volontarjat. Jirrikonoxxi li għandna nkomplu nippromovu taħriġ ta' kwalità għal dawn il-volontarji. F'ċerti kuntesti, dan it-taħriġ irid jiġi adattat għall-ħtiġijiet tal-partijiet interessati. Barra minn hekk, il-ġestjoni tal-volontarji qed issir dejjem aktar importanti. L-organizzazzjonijiet li jippruvdu l-isport għall-persuni b'diżabbiltà għandhom itejbu l-operat tagħhom bl-użu ta' għodod għall-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-iżvilupp tal-kwalità. Jeħtieġ li nħarrġu lill-professjonisti jekk nixtiequ ntejbu l-kwalità. Dawn huma aktar indispensabbli meta jkun ikkonċernat pubbliku partikolari. L-istruttura għandha twassal biex ikun hemm professjonisti ġenwini;

39. jiddispjaċih li sikwit il-potenzjal tal-persuni b'diżabbiltà jiġi sottovalutat. Jenfasizza li fil-każ tal-persuni b'diżabbiltà l-isport jista' jsaħħaħ l-iżvilupp personali tagħhom u b'hekk jista' jagħti kontribut importanti għall-integrazzjoni tagħhom b'suċċess fis-suq tax-xogħol;

40. jappoġġja l-linji gwida tal-UE dwar il-karrieri doppji tal-atleti ([4]), li jgħidu li jekk il-miżuri li jappoġġjaw il-karrieri doppji jiġu applikati b'mod ekwu għall-atleti kollha, dan ikun jirrappreżenta progress konsiderevoli fl-isport b'mod ġenerali u fl-isport għall-persuni b'diżabbiltà b'mod partikolari. Il-KtR huwa wkoll tal-istess fehma espressa fil-linji gwida li peress li bosta dixxiplini sportivi għall-persuni b'diżabbiltà qed jiġu integrati fl-organizzazzjonijiet tal-isport tal-massa, dan il-grupp għandu jingħata attenzjoni partikolari b'mod li jiġi żgurat trattament ekwu u li jkunu jistgħu jiġu żviluppati oqsma speċifiċi meta ma jkunx possibbli li jintużaw dawk tal-atleti mingħajr diżabbiltà;

41. jenfasizza li s-settur għandu jibda minn issa jagħmel sforz biex jagħmel lill-iżgħar sportivi awtonomi u jakkumpanjahom fl-iżvilupp personali tagħhom. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġu appoġġjati l-azzjonijiet edukattivi speċifiċi proposti għall-persuni sportivi żgħażagħ fl-avvenimenti sportivi;

Sfidi speċifiċi: is-saħħa

42. jirrikonoxxi l-valur tal-isport għall-promozzjoni tas-saħħa u l-edukazzjoni dwarha, u jagħmel enfasi fuq ir-relazzjoni speċifika bejn l-attivitajiet fiżiċi adatti u r-riabilitazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fir-rigward tas-saħħa fiżika u mentali tagħhom;

43. jappoġġja l-ħidma tal-Grupp ta' Esperti tal-UE dwar "L-isport, is-saħħa u l-parteċipazzjoni", li ngħata mandat mill-Kunsill biex jipproponi miżuri għall-promozzjoni tal-attività fiżika tajba għas-saħħa u l-parteċipazzjoni fl-isport lokali u biex jidentifika miżuri rispettivi sa nofs l-2013; il-KtR jinsisti li l-attività fiżika u l-isport għandhom jiġu appoġġjati u rikonoxxuti b'mod espliċitu bħala għodod terapewtiċi għall-persuni b'diżabbiltà;

44. jieħu nota tar-riżultati tal-ħidma tal-Grupp ta' Esperti tal-UE dwar "Il-ġlieda kontra d-doping", li ngħata mandat mill-Kunsill biex ifassal il-kummenti tal-UE għar-reviżjoni tal-Kodiċi Dinji kontra d-Doping tal-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping (WADA) u l-importanza tal-"governanza tajba" fl-isport. Il-KtR jirrakkomanda li jiġu involuti aktar il-partijiet interessati tal-moviment paralimpiku;

45. iqis li l-istrumenti ta' finanzjament kollha tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għandhom jinkludu l-kwistjoni tal-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà;

Sfidi speċifiċi: l-appoġġ finanzjarju u strutturali

46. jieħu nota tal-linja baġitarja għall-isport proposta fil-programm Erasmus+, li għadu qed jiġi negozjat. Iħeġġeġ, madankollu, biex il-Kummissjoni Ewropea tirreferi espliċitament għall-isport tal-persuni b'diżabbiltà fil-gwida tal-programm Erasmus+ maħsuba għall-benefiċjarji, u biex tirrikonoxxi l-isport għal dan il-grupp bħala prijorità fi ħdan l-Azzjoni tal-Isport tal-programm;

47. jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tinkoraġġixxi azzjonijiet speċifiċi għall-proġetti li jippromovu l-isport għall-persuni b'diżabbiltà fil-livell lokali u reġjonali;

48. jemmen li f'dan is-settur teżisti ċerta frammentazzjoni bejn l-istrumenti differenti tal-UE li għandhom għanijiet simili. Ikun ta' benefiċċju kbir kieku tittejjeb l-armonizzazzjoni u jittieħdu impenji ta' finanzjament fit-tul, għall-inqas għar-rappreżentanti prinċipali tas-settur fil-livell Ewropew;

49. jinkoraġġixxi l-użu tal-Fondi Strutturali għall-iżvilupp ta' infrastrutturi sportivi aċċessibbli u miftuħin għal kulħadd fil-livell lokali u reġjonali. Il-finanzjament tar-riċerka fil-qasam tat-teknoloġiji relatati mal-persuni b'diżabbiltà permezz tal-Orizzont 2020 huwa essenzjali wkoll. Huwa essenzjali li jsir investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-iżjed permezz tal-universitajiet u l-intrapriżi tas-settur. Fil-fatt, bosta professjonisti bħalissa qed iħejju t-teżi tad-dottorat tagħhom f'dan il-qasam. Għandu jsir sforz partikolari fir-rigward tat-terapija bbażata fuq l-isport, pereżempju t-terapija ekwina (terapija bl-għajnuna taż-żwiemel);

50. jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jkomplu jappoġġjaw f'perjodu twil ta' żmien l-avvenimenti sportivi miftuħin għal kulħadd, l-aktar għaż-żgħażagħ b'diżabbiltà;

Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

51. jemmen li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol fundamentali fl-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea tal-isport għall-persuni b'diżabbiltà, fil-limiti tal-mandat istituzzjonali tagħhom;

([4]) http://ec.europa.eu/sport/library/documents/c3/dual-career-guidelines-final.pdf.

52. jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali abbażi ta' programm imfassal b'mod konġunt mal-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-isport, għall-persuni b'diżabbiltà u għall-attivitajiet sportivi organizzati għalihom bil-għan li jintegrawhom fl-isport tal-massa. L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma kapaċi jressqu lill-UE lejn il-livell lokali, bil-għan li jkun hemm rabta mal-inizjattivi tal-klabbs, l-iskejjel jew il-ġenituri;

53. jirrikonoxxi li fil-livell lokali u reġjonali, b'mod partikolari, jeżistu esperjenzi u sħubijiet strutturati li jippromovu l-iżvilupp tal-isport u l-parteċipazzjoni sportiva għall-persuni b'diżabbiltà. Jappella li jiġu skambjati l-prattiki tajbin u jindika li hu stess jista' jxerridhom bl-appoġġ rispettiv tal-istituzzjonijiet Ewropej u tal-partijiet interessati kkonċernati. It-traduzzjoni tal-materjal eżistenti hija sfida kbira u għandha tiġi inkoraġġuta. Għandha tiġi kkunsidrata sistema ta' kumpens għall-"prattiki eċċellenti";

54. jappoġġja s-sistema tal-uffiċjali reġjonali responsabbli għall-iżvilupp tal-isport għall-persuni b'diżabbiltà. Huma jistgħu jkunu s-sors tal-iskambju u l-implimentazzjoni tal-prattiki tajbin, fosthom l-użu tal-għodod tal-informatika, u jservu ta' pont bejn il-politiki Ewropej u r-realtajiet reġjonali. Il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti Ewropej għall-iskambju ta' prattiki tajbin ser jagħmluha possibbli li jinsabu soluzzjonijiet vijabbli għall-problemi komuni, kif ukoll li jkollna aktar informazzjoni dwar il-bżonnijiet ta' reġjuni u pajjiżi oħra;

Konklużjonijiet addizzjonali

55. jieħu nota tal-ewwel inizjattivi għall-promozzjoni ta' "Ġimgħa Ewropea tal-Isport" u jenfasizza l-ħtieġa li f'dan il-qafas għandu jkun hemm sport maħsub b'mod speċjali għall-persuni b'diżabbiltà u li dawn jiġu integrati fl-attivitajiet sportivi tal-massa. Jinsisti wkoll li jiġi kkunsidrat il-ħolqien ta' "Jum Ewropew tal-Isport għall-Persuni b'Diżabbiltà" fuq bażi annwali;

56. jinnota n-nuqqas ta' informazzjoni komparabbli fir-reġjuni dwar dan is-settur, u jitlob li jinħolqu proċessi ta' ġbir ta' data affidabbli. Għal dan il-għan, għandu jiġi kkummissjonat pereżempju sondaġġ speċifiku tal-Ewrobarometru dwar l-isport għall-persuni b'diżabbiltà, jew għall-inqas jiġu inklużi mistoqsijiet aktar speċifiċi fuq dan is-suġġett fis-sondaġġi futuri tal-Ewrobarometru dwar l-isport u/jew id-diżabbiltà;

57. jinkoraġġixxi bis-sħiħ il-ħolqien ta' grupp ta' esperti Ewropew dwar din il-kwistjoni, li jirrikonoxxi l-missjoni differenti tas-settur u jiffoka fuq il-kontributi mill-firxa wiesgħa ta' partijiet interessati ta' dan is-settur. Dan il-grupp ta' esperti Ewropew jista' jieħu l-azzjonijiet utli li ġejjin:

— fil-livell semantiku

  — jipproponi definizzjoni komuni għall-kunċetti "handisport", "sport adattat" u "sport kondiviż" sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tagħhom;

— fil-livell tekniku

  — ifittex u jiġbor l-esperjenzi reġjonali u lokali l-aktar sinfikanti sabiex jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' mudell għalihom u jxerridhom;

  — jagħti lil dawk responsabbli mill-politika l-għodod tekniċi li huma essenzjali għas-sensibilizzazzjoni tagħhom u jippermetti lill-Kumitat tar-Reġjuni jikseb l-għan tiegħu li jkun dak li jiffaċilita l-mobilizzazzjoni f'dan il-qasam fejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol prinċipali.

Brussell, 29 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Għajnuna mill-Istat għas-Sajd u l-Akkwakultura

(2014/C 114/07)

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' b'sodisfazzjon ir-reviżjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-Sajd u l-Akkwakultura, u l-konsultazzjoni pubblika riċenti li wettqet il-Kummissjoni Ewropea bħala parti minn din ir-reviżjoni;

2. jenfasizza l-importanza li din ir-reviżjoni titqies fil-kuntest ta' (i) ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), (ii) in-negozjati dwar il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS), il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ESIF) oħra, u programmi ta' finanzjament tal-UE oħrajn rilevanti għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, u (iii) il-Modernizzazzjoni usa' tal-aġenda tal-Għajnuna mill-Istat immexxija mid-DĠ Kompetizzjoni;

3. jesprimi appoġġ qawwi għall-għanijiet globali tar-riforma tal-PKS biex timxi lejn sajd sostenibbli, u jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim politiku li ntlaħaq dwar dan taħt il-Presidenza Irlandiża tal-Kunsill tal-UE;

4. itenni li r-riforma tar-regolamenti dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar is-sajd u l-akkwakultura trid tiġi applikata abbażi tal-appoġġ u l-faċilitar tal-implimentazzjoni tar-riforma tal-PKS bħala prinċipju fundamentali bażiku; b'mod simili, in-negozjati dwar l-ESIF iridu jiżguraw li dan il-fond jintuża biex jiġu rispettati l-objettivi tal-PKS;

5. jenfasizza li s-sostenibbilità tas-settur tas-sajd tfisser il-vijabilità u d-durabilità fit-tul tal-istokkijiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE, u l-futur soċjoekonomiku tal-komunitajiet tas-sajd madwar l-UE, u li jrid jinsab bilanċ bejn l-iżvilupp taż-żewġ aspetti;

6. jiġbed l-attenzjoni għall-paradoss li qed tiffaċċja l-UE, fejn fuq naħa hemm dipendenza għolja fuq l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura (madwar 60 % tal-konsum totali) sabiex jintlaqgħu d-domanda u l-aspirazzjonijiet tal-konsumaturi fl-UE, u min-naħa l-oħra ħtieġa essenzjali biex jerġa' jinkiseb u jiġi rispettat ir-rendiment massimu sostenibbli tal-istokkijiet tas-sajd tal-UE sabiex tiġi żgurata disponibilità għal ġenerazzjonijiet futuri; f'dan ir-rigward huwa mfakkar kif l-attivitajiet tal-akkwakultura jikkontribwixxu għall-provvista ta' prodott ekwivalenti għal dak tas-sajd tal-baħar, għalkemm b'mod sostenibbli u mingħajr ma tkun kompromessa l-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut; minbarra dan, l-akkwakultura tipprovdi livelli għolja ta' impjiegi li għandhom funzjoni ta' xibka ta' sikurezza soċjali reali fi żminijiet ta' kriżi;

7. jenfasizza l-importanza ta' għajnuna mmirata b'mod effiċjenti għall-flotot ta' skala żgħira li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-flotta totali tal-UE f'termini ta' għadd ta' bastimenti u dawn għandhom jirċievu sehem tal-PKS u tal-FEMS li jirrifletti l-valur numeriku tagħhom, sakemm ikunu qed joperaw abbażi ta' prattiki ta' sajd sostenibbli;

8. jenfasizza li użu iktar sostenibbli tas-sussidji pubbliċi fis-settur tas-sajd jeħtieġ rieda politika u azzjoni qawwija fil-livelli kollha ta' governanza fi ħdan l-UE, kif kien evidenti mill-falliment tar-riformi tal-PKS fl-2002 biex iwettqu l-objettivi ambjentali, soċjali u ekonomiċi ddikjarati, b'22 % biss ta' stokkijiet ta' ħut fil-livell ta' Rendiment Massimu Sostenibbli, 35 % sfruttati b'mod eċċessiv u 43 % barra mil-limiti bijoloġiċi sikuri (sors: studju tal-IEEP għall-Parlament Ewropew, 2011);

9. jinnota r-Rapport Nru 12/2011 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u jiddikjara li kapaċità żejda tal-flotta tas-sajd tkompli tkun waħda mir-raġunijiet ewlenin għall-falliment tal-PKS fl-iżgurar ta' attività tas-sajd sostenibbli;

10. jirrikonoxxi li t-tilħiq ta' dan il-għan ta' sostenibbilità jesiġi bidliet strutturali u diversifikazzjoni fi ħdan is-settur tas-sajd, u jenfasizza li regoli u miżuri tal-Għajnuna mill-Istat iridu jiffaċilitaw dawn il-bidliet, b'enfasi partikolari fuq l-appoġġ tal-iżvilupp tal-ekonomija fuq l-art (l-industrija tal-ipproċessar, akkwakultura sostenibbli, swieq tal-ħut lokali, prodotti ġodda, katini tal-provvista lokali, eċċ.), it-tipi ta' sajd ġodda u sostenibbli fl-ibħra u l-oċeani Ewropej, b'enfasi partikolari fuq ir-rwol ta' flotot tas-sajd kostali fuq skala żgħira u tas-sajd artiġjanali, iżda fl-istess ħin għandha tingħata attenzjoni speċjali wkoll lit-titjib tas-selettività, l-użu effiċjenti tal-enerġija, eċċ., fis-segmenti l-oħra tal-flotta li jikkontribwixxu għall-provvista tal-prodotti tas-sajd fl-Unjoni Ewropea, l-aktar jekk dawn ikunu maħsuba għall-konsum mill-bniedem), u l-ekonomija tal-baħar u tal-akkwakultura usa'. L-Għajnuna mill-Istat m'għandhiex tintuża biex jiġu appoġġjati prattiki tas-sajd mhux sostenibbli;

11. jirrikonoxxi l-valur u l-importanza tas-settur tas-sajd għall-UE, jinnota l-konċentrazzjoni għolja ta' impjieg f'ċerti territorji u reġjuni tal-Ewropa, u l-impatt li r-ristrutturar tas-settur tas-sajd kellu direttament fuq dawn il-komunitajiet;

12. jifhem li l-pressjonijiet fuq il-komunitajiet rurali u tas-sajd huma partikolarment kbar fil-kuntest tal-kriżi kontinwa soċjoekonomika li qed tiffaċċja l-Ewropa, u dan ifisser li l-fatt li jiġi mmirat appoġġ fil-livell territorjali huwa importanti ħafna għall-prosperità u l-vijabilità fit-tul ta' dawn il-komunitajiet;

13. jinnota li s-settur tas-sajd, bħal ħafna setturi oħra, huwa sussidjat u li dan jippreżenta sfida sinifikanti – f'termini ta' dipendenza żejda fuq il-fondi pubbliċi – u fl-istess waqt opportunità, billi jagħti lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali/reġjonali l-kapaċità li jużaw riżorsi pubbliċi biex iwettqu riformi ewlenin f'dan is-settur;

14. itenni l-ħtieġa biex jiġu użati r-riżorsi kollha disponibbli bl-iktar mod effettiv possibbli, u jappella biex tingħata prijorità qawwija fil-preparazzjoni tal-Ftehimiet ta' Shubija u l-Programmi Operattivi futuri għall-ESIF għall-appoġġ ta' komunitajiet kostali u tas-sajd, fl-isfond ta' qafas regolatorju riformat tal-Għajnuna mill-Istat li huwa sensittiv u jirrispondi għall-ħtiġijiet ekonomiċi ta' dawn il-komunitajiet;

15. jappella għal flessibilità fl-użu tal-ESIF sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi jiġu mmirati lejn il-komunitajiet rurali u tas-sajd, u jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tieħu impenn ċar fir-reviżjoni tar-regoli tal-Għajnuna mill-Istat sabiex jiġi żgurat li dawn ir-regoli jippermettu li dan jiġri fil-prattika minflok ixekklu;

16. fil-fehma tiegħu, jekk jiġu mobilizzati b'mod effettiv u effikaċi, dawn ir-riżorsi jipprovdu opportunità biex jiġu trasformati l-industriji tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE, u jgħinu biex isir progress lejn settur tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli, filwaqt li jappoġġjaw l-aspirazzjonijiet usa' tal-Istrateġija tat-Tkabbir Blu sabiex tissaħħaħ l-ekonomija u tal-baħar u tal-akkwakultura, u r-rabtiet tagħha mal-ekonomija bbażata fl-art; b'mod partikolari jiżdied il-valur tal-prodotti tal-ħut permezz tal-iżvilupp tal-ekonomija fuq l-art, is-swieq lokali, prodotti innovattivi u l-għarfien tal-konsumatur (b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet bħal katini tal-provvista qosra, l-istaġjonalità u t-tipiċità tal-prodott);

17. jappella lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet pubbliċi oħra madwar l-Ewropa biex jaħtfu l-opportunità, u jużaw il-perjodu 2014-2020 bħala ż-żmien li fih imexxu 'l quddiem bidliet reali;

18. jinnota li r-regoli *de minimis* u ta' eżenzjoni tal-kategorija ma jirrappreżentawx l-istampa kollha għal sussidji lis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, peress li l-Istati Membri għandhom il-possibilità li jistabbilixxu skemi ta' għajnuna "notifikati" (li jesiġu approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni Ewropea);

19. jinnota li s-settur tas-sajd jibbenefika wkoll minn eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-karburant li jipprovdu benefiċċju dirett f'termini tal-ispejjeż operattivi tal-bastimenti tas-sajd, stmati li jilħqu madwar EUR 1,5 biljun fl-UE kull sena; filwaqt li l-għajnuna *de minimis* tipprovdi wkoll ambitu biex jiġu pprovduti sussidji fuq il-karburant lill-bastimenti;

20. jenfasizza studju kkummissjonat mid-DĠ Affarijiet Marittimi fl-2009 li jistma li madwar EUR 718-il miljun se jkunu disponibbli taħt ir-regolament dwar għajnuna *de minimis*, għalkemm iċ-ċifri preċiżi dwar għajnuna *de minimis* huma diffiċli li jinkisbu minħabba nuqqas ta' monitoraġġ effettiv fil-livell tal-UE; EUR 8 miljun aktar fis-sena huma stmati li jiġu garantiti taħt ir-regolament dwar l-eżenzjoni tal-kategorija tas-sajd;

21. jinnota li l-istudju tal-2009 tad-DĠ Affarijiet Marittimi enfasizza wkoll għadd ta' riskji fl-implimentazzjoni tar-regolament *de minimis*, inkluż: (i) l-impatt negattiv potenzjali fuq l-użu tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) fi Stati Membri fejn ingħatat prijorità lill-appoġġ *de minimis*, (ii) l-effett ta' distorsjoni potenzjali tal-varjabilità fl-użu tal-għajnuna *de minimis* minn Stati Membri differenti, u (iii) ir-riskju li għajnuna *de minimis* tintuża għall-appoġġ biex bastimenti jinżammu attivi kontra l-objettivi ta' riforma usa' li jitnaqqsu d-daqs u l-iskala tal-flotta tas-sajd;

22. jilqa' b'sodisfazzjon it-trasparenza li ngħatat lill-għajnuna de minimis permezz tal-inklużjoni ta' din id-data fir-rapport annwali tal-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-istat bħala fattur importanti li jassigura t-trasparenza tal-iskema

23. jirrikonoxxi li l-Kummissjoni Ewropea trid issib bilanċ fl-isforzi tagħha sabiex titnaqqas il-burokrazija u jiġi semplifikat u jkun iktar effiċjenti l-monitoraġġ ta' rekwiżiti, filwaqt li tiżgura biżżejjed trasparenza u kontroll, u jtenni li l-falliment tar-riformi preċedenti huwa ġustifikazzjoni biżżejjed għal monitoraġġ iktar strett u trasparenti tal-użu tal-Għajnuna mill-Istati f'dan is-settur;

24. jirrikonoxxi li hemm sejħiet biex jiżdiedu l-limiti attwali fuq l-għajnuna de minimis (EUR 30 000 lil intrapriża matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali) sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jingħataw iktar flessibilità biex jiġu appoġġjati interventi fil-livell territorjali, li titqies partikularment importanti meta wieħed iqis il-konċentrazzjoni għolja tas-sajd f'ċerti reġjuni u komunitajiet, u jirrikonoxxi li kull reviżjoni tal-limitu attwali ta' għajnuna de minimis teħtieġ li tqis il-ħtieġa li jiġu rispettati l-kompetizzjoni u s-suq komuni;

25. madankollu, jisħaq li hemm riskju li żieda fil-limiti fuq l-għajnuna de minimis tista' tipprovdi iktar skop għall-appoġġ għal prattiki tas-sajd mhux sostenibbli, u b'hekk jiddgħajjef l-objettiv globali tar-riformi tal-PKS biex ikun hemm sajd sostenibbli fl-UE, minkejja li dan ir-riskju jista' jiġi evitat f'każijiet speċifiċi ta' ambitu nazzjonali fejn in-nuqqas ta' sostenibbiltà jkun ikkawżat minn fatturi li mhumiex relatati mas-settur tal-produzzjoni jew tal-qbid tal-ħut;

26. għaldaqstant, jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha għar-regolamenti riveduti u bħala parti mill-evalwazzjoni tagħha tal-kontributi lill-proċess ta' konsultazzjoni, tipprovdi analiżi dettaljata tal-impatt potenzjali (f'termini tal-implimentazzjoni tar-riformi usa' tal-PKS) ta' (i) iż-żamma tal-limiti attwali *de minimis* għas-settur, (ii) żieda fil-limiti *de minimis*, u (iii) jitnaqqsu jew jitneħħew kollha kemm huma l-limiti *de minimis*;

27. jargumenta li din il-valutazzjoni tal-impatt għandha tħares ukoll lejn ir-rwol moqdi mill-miżuri ta' għajnuna *de minimis* bħala parti minn sensiela usa' ta' interventi pubbliċi fis-settur, b'mod partikolari kif huma jindirizzaw "lakuni" fil-provvediment li ma jistgħux jimtlew mill-ESIF il-ġdid, ir-regolament ġenerali dwar eżenzjoni tal-kategorija għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, u skemi ta' għajnuna notifikati għal dan is-settur;

28. jenfasizza l-ħtieġa għal użu iktar effettiv tal-ESIF matul il-perjodu 2014-2020 milli kien il-każ fir-rigward tal-FES s'issa, meta wieħed iqis li l-ESIF huwa mekkaniżmu ta' finanzjament ewlieni li permezz tiegħu l-appoġġ jista' jiġi mmirat lejn is-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura sabiex jilħqu l-għanijiet globali tar-riformi tal-PKS;

29. jikkunsidra li hemm mertu fl-esplorazzjoni tal-potenzjal li l-appoġġ għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura jiċċaqlaq mir-regolamenti settorjali *de minimis*/eżenzjoni tal-kategorija u jiġi inkluż minflok fil-qafas tar-regolamenti ġenerali *de minimis*/eżenzjoni tal-kategorija;

30. jisħaq li din il-bidla hija konformi mal-loġika tal-objettiv tal-Kummissjoni Ewropea li tistabbilixxi settur tas-sajd u tal-akkwakultura iktar effikaċi fuq l-aspetti kummerċjali u tan-negozju, u li jiġu studjati modi kif jiżdied valur lill-prodotti tas-sajd, jiġu żviluppati katini tal-provvista, l-ekonomija fuq l-art usa', u approċċi ġodda u innovattivi;

31. jinnota li bidla fl-appoġġ għal attivitajiet fuq l-art tas-setturi tal-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura sostenibbli għal regolament ġenerali *de minimis* għandha tippermetti li dawn il-miżuri jibbenefikaw mil-limiti ta' intervent ogħla ta' dak ir-regolament (bħalissa EUR 200 000), għandha tgħin biex jingħelbu ostakli għal investimenti fl-ekonomija fuq l-art, u tikkontribwixxi għall għan mixtieq li jiġi massimizzat il-"valur miżjud" potenzjali għall-komunitajiet tas-sajd lokali tal-prodotti ta' ħut;

32. jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkunsidra dan fir-reviżjoni tar-regolament dwar l-Għajnuna mill-Istati għas-sajd u l-akkwakultura, b'mod partikolari tevalwa l-benefiċċji ekonomiċi potenzjali li dan l-approċċ jista' jkollu għall-ekonomija fuq l-art u l-komunitajiet tas-sajd, filwaqt li tevalwa wkoll safejn din il-bidla tista' twassal għal "konsegwenzi mhux intenzjonati", pereżempju jiżdiedu l-prattiki tas-sajd mhux sostenibbli;

33. jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tirrivedi l-lista ta' miżuri ta' għajnuna inklużi fir-regolament dwar l-Eżenzjoni tal-Kategorija sabiex tiżgura li dawn ikunu konformi mar-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd, u li tiżgura li ma jkun hemm l-ebda ambitu, kemm permezz tar-regolamenti dwar l-Għajnuna mill-Istati, kif ukoll permezz tal-ESIF, li jiġu appoġġjati prattiki tas-sajd mhux sostenibbli;

34. jenfasizza l-iskop tar-regolament dwar l-Eżenzjoni tal-Kategorija biex jappoġġja firxa ta' miżuri akwa-ambjentali u ta' konservazzjoni, u jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex iżżomm u testendi l-ambitu tar-regolament sabiex jiġu permessi investimenti li jipproteġu, jikkonservaw u jsaħħu l-ambjent tal-baħar u marittimu, inkluż appoġġ għal riċerka tal-baħar u tal-akkwakultura, ġbir tad-data, appoġġ għas-settur f'dawk il-każijiet speċifiċi ta' ambitu nazzjonali fejn in-nuqqas ta' sostenibbiltà jkun ikkawżat minn fatturi li mhumiex relatati mas-settur tal-produzzjoni jew tal-qbid tal-ħut, eċċ.;

35. jappella lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, u lil partijiet interessati oħra biex iħarsu b'mod imaġinattiv lejn l-opportunitajiet ippreżentati minn dawn ir-regolamenti (u l-ESIF) sabiex jiżguraw li jiġu ottimizzati l-miżuri kollha li jsaħħu s-sostenibbilità tas-settur tas-sajd, l-ambjent tal-baħar u l-komunitajiet kostali;

Brussell, 29 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Linji gwida strateġiċi għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura fl-UE

(2014/C 114/08)

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

Il-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Linji Gwida strateġiċi għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura fl-UE, filwaqt li jenfasizza li l-produzzjoni tal-akkwakultura għandha titqies bħala waħda strateġika (bħal produzzjoni oħra fis-settur primarju) sabiex jingħata rispons għall-isfidi tal-futur rigward l-ikel, ir-riżorsi naturali u t-territorji;

2. jenfasizza l-importanza tat-tkabbir blu u l-ħtieġa assoluta ta' strateġija fil-livell Ewropew favur l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura sabiex jinkisbu l-objettivi tal-impjieg u taż-żieda fil-produttività tas-settur, b'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020 għall-irkupru ekonomiku fl-UE;

3. jitlob li mira ewlenija tal-linji gwida għandha tkun it-tnaqqis tas-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat permezz ta' approċċ fuq diversi livelli;

4. ifakkar li huwa appoġġja l-każ tal-akkwakultura f'għadd ta' Opinjonijiet preċedenti, u talab li din il-politika tiġi rikonoxxuta bħala tali, u li tiġi ffinanzjata u promossa b'mod adatt biex tkun tista' tabilħaqq issir alternattiva għas-sajd tradizzjonali. Għaldaqstant, il-Kumitat għandhu jiġi rikonoxxut bħala sieħeb kruċjali għall-promozzjoni ta' din il-politika;

5. jiġbed l-attenzjoni li, skont l-istimi tal-FAO, attwalment 47 % tal-ħut kollu maħsub għall-konsum mill-bniedem jiġi mill-akkwakultura, u jinnota b'dispjaċir li l-produzzjoni tal-akkwakultura fl-UE tirrappreżenta biss 2,3 % f'termini ta' volum u 4 % f'termini ta' valur fil-livell dinji ([1]);

6. jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-fatt li l-Ewropa, li kienet minn ta' quddiem fil-qasam tal-produzzjoni ta' ħut imrobbi, issa għandha bżonn timporta aktar minn 60 % tal-prodotti ta' akkwakultura, minkejja li hija perfettament kapaċi biex tipproduċi dan l-ikel fit-territorju tal-Unjoni, u b'hekk tkun qed toffri impjiegi għaċ-ċittadini tagħha u tirrispetta standards ogħla;

7. jagħraf il-ħtieġa biex il-potenzjal tal-akkwakultura jiġi żviluppat u biex dan is-settur staġnat jitbiddel f'wieħed ekonomiku li jirnexxi;

8. jilqa' b'sodisfazzjon l-għarfien dwar il-ħtieġa li jitnaqqas id-distakk bejn il-volum ta' prodotti tal-ħut kkunsmati fis-suq tal-UE u l-volum tal-qabdiet tas-sajd fl-UE, kif ukoll l-għarfien dwar ir-rwol li s-settur tal-akkwakultura għandu jaqdi biex jintlaħaq dan l-objettiv;

9. jenfasizza li llum, fl-ambitu Ewropew, l-iżvilupp sostenibbli sar prerekwiżit essenzjali fi kwalunkwe rotta ta' tkabbir soċjoekonomiku, u għal kull settur dan jitlob l-impenn politiku u r-riżorsi;

10. iqis li s-sostenibilità tal-iżvilupp tal-akkwakultura għandha tingħata importanza strateġika, minħabba l-interess dirett tar-reġjuni u l-komunitajiet lokali kollha (inklużi dawk mhux marittimi) u l-interdipendenza bejn il-politiki ambjentali, il-kwalità tal-ilmijiet (l-ibħra u l-ilmijiet interni) u l-prestazzjoni ekonomika tas-settur;

11. ifakkar li s-settur Ewropew tal-akkwakultura mhuwiex uniformi, iżda huwa kkaratterizzat minn serje eteroġena ta' tekniki ta' trobbija, inkluż sistemi ta' ċirkwit magħluq jew ċirkwit miftuħ, sistemi estensivi jew intensivi, sistemi li jitħaddmu fuq l-art, fil-lagi, fl-għadajjar, fil-widien jew f'tankijiet, qrib il-kosta jew f'baħar miftuħ, u jinkludi trobbija tal-ħut tal-ilma ħelu u tal-baħar u krustaċji, u huwa mifrux mill-ilmijiet keshin tal-Iskandinavja sa dawk aktar temperati fl-ibħra tan-Nofsinhar tal-Ewropa. Iżda indipendentament minn dawn id-differenzi, l-akkwakultura Ewropea għandha bżonn li tiġi appoġġjata biex issir settur ekonomiku kompetittiv u ta' valur kif ukoll sors ta' impjieg, għarfien u kburija fil-livell lokali;

([1]) Fatti u ċifri dwar il-politika komuni tas-sajd 2012. (Mhux disponibbli bil-Malti).

12. jirrikonoxxi l-ħtieġa għal kampanja ta' komunikazzjoni li tirrikonoxxi l-ġid u d-diversità u li tipproponi aktar trasparenza anke fl-ittikkettar tal-prodotti tal-akkwakultura li jagħmilha possibbli li ssir distinzjoni bejn il-prodotti li joriġinaw minn trobbija intensiva u dawk minn azjendi li jirrispettaw aktar il-kundizzjonijiet naturali (eż. tankijiet fuq il-baħar, eċċ.);

13. huwa tal-fehma li l-UE għandha taqdi rwol mexxej fl-iżvilupp ta' metodi ekoloġiċi u sostenibbli għat-tkabbir tal-ħut u għandha twitti t-triq għar-"revoluzzjoni l-blu" permezz tal-użu ta' teknoloġiji u sistemi innovattivi ta' produzzjoni, għalf, u tifqis tal-bajd u ħsad ta' ħut, li jiġu żviluppati fi ħdan l-Unjoni;

14. jaqbel mat-tħassib dwar l-istaġnar fil-produzzjoni tal-akkwakultura tal-UE, li għadha mhux qed tgawdi biżżejjed mill-vantaġġ kompetittiv assoċjat ma' kwalità għolja u sikurezza iġenika – tal-prodotti tal-ħut tal-ikel Ewropej;

15. jirrakkomanda li l-UE żżomm il-kontrolli fl-ogħla livell biex tiggarantixxi wkoll il-prodotti tal-akkwakultura importati, li ħafna drabi huma l-materja prima għal operazzjonijiet ta' pproċessar suċċessivi min-naħa tal-kumpaniji tal-UE, u li tiżgura qafas standardizzat għall-kundizzjonijiet ta' saħħa, iġene, xogħol u ambjent kemm għall-prodotti importati kif ukoll għal dawk "magħmulin fl-UE";

16. jiġbed l-attenzjoni dwar l-effetti ekonomiċi soċjali pożittivi li jistgħu jirriżultaw minn tkabbir fuq perjodu twil ta' żmien fis-settur tal-akkwakultura (u tal-katini ta' produzzjoni marbuta miegħu), filwaqt li titqies l-possibilità li tiġi sodisfatta d-domanda interna dejjem tikber u li attwalment hija koperta mill-importazzjoni u li dan jiskatta proċessi ta' tkabbir fl-impjieg fl-Unjoni Ewropea;

17. jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn li l-Kummissjoni qed turi sabiex tniedi proċess ta' kooperazzjoni volontarja li jkun jinvolvi lill-Istati Membri fit-tfassil ta' pjani strateġiċi nazzjonali pluriennali, jirrakkomanda madanakollu li l-ħolqien ta' indikaturi li jkejlu l-progress ma jġibx miegħu burokrazija żejda għall-intrapriżi u l-awtoritajiet lokali;

18. jiddispjaċih għan-nuqqas ta' referenzi għar-rwol li jistgħu jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura, pereżempju billi jippromovu l-għarfien dwar il-prodotti tal-akkwakultura permezz ta' programmi ta' informazzjoni fl-iskejjel u billi jħeġġu l-konsum ta' prodotti lokali u tal-istaġun (katina tal-provvista qasira);

19. jirrakkomanda li l-kontribut tar-reġjuni, li f'xi Stati Membri għandhom kompetenza fil-qasam tal-iżvilupp ekonomiku, ikun jista' jiġi rikonoxxut fl-ambitu tal-Kunsill Konsultattiv għall-Akkwakultura li huwa propost li jitwaqqaf;

20. jagħraf l-importanza li jista' jkollhom għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura, il-konformità mar-rekwiżiti tal-UE fl-oqsma tal-ambjent, is-saħħa pubblika, il-protezzjoni tal-konsumatur u s-sostenibbiltà ambjentali, li abbaži tagħhom għandhom jitfasslu b'mod koerenti l-objettivi komuni tal-pjani strateġiċi nazzjonali pluriennali;

21. jappoġġja wkoll il-bżonn ta' promozzjoni qawwija tal-applikazzjoni tal-leġislazzjoni Ewropea fil-qasam tal-ambjent mingħajr l-impożizzjoni ta' rekwiżiti bla bżonn fuq l-operaturi fis-settur; f'dan ir-rigward l-għarfien tal-produtturi stess u dak tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jkun deċiżiv fl-ambitu tal-Kunsill Konsultattiv għall-Akkwakultura;

22. jenfasizza l-importanza li kellhom il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati u jittama li dawn il-konsultazzjonijiet ikunu jistgħu jerġgħu jintalbu sa tmiem l-2017 fl-okkażjoni tal-valutazzjoni interim prevista għall-pjani nazzjonali;

23. jagħraf, bħall-Kummissjoni, li l-isfidi ewlenin li ġew identifikati minnha u l-linji gwida rispettivi, li jiffokaw fuq il-bżonn: a) li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi; b) li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ispazju u l-ilma; c) li tiżdied il-kompetittività tas-settur; u d) li jingħata kontribut biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs u jsir użu mill-vantaġġi kompetittivi li toffri l-akkwakultura fl-UE;

24. ifakkar li aktar minn 90 % tal-attivitajiet tal-akkwakultura jsiru minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li l-vijabbiltà ġenerali u l-iżvilupp sostenibbli tagħhom jiddependu mit-trasparenza, minn proċeduri amministrattivi effiċjenti u mill-kapaċità ta' previżjoni. Mingħajr qafas ċar, l-operaturi ekonomiċi mhumiex f'pożizzjoni li jagħmlu għażliet infurmati sabiex jinvestu u jkabbru l-attivitajiet tagħhom, u b'hekk joħolqu l-impjiegi u jżidu l-produzzjoni;

Semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi

25. jiddeplora l-fatt li ostakli għall-ħolqien ta' impjanti ġodda fis-settur tal-akkwakultura li diġà ssemmew fil-Komunikazzjoni tal-2002 u fl-Opinjoni relatata tal-KtR, mhux biss għadhom hemm, iżda qed ifixklu ukoll l-aċċess għal din l-attività kummerċjali. It-tul medju ta' 2-3 snin għall-proċedura li tintalab biex tinħoloq impriża ġdida tal-akkwakultura (meta mqabbel ma' sitt xhur biss fin-Norveġja, produttur Ewropew mexxej f'dan il-qasam) huwa ta' qtigħ il-qalb u jiskoraġġixxi diversi intraprendituri potenzjali u b'mod ġenerali jpoġġi l-UE fi żvantaġġ meta mqabbel mal-kompetituri tagħha fil-livell dinji. Leġislazzjoni li tkun tista' tnaqqas il-medja tat-tul ta' żmien u d-differenzi bejn l-Istati Membri tidher dejjem aktar meħtieġa;

26. jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra r-rendiment massimu sostenibbli fil-linji gwida strateġiċi tagħha;

27. jaqbel mal-possibbiltà li l-Kummissjoni tkun tista' taħdem mal-awtoritajiet kompetenti, abbażi tad-data miġbura mill-Istati Membri, biex jiġu identifikati prattiki tajbin u jkun hemm lok għal titjib f'termini ta' effiċjenza amministrattiva; barra minn hekk, din l-analiżi għandha tiġi applikata wkoll għal proċeduri marbuta mal-għoti tal-kontribut Komunitarju favur l-impriżi tal-akkwakultura;

28. ifakkar li fl-Ewropa, il-ħruġ ta' liċenzji għall-azjendi tat-trobbija tal-ħut u l-appoġġ għall-intrapriżi tal-akkwakultura li huma żgħar jew ta' daqs medju huwa ta' spiss fil-kompetenza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Hekk kif qed iħabbtu wiċċhom ma' leġislazzjoni ambjentali ħarxa, mal-pressjoni mill-NGOs favur l-ambjent u mill-industrija tat-turiżmu, fuq naħa waħda, u mat-tnaqqis ekonomiku tas-sajd tradizzjonali u ż-żieda fil-qgħad, min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jibbenefikaw biss minn linji gwida ċari għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura Ewropea.

29. jinnota li, anke fir-rigward tal-promozzjoni ta' prattiki amministrattivi tajbin, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jagħtu kontribut kbir, l-ewwel nett billi jagħmlu disponibbli l-informazzjoni li l-Istati Membri ntalbu jiġbru sa tmiem l-2013;

Niżguraw l-iżvilupp u t-tkabbir sostenibbli tal-akkwakultura permezz ta' ppjanar koordinat tal-ispazju

30. jinnota li l-akkwakultura tidher li għandha tendenza li tkun aktar vulnerabbli mis-sajd fejn jidħlu effetti ta' tniġġis, u jidher li huwa importanti li l-Istati Membri jiġu mħeġġin iħejju "mapep ta' riskju" u "mapep ta' impatt" għaż-żoni interni, għall-baħar territorjali u għaż-żoni kostali; dawn il-mapep jistgħu jintbagħtu lill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-infrastrutturi u l-funzjonijiet li jista' jkollhom impatt fuq il-kwalità tal-ilmijiet, il-miżuri ta' mitigazzjoni fis-seħħ, u l-kampanji ta' monitoraġġ, u dwar proġetti ġodda kbar, eċċ.;

31. jirrikonoxxi li s-settur tal-akkwakultura jkun jista' jikseb benefiċċju jekk ikun hemm ippjanar koordinat tal-ispazju, li huwa kruċjali wkoll fil-qasam marittimu biex jitnaqqsu l-kunflitti bejn tipi ta' użi differenti li jikkoinċidu, biex tiżdied is-sostenibbiltà tal-istess użi, biex titnaqqas l-inċertezza, biex jiġu ffaċilitati l-investimenti u biex jitħaffef l-iżvilupp tal-impriżi tal-akkwakultura;

32. huwa tal-parir li jsir l-aħjar użu mill-possibbiltà li jiġu involuti l-gruppi ta' ħidma dwar il-kosta fil-faži tal-ippjanar tat-territorju. Dawn il-gruppi jistgħu jagħmluha possibbli li jinvolvu t-territorju fl-ipprogrammar u l-ġestjoni tar-riżorsi, u jistgħu jwasslu l-opinjoni ta' għadd kbir ta' partijiet interessati;

33. jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-akkwakultura u s-sajd, għax l-iżvilupp ta' sinerġiji bejniethom jissarraf f'benefiċċji għan-negozji u l-komunitajiet kostali u tal-gżejjer, meta jitiqies li l-unitajiet ta' xogħol li qed jonqsu mis-settur tas-sajd jistgħu jiġu kkumpensati minn żieda fis-settur tal-akkwakultura li dejjem qed jikber; barra dan, jekk ikun hemm sinerġija fl-iżvilupp tal-kooperazzjoni bejn l-akkwakultura u l-attività ta' pproċessar u tal-kummerċ, din toħloq valur miżjud għall-prodotti tal-akkwakultura;

34. jistieden lill-Kummissjoni biex waqt li l-Istati Membri jkunu qed ifasslu l-pjani strateġiċi nazzjonali pluriennali titlobhom iwettqu analiżi tal-impatti fuq in-negozji tal-akkwakultura li joperaw fuq il-kosta, tal-kriterji ta' mitigazzjoni tal-impatti, tal-miżuri kompensatorji li jistgħu jibbenefikaw minnhom l-istess kumpaniji;

35. jaqbel mal-importanza li jista' jkollha l-identifikazzjoni ta' żoni aktar adatti għall-akkwakultura tal-ilma ħelu, bit-tama li fil-prattiki nazzjonali tajba li jridu jinstabu mill-Istati Membri ikun hemm elementi li jirrigwardaw l-akkwakultura tal-ilma ħelu;

36. jaqbel mal-possibbiltà li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-intraprendituri filwaqt li jitqies l-aspett tal-impatti ambjentali tal-impriżi tal-akkwakultura bħala parti mill-proċess ta' ppjanar tal-ispazju;

37. jittama li fil-linji gwida strateġiċi tkun tista' tiddaħħal referenza dwar l-importanza li l-ambjenti b'ilma salmastru (bwar u laguni) jista' jkollhom bħala parti mill-ippjanar koordinat taż-żona kostali, minħabba li dawn jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti għan-nisġa soċjoekonomika fi żminijiet ta' kriżi minbarra li jżidu l-produzzjoni tal-akkwakultura fl-UE;

Promozzjoni tal-kompetittività tal-akkwakultura tal-UE

38. jaqbel mal-valutazzjoni tal-impatti pożittivi li jistgħu jirriżultaw għall-impriżi tal-akkwakultura permezz ta' organizzazzjoni tas-suq iktar effiċjenti u permezz ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi aktar strutturati;

39. jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli l-konsultazzjoni diretta mal-organizzazzjonijiet tal-produtturi li joperaw fl-akkwakultura bl-għan li tenfasizza l-ostakoli ewlenin għall-iżvilupp li jiltaqgħu magħhom l-organizzazzjonijiet stess u l-mekkaniżmi li possibbilment intużaw biex isolvu dawn id-diffikultajiet;

40. jirrikonoxxi li fil-pjani tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni, ippreparati mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, hemm strumenti magħżulin sabiex tittejjeb il-kompetittività tal-impriżi tal-akkwakultura (flimkien mal-ftehimiet tal-katina alimentari, mal-ftehimiet interprofessjonali u mal-politiki dwar il-marka) u sabiex jindirizzaw b'mod effiċjenti l-istennijiet tal-konsumaturi li dejjem jikbru dwar il-kwalità u d-diversità ta' oġġetti tal-ikel;

41. jenfasizza r-rwol li l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-aġenziji tagħhom (li joperaw fir-riċerka u l-ittestjar) jista' jkollhom kemm fl-appoġġ ta' riċerka mmirata lejn is-suq, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien, kif ukoll fl-appoġġ li jagħtu lill-Istati Membri fil-promozzjoni u l-implimentazzjoni tas-sinerġiji bejn id-diversi programmi ta' riċerka nazzjonali;

42. iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tagħti attenzjoni kbira lill-problema mill-iktar serja għall-akkwakultura estensiva u għall-bijodiversità li tirriżulta mill-impatt ta' għasafar u speċijiet oħrajn ta' annimali (eż. il-lontra Ewropea) li jieklu l-ħut, u biex tevalwa l-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' derogi li jistgħu jingħataw lil Stati Membri skont id-Direttiva dwar l-Għasafar u d-Direttiva dwar l-Ħabitati; barra dan għandu jiġi studjat jekk il-protezzjoni rigoruża ta' "speċijiet tal-annimali problematiċi" li jieklu l-ħut f'reġjuni speċifiċi hijiex wara kollox konformi mal-liġi tal-UE, sabiex ikunu jistgħu jiġu ġustifikati b'mod faċli l-eċċezzjonijiet meħtieġa fl-Istati Membri, abbażi tal-klassifikazzjonijiet emendati;

43. iqis li huwa f'waqtu ħafna li l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiżviluppaw u jappoġġaw programmi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali adatti għall-bżonnijiet tas-suq tal-akkwakultura u dawn għandhom jipprovdu informazzjoni konklussiva dwar dak li joffru attwalment u dwar id-direzzjoni ta' żvilupp li qed isegwu;

44. jemmen, fir-rigward tat-trasferiment tal-għarfien u ta' prattiki tajbin u l-innovazzjoni, li l-Kummissjoni tista' taġixxi, jew billi tgħaddi għat-twaqqif tal-Osservatorju Ewropew tas-Swieq li huwa ppjanat, jew billi tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiffokaw il-programmi operattivi futuri lejn appoġġ aktar mifrux għall-impriżi tal-akkwakultura (partikolament dawk kollettivi) li jwettqu proġetti ta' trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni;

Promozzjoni ta' ambjent ekwu għall-operaturi tal-UE billi jintużaw il-vantaġġi kompetittivi

45. jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-konsumaturi jkunu infurmati sew dwar il-kwalità tal-prodotti kollha tal-akkwakultura, kemm dawk Ewropej kif ukoll dawk li mhumiex; għaliex l-informazzjoni tajba tista' biss issaħħaħ il-kompetittività tas-settur;

46. jikkunsidra li jkun adatt li, fir-rigward tat-tikkettar u ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji, il-pjani strateġiċi nazzjonali pluriennali jipprovdu qafas aġġornat, valutazzjoni ġenerali dwar il-qagħda attwali, kif ukoll jippromovu uniformità fil-livell tal-UE;

47. jittama li, fil-linji gwida strateġiċi għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura fl-UE, ikun jista' jiġi enfasizzat ir-rwol li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-gruppi ta' azzjoni kostali jista' jkollhom fil-promozzjoni integrata tal-azjendi tal-akkwakultura u tat-territorji fejn dawn jitwaqqfu, objettivi li r-reġjuni jistgħu jipparteċipaw fihom b'mod konkret;

48. iqis, li fir-rigward tat-traċċabilità tal-prodotti u tal-ktajjen qosra tal-provvista alimentari, l-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jivvalutaw l-esperjenzi pożittivi li ħarġu mis-settur tal-agrikoltura u jinkoraġġixxu l-applikazzjoni għall-azjendi tal-akkwakultura sabiex titjieb il-kompetittività tagħhom;

49. iqis li l-pjani ta' ġestjoni lokali tas-sajd għandhom jitiqiesu wkoll f'termini ta' sinerġiji mas-settur tal-akkwakultura, peress li dawn iħabbtu wiċċhom ma' kwistjonijiet komuni bħal żoni għat-trobbija ta' ħut żgħir, l-istaġuni tal-produzzjoni, il-forniment tas-swieq, unitajiet tax-xogħol li qed jonqsu fis-settur tas-sajd, eċċ.;

50. jisħaq dwar kemm hu importanti li tingħata l-akbar attenzjoni għall-kontribut li d-domanda għal prodotti organiċi, li dejjem qed tiżdied, tista' toffri għat-tkabbir tas-settur;

51. jaqbel mat-tqassim tal-objettivi (Stati Membri; Kummissjoni; Kunsill Konsultattiv għall-Akkwakultura); iħoss li fl-objettiv għall-Istati Membri għandu jkun possibbli li tiddaħħal ukoll l-importanza tas-sħubijiet lokali bejn is-settur pubbliku u dak privat biex jagħtu ħajja lill-gruppi ta' azzjoni kostali, għax temi bħal dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur tal-akkwakultura;

Governanza ġdida biex tappoġġa l-akkwakultura fl-UE

52. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni kkunsidrat ir-Rakkomandazzjoni tal-KtR (imfassla fl-Opinjoni CdR20/2003) biex tistabbilixxi kumitat konsultattiv speċifiku għall-akkwakultura bl-għan li jipprovdi fatturi oġġettivi lil dawk li jfasslu l-politika. Ifakkar ukoll li l-Kumitat huwa lest li jservi ta' forum u garanti tal-parteċipazzjoni u l-għarfien tal-pubbliku dwar kwistjonijiet marbuta mal-akkwakultura, sabiex jgħin [...] biex tittejjeb il-governanza fis-settur tal-akkwakultura" ([2]).

Brussell, 29 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

([2]) ĠU C 141, 29.5.2010, pp. 37-44.

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-104 SESSJONI PLENARJA TAT-28 U D-29 TA' NOVEMBRU 2013

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Riċerkaturi, studenti, volontarji u kategoriji oħra ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi

(2014/C 114/09)

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Qafas ta' referenza

1. jiġbed l-attenzjoni li t-Trattat ta' Lisbona jipprevedi t-tisħiħ tar-rwol tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-politika tal-immigrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi bil-għan li jkun hemm ġestjoni effiċjenti tal-flussi ta' migrazzjoni, trattament ġust taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fl-Istati Membri, u l-prevenzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-persuni. Għal dan il-għan, it-Trattat jiddikjara li l-Parlament u l-Kunsill għandhom jadottaw miżuri b'mod partikolari rigward il-kundizzjonijiet tad-dħul, ta' residenza u tal-moviment liberu fit-territorju tagħha, l-istabbiliment ta' standards dwar il-ħruġ ta' viżi u ta' permessi ta' residenza fit-tul mill-Istati Membri, fosthom id-dispożizzjonijiet dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja. F'dak li jirrigwarda l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, it-Trattat jindika b'mod ċar li l-UE tista' tieħu miżuri ta' appoġġ għall-Istati Membri iżda dan m'għandux il-għan li jarmonizza d-dispożizzjonijiet legali u regolamentari tal-Istati Membri;

2. jinnota li l-Istati Membri jżommu r-responsabbiltà fid-deċiżjoni dwar l-għadd ta' migranti ta' pajjiżi terzi li huma lesti li jilqgħu fit-territorju tagħhom biex jaħdmu. Jekk fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-integrazzjoni tal-migranti hija prinċipalment ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali, madankollu huma l-awtoritajiet reġjonali u lokali li għandhom l-ewwel responsabbiltà li jimplimentaw il-politiki tal-integrazzjoni f'oqsma bħall-edukazzjoni, is-saħħa, l-akkomodazzjoni u s-suq tax-xogħol;

3. ifakkar li l-programm ta' Stokkolma, li jiddefinixxi l-prijoritajiet tal-Unjoni fl-oqsma tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà għall-perjodu 2010-2014, jirrikonoxxi l-kontribut pożittiv li l-flussi migratorji ġestiti tajjeb jistgħu jagħtu għall-bini ta' soċjetà ġusta u inklużiva, kif ukoll għal ekonomija kompetittiva, u jenfasizza kemm hija importanti l-integrazzjoni aktar effikaċi tal-immigranti legali fil-livell soċjali, ekonomiku u kulturali sabiex jiġu żgurati l-effetti pożittivi tal-migrazzjoni kemm għall-migranti kif ukoll għas-soċjetajiet ospitanti;

4. isemmi mill-ġdid li l-Aġenda Ewropea l-ġdida għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi tqis li l-immigrazzjoni tagħti kontribut pożittiv għall-iżvilupp tal-UE u li tipproponi miżuri biex titjieb l-integrazzjoni tal-migranti. Il-Kummissjoni Ewropea tħares lejn l-integrazzjoni bħala proċess evoluttiv li huwa r-responsabbiltà konġunta ta' diversi livelli ta' poter u jitlob sforzi kontinwi fid-dawl tal-iżviluppi li jiġu notati kif ukoll kooperazzjoni kostanti mill-partijiet interessati;

5. iqis li fost l-isfidi li l-Ewropa għandha quddiemha llum hemm dik tat-tixjiħ demografiku li qed jinteraġixxi mal-kriżi ekonomika dinija reċenti b'mod li qed jinħoloq defiċit fir-riżorsi umani kkwalifikati u bħala effett immedjat qed jinħoloq ostaklu għad-dinamiżmu ekonomiku, is-saħħa kompetittiva, il-kreattività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tagħha. F'dan il-kuntest, l-aċċettazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu għal raġunijiet ta' riċerka, studju, taħriġ prattiku, volontarjat, biex jieħdu sehem fi programmi ta' skambju jew biex isibu impjieg bħala au pairs tikkontribwixxi biex timtela din il-ħtieġa ta' kapital uman;

6. jiġbed l-attenzjoni li l-pajjiżi Ewropej qegħdin jiffaċċjaw nuqqas ta' ħaddiema f'għadd ta' setturi u għandhom postijiet battala li ma jistgħux jimtlew minn ħaddiema kkwalifikati biżżejjed li jgħixu fil-pajjiż jew li huma ċittadini tal-UE, partikolarment f'ċerti setturi partikolari bħas-saħħa, ix-xjenzi u t-teknoloġiji;

7. jirrimarka għal darb'oħra li t-tisħiħ tal-kapital uman jifforma wieħed mill-għanijiet politiċi li huma mogħtija b'mod ċar lill-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv fl-UE;

8. jiġbed l-attenzjoni li d-Direttiva 2005/71/KE tipprevedi proċedura mħaffa għall-ammissjoni ta' riċerkaturi ġejjin minn pajjiżi terzi li jkunu ffirmaw ftehim ta' akkoljenza ma' korp ta' riċerka rikonoxxut mill-Istat Membru. Dan il-ftehim jiċċertifika li ġie stabbilit proġett ta' riċerka f'forma xierqa u sħiħa u li r-riċerkatur interessat għandu l-kompetenzi xjentifiċi meħtieġa biex iwettqu, kif ukoll riżorsi finanzjarji suffiċjenti u assigurazzjoni tas-saħħa. Barra minn hekk ir-riċerkaturi għandhom il-possibbiltà li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor b'rabta mal-proġett tagħhom ta' riċerka u anke jgħallmu hemm, skont il-kundizzjonijiet previsti mil-liġi nazzjonali;

9. jinnota li d-Direttiva 2004/114/KE tistabbilixxi dispożizzjonijiet vinkolanti għall-ammissjoni ta' studenti minn pajjiżi terzi. L-applikazzjoni tagħha għal studenti, volontarji u persuni li jitħarrġu mingħajr ħlas titħalla fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Sakemm huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti, dawn l-istudenti jistgħu jitolbu permess ta' residenza, igawdu minn ċerti drittijiet rigward l-impjieg tagħhom u huma awtorizzati li jiċċirkolaw fi Stat Membru ieħor barra dak li jkunu qed jistudjaw fih;

10. jinnota li m'hemm l-ebda direttiva dwar l-ammissjoni ta' apprentisti mħallsin jew dwar persuni li jaħdmu bħala au pair u li l-Istati Membri kollha m'għandhomx oqfsa legali unifikati jew sempliċement simili biex jirregolaw ix-xogħol tagħhom. Barra minn hekk, fil-parti l-kbira tagħhom, huma ma adottawx il-Konvenzjoni dwar il-ħaddiema domestiċi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), li ser tidħol fis-seħħ f'Settembru 2013;

11. jindika li din l-Opinjoni tal-KtR tkompli ma' għadd ta' opinjonijiet oħra adottati preċedentement u għandha l-għan li twassal il-fehmiet tal-KtR rigward il-mod li bih għandhom jiġu regolati l-ammissjoni u r-residenza, fit-territorju tal-UE, taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, li jiġu bi skop ta' riċerka, studju, skambju ta' studenti, taħriġ imħallas u mhux, volontarjat jew xogħol bħala au pair. Fost affarijiet oħra fiha proposti għal parteċipazzjoni aktar attiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'din il-kwistjoni u għal applikazzjoni effikaċi tad-Direttiva;

Il-prinċipji fundamentali

12. isostni li l-politiki ta' akkoljenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu konformi mal-valuri fundamentali Ewropej, bħal ngħidu aħna r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tad-diversità, il-ġlieda kontra kull tip ta' diskriminazzjoni, il-promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs u tat-tolleranza. Għandhom ikunu konformi wkoll mal-politiki fundamentali tal-UE fl-oqsma tal-koeżjoni, l-impjiegi, l-iżvilupp, ir-relazzjonijiet esterni, kif ukoll il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja;

13. jemmen li l-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trattament indaqs hija determinanti għall-kwalità tas-sistemi demokratiċi, li hija kisba fundamentali fil-kultura tal-Unjoni Ewropea u tifforma parti integrali minn din l-istess kultura;

Metodu

14. iqis li l-metodu tal-governanza f'diversi livelli huwa l-aktar wieħed adatt biex jinkisbu l-aħjar riżultati fil-qasam tad-dħul u r-residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dan l-approċċ għandu jkun konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà li jirregola l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

15. huwa konvint li kull inizjattiva li tittieħed fil-qasam tal-migrazzjoni trid tistrieħ fuq għanijiet strateġiċi u impenji komuni mal-pajjiżi terzi biex tagħti riżultati konkreti. L-isforzi li qed isiru biex l-UE ssir attraenti u aktar aċċessibbli għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jridu jidħlu fil-qafas ta' djalogu li l-UE trid tiftaħ ma' dawn il-pajjiżi u tistabbilixxi magħhom l-għanijiet tal-azzjoni esterna tagħha u tal-politika tagħha fir-rigward tal-migrazzoni fil-fruntieri esterni, kif ġew definiti fil-verżjoni riveduta tal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità (GAMM).

Titjib tal-qasam leġislattiv u indirizzar tal-punti dgħajfa

16. huwa tal-fehma li d-dgħufijiet li hemm fil-qafas legali attwali għandhom jiġu rimedjati, biex titħeġġeġ il-mobbiltà tar-riċerkaturi u tal-istudenti tal-pajjiżi terzi billi jiġu mħajra jiċċaqalqu lejn l-UE. Iż-żieda fil-flussi migratorji b'potenzjal ta' ħaddiema bi kwalifiki għoljin ħafna minn pajjiżi terzi tikkontribwixxi biex il-ħtiġijiet tal-Unjoni jiġu sodisfatti;

17. jappoġġja l-Proposta għal Direttiva COM(2013) 151 li għandha l-għan li ttejjeb il-qafas legali li japplika għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jidħlu fl-UE u jibqgħu b'mod temporanju għal iktar minn tliet xhur biex jagħmlu riċerka jew jistudjaw, biex jiksbu esperjenza u/jew jieħdu sehem f'attivitajiet differenti bil-għan li jtejbu l-kompetenzi u l-ħiliet tagħhom, pereżempju bħala riċerkaturi, studenti, volontarji, apprentisti bi ħlas jew mhux jew bħala au pairs;

18. jappoġġja lill-UE fl-isforzi li qed twettaq biex tibqa' ċentru li jattira lill-istudenti u r-riċerkaturi. Hija għandha potenzjal apprezzabbli fil-qasam tal-kompetenzi u tal-infrastrutturi indispensabbli għall-iżvilupp ta' ċentri internazzjonali ta' eċċellenza f'diversi setturi tar-riċerka u oqsma ta' għarfien. Madankollu, jekk trid tibqa' kompetittiva fil-livell internazzjonali, l-Istati Membri tagħha jridu jiżviluppaw il-kooperazzjoni ekonomika u xjentifika tagħhom u, b'mod parallel, jadottaw programmi u għanijiet komuni. Barra minn hekk, peress li reġjuni oħra fid-dinja qed isiru dejjem aktar attraenti għall-istudenti, ir-riċerkaturi u l-ħaddiema migranti bi kwalifiki għoljin, l-UE trid titratta b'mod effikaċi l-punti dgħajfa biex fl-Ewropa jiġu attirati l-gruppi kkonċernati;

19. jikkunsidra li direttiva hija strument leġislattiv adegwat biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet tar-regoli attwali, kif ukoll biex jiġi garantit qafas ġuridiku koerenti. Hija tippermetti li jiġu stabbiliti regoli komuni vinkolanti dwar il-kundizzjonijiet ta' ammissioni, il-proċeduri u l-awtorizzazzjoni filwaqt li tagħti lill-Istati Membri l-flessibbiltà meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħha;

20. jiddispjaċih li l-Kummissjoni Ewropea ma tagħmilx referenza diretta għall-adozzjoni ta' mudell "minn isfel għal fuq" u li l-valutazzjoni tal-impatt li saret ma tqisx il-limitazzjonijiet speċifiċi li l-politika ta' ammissjoni u ta' residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandha fuq il-livell lokali u reġjonali;

21. jilqa' b'sodisfazzjon l-istabbiliment ta' qafas komuni għall-kategoriji kollha ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu eżaminati. Mekkaniżmu effikaċi li jiġbed migranti b'talent irid ikun bilfors ibbażat fuq kundizzjonijiet u rekwiżiti ta' ammissjoni komuni u semplifikati;

22. jagħraf il-ħtieġa li jinħoloq qafas leġislattiv trasparenti u koordonat dwar il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni u ta' residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jekk irridu li l-Unjoni ssir aktar attraenti u tkun toffri aċċess aktar faċli għaċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi. Il-liġijiet tal-UE għandhom ikopru dawn il-kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza, il-viżi u l-permessi ta' residenza fit-tul, id-drittijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jibqgħu b'mod legali f'pajjiż tal-UE, kif ukoll id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-mobbiltà tagħhom fi ħdanha;

23. jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu hekk kif jinnota li l-mekkaniżmi komuni tad-Direttiva ser jiġu applikati għall-apprentisti bi ħlas u għall-au pairs u jaħseb li l-għoti ta' statut ġuridiku lil dawn iż-żewġ kategoriji joffri assigurazzjoni indispensabbli biex jiġi garantit trattament ġust taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiffurmaw parti minn dawn il-kategoriji;

24. jappoġġja l-istabbiliment ta' garanizi ta' proċedura rigward l-għoti jew ir-rifjut ta' permess ta' residenza (Artikolu 29);

25. huwa favur l-adozzjoni ta' miżuri li jsaħħu l-mobbiltà fi ħdan l-UE għall-kategoriji kollha kkonċernati, filwaqt li ġew stabbiliti regoli aktar favorevoli għal dawk li jibbenefikaw mill-programmi Ewropej ta' mobbiltà bħal Erasmus Mundus u Marie Curie (Artikolu 29);

26. jindika l-qbil tiegħu mas-semplifikazzjoni tal-proċeduri li jirregolaw l-għoti ta' permess ta' residenza u jqis pożittiv l-obbligu fuq l-Istati Membri li jagħtu informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni u ta' residenza (Artikolu 30);

27. iżomm mal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità biex jiġu stabbiliti l-miżati li jridu jitħallsu biex it-talba tiġi proċessata (Artikolu 31);

28. huwa sodisfatt jinnota li ġie rikonoxxut id-dritt li l-kategoriji kollha jiġu ttrattati b'mod ugwali bħaċ-ċittadini tal-pajjiż li qed jospitahom f'dak li jirrigwarda l-aċċess għall-beni u għas-servizzi, għalkemm saret eċċezzjoni għall-proċeduri biex tinkiseb akkomodazzjoni (Artikolu 21(2));

29. jappoġġja l-mekkaniżmi li jagħtu lill-istudenti d-dritt li jaħdmu tal-anqas 20 siegħa fil-ġimgħa fil-pajjiż li jilqagħhom, u li jiftħu l-aċċess għas-suq tax-xogħol lill-membri tal-familji tagħhom, peress li ladarba l-istudji tagħhom ikunu ġew stabbiliti sew, il-familji jkunu awtorizzati jibqgħu fil-pajjiż ikkonċernt għal perjodu massimu ta' tnax-il xahar biex ifittxu xogħol;

30. japprova l-mekkaniżmi fl-Artikoli 32 u 33 li jipprevedu l-ġbir ta' data statistika meħtieġa biex jiġi deċiż l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ser jirċievu awtorizzazzjoni ta' ammissjoni fil-qafas tad-direttiva l-ġdida;

31. jikkunsidra importanti l-fatt li r-riċerkaturi mhumiex suġġetti għar-restrizzjonijiet li jirrigwardaw is-sigurtà soċjali previsti mid-Direttiva 2011/98/KE dwar il-permess uniku;

Proposti biex jinkisbu l-għanijiet

32. iqis li huwa meħtieġ approċċ integrat biex jinkisbu l-għanijiet tad-Direttiva, li l-għan aħħari tagħha huwa l-iżvilupp ta' ekonomija Ewropea kompetittiva f'ambjent internazzjonali. Huwa importani li l-isforzi li jsiru biex jiġi attirat dan il-potenzjal uman minn pajjiżi terzi ma jkunux limitati biss għall-kundizzjonijiet ta' ammissjoni u ta' residenza taċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi, iżda jkunu jikkonsistu wkoll fl-appoġġ ta' miżuri indispensabbli biex huma jintegraw fis-soċjetà lokali, li jistgħu jikkonċernaw firxa wiesgħa ta' politiki, bħall-edukazzjoni, l-impjieg, is-saħħa pubblika jew il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, biex insemmu biss ftit eżempji;

33. jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jipprovdu qafas legali adatt sabiex jiġi garantit it-trattament indaqs tal-apprendisti mħallsa u l-assistenti domestiċi (au pairs), u jħeġġiġhom biex jadottaw il-"Konvenzjoni dwar Ħaddiema Domestiċi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol";

34. huwa tal-fehma li l-implimentazzjoni tal-governanza f'diversi livelli tifforma kundizzjoni essenzjali għar-regolamentazzjoni b'suċċess tar-regoli ta' dħul u ta' residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju Ewropew. Il-Kumitat tar-Reġjuni jixtieq jenfasizza li biex il-politika li għandha l-għan li tiġbed il-migranti b'talent titwettaq b'mod effikaċi, hemm bżonn li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jieħdu sehem attiv fil-promozzjoni tal-mobbiltà tal-gruppi ta' persuni koperti mill-proposta għal Direttiva. Id-definizzjoni tal-kundizzjonijiet tad-dħul u ta' residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE u, għaldaqstant, tal-akkoljenza u l-integrazzjoni tagħhom fi ħdan l-Istati Membri huwa qasam ta' azzjoni u ta' interess b'implikazzjonijiet kbar għall-awtoritajiet lokali u reġjonali. L-awtoritajiet reġjonali jaqdu rwol deċiżiv sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għas-servizzi relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-impjieg, l-akkomodazzjoni u servizzi oħra pubbliċi;

35. huwa konvint li approċċ Ewropew koerenti jrid jiġi akkumpanjat minn analiżi rilevanti tal-ispejjeż, biex jinżamm kont tal-ispiża finanzjarja u tal-piż amministrattiv li l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tista' toħloq għall-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Huwa jfakkar li jifformaw il-ħolqa li toffri lill-migranti l-possibbiltà li jistabbilixxu relazzjoni b'saħħitha u kostruttiva mas-soċjetà li tilqagħhom. Dan il-kompitu jista' jinvolvi spejjeż addizzjonali għar-reġjuni u l-muniċipalitajiet, li f'kuntest ta' ekonomiji f'reċessjoni u awsterità baġitarja severa, ta' spiss jintalbu jiffaċċjaw l-isfidi tal-integrazzjoni, li huma partikolarment diffiċli iżda anke iktar neċessarji fi żminijiet bħal dawn.

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI**

Emenda 1

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Din id-Direttiva għandha wkoll l-għan li tinkoraġġixxi l-kuntatti bejn il-persuni kif ukoll il-mobilità, bħala elementi importanti tal-politika esterna tal-Unjoni, b'mod speċjali fejn jidħlu l-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat jew l-imsieħba strateġiċi tal-Unjoni. Għandha tippermetti kontribut aħjar fl-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità u s-Shubijiet għall-Mobilità tiegħu, li joffru qafas konkreti għad-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi l-iffaċilitar u l-organizzazzjoni tal-migrazzjoni legali.	Din id-Direttiva għandha wkoll l-għan li tinkoraġġixxi l-kuntatti bejn il-persuni kif ukoll il-mobilità, bħala elementi importanti tal-politika esterna tal-Unjoni, b'mod speċjali fejn jidħlu l-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat jew l-imsieħba strateġiċi tal-Unjoni. Għandha tippermetti kontribut aħjar fl-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità u s-Shubijiet għall-Mobilità tiegħu, li joffru qafas konkreti għad-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi~~, inklużi~~. Din il-kooperazzjoni, li fiha jipparteċipaw ukoll l-awtoritajiet lokali u l-atturi tas-soċjetà ċivili, tifforma element essenzjali tal-iżvilupp u tikkontribwixxi għall-iffaċilitar u l-organizzazzjoni tal-migrazzjoni legali.

Raġuni

Ara punt 34 tal-opinjoni.

Emenda 2

Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Ir-regoli tal-Unjoni dwar l-immigrazzjoni u l-programmi tal-Unjoni li jinkludu miżuri ta' mobilità għandhom jikkumplementaw aktar lil xulxin. Riċerkaturi u studenti biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz koperti minn programmi tal-Unjoni bħal dawn għandhom ikunu intitolati jiċċaqalqu lejn l-Istati Membri previsti abbażi tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-ewwel Stat Membru, sakemm il-lista shiħa ta' dawn l-Istati Membri tkun magħrufa minn qabel ma jidħlu fl-Unjoni. Awtorizzazzjoni bħal din għandha tippermettilhom ikunu mobbli mingħajr il-ħtieġa li jipprovdu xi informazzjoni addizzjonali, jew li jwettqu xi proċedura ta' applikazzjoni oħra. L-Istati Membri huma mħeġġa jiffaċilitaw il-mobilità fl-Unjoni ta' voluntiera biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz, fejn il-programmi ta' volontarjat ikopru aktar minn Stat Membru wieħed.	Ir-regoli tal-Unjoni dwar l-immigrazzjoni u l-programmi tal-Unjoni li jinkludu miżuri ta' mobilità għandhom jikkumplementaw aktar lil xulxin. Riċerkaturi u studenti biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz koperti minn programmi tal-Unjoni bħal dawn għandhom ikunu intitolati jiċċaqalqu lejn l-Istati Membri previsti abbażi tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-ewwel Stat Membru, sakemm il-lista shiħa ta' dawn l-Istati Membri tkun magħrufa minn qabel ma jidħlu fl-Unjoni. Awtorizzazzjoni bħal din għandha tippermettilhom ikunu mobbli mingħajr il-ħtieġa li jipprovdu xi informazzjoni addizzjonali, jew li jwettqu xi proċedura ta' applikazzjoni oħra. L-Istati Membri u l-awtoritajiet pubbliċi tagħhom fil-livelli kollha huma mħeġġa jiffaċilitaw il-mobilità fl-Unjoni ta' voluntiera biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz, fejn il-programmi ta' volontarjat ikopru aktar minn Stat Membru wieħed.

Raġuni

Ara punt 34 tal-opinjoni.

Emenda 3

Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma bla ħsara għall-kompetenza tal-Istati Membri li jirregolaw il-volum ta' ammissjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi għal skopijiet ta' xogħol.	Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma bla ħsara għall-kompetenza tal-Istati Membri li jirregolaw il-volum ta' ammissjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi għal skopijiet ta' xogħol fid-dawl tal-kundizzjonijiet tas-suq tal-impjiegi fil-livell lokali u dak reġjonali.

Raġuni

Ara punt 34 tal-opinjoni.

Emenda 4

Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Kundizzjonijiet speċifiċi għall-au-pairs	**Kundizzjonijiet speċifiċi għall-au-pairs**
Ċittadin ta' pajjiż terz li japplika biex ikun ammess sabiex jaħdem bħala au-pair għandu, minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 6:	Ċittadin ta' pajjiż terz li japplika biex ikun ammess sabiex jaħdem bħala au-pair għandu, minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 6:
(a) jkollu mill-inqas 17-il sena iżda mhux aktar minn 30 jew, ħlief f'xi każijiet iġġustifikati individwalment, aktar minn 30 sena;	(a) jkollu mill-inqas 17-il sena iżda mhux aktar minn 30 jew, ħlief f'xi każijiet iġġustifikati individwalment, aktar minn 30 sena;
(b) jagħti prova li l-familja ospitanti hija responsabbli għalih tul il-perjodu li jkun fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari rigward is-sussistenza, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-maternità jew ir-riskji għall-inċidenti;	(b) jagħti prova li l-familja ospitanti hija responsabbli għalih tul il-perjodu li jkun fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari rigward is-sussistenza, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-maternità jew ir-riskji għall-inċidenti;
(c) jippreżenta ftehim bejn l-au-pair u l-familja ospitanti li jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi tiegħu, inklużi speċifikazzjonijiet bħas-somom żgħar ta' flus li għandhom jingħataw u l-arranġamenti adegwati li jippermettulu jattendi korsijiet kif ukoll il-parteċipazzjoni fid-dmirijiet ta' kuljum tal-familja.	(c) jippreżenta ftehim bejn l-au-pair u l-familja ospitanti li jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi tiegħu, inklużi speċifikazzjonijiet bħas-somom żgħar ta' flus li għandhom jingħataw u l-arranġamenti adegwati li jippermettulu jattendi korsijiet kif ukoll il-parteċipazzjoni fid-dmirijiet ta' kuljum tal-familja;
	(d) dan il-ftehim bejn il-persuna li taħdem bħala au pair u l-familja li tilqagħha jipprevedi tal-anqas ġurnata sħiħa fil-ġimgħa li tkun libera;

Raġuni

Il-modifika li qed tiġi suġġerita għandha l-għan li tiggarantixxi li l-ħaddiema au pair igawdu minn trattament ugwali meta mqabbel mal-mod li bih jiġu trattati ħaddiema oħra f'dak li jirrigwarda il-perjodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa, l-għan huwa li jiġi assigurat li jkollhom tal-anqas ġurnata sħiħa fil-ġimgħa biex jistrieħu.

Brussell, 28 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

(2014/C 114/10)

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali

1. iqis li l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Fond") huwa l-istrument ewlieni li jippermetti lill-Unjoni tirreaġixxi meta jseħħu diżastri naturali fl-Istati Membri jew pajjiżi kandidati għas-sħubija, b'turija ta' solidarjetà mal-pajjiżi, ir-reġjuni u l-komunitajiet milquta (b'konformità mal-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea);

2. jinnota li fis-sura attwali tiegħu, b'mod ġenerali, il-Fond wera li hu effikaċi, iżda li l-mod kif jaħdem jista' jitjieb, speċjalment billi jiġu ssemplifikati l-proċeduri amministrattivi indispensabbli għall-mobilizzazzjoni tal-Fond sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-ammont ta' żmien li jgħaddi bejn id-diżastru u l-għoti tal-għajnuna. Ir-regoli tal-mod kif jaħdem il-Fond jistgħu jkunu aktar ċari u l-Fond innifsu jista' jkun immirat biex jindirizza aħjar il-ħtiġijiet taż-żoni milquta;

3. jiddispjaċih li l-Kummissjoni Ewropea tipproponi EUR 500 miljun (prezzijiet tal-2011) għall-allokazzjoni annwali massima għall-Fond, l-istess ammont sa mill-2002, u dan jipperikola l-għajnuna li titwassal malli jseħħ diżastru mdaqqas, speċjalment issa li dawn id-diżastri qed iseħħu dejjem aktar ta' sikwit;

Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità

4. jemmen li r-Regolament eżistenti kif ukoll l-emendi proposti huma konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

Rilevanza għal-livelli lokali u reġjonali

5. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-diżastri naturali l-kbar ikissru l-ewwel u qabel kollox lill-komunitajiet u lir-reġjuni milqutin. Fiż-żoni milquta, ta' sikwit ħafna, iġarrbu ħsarat gravi l-infrastrutturi bażiċi kif ukoll il-wirt naturali u kulturali;

6. ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali normalment ikunu s-sidien ta' din l-infrastruttura mkissra, u li għaldaqstant huma jkunu responsabbli li jerġgħu jwaqqfuhom fuq saqajhom. Huma jridu wkoll jieħdu ħsieb is-servizzi ta' salvataġġ, il-kenn temporanju tal-persuni evakwati u t-tindif taż-żoni milquta;

7. għaldaqstant huwa jqis li minkejja li l-Istati Membri jew il-pajjiżi kandidati huma l-benefiċjarji ewlenin tal-appoġġ tal-Fond, l-għajnuna mogħtija minn dan il-Fond fl-aħħar mill-aħħar tippermetti l-finanzjament ta' miżuri li jitwettqu mil-livelli reġjonali u lokali;

8. jisħaq li għall-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-aktar aspetti importanti huma r-rapidità tar-reazzjoni tal-Fond u l-possibbiltà li r-riżorsi disponibbli jiġu mmirati b'mod li jwieġbu bl-aħjar mod għal ħtiġijiet reali;

9. jilqa' bi pjaċir kbir il-proposti tal-Kummissjoni li jgħinu biex l-għajnuna tal-Fond tasal aktar malajr u tkun immirata aħjar, u jissuġġerixxi xi rakkomandazzjonijiet importanti, speċjalment għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

10. jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni partikolari tar-reġjuni ultraperiferiċi, li huma iktar vulnerabbli għall-fenomeni metereoloġiċi estremi;

Kamp ta' applikazzjoni tal-Fond (Artikolu 2)

11. jifraħ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond ġie ċċarat, għax dan inaqqas l-inċertezza legali eżistenti u b'hekk jiġi evitat li jitressqu talbiet li ma jobdux il-kundizzjonijiet;

Il-mobilizzazzjoni tal-Fond f'każ ta' diżastru reġjonali mhux tas-soltu (Artikolu 2)

12. japprova l-isforzi tal-Kummissjoni biex tissemplifika d-definizzjoni tal-kunċett ta' "diżastru reġjonali" billi ddaħħal il-kriterju tal-PDG. Din id-definizzjoni ġdida ser tiffaċilita l-valutazzjoni tat-talbiet mill-Kummissjoni Ewropea u tikkontribwixxi għat-titjib tat-trasparenza u l-effikaċja tal-Fond. Għal dawk li potenzjalment jitolbu l-għajnuna mill-Fond, ser ikun aktar faċli li jiġi valutat minn qabel jekk id-diżastru inkwistjoni jkollux dritt għall-miżuri ta' għajnuna;

13. jipproponi li jitwaqqaf il-kriterju li għandu jippermetti l-klassifikazzjoni ta' diżastru bħala "diżastru naturali reġjonali" għal 1,0 % tal-PDG reġjonali għar-reġjuni fil-livell NUTS 2. Fil-fehma tal-Kumitat, dan il-kriterju għandu jirrifletti aħjar ir-rieda li, f'każ ta' diżastru naturali reġjonali, tingħata għajnuna li d-daqs tagħha ma jvarjax wisq;

14. iqis li l-indikaturi kkwotati għandhom jiġu aġġustati fil-każ ta' diżastri naturali li jseħħu fi kwalunkwe waħda mill-gżejjer fir-reġjuni tal-arċipelagu, tal-livell NUTS 2, sabiex jiġi evitat li xi kunsiderazzjoni purament reġjonali twassal biex il-Fond ma jaħdimx f'każijiet bħal dawn;

Definizzjoni ta' kriterju reġjonali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond fil-livell NUTS 3 (Artikolu 2)

15. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dejjem aktar ta' sikwit, id-diżastri qed jolqtu żoni li jkunu differenti ħafna mir-reġjuni fil-livell NUTS 2 (f'ċerti Stati Membri dawn jiġu definiti biss b'mod amministrattiv), u li saħansitra jaqbżu l-fruntieri ta' diversi reġjuni mmarkati bħala tali; għaldaqstant, jekk il-kriterju reġjonali ma jqisx ħlief il-limitu tar-reġjuni fil-livell NUTS 2, ikun fil-periklu li ma jkunx oġġettiv;

16. jipproponi li jiddaħħal kriterju għad-diżastri reġjonali li jolqtu żoni fil-livell NUTS 3 għal każijiet fejn diversi reġjuni ġirien fil-livell NUTS 3 li jkunu ntlaqtu minn diżastru, flimkien jiffurmaw territorju li d-daqs tiegħu jilħaq il-livell tan-NUTS 2 (li jgħodd għal mill-inqas 800 000 abitant). F'dan il-każ, il-persentaġġ tal-PDG li jirriżulta jiġi kkalkulat mill-medja peżata taċ-ċifri tad-diversi reġjuni fil-livell NUTS 3;

Diżastri naturali transkonfinali ta' natura eċċezzjonali (Artikolu 2)

17. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li minħabba n-natura transkonfinali ta' għadd kbir ta' diżastri, f'dawn il-każijiet, l-intervent tal-UE jkollu valur miżjud kbir u jagħti sinjal pożittiv ħafna liċ-ċittadini;

18. jissuġġerixxi li, għad-definizzjoni tal-kunċett ta' "diżastru naturali transkonfinali ta' natura eċċezzjonali", jintuża l-kriterju tal-livell NUTS 3 li ssemma aktar qabel, li għalih ir-reġjuni ġirien fil-livell NUTS 3 jistgħu jkunu parti minn Stati Membri differenti;

Definizzjoni tal-miżuri eliġibbli (Artikolu 3)

19. jifraħ bil-possibbiltà li jsir użu mill-Fond mhux biss għal miżuri "immedjati", iżda anke għal dawk li huma marbutin direttament mad-diżastru, iżda li n-natura nnifisha tagħhom teħtieġ implimentazzjoni aktar fit-tul;

20. jisħaq li wara d-diżastri, fil-livelli lokali u reġjonali jkun hemm bżonn ġenwin li l-infrastrutturi jerġgħu jitqajmu fuq saqajhom b'mod li jkunu jistgħu jiffaċċjaw diżastri futuri oħrajn; f'xi każijiet jista' jkun hemm bżonn li dawn l-infrastruttri jitressqu f'post aktar adegwat;

21. jissuġġerixxi li l-miżuri eliġibbli tal-Fond jiġu kompletati u li tiġi inkluża l-possibbiltà li jiġi finanzjat mhux biss ir-restawr tal-infrastrutturi, iżda anke t-tħaddim mill-ġdid f'sura li tista' tilqa' aħjar għal xi diżastri naturali oħrajn. Jipproponi wkoll li mal-miżuri eliġibbli għall-Fond jiżdied ukoll iċ-ċaqliq tal-infrastrutturi li jinsabu f'post li fil-ġejjieni jista' jerġa' jkun mhedded minn diżastri naturali;

Assistenza teknika (Artikolu 3)

22. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għal ċerti awtoritajiet lokali u reġjonali, l-assistenza teknika esterna ta' sikwit tkun indispensabbli biex jiffaċċjaw id-diżastru u biex iwettqu sew il-miżuri marbutin mar-restawr taż-żoni milqutin;

23. jipproponi li l-ispejjeż marbutin mal-assistenza teknika esterna jiġu inklużi mal-ispejjeż eliġibbli għall-Fond, u sal-ogħla livell ta' 2 % tal-kontribut totali tal-Fond;

Skadenza għat-tressiq tat-talbiet (Artikolu 4)

24. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-tħejjija tat-talba mill-awtoritajiet pubbliċi tieħu ħafna żmien, speċjalment minħabba l-valutazzjoni tal-ħsarat u l-ġbir tal-elementi ta' prova għall-appoġġ tat-talba, u li din trid issir sew fl-istess żmien meta l-awtoritajiet pubbliċi jridu jieħdu l-miżuri neċessarji biex jirrimedjaw għall-konsegwenzi tad-diżastru. Id-diffikultà hija terġa' ikbar meta jkun il-każ ta' diżastru li qed jevolvi bil-mod, bħan-nixfiet, iżda anke fenomeni bħall-għargħar li xi kultant jistgħu jdumu diversi ġimgħat, u saħansitra diversi xhur. F'dan il-każ, il-ħsarat jistgħu jiġu valutati biss wara li jbattu l-ilmijiet. Għaldaqstant il-gravità tad-diżastru titkejjel aktar tard;

25. għalhekk japprova l-proposta tal-Kummissjoni li tqis l-ispeċifiċitajiet tad-diżastri li jevolvu bil-mod;

26. jiġbed ukoll l-attenzjoni għall-fatt li għad-diżastri naturali l-oħra, il-proposta leġislattiva żżomm id-dispożizzjonijiet eżistenti u li ma ssolvix il-problemi marbutin mat-tħejjija tat-talba f'każ ta' għargħar fuq żmien twil;

27. jipproponi għalhekk li f'każ ta' għargħar fuq żmien twil, tinfetaħ il-possibbiltà li t-talba tiġi introdotta fi skadenza ta' għaxar ġimgħat mit-tmiem tad-diżastru naturali (pereżempju meta jitneħħa l-istat ta' emerġenza ddikjarat mill-Istat Membru jew l-awtorità reġjonali, eċċ.);

Dispożizzjonijiet li jiffavorixxu l-prevenzjoni tad-diżastri (Artikolu 4)

28. jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni Ewropea li fil-każ tad-diżastri naturali, l-adozzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni neċessarji hija indispensabbli u li dejjem għandu jsir sforz biex dawn jitjiebu;

29. jibża' li l-obbligu li fit-talba għal informazzjoni dwar il-prevenzjoni jiġu inklużi r-riskji ta' diżastri tista' tkun piż amministrattiv żejjed, u ttawwal it-tfassil u t-trattament tat-talbiet, u dan imur kontra l-għan ewlieni, jiġifieri li jiġu ssemplifikati l-proċeduri amministrattivi għall-mobilizzazzjoni ta' dan il-Fond;

30. jipproponi li fil-fażi tat-trattament tat-talba, dawk li jressqu t-talbiet jipprovdu biss deskrizzjoni qasira tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni Ewropea (Artikolu 4 (1)(e)), billi jitħassar l-obbligu li tiġi ppreżentata informazzjoni komplementarja (Artikolu 4 (1)(f)) għax din trid tidher fir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-kontribut tal-Fond;

Possibbiltà ta' ħlas bil-quddiem (Artikolu 4(a))

31. jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi introdotta l-possibbiltà li jingħataw flus bil-quddiem biex il-Fond ikun jista' jirreaġixxi malajr; madankollu jissuġġerixxi li s-sistema tal-ħlas bil-quddiem tibqa' 'l barra mill-qafas finanzjarju pluriennali u mill-fondi strutturali proposti b'mod konkret;

Titwil tal-iskadenza għall-użu tal-kontribut mill-Fond (Artikolu 8)

32. jilqa' bi pjaċir l-intenzjoni tal-Kummissjoni li żżid il-pass tal-proċedura amministrattiva għall-approvazzjoni tal-finanzjament mill-Fond, sabiex l-għajnuna tasal aktar malajr għand ir-reġjuni milquta; f'dan ir-rigward, xorta waħda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li hemm skadenza reali iqsar għall-użu tal-kontribut mill-Fond;

33. jipproponi li l-iskadenza għall-użu tal-kontribut mill-Fond tittawwal għal sentejn, l-aktar minħabba raġunijiet tal-ħin li jirrikjedi r-restawr tal-infrastrutturi bażiċi, tal-obbligu li tiġi pprovduta d-dokumentazzjoni neċessarja u tar-rispett tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku kif ukoll l-istabbiliment mill-ġdid tas-servizzi u l-provvisti essenzjali.

Użu tal-istrumenti ta' semplifikazzjoni

34. Il-korpi Ewropej u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali tkellmu diversi drabi dwar il-bżonn li l-ġestjoni tiġi semplifikata kemm jista' jkun sabiex ikun hemm orjentazzjoni tal-prestazzjoni ([1]). Din is-semplifikazzjoni hemm bżonnha aktar u aktar fil-każ tal-Fond tas-Solidarjetà li jopera f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza estrema u li fost l-ispejjeż ammissibbli tiegħu hemm dawk intiżi sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet personali immedjati. Għalhekk ikun mixtieq li jiġi permess l-użu ta' spejjeż ta' unità fin-nefqa għall-bżonnijiet tal-individwi milqutin u li mhumiex maħsuba għar-restawr tal-infrastrutturi.

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI**

Emenda 1

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-Fond għandu jikkontribwixxi għar-restawr tal-infrastruttura biex terġa' tiġi tiffunzjona, għat-tindif taż-żoni milquta mid-diżastru u għall-ispejjeż tas-servizzi tas-salvataġġ u għall-akkomodazzjoni temporanja għall-popolazzjoni kkonċernata matul il-perjodu sħiħ ta' implimentazzjoni. Il-firxa ta' żmien li matulu l-akkomodazzjoni kkunsidrata temporanja għall-persuni li jkunu spiċċaw bla dar, għandu jiġi definit ukoll.	Il-Fond għandu jikkontribwixxi għar-restawr tal-infrastruttura biex terġa' tiġi tiffunzjona jew f'sura li tista' tilqa' aħjar għal xi diżastri naturali, inkluża r-rilokazzjoni, għat-tindif taż-żoni milquta mid-diżastru u għall-ispejjeż tas-servizzi tas-salvataġġ u għall-akkomodazzjoni temporanja għall-popolazzjoni kkonċernata matul il-perjodu sħiħ ta' implimentazzjoni. Il-firxa ta' żmien li matulu l-akkomodazzjoni kkunsidrata temporanja għall-persuni li jkunu spiċċaw bla dar, għandu jiġi definit ukoll.

Raġuni

Tirrifletti l-emenda proposta mir-relatur għal Artikolu 3(2).

Emenda 2

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Għandu jiġi speċifikat ukoll li operazzjonijiet eliġibbli ma għandhomx jinkludu nefqa għal assistenza teknika.	~~Għandu jiġi speċifikat ukoll li operazzjonijiet eliġibbli ma għandhomx jinkludu nefqa għal assistenza teknika.~~

Raġuni

Għal ċerti awtoritajiet lokali u reġjonali, l-assistenza teknika esterna ta' sikwit tkun indispensabbli biex jiffaċċjaw id-diżastru u biex iwettqu sew il-miżuri marbutin mar-restawr taż-żoni milqutin. Għaldaqstant il-Kumitat tar-Reġjuni jipproponi li l-ispejjeż marbutin mal-assistenza teknika esterna jiġu inklużi mal-ispejjeż eliġibbli għall-Fond, u sal-ogħla livell ta' 2 % tal-kontribut totali tal-Fond. L-emenda li qed tiġi proposta għall-Artikolu 3(5) hija marbuta ma' din l-emenda.

([1]) Fost affarijiet oħra, l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Rakkomandazzjonijiet għal infiq aħjar". Ottubru 2013.

Emenda 3

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Ċerti tipi ta' diżastri naturali, bħal nixfiet, qed jiżviluppaw fuq perjodu ta' żmien itwal qabel ma jinħassu l-effetti diżastruż tagħhom. Għandha ssir dispożizzjoni li tippermetti l-użu tal-Fond f'każijiet bħal dawn.	Ċerti tipi ta' diżastri naturali, bħal nixfiet, qed jiżviluppaw fuq perjodu ta' żmien itwal qabel ma jinħassu l-effetti diżastruż tagħhom. jew bħal fil-każ tal-għargħar, diżastru li jestendi fuq perjodi twal, u għalhekk g~~G~~ħandha ssir dispożizzjoni li tippermetti l-użu tal-Fond f'każijiet bħal dawn.

Raġuni

It-tħejjija tat-talba mill-awtoritajiet pubbliċi tieħu ħafna żmien, speċjalment minħabba l-valutazzjoni tal-ħsarat u l-ġbir tal-elementi ta' prova għall-appoġġ tat-talba, u trid issir fl-istess żmien meta l-awtoritajiet pubbliċi jridu jieħdu l-miżuri neċessarji biex jirrimedjaw għall-konsegwenzi tad-diżastru. Id-diffikultà hija terġa' ikbar meta jkun il-każ ta' diżastru li qed jevolvi bil-mod, bħan-nixfiet, iżda anke fenomeni bħall-għargħar li xi kultant jistgħu jdumu diversi ġimgħat, u saħansitra diversi xhur. F'dan il-każ, il-ħsarat jistgħu jiġu valutati biss wara li jbattu l-ilmijiet u l-gravità tad-diżastru tista' titkejjel biss aktar tard. Għalkemm il-proposta għal Regolament tqis il-karatteristiċi speċifiċi tad-diżastri li jevolvu bil-mod, fil-każ tad-diżastri naturali l-oħra żżomm id-dispożizzjonijiet eżistenti u ma ssolvix il-problemi marbutin mat-tħejjija tat-talba f'każ ta' għargħar fuq żmien twil; F'dan ir-rigward qed jiġi propost li jiżdied paragrafu ġdid fl-Artikolu 4.

Emenda 4

Artikolu 2(3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "diżastru naturali reġjonali" tfisser kwalunkwe diżastru naturali li jirriżulta, f'reġjun ta' Stat Membru jew kwalunkwe pajjiż involut fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni fil-livell NUTS 2, involut fi ħsara diretta li taqbeż il-1,5 % tal-prodott domestiku gross (PDG). Meta d-diżastru jikkonċerna diversi reġjuni fil-livell NUTS 2, jiġi applikat il-limitu minimu tal-medja peżata tal-PDG ta' dawk ir-reġjuni.	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "diżastru naturali reġjonali" tfisser kwalunkwe diżastru naturali li jirriżulta, f'reġjun ta' Stat Membru jew kwalunkwe pajjiż involut fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni fil-livell NUTS 2, jew diversi reġjuni qraba immedjati fil-livell NUTS 3 li jiffurmaw flimkien territorju li jikkorrispondi għall-kriterji minimi tal-livell NUTS 2, involut fi ħsara diretta li taqbeż il-~~1,5 %~~ 1 % tal-prodott domestiku gross (PDG). Meta d-diżastru jikkonċerna diversi reġjuni fil-livell NUTS 2 jew NUTS 3, jiġi applikat il-limitu minimu tal-medja peżata tal-PDG ta' dawk ir-reġjuni.

Raġuni

Ir-raġuni prinċipali għalfejn il-limitu tad-diżastru naturali reġjonali ġie stabbilit għal 1,5 % kienet ix-xewqa li jinkisbu riżultati kważi identiċi għad-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-passat abbażi ta' kriterji relattivament impreċiżi. L-applikazzjoni ta' dan il-kriterju madanakollu ma kinitx tippermetti li tingħata għajnuna fil-każ ta' żewġ diżastri naturali reġjonali fejn it-talba għall-għajnuna kienet intlaqgħet (fil-każ tal-eruzzjoni ta' vulkan fi Sqallija fl-2003 fejn l-ammont ta' ħsara tela' għal 1,36 % tal-PDG tar-reġjun u l-għargħar fid-delta tar-Rhône fl-2004 bi ħsara ta' 1,05 % tal-PDG). Limiti tant għoljin ma jippermettux garanzija tar-riżultati li jistennew li jaraw iċ-ċittadini vittmi tad-diżastri. Il-Kumitat jitlob għalhekk li jitnaqqas il-limitu għal 1 % tal-PDG.

Fir-rigward tad-definizzjoni ta' diżastru naturali reġjonali il-proposta għal regolament tuża l-unità ta' referenza NUTS 2. Billi dejjem aktar spiss, id-diżastri qed jolqtu żoni li jvarjaw ħafna mir-reġjuni fil-livell NUTS 2 (f'ċerti Stati Membri dawn jiġu definiti biss b'mod amministrattiv) u li saħansitra jaqbżu l-fruntieri ta' diversi reġjuni mmarkati bħala tali; jekk il-kriterju reġjonali ma jqisx ħlief il-limitu tar-reġjuni fil-livell NUTS 2, ikun fil-periklu li ma jkunx oġġettiv. Hija fil-fatt ir-raġuni għalfejn il-Kumitat qed jipproponi li l-kriterju jiġi estiż għal-livell NUTS 3 u billi bosta reġjuni qraba immedjati fil-livell NUTS 3 flimkien jiffurmaw territorji b'karattersitiċi li jikkorrispondu tal-anqas għall-kriterju minimu tal-livell NUTS 2 (popolazzjoni b'minn tal-inqas 800 000 abitant). F'dan il-każ, il-persentaġġ tal-PDG li jirriżulta jiġi kkalkulat mill-medja peżata taċ-ċifri tad-diversi reġjuni differenti fil-livell NUTS 3;

Emenda 5

Artikolu 2, paragrafu ġdid wara l-paragrafu (3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "diżastru naturali transkonfinali" tfisser kwalunkwe diżastru naturali li jirriżulta, fit-territorju ta' Stat Membru jew kwalunkwe pajjiż involut fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni fil-livell ta' diversi reġjuni qraba immedjati fil-qafas tan- NUTS 3 li flimkien jiffurmaw territorji li jikkorrispondu għall-kriterju minimu tal-livell NUTS 2, fi ħsara diretta li taqbeż il-1,0 % tal-medja peżata tal-prodott domestiku gross (PDG) ta' dawn ir-reġjuni.

Raġuni

Bosta diżastri għandhom natura transkonfinali. F'dawn il-każijiet, l-intervent tal-UE jkollu valur miżjud kbir u jagħti sinjal pożittiv ħafna liċ-ċittadini; Huwa għalhekk li l-Kumitat tar-Reġjuni jixtieq jinkludi l-kriterju ġdid li jiddefinixxi "diżastru naturali transkonfinali" Dan il-kriterju jiġi evalwat fil-livell tar-reġjuni tan-NUTS 3 minn Stati Membri differenti jew pajjiżi li qed jinnegozjaw l-adeżjoni tagħhom mal-UE. F'dan il-każ, l-effett tad-diżastru jiġi evalwat fil-livell ta' bosta reġjuni qraba immedjati fil-livell NUTS 3 li jiffurmaw territorju li jikkorrispondi għall-kriterju li jiddefinixxi reġjun fil-livell NUTS 2 (popolazzjoni ta' mill-inqas 800 000 abitant). F'dan il-każ, il-persentaġġ tal-PDG li jirriżulta jiġi kkalkulat mill-medja peżata taċ-ċifri tad-diversi reġjuni fil-livell NUTS 3; Il-benefiċjarji jkunu l-Istati Membri li jinsabu fit-territorju li fih jinstab ir-reġjun stabbilit.

Emenda 6

Artikolu 2 (4)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-assistenza mill-Fond tista' tkun mobilizzata wkoll għal kwalunkwe diżastru naturali fi Stat eliġibbli li huwa diżastru naturali maġġuri fi Stat Membru tal-viċinat jew pajjiż involut f'negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni.	L-assistenza mill-Fond tista' tkun mobilizzata wkoll għal kwalunkwe diżastru naturali fi Stat eliġibbli li huwa diżastru naturali maġġuri jew diżastru naturali reġjonali fi Stat Membru tal-viċinat jew pajjiż involut f'negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni.

Raġuni

Il-possibblità li Stat Membru tal-viċinat jitlob kumpens għad-danni kkawżati minn "diżastru naturali maġġuri" mingħajr ma jkun eliġibbli għall-kriterji għandha tapplika wkoll għal "diżastru naturali reġjonali". Jekk dan ma jkunx il-każ ma jkunx kompatibbli ma' dak li tirrappreżenta l-UE.

Emenda 7

Artikolu 3(2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-għan tal-Fond huwa li jikkumplimenta l-isforzi tal-Istati kkonċernati u li jkopri parti min-nefqa pubblika tagħhom sabiex jgħinu lill-Istat eliġibbli jwettaq l-emerġenza essenzjali u l-operazzjonijiet ta' rkupru li ġejjin, skont it-tip ta' diżastru:	L-għan tal-Fond huwa li jikkumplimenta l-isforzi tal-Istati kkonċernati u li jkopri parti min-nefqa pubblika tagħhom sabiex jgħinu lill-Istat eliġibbli jwettaq l-emerġenza essenzjali u l-operazzjonijiet ta' rkupru li ġejjin, skont it-tip ta' diżastru:
a) ir-restawr tal-infrastruttura u l-impjanti biex jerġgħu jiġu jiffunzjonaw fl-oqsma tal-enerġija, l-ilma u d-drenaġġ, it-telekomunikazzjonijiet, it-trasport, is-saħħa u l-edukazzjoni;	a) ir-restawr tal-infrastruttura u l-impjanti biex jerġgħu jiġu jiffunzjonaw fl-oqsma tal-enerġija, l-ilma u d-drenaġġ, it-telekomunikazzjonijiet, it-trasport, is-saħħa u l-edukazzjoni;
b) il-provvediment ta' akkomodazzjoni temporanja u l-finanzjament ta' servizzi ta' salvataġġ sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tal-popolazzjoni kkonċernata;	b) il-provvediment ta' akkomodazzjoni temporanja u l-finanzjament ta' servizzi ta' salvataġġ sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tal-popolazzjoni kkonċernata;
c) l-iżgurar ta' infrastrutturi preventivi u ta' miżuri ta' protezzjoni tal-wirt kulturali;	c) l-iżgurar ta' infrastrutturi preventivi u ta' miżuri ta' protezzjoni tal-wirt kulturali;
d) it-tindif ta' oqsma milquta minn diżastru, inklużi żoni naturali.	d) it-tindif ta' oqsma milquta minn diżastru, inklużi żoni naturali.
	Għall-finijiet ta' punt (a) "ir-restawr" ifisser ħidma għal reżistenza aħjar f'każ ta' diżastri naturali inkluża l-eliminazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura fuq siti li fil-futur ser jisfaw mil-ġdid mhedda minn diżastru naturali.
Għall-finijiet tal-punt (b), "akkomodazzjoni temporanja" tfisser akkomodazzjoni li ddum sakemm il-popolazzjoni kkonċernata tkun tista' tmur lura għad-djar oriġinali tagħhom wara li jkunu ssewwew jew inbnew mill-ġdid.	Għall-finijiet tal-punt (b), "akkomodazzjoni temporanja" tfisser akkomodazzjoni li ddum sakemm il-popolazzjoni kkonċernata tkun tista' tmur lura għad-djar oriġinali tagħhom wara li jkunu ssewwew jew inbnew mill-ġdid.

Raġuni

Il-Fond jippermetti ġeneralment ir-ristawr ta' infrastruttura li ġarrbet ħsara sabiex din terġa' tieħu l-forma oriġinali tagħha. L-esperjenza tar-reġjuni tindika li l-proġetti differenti ta' infrastruttura bħat-toroq jew rabtiet ferrovjarji prinċipali li għandhom importanza sovrareġjonali għandhom jiġu spustati b'kunsiderazzjoni tal-informazzjoni l-ġdida dwar miżuri neċessarji ta' protezzjoni kontra d-diżastri. Barra minn hekk it-tiswija ta' ċerti elementi ta' infrastruttura li ġarrbet ħsara kbira bħal pontijiet tirrikjedi investimenti li jistgħu jeliminaw ir-riskju ta' ħsara f'diżastru naturali ieħor fil-ġejjieni. Sempliċiment restawr tal-infrastruttura ikun għalhekk insuffiċjenti u kontraproduttiv.

Emenda 8

Artikolu 3(5)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-assistenza teknika, inklużi l-immaniġġar, il-monitoraġġ, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, is-soluzzjoni għall-ilmenti, u l-kontroll u l-awditjar, mhijiex eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fond.	L-assistenza teknika esterna, inklużi l-immaniġġar, il-monitoraġġ, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, is-soluzzjoni għall-ilmenti, u l-kontroll u l-awditjar, ~~mhijiex~~ hija eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fond sa massimu ta' 2 % tal-kontribuzzjoni totali tal-Fond.

Raġuni

Għal ċerti awtoritajiet lokali u reġjonali, l-assistenza teknika esterna ta' sikwit tkun indispensabbli biex jiffaċċjaw id-diżastru u biex iwettqu sew il-miżuri marbutin mar-restawr taż-żoni milqutin. Għaldaqstant il-Kumitat tar-Reġjuni jipproponi li l-ispejjeż marbutin mal-assistenza teknika esterna jiġu inklużi mal-ispejjeż eliġibbli għall-Fond, u sal-ogħla livell ta' 2 % tal-kontribuzzjoni totali tal-Fond.

Emenda 9

Artikolu 4(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn għaxar ġimgħat wara l-ewwel okkorrenza tal-ħsara bħala konsegwenza ta' diżastru naturali, Stat Membru jista' jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-Fond lill-Kummissjoni u jipprovdi l-informazzjoni disponibbli kollha dwar, mill-inqas:	Malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn għaxar ġimgħat wara l-ewwel okkorrenza tal-ħsara bħala konsegwenza ta' diżastru naturali, Stat Membru jista' jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-Fond lill-Kummissjoni u jipprovdi l-informazzjoni disponibbli kollha dwar, mill-inqas:
a) il-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru u l-impatt fuq il-popolazzjoni, l-ekonomija u l-ambjent ikkonċernati;	a) il-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru u l-impatt fuq il-popolazzjoni, l-ekonomija u l-ambjent ikkonċernati;
b) l-ispiża stmata tal-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2);	b) l-ispiża stmata tal-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2);
c) kwalunkwe sors ieħor ta' finanzjament tal-Unjoni;	c) kwalunkwe sors ieħor ta' finanzjament tal-Unjoni;
d) kwalunkwe sors ieħor ta' finanzjament nazzjonali jew internazzjonali, inkluża kopertura tal-assigurazzjoni pubblika u privata li tista' tikkontribwixxi għall-ispejjeż tat-tiswija tal-ħsara;	d) kwalunkwe sors ieħor ta' finanzjament nazzjonali jew internazzjonali, inkluża kopertura tal-assigurazzjoni pubblika u privata li tista' tikkontribwixxi għall-ispejjeż tat-tiswija tal-ħsara;
e) l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni ta' riskju ta' diżastru u mmaniġġar relatat għan-natura tad-diżastru;	e) deskrizzjoni qasira tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni ta' riskju ta' diżastru u mmaniġġar relatat għan-natura tad-diżastru;
f) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar il-miżuri ta' prevenzjoni u mitigazzjoni li jkunu ttieħdu b'relazzjoni għan-natura tad-diżastru.	f) ~~kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar il-miżuri ta' prevenzjoni u mitigazzjoni li jkunu ttieħdu b'relazzjoni għan-natura tad-diżastru.~~

Raġuni

L-obbligu li fit-talba għal informazzjoni dwar il-prevenzjoni jiġu inklużi r-riskji ta' diżastri tista' tkun piż amministrattiv żejjed, u ttawwal it-tfassil u t-trattament tat-talbiet, u dan imur kontra l-għan ewlieni jiġifieri li jiġu ssemplifikati l-proċeduri amministrattivi għall-mobilizzazzjoni ta' dan il-Fond; Il-Kumitat tar-Reġjuni jissuġġerixxi għalhekk li jinżamm punt e) tal-artikolu 4 iżda li tintalab biss deskrizzjoni qasira tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni Ewropea u li jitħassar punt f) tal-istess artikolu billi l-istess informazzjoni għandha tidher fir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Fond (Artikolu 8(3)).

Emenda 10

Artikolu 4, paragrafu ġdid wara l-paragrafu (3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	Għad-diżastri naturali fuq żmien twil (bħall-għargħar) il-limitu ta' għaxar ġimgħat previst għat-tressiq tat-talba msemmija fl-ewwel paragrafu jibda jgħodd dakinhar li l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat eliġibbli jwaqqfu t-theddida tad-diżastru naturali (pereżempju meta jitneħħa l-istat ta' emerġenza dikjarat mill-Istati Membri jew mill-awtorità reġjonali eċċ).

Raġuni

It-tħejjija tat-talba mill-awtoritajiet pubbliċi tieħu ħafna żmien, speċjalment minħabba l-valutazzjoni tal-ħsarat u l-ġbir tal-elementi ta' prova għall-appoġġ tat-talba, u din trid issir sew fl-istess żmien meta l-awtoritajiet pubbliċi jridu jieħdu l-miżuri neċessarji biex jirrimedjaw għall-konsegwenzi tad-diżastru. Id-diffikultà tiżdied fil-każ ta' għargħar li jista' jtawwal fuq bosta ġimgħat jew xhur. F'dan il-każ, il-ħsarat jistgħu jiġu valutati biss wara li jbattu l-ilmijiet. Għaldaqstant il-gravità tad-diżastru tista' titkejjel biss aktar tard. Għalkemm il-proposta għal Regolament tqis il-karatteristiċi speċifiċi tad-diżastru li jevolvu bil-mod, fil-każ tad-diżastri naturali l-oħra żżomm id-dispożizzjonijiet eżistenti u ma ssolvix il-problemi marbutin mat-tħejjija tat-talba f'każ ta' għargħar fuq żmien twil;

Il-Kumitat jipproponi għalhekk li f'każ ta' għargħar fuq żmien twil, tinfetaħ il-possibbiltà li t-talba tiġi introdotta fi skadenza ta' għaxar ġimgħat mit-tmiem tad-diżastru naturali (pereżempju meta jitnehħa l-istat ta' emerġenza ddikjarat mill-Istat Membru jew l-awtorità reġjonali, eċċ.);

Emenda 11

Artikolu 8(1)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda tal-KtR*
Il-kontribuzzjoni mill-Fond għandha tintuża fi żmien sena mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun ħallset l-ammont sħiħ ta' assistenza. Kwalunkwe parti tal-kontribuzzjoni li tibqa' ma tintużax sa dik l-iskadenza jew jinstab li tintuża għal operazzjonijiet mhux eliġibbli, jiġu rkuprati mill-Kummissjoni mill-Istat benefiċjarju.	Il-kontribuzzjoni mill-Fond għandha tintuża fi żmien ~~sena~~ sentejn mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun ħallset l-ammont sħiħ ta' assistenza. Kwalunkwe parti tal-kontribuzzjoni li tibqa' ma tintużax sa dik l-iskadenza jew jinstab li tintuża għal operazzjonijiet mhux eliġibbli, jiġu rkuprati mill-Kummissjoni mill-Istat benefiċjarju.

Raġuni

Jekk titħaffef il-proċedura amministrattiva tal-approvazzjoni tal-intervent tal-Fond ir-reġjuni ser jirċievu l-għajnuna iktar malajr. Jeħtieġ madanakollu li nenfasizzaw li hemm limitu reali iqsar għall-użu tal-kontribuzzjoni mill-Fond. Il-Kumitat tar-Reġjuni jipproponi li l-iskadenza għall-użu tal-kontribuzzjoni mill-Fond tittawwal għal sentejn, l-aktar minħabba raġunijiet tal-ħin li jirrikjedi r-restawr tal-infrastrutturi bażiċi, tal-obbligu li tiġi pprovduta d-dokumentazzjoni neċessarja u tar-rispett tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

Brussell, 28 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Qafas dwar il-Politika Portwarja Futura tal-UE

(2014/C 114/11)

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Rakkomandazzjonijiet ta' politika

1. fid-dawl tas-sitwazzjoni fejn bħalissa hemm 3 miljun persuna impjegata direttament jew indirettament mill-portijiet tal-UE u li sal-2030 il-volum ta' prodotti li jgħaddu mill-portijiet mistenni jiżdied b'50 %, il-Kumitat tar-Reġjuni jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni li tibni l-proposta tagħha abbażi ta' dawn il-prijoritajiet:

— li l-miżuri proposti jkunu ffokati fuq it-319-il port li huma parti min-netwerk trans-Ewropew filwaqt li l-Istati Membri jitħallew liberi li japplikaw l-abbozz ta' regolament għal portijiet oħra;

— li s-servizzi tal-port jiġu modernizzati u l-investiment jinġibed lejn il-portijiet billi jiġi żgurat aċċess għas-suq ħieles u tiżdied it-trasparenza finanzjarja tas-servizzi portwarji filwaqt li jiġi rispettat livell ta' awtonomija sinifikanti għall-awtoritajiet portwarji;

— li jiġi rispettat ir-riżultat ta' Djalogu Soċjali Ewropew għas-settur tal-portijiet li tnieda fid-19 ta' Ġunju 2013;

— li tiġi żgurata konsistenza ikbar għall-ġestjoni ambjentali tal-portijiet;

— li tiġi żgurata koerenza mal-proġett pilota "Ċintorin Blu" tal-UE li l-għan tiegħu huwa li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' suq uniku għat-trasport marittimu kif ġie mitlub fl-Att dwar is-Suq Uniku II;

2. madankollu għandu d-dubji dwar kemm il-Kummissjoni Ewropea qed issegwi approċċ olistiku lejn il-politika portwarja meta jitqies li fil-"pakkett portwarju" ma tissemma la l-Istrateġija Ewropa 2020 jew l-Inizjattiva "Tkabbir Blu" u lanqas il-valutazzjoni tar-Regolament – ferm rilevanti għall-portijiet – dwar il-limiti tal-kubrit għall-karburanti marittimi u meta jitqies in-nuqqas ta' sinkronizzazzjoni mal-valutazzjoni tal-linji gwida għall-għajnuna mill-Istat applikabbli għas-settur portwarju;

Metodoloġija

3. jinnota li l-Kummissjoni Ewropea b'mod kuraġġuż għażlet li tippreżenta abbozz ta' regolament li għalih għadhom ma ġewx adottati għadd ta' parametri leġislattivi bħall-abbozz ta' direttiva dwar il-konċessjonijiet, l-abbozz ta' regolament TEN-T jew l-abbozz ta' regolament dwar l-aċċess tal-prodotti u s-servizzi minn pajjiżi terzi għas-suq intern tal-Unjoni fl-akkwist pubbliku (COM(2012) 124 final) u għalhekk għadhom mhumiex stabbiliti;

4. jagħraf li l-Kummissjoni Ewropea, mill-2011 'l hawn wettqet konsultazzjonijiet intensivi mal-partijiet interessati. Madankollu, jiddispjaċih li la l-Kumitat tar-Reġjuni u lanqas l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali ma kienu involuti direttament. Jesprimi wkoll diżappunt fir-rigward tal-fatt li minkejja l-pubblikazzjoni reċenti tad-dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt ([1]) territorjali, id-dimensjoni territorjali mhijiex indirizzata espliċitament fil-valutazzjoni tal-impatt. Dan huwa iktar u iktar diżappuntanti fid-dawl tal-isfidi għal politika Ewropea dwar il-portijiet b'rabta mal-koeżjoni territorjali. Dawn l-isfidi bħalissa qed jikbru ferm minħabba l-fenomenu tal-"kontejnerizzazzjoni" ("containerisation") u t-theddida tal-konġestjoni fin-naħa ta' ġewwa tal-ikbar portijiet;

5. jenfasizza l-bżonn li titqies id-diversità tal-portijiet fl-UE minħabba l-pożizzjonijiet ġeografiċi, it-tipi differenti ta' attività ekonomika, ir-reġimi regolatorji portwarji differenti u l-oqfsa ta' politika nazzjonali differenti applikabbli għall-portijiet. F'dan il-kuntest ifakkar li l-pakkett portwarju, skont id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE dwar il-linji gwida tal-Unjoni Ewropea għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew (Artikolu 12(2)), ser japplika għall-portijiet li jikkorrispondu għal waħda mill-kategoriji A, B kew C, definiti kif ġej:

— *"A.: portijiet internazzjonali tal-baħar: il-portijiet b'volum ta' traffiku totali annwali ta' mhux inqas minn 1,5 miljun tunnellata ta' merkanzija jew 200 000 passiġġier li, għajr f'każ ta' impossibbiltà, huma kkollegati mal-elementi fuq l-art tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew u għalhekk għandhom parti ewlenija fit-trasport marittimu internazzjonali;*

([1]) SWD(2013) 3 final, http://ec.europa.eu/governance/impact/key_docs/docs/cswd_ati_mt.pdf

— *B.: portijiet tal-Unjoni tal-baħar (...) dawn il-portijiet għandhom volum ta' traffiku totali annwali ta' mhux inqas minn 0,5 miljun tunnellata ta' merkanzija jew bejn il-100 000 u l-199 999 passiġġier, huma kkollegati, għajr f'każ ta' impossibbiltà, mal-elementi fuq l-art tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew u huma mgħammra bil-faċilitajiet meħtieġa tat-trasport għat-tbaħħir fuq distanzi qosra;*

— *C.: portijiet reġjonali: dawn il-portijiet ma jissodisfawx il-kriterji tal-kategoriji A u B iżda huma f' reġjuni ġeejjer, periferiċi jew l-iktar imbiegħda, u jikkollegaw dawn ir-reġjuni bil-baħar u/jew jikkollegawhom mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni."*

6. jilqa' l-fatt li l-imsieħba soċjali fis-settur portwarju stabbilixxew Kumitat ta' Djalogu Soċjali fil-livell tal-UE u jfakkar kemm hu importanti li jitħeġġeġ id-djalogu soċjali fil-livell nazzjonali u lokali bħala strument biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol kif ukoll li s-settur ikun kompetittiv;

Bażi legali, sussidjarjetà, proporzjonalità

7. japprova l-argumentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-għażla tal-bażi legali (Artikolu 100(2) tat-TFUE) u l-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif ġie spjegat fil-memorandum spjegattiv tal-abbozz ta' regolament (punt 3.3). Madankollu, b'rabta mal-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-relatur għadu mhuwiex konvint dwar l-għażla ta' regolament minflok direttiva kif kien sar għall-proposti preċedenti mill-Kummissjoni Ewropea jew għal-leġislazzjoni relatata (b'mod partikolari il-konċessjonijiet). Tkun ħaġa kontradittorja li jingħażel strument legali li jkun jorbot direttament fl-intier tiegħu bħala regolament filwaqt li jingħaraf ir-rwol ewlieni tal-Istati Membri, l-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali involuti fl-iżvilupp tal-infrastruttura portwarja. Barra minn hekk, direttiva tkun iktar adatta biex titqies id-diversità kbira ta' portijiet fl-UE;

Fondi strutturali u għajnuna mill-Istat

8. jenfasizza li mill-2000 'l hawn, l-UE offriet mas-EUR 6,2 biljun permezz tal-Fondi Strutturali u tal-Koeżjoni għall-kofinanzjament tal-bini tal-infrastruttura tal-portijiet. Barra minn hekk, bejn l-2007 u l-2012, 4 % tal-pakkett TEN-T (ekwivalenti għal EUR 244,6 miljun) ngħata lill-portijiet;

9. jiġbed l-attenzjoni għar-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri 4/2012 dwar l-effiċjenza fl-użu tal-fondi strutturali u l-fondi ta' koeżjoni fil-kofinanzjament tal-infrastruttura tal-portijiet tal-baħar ([2]). Jenfasizza r-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li *"trendi l–għajnuna tal–Politika ta' Koeżjoni għall–perjodu li ġej soġġetta għall–eżistenza ta' strateġija komprensiva ta' żvilupp tal–portijiet fit–tul (ibbażata fuq valutazzjoni tal–ħtiġijiet) għall–portijiet kollha tar–reġjun rilevanti"*;

10. jilqa' r-rikonoxximent mill-Kummissjoni Ewropea ([3]) li l-għajnuna mill-Istat għas-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SIEĠ), inklużi l-kontributi mill-FEŻR, ma jitqisux fil-kalkolu tal-limiti għall-intensità tal-għajnuna reġjonali jekk jiġu sodisfati l-kundizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 ([4]);

11. ifakkar kemm huwa importanti li tiġi ċċarata l-applikabbiltà tal-iskema tal-għajnuna mill-Istat għall-infrastrutturi, fid-dawl tal-problemi fl-interpretazzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011 fil-każ *Freistaat Sachsen u Land Sachsen-Anhalt (T-443/08) u Mitteldeutsche Flughafen AG u Flughafen Leipzig-Halle GmbH (T-455/08) kontra l-Kummissjoni Ewropea* li wassal għal dewmien konsiderevoli fil-verifika ex ante ta' madwar 200 proġett ta' infrastruttura finanzjati mill-Fondi Strutturali;

12. jiddispjaċih li l-Kummissjoni Ewropea ma inkludietx direttament fil-proposti tal-pakkett portwarju proposti li jiċċaraw il-kunċett tal-għajnuna fir-rigward tal-finanzjament tal-infrastruttura, inkluż fis-settur portwarju (Azzjoni 5). Minflok, fit-3 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni Ewropea nediet kwestjonarju dwar it-tħaddim u t-tassazzjoni tal-portijiet indirizzata biss lir-Rappreżentanti Permanenti tal-Istati Membri kollha. Għalhekk jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex fix-xhur li ġejjin tadotta approċċ aktar inklużiv u tinvolvi l-awtoritajiet lokali u reġjonali permezz tal-KtR fir-reviżjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat applikabbli għall-infrastruttura b'mod ġenerali u għall-portijiet b'mod partikolari, partikolarment meta jkunu ser jitfasslu r-regolamenti ta' eżenzjoni għall-kategorija tal-infrastruttura portwarja li probabbilment ser jitfasslu sal-aħħar tal-2013;

([2]) http://eca.europa.eu/portal/pls/portal/docs/1/14018736.PDF

([3]) Gwida għall-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku u s-suq intern għas-SIEĠ SWD(2013) 53, 15.2.2013

([4]) B'konformità mad-deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat li tingħata fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil ċerti impriżi fdati bl-operat ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

Proposta leġiżlattiva

13. jirrakkomanda li t-tħammil, l-irmiġġ, il-pilotaġġ u l-irmonk jitħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament minħabba li dawn huma servizzi ta' interess ġenerali obbligatorji, jiġifieri s-sigurtà, is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ambjent; u fir-rigward tal-faċilitajiet ta' lqugħ fil-port, jappella lill-Kummmissjoni ssolvi l-kontradizzjonijiet ma' direttivi eżistenti u tiċċara d-delimitazzjonijiet eventwali tagħhom. Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għall-faċilitajiet ta' lqugħ fil-port, pereżempju, huma diġà stabbiliti fir-Direttiva 2000/59/KE. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8, b'mod partikolari, imorru kontra l-aċċess ħieles tas-suq għall-forniturі kollha tas-servizzi ta' rimi tal-iskart. Jekk l-operatur tal-port jagħżel ċerti faċilitajiet ta' lqugħ fil-port u jinkludihom fis-sistema ta' imposti stabbilita fid-Direttiva msemmija, f'dan il-każ japplikaw ir-regoli dwar is-sejħiet għall-offerti stabbiliti fid-Direttiva 2004/17/KE;

14. jiddispjaċih li fl-Artikolu 2 ("Definizzjonijiet") ma tingħatax definizzjoni ta' "awtorità kompetenti" filwaqt li din taqdi rwol maġġur fl-Artikoli 8 u 9;

15. jiddispjaċih għan-nuqqas ta' rikonoxximent suffiċjenti tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-rigward tal-leġislazzjoni applikabbli jew it-twaqqif ta' rekwiżiti minimi għall-forniment ta' servizzi portwarji (Artikolu 4(2)(d), Artikolu 4(4), Artikolu 6(4));

16. jipprevedi l-estensjoni addizzjonali tal-obbligi tas-servizz pubbliku definiti fl-Artikolu 8 biex jinkludu b'mod partikolari kriterji relatati mal-koeżjoni territorjali bħall-aċċessibbiltà ta' żoni remoti jew ġejjer u reġjuni ultraperiferiċi;

17. jistaqsi għaliex, b'rabta mal-proċedura għal-limitazzjoni tan-numru ta' forniturі tas-servizzi portwarji, kif inhu previst fl-Artikolu 7, il-Kummissjoni, fl-Artikolu 10 tipprevedi biss il-possibbiltà u mhux l-obbligu li l-persuni impjegati qabel mill-provveditur preeżistenti tas-servizzi tal-port jingħataw id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku sar trasferiment skont id-definizzjoni tad-Direttiva 2001/23/KE;

18. jesprimi dubju dwar jekk ir-rekwiżiti stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikolu 12 dwar il-livell ta' dettall fl-informazzjoni li trid tingħata mill-awtoritajiet portwarji dwar il-fondi pubbliċi riċevuti u l-obbligu li jinżammu kontijiet separati humiex sproporzjonati, b'mod partikolari fir-rigward tal-istrutturi tal-ispejjeż li huma ferm differenti skont il-post tal-port;

19. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tispeċifika iktar xi trid tfisser fl-Artikolu 14(5) bil-"prinċipji komuni dwar in-nollijiet" meta wieħed iqis li kull setgħa mogħtija lill-Kummissjoni Ewropea li tadotta atti ddelegati għandha tinżamm preċiża kemm jista' jkun;

20. għandu dubju dwar il-valur miżjud tat-twaqqif ta' korp ta' sorveljanza indipendenti responsabbli għall-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-applikazzjoni tar-Regolament (Premessa 19 u Artikolu 17). Korp ta' dan it-tip jista' jwassal għal piżijiet amministrattivi addizzjonali fl-ippjanar tal-iżvilupp portwarju u jkollu impatt fuq il-baġit tal-Istati Membri;

21. bl-istess mod, jesprimi dubju dwar il-bżonn li titwaqqaf kooperazzjoni bejn awtoritajiet superviżorji indipendenti biex tiġi faċilitata implimentazzjoni uniformi ta' Regolament li mid-definizzjoni tiegħu stess huwa applikabbli direttament (Artikolu 18).

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI**

Emenda 1

Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Proposta għal **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet	Proposta għal **DIRETTIVA ~~REGOLAMENT~~ TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li **j**istabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet

Raġuni

Il-Kumitat tar-Reġjuni għadu mhuwiex konvint dwar l-għażla ta' regolament minflok direttiva kif kien sar għall-proposti preċedenti mill-Kummissjoni Ewropea jew għal-leġislazzjoni relatata (b'mod partikolari il-konċessjonijiet). Barra minn hekk, direttiva tkun iktar adatta biex titqies id-diversità kbira ta' portijiet fl-UE.

Emenda 2

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-maġġoranza assoluta tat-traffiku marittimu tal-Unjoni tgħaddi mill-portijiet marittimi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Biex jinkiseb l-għan ta' dan ir-Regolament b'mod proporzjonat mingħajr ma tiġi imposta xi regola żejda fuq portijiet oħrajn, dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, li kull wieħed minnhom għandu rwol importanti għas-sistema Ewropea tat-trasport jew għaliex minnu jgħaddu aktar minn 0,1% tal-merkanzija totali tal-UE jew in-numru totali ta' passiġġieri jew għaliex itejjeb l-aċċessibbiltà reġjonali ta' żoni ta' gżejjer jew dawk periferali, mingħajr ħsara, madankollu, għall-possibbiltà li l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw dan ir-Regolament għal portijiet oħrajn ukoll. Servizzi ta' pilotaġġ imwettqa fil-baħar fond m'għandhomx impatt dirett fuq l-effiċjenza tal-portijiet peress li dawn ma jintużawx għal dħul ħruġ dirett mill-portijiet u għalhekk ma jeħtiġux li jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.	Il-maġġoranza assoluta tat-traffiku marittimu tal-Unjoni jgħaddi mill-portijiet marittimi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Biex jinkiseb l-għan ta' ~~dan ir-Regolament~~ din id-Direttiva b'mod proporzjonat mingħajr ma tiġi imposta xi regola żejda fuq portijiet oħrajn, dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, li kull wieħed minnhom għandu rwol importanti għas-sistema Ewropea tat-trasport jew għaliex minnu jgħaddu aktar minn 0,1% tal-merkanzija totali tal-UE jew in-numru totali ta' passiġġieri jew għaliex itejjeb l-aċċessibbiltà reġjonali ta' żoni ta' gżejjer jew dawk periferali, jew dawk ultraperiferiċi, mingħajr ħsara, madankollu, għall-possibbiltà li l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw ~~dan ir-Regolament~~ din id-Direttiva għal portijiet oħrajn ukoll. Servizzi ~~ta' pilotaġġ~~ tekniċi u nawtiċi li jaqdu missjonijiet ta' interess ġenerali ~~imwettqa fil-baħar fond m'għandhomx impatt dirett fuq l-effiċjenza tal-portijiet peress li dawn ma jintużawx għal dħul ħruġ dirett mill-portijiet u għalhekk~~ ma jeħtiġux li jiġu inklużi f'din id-Direttiva ~~f'dan ir-Regolament~~.

Raġuni

Emenda relatata mal-emenda proposta għall-Artikolu 1 (Kamp ta' applikazzjoni).

Emenda 3

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-impriża li tipprovdi servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' forniturі tas-servizz portwarju, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju jista' jinkludi bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, għandu jkun possibbli li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-operatur tas-servizz magħżul biex japplika d-disposizzjonjiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji.	L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-impriża li tipprovdi servizzi portwarji. ~~Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa~~ Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' forniturі tas-servizz portwarju, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju jista' jinkludi bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, ~~għandu jkun possibbli li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill~~-operatur tas-servizz magħżul ~~biex~~ għandu japplika d-disposizzjonjiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji.

Raġuni

Emenda relatata mal-emenda proposta għall-Artikolu 10(2).

Emenda 4

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Biex jiġu supplimentati u emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex tiġi promossa l-applikazzjoni uniformi tan-nollijiet ambjentali, tissaħħaħ il-koerenza madwar l-Unjoni tan-nollijiet ambjentali u biex jiġu żgurati prinċipji komuni tan-nollijiet fir-rigward tal-promozzjoni tat-tbaħħir fuq distanza qasira, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet skont liema għandhom jiġu varjati in-nollijiet tal-infrastruttura u l-prinċipji komuni tan-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. (…)	Biex jiġu supplimentati u emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' ~~dan ir-Regolament~~ din id-Direttiva u b'mod partikolari biex tiġi promossa l-applikazzjoni uniformi tan-nollijiet ambjentali, tissaħħaħ il-koerenza madwar l-Unjoni tan-nollijiet ambjentali u biex jiġu żgurati prinċipji komuni tan-nollijiet fir-rigward tal-promozzjoni tat-tbaħħir fuq distanza qasira, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet abbażi ~~skont liema għandhom jiġu varjati in-nollijiet tal-infrastruttura u l-prinċipji komuni tan-nollijiet għan-nollijiet~~ tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw. (…)

Raġuni

Emenda relatata mal-emenda proposta għall-Artikolu 14(5). B'konformità mal-klassifiki komuni ta' bastimenti, fjuwils u tipi ta' operazzjonijiet. Madankollu, l-awtorità portwarja biss tista' tiddeċiedi fuq varjazzjonijiet fin-nollijiet tal-portijiet.

Emenda 5

Artikolu 1 – Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi:	1. ~~Dan ir-Regolament jistabbilixxi:~~ Din id-Direttiva tistabbilixxi:
(a) qafas ċar għal aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji;	(i) qafas ċar għal aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji;
(b) regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja u n-nollijiet li għandhom jiġu applikati minn korpi tal-ġestjoni jew fornituri ta' servizzi portwarji.	(j) regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja u n-nollijiet li għandhom jiġu applikati minn korpi tal-ġestjoni jew fornituri ta' servizzi portwarji.
2. Dan ir-Regolament għandu japplika għad-dispożizzjoni tal-kategoriji ta' servizzi portwarji li ġejjin, jew ġewwa ż-żona tal-port jew fl-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma lejn u mill-portijiet.	2. Din id-Direttiva għandha tapplika ~~Dan ir-Regolament għandu japplika~~ għad-dispożizzjoni tal-kategoriji ta' servizzi portwarji li ġejjin, jew ġewwa ż-żona tal-port jew fl-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma lejn u mill-portijiet.
(a) bunkering	(a) bunkering
(b) immaniġġjar tal-merkanzija;	(b) immaniġġjar tal-merkanzija;
(c) tħammil;	~~(c) tħammil;~~
(d) irmiġġ;	~~(d) irmiġġ;~~
(e) servizzi tal-passiġġieri;	~~(e)~~ (c) servizzi tal-passiġġieri;
(f) faċilitajiet ta' lqugħ fil-port;	~~(f)~~ (d) faċilitajiet ta' lqugħ fil-port;
(g) pilotaġġ u;	~~(g) pilotaġġ u;~~
(h) rmonk.	~~(h) rmonk.~~

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
3. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet marittimi kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament XXX [ir-regolament dwar il-Linji Gwida tat-TEN-T].	3. ~~Dan ir-Regolament għandu japplika~~ Din id-Direttiva għandha tapplika għall-portijiet marittimi kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament XXX [ir-regolament dwar il-Linji Gwida tat-TEN-T].
4. L-Istati Membri jistgħu japplikaw ukoll dan ir-Regolament għal portijiet marittimi oħrajn. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw dan ir-Regolament għal portijiet marittimi oħrajn, għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'din id-deċiżjoni.	4. L-Istati Membri jistgħu japplikaw ukoll ~~dan ir-Regolament~~ din id-Direttiva għal portijiet marittimi oħrajn. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw ~~dan ir-Regolament~~ din id-Direttiva għal portijiet marittimi oħrajn, għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'din id-deċiżjoni.

Raġuni

— Il-pilotaġġ, l-irmonk u l-irmiġġ huma servizzi portwarji ta' interess ġenerali (l-għan li tiġi preservata s-sigurtà marittima u li l-ambjent jiġi mħares), regolat b'mod strett mill-Istati Membri, ma jistgħux ikunu soġġetti għal approċċ tas-suq.

— L-inklużjoni tas-servizzi tat-tħammil fir-Regolament tmur kontra d-drittijiet tal-proprjetà tal-portijiet, peress li dawn fil-biċċa l-kbira mhux ser jkunu jistgħu jibqgħu jmantnu l-passaġġi tal-ilma u t-tarzni proprji waħedhom. Barra minn hekk, it-tħammil fiż-żoni portwarji jista' jitqabbel max-xogħol ta' manutenzjoni fl-ixtut u l-magħluqin, u mhux mas-servizzi portwarji l-oħra li huma relatati direttament mal-wasla ta' bastiment partikolari u li jiġu fatturati individwalment għal kull żjara.

Emenda 6

Artikolu 2 – żid punt 2(a) – Definizzjonijiet

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	"awtorità kompetenti" tfisser kwalunkwe awtorità pubblika jew grupp ta' awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru jew Stati Membri li għandhom is-setgħa jintervjenu fis-servizzi portwarji f'żona ġeografika partikolari, jew kwalunkwe korp li ngħata tali awtorità;

Raġuni

It-terminu "awtorità kompetenti" jintuża fir-Regolament (KE) 1370/2007 dwar is-servizzi tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq fejn huwa definit bħala *"kwalunkwe awtorità pubblika jew grupp ta' awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru jew Stati Membri li għandhom is-setgħa jintervjenu fit-trasport pubbliku għall-passiġġieri f'żona ġeografika partikolari, jew kwalunkwe korp li ngħata tali awtorità"* (Artikolu 2(b)). Din id-definizzjoni tikkontribwixxi għall-konsistenza tat-testijiet legali tal-UE u żżid it-trasparenza legali biex tiġi żviluppata definizzjoni armonizzata li ma tkunx limitata għas-servizzi tal-passiġġieri.

Emenda 7

Artikolu 2.14 – Definizzjonijiet

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
"obbligu ta' servizz pubbliku" tfisser rekwiżit definit jew determinat sabiex jiġi żgurat il-forniment ta' dawk is-servizzi portwarji fl-interess ġenerali li operatur, kieku kellu jikkunsidra l-interessi kummerċjali tiegħu stess, ma jipprovdix jew ma jipprovdihomx bl-istess mod jew bl-istess kundizzjonijiet;	"obbligu ta' servizz pubbliku" tfisser rekwiżit definit jew determinat minn awtorità kompetenti sabiex jiġu żgurati servizzi tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri fl-interess ġenerali li operatur, li kieku kellu jqis l-interessi kummerċjali tiegħu, ma jassumix jew ma jassumix sa l-istess punt jew taħt l-istess kondizzjonijiet mingħajr kumpens;

Raġuni

Din l-emenda tirrifletti b'mod partikolari l-Premessa 16, li tistabbilixxi li "*Dan ir-Regolament ma jipprekludix il-possibbiltà tal-awtoritajiet kompetenti li jagħtu kumpens għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku sakemm dan jikkonforma mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat*".

Emenda 8

Artikolu 2(15) – Definizzjonijiet

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
"tbaħħir fuq distanza qasira" tfisser iċ-ċaqliq ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar bejn portijiet li jinsabu fl-Ewropa ġeografika jew bejn dawk il-portijiet u l-portijiet li jinsabu f'pajjiżi mhux Ewropej bi xtut fl-ibħra magħluqin fil-fruntieri Ewropej;	"tbaħħir fuq distanza qasira" tfisser iċ-ċaqliq ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar bejn portijiet li jinsabu fl-Ewropa ġeografika jew bejn dawk il-portijiet u l-portijiet li jinsabu f'pajjiżi mhux Ewropej ~~bi xtut fl-ibħra magħluqin fil-fruntieri Ewropej~~jew, fil-każ tar-reġjuni ultraperiferiċi, bejn il-portijiet li jinsabu f'pajjiżi fil-viċinat ġeografiku tagħhom;

Raġuni

M'hemm l-ebda ġustifikazzjoni biex il-prossimità mill-qrib tiġi limitata għall-UE stess. Dan il-kunċett għandu jiġi estiż għat-territorju sħiħ tal-UE, irrispettivament mill-post ġeografiku, u b'mod partikolari għar-reġjuni ultraperiferiċi, fejn l-UE qed tħeġġeġ strateġija għat-tisħiħ tal-integrazzjoni fil-viċinanzi ġeografiċi qrib tagħhom.

Emenda 9

Artikolu 2(16) – Definizzjonijiet

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
"port marittimu" tfisser żona ta' art u ilma msawra minn tali xogħlijiet u tagħmir sabiex jippermetti, prinċipalment, l-ilqugħ ta' bastimenti, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħżin ta' prodotti, ir-riċevuta u l-forniment ta' dawn il-prodotti u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri; u kwalunkwe infrastruttura oħra meħtieġa għall-operaturi tat-trasport fi ħdan iż-żona tal-port;	"port marittimu" tfisser żona ta' art u ilma msawra minn tali xogħlijiet u tagħmir sabiex jippermetti, prinċipalment, l-ilqugħ ta' bastimenti, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħżin ta' prodotti, ir-riċevuta u l-forniment ta' dawn il-prodotti u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri; ~~u kwalunkwe infrastruttura oħra meħtieġa għall-operaturi tat-trasport fi ħdan iż-żona tal-port;~~

Raġuni

Qed jiġi propost li titneħħa l-aħħar parti tad-definizzjoni ta' port marittimu. Din il-parti hija ġdida meta mqabbla ma' definizzjoni li ġew proposti qabel iżda l-idea ta' "port marittimu" mhijiex definita. Dan jista' jwassal għal konfużjoni ma' infrastrutturi tat-trasport provduti mill-awtoritajiet lokali u reġjonali bejn il-port u l-intern tal-pajjiż.

Emenda 10

Artikolu 2(16) – punt 2(a) (punt ġdid) – Definizzjonijiet

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	"Servizzi tekniċi u nawtiċi" tfisser servizzi portwarji ta' interess ġenerali provduti sabiex tiġi preservata s-sigurtà marittima u biex jiġi mħares l-ambjent, bħall-irmiġġ, il-pilotaġġ u l-irmonk.

Raġuni

Isegwi mill-emendi għall-Artikoli 2 u 18.

Emenda 11

Kapitolu II – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
KAPITOLU II – Aċċess tas-suq	**KAPITOLU II – ~~Aċċess tas-suq~~ Prinċipji li jirregolaw l-għoti tas-servizzi portwarji u l-aċċess għalihom**

Raġuni

Kif qiegħed bħalissa, it-titolu tal-kapitolu jissuġġerixxi li l-għan li jrid jinkiseb mill-Kummissjoni huwa l-liberalizzazzjoni, filwaqt li l-kapitolu fil-fatt jiffoka fuq id-dispożizzjonijiet li ser jippermettu t-tħaddim ta' servizzi portwarji li mhumiex neċessarjament miftuħin għas-suq.

Emenda 12

Artikolu 4 – Rekwiżiti minimi għall-forniment ta' servizzi portwarji

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
1. Il-korp maniġerjali tal-port jista' jitlob lill-fornituri ta' servizzi portwarji sabiex jikkonformaw ma' rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz tal-portijiet korrispondenti.	1. Il-korp maniġerjali tal-port, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, jista' jitlob lill-fornituri ta' servizzi portwarji sabiex jikkonformaw ma' rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz tal-portijiet korrispondenti.
2. Fejn dawn ikunu applikabbli, ir-rekwiżiti minimi stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu relatati biss: (...)	2. Fejn dawn ikunu applikabbli, ir-rekwiżiti minimi stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu relatati biss: (...)
d) mal-konformità mar-rekwiżiti lokali, nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali dwar l-ambjent.	d) mal-konformità mar-rekwiżiti lokali, reġjonali, nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali dwar l-ambjent.
(…)	(…)
4. Meta r-rekwiżiti minimi jkunu jinkludu għarfien lokali speċifiku jew ftit tagħrif fuq il-kundizzjonijiet lokali, il-korp maniġerjali tal-port għandu jara li hemm aċċess adegwat għat-taħriġ relevanti, b'kundizzjonijiet trasparenti u nondiskriminatorji, sakemm l-aċċess adegwat għat-tali taħriġ ma jkunx iggarantit mill-Istat Membru.	4. Meta r-rekwiżiti minimi jkunu jinkludu għarfien lokali speċifiku jew ftit tagħrif fuq il-kundizzjonijiet lokali, il-korp maniġerjali tal-port għandu jara li hemm aċċess adegwat għat-taħriġ relevanti, b'kundizzjonijiet trasparenti u nondiskriminatorji, sakemm l-aċċess adegwat għat-tali taħriġ ma jkunx iggarantit mill-awtorità kompetenti rilevanti ~~mill-Istat Membru~~.

Raġuni

L-għan ta' din l-emenda hu li ssaħħaħ ir-rikonoxximent tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-rigward tal-leġislazzjoni applikabbli jew it-twaqqif ta' rekwiżiti minimi għall-forniment ta' servizzi portwarji.

Emenda 13

Artikolu 6(4) – Limitazzjonijiet tan-numru ta' forniturі tas-servizzi portwarji

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Meta entità tal-ġestjoni ta' port tipprovdi s-servizzi hija stess jew permezz ta' entità distinta legali li tikkontrolla direttament, l-Istat Membru jista' jafda l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tillimita l-għadd ta' forniturі tas-servizzi portwarji lil awtorità li hija indipendenti mill-entità tal-ġestjoni tal-port. Jekk Stat Membru ma jafdax l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tillimita l-għadd ta' forniturі tas-servizzi portwarji lil awtorità bħal din, l-għadd ta' forniturі għandu jkun anqas minn tnejn.	Meta entità tal-ġestjoni ta' port tipprovdi s-servizzi hija stess jew permezz ta' entità distinta legali li tikkontrolla direttament, l-awtorità kompetenti rilevanti ~~l-Istat Membru~~ jista' ~~ja~~fda l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tillimita l-għadd ta' forniturі tas-servizzi portwarji lil awtorità li hija indipendenti mill-entità tal-ġestjoni tal-port. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jagħti provi li s-sitwazzjoni tas-suq tagħmilha possibbli li jkun hemm limitazzjoni. Il-limitazzjoni għandha tkun temporanja. ~~Jekk Stat Membru ma jafdax l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tillimita l-għadd ta' forniturі tas-servizzi portwarji lil awtorità bħal din, l-għadd ta' forniturі għandu jkun anqas minn tnejn.~~

Emenda 14

Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
1. Kwalunkwe limitazzjoni tan-numru ta' forniturі għal servizz portwarju wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 għandha ssegwi proċedura tal-għażla li tkun miftuħa għall-partijiet interessati kollha, tkun nondiskriminatorja u trasparenti.	1. Kwalunkwe limitazzjoni tan-numru ta' forniturі għal servizz portwarju wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 għandha ssegwi proċedura tal-għażla li tkun miftuħa għall-partijiet interessati kollha, tkun nondiskriminatorja u trasparenti.
2. Jekk il-valur stmat tas-servizz portwarju jaqbeż il-limitu definit fil-paragrafu 3, għandhom jiġu applikati r-regoli dwar il-proċedura tal-għoti, il-garanziji proċedurali u d-durata massima tal-konċessjonijiet kif stipulati fid-Direttiva …./…. [konċessjonijiet].	~~2 .~~ ~~Jekk il-valur stmat tas-servizz portwarju jaqbeż il-limitu definit fil-paragrafu 3, għandhom jiġu applikati r-regoli dwar il-proċedura tal-għoti, il-garanziji proċedurali u d-durata massima tal-konċessjonijiet kif stipulati fid-Direttiva …./…. [konċessjonijiet].~~
3. Il-limitu u l-metodu ta' determinazzjoni tal-valur tas-servizz portwarju għandhom ikunu dawk tad-dispożizzjonijiet rilevanti u applikabbli stabbiliti fid-Direttiva ..../…. [konċessjonijiet].	~~3. Il-limitu u l-metodu ta' determinazzjoni tal-valur tas-servizz portwarju għandhom ikunu dawk tad-dispożizzjonijiet rilevanti u applikabbli stabbiliti fid-Direttiva ..../…. [konċessjonijiet].~~
4. Il-fornitur jew forniturі magħżulin u l-korp maniġerjali tal-port għandhom jikkonkludu kuntratt dwar servizz portwarju.	2.~~4.~~ Il-fornitur jew forniturі magħżulin u l-korp maniġerjali tal-port għandhom jikkonkludu ~~kuntratt dwar servizz portwarju.~~
5. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, modifika sostanzjali skont it-tifsira tad-Direttiva …./… [konċessjonijiet] fid-dispożizzjonijiet ta' kuntratt ta' servizz portwarju matul it-terminu tiegħu għandhom jitqiesu bħala kuntratt ta' servizz portwarju ġdid u b'hekk għandhom jeħtieġu proċedura ġdida kif imsemmi fil-paragrafu 2.	~~5. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, modifika sostanzjali skont it-tifsira tad-Direttiva …./… [konċessjonijiet] fid-dispożizzjonijiet ta' kuntratt ta' servizz portwarju matul it-terminu tiegħu għandhom jitqiesu bħala~~ kuntratt ta' servizz ~~portwarju ġdid u b'hekk għandhom jeħtieġu proċedura ġdida kif imsemmi fil-paragrafu 2.~~

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
6. Il-paragrafi minn 1 sa 5 ma għandhomx japplikaw fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 9.	~~6~~ 3. Il-paragrafi ~~minn~~ 1 ~~sa 5~~ u 2 ma għandhomx japplikaw fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 9.
7. Dan l-Artikolu huwa mingħajr ħsara għad-Direttiva …/….[konċessjonijiet], id-Direttiva …./….[utilitajiet pubbliċi] u d-Direttiva …./….[akkwisti pubbliċi]	~~7~~ 4. Dan l-Artikolu huwa mingħajr ħsara għad-Direttiva …/….[konċessjonijiet] , id-Direttiva …./….[utilitajiet pubbliċi] u d-Direttiva …./….[akkwisti pubbliċi]. 4(a) It-tul ta' żmien tal-kuntratti ta' servizzi portwarji għandu jkun proporzjonali skont l-investimenti li jkunu saru.

Emenda 15

Article 8 – Obbligi ta' servizz pubbliku

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jimponu fuq il-fornituri obbligi ta' servizz pubbliku relatati mas-servizzi portwarji biex jiżguraw li:	1. **L-awtoritajiet kompetenti** jistgħu jiddeċiedu li jimponu fuq il-fornituri obbligi ta' servizz pubbliku relatati mas-servizzi portwarji biex jiżguraw li:
(a) id-disponibbiltà tas-servizz bla interruzzjoni binhar, billejl, tul il-ġimgħa u s-sena;	(a) id-disponibbiltà tas-servizz bla interruzzjoni binhar, billejl, tul il-ġimgħa u s-sena;
(b) id-disponibbiltà tas-servizz għall-utenti kollha;	(b) id-disponibbiltà tas-servizz għall-utenti kollha;
(c) l-affordabbiltà tas-servizz għal ċerti kategoriji ta' utenti.	(c) l-affordabbiltà tas-servizz għal ċerti kategoriji ta' utenti;.
	d) il-kriterji relatati mal-koeżjoni territorjali bħall-aċċessibbiltà għal żoni mbiegħda, ~~jew~~ gżejjer u żoni ultraperiferiċi.;
	(e) jiġu sodisfatti r-rekwiżiti speċifiċi li jkunu relatati fost affarijiet oħra mas-sigurtà jew l-ambjent, u li ma jkunux twettqu mill-fornituri tas-servizzi portwarji minħabba raġunijiet ekonomiċi.
2. L-obbligi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu definiti b'mod ċar, ikunu transparenti, nondiskriminatorji, verifikabbli u għandhom jiggarantixxu aċċess indaqs lill-fornituri kollha tas-servizzi portwarji stabbiliti fl-Unjoni.	2. L-obbligi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu definiti b'mod ċar, ikunu transparenti, nondiskriminatorji, verifikabbli u għandhom jiggarantixxu aċċess indaqs lill-fornituri kollha tas-servizzi portwarji stabbiliti fl-Unjoni.
3. L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti fi ħdan it-territorju tagħhom biex jimponu dawk l-obbligi ta' servizz pubbliku. Il-korp maniġerjali tal-port jista' jkun l-awtorità kompetenti. (…)	3. L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti fi ħdan it-territorju tagħhom biex jimponu dawk l-obbligi ta' servizz pubbliku. Il-korp maniġerjali tal-port jista', jekk ikun pubbliku, ij kun l-awtorità kompetenti. (…)

Raġuni

— Qed jiġi propost li l-obbligi tas-servizz pubbliku jiġu estiżi għall-koeżjoni territorjali kif ġie suġġerit fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-abbozz ta' Regolament (ara l-aħħar parti tat-taqsima 1.4). Għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-kriterji li huma partikolarment importanti għall-ambjent u s-sigurtà tal-attivitajiet portwarji imma li mhumiex vijabbli ekonomikament.

— Peress li l-korp maniġerjali tal-port jista' jkun korp privat u jirċievi fondi pubbliċi, il-possibbiltà provduta fl-Artikolu 8 (3) biex dan il-korp ikun l-awtorità kompetenti għad-definizzjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku għandha tkun limitata għal korpi maniġerjali pubbliċi.

Emenda 16

Article 9 – Operatur intern

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
1. Fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 6(1)(b), l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tipprovdi hija stess servizz portwarju skont l-obbligi ta' servizz pubbliku jew timponi dawk l-obbligi direttament fuq entità legalment separata li fuqha teżerċita kontroll simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess. F'każ bħal dan, dan il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jitqies li huwa operatur intern għall-fini ta' dan ir-Regolament.	1. Fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 6(1)(b), l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tipprovdi hija stess servizz portwarju ~~skont l-obbligi ta' servizz pubbliku~~ jew ~~timponi dawk l-obbligi direttament fuq~~ b'entità legalment separata li fuqha teżerċita kontroll simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess. F'każ bħal dan, dan il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jitqies li huwa operatur intern għall-fini ta' ~~dan ir-Regolament~~ din id-Direttiva.
(…)	(…)
4. Jekk awtorità kompetenti tiddeċiedi li tapplika l-paragrafu 1 fil-portijiet marittimi kollha li jaqgħu taħt dan ir-Regolament fi Stat Membru, din għandha tgħarraf lill-Kummissjoni.	4. Jekk awtorità kompetenti tiddeċiedi li tapplika l-paragrafu 1 fil-portijiet marittimi kollha li jaqgħu taħt ~~dan ir-Regolament~~ din id-Direttiva fi Stat Membru, din għandha tgħarraf lill-Kummissjoni.
(…)	(…)

Raġuni

Hemm id-dubji dwar kemm is-sitwazzjoni fejn fornitur ta' servizzi portwarji għandu jitqies bħala "operatur intern" hija limitata għas-servizzi portwarji skont obbligi tas-servizz pubbliku biss. Jista' jkun hemm tassew raġunijiet purament kummerċjali għalfejn korp maniġerjali tal-port (li jista' jkun korp privat) jista' jiddeċiedi jipprovdi servizz huwa stess mingħajr ma dak is-servizz jiġi definit speċifikament bħala servizz pubbliku.

Emenda 17

Article 10(2) – Ħarsien tad-drittijiet tal-impjegati

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE.	2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port ~~jistgħu~~ jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE.

Raġuni

Mhuwiex ċar għalfejn il-Kummissjoni tipprevedi biss il-*possibbiltà* u mhux l-obbligu li l-persuni li diġà kienu impjegati mill-provveditur preeżistenti tas-servizzi tal-port jingħataw id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku sar trasferiment skont id-definizzjoni tad-Direttiva 2001/23/KE.

Emenda 18

Article 10(3) – Ħarsien tad-drittijiet tal-impjegati

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Meta l-korpi tal-ġestjoni tal-port jeħtieġu li l-fornituri tas-servizzi portwarji jikkonformaw ma' ċerti standards soċjali fir-rigward tal-forniment tas-servizzi portwarji relevanti, id-dokumenti tal-offerti u l-kuntratti tas-servizz portwarju għandhom jelenkaw il-persunal ikkonċernat u jagħtu dettalji trasparenti dwar id-drittijiet kuntrattwali tagħhom u l-kundizzjonijiet li bihom l-impjegati jitqiesu li huma marbutin mas-servizzi portwarji.	Meta l-korpi tal-ġestjoni tal-port jeħtieġu li l-fornituri tas-servizzi portwarji jikkonformaw ma' ċerti standards soċjali fir-rigward tal-forniment tas-servizzi portwarji relevanti, id-dokumenti tal-offerti u l-kuntratti tas-servizz portwarju għandhom jelenkaw il-persunal ikkonċernat u jindikaw l-istatus ~~jagħtu dettalji trasparenti dwar id~~tad-drittijiet kuntrattwali tagħhom u l-kundizzjonijiet li bihom l-impjegati jitqiesu li huma marbutin mas-servizzi portwarji.

Raġuni

Il-pubblikazzjoni ta' "dettalji trasparenti dwar id-drittijiet kuntrattwali" tal-persunal tista' tmur kontra d-drittijiet li jikkonċernaw id-data personali.

Emenda 19

Article 12(2) – Trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji, għandu jżomm il-kontijiet ta' kull attività tas-servizz portwarju separati mill-kontijiet tal-attivitajiet l-oħrajn tiegħu b'mod li: (a) l-ispejjeż u d-dħul kollha jiġu assenjati jew allokati b'mod korrett fuq il-bażi ta' prinċipji tal-kontabilità tal-kostijiet applikati b'mod konsistenti u oġġettivament ġustifikabbli; (b) il-prinċipji tal-kontabilità tal-kostijiet li skont dawn jinżammu kontijiet separati jkunu stabbiliti b'mod ċar.	Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji, għandu jżomm il-kontijiet ta' kull attività tas-servizz portwarju separati mill-kontijiet tal-attivitajiet l-oħrajn tiegħu b'mod li jippermetti l-monitoraġġ tal-projbizzjoni fuq it-trasferiment ta' fondi pubbliċi mħallsa f'qasam wieħed għal ieħor u l-monitoraġġ tal-użu tad-dħul minn nollijiet tal-infrastruttura u ammonti żejda minn attivitajiet kummerċjali oħra. ~~(a) l-ispejjeż u d-dħul kollha jiġu assenjati jew allokati b'mod korrett fuq il-bażi ta' prinċipji tal-kontabilità tal-kostijiet applikati b'mod konsistenti u oġġettivament ġustifikabbli;~~ ~~(b) il-prinċipji tal-kontabilità tal-kostijiet li skont dawn jinżammu kontijiet separati jkunu stabbiliti b'mod ċar.~~

Raġuni

Semplifikazzjonijiet suġġeriti għar-rekwiżiti tal-kontabbiltà derivati mill-Artikolu 6 tad-Direttiva 2012/34/UE li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea.

Emenda 20

Artikolu 14(4)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont il-prattiki kummerċjali relatati mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u b'rispett għar-regoli tal-kompetizzjoni. Il-varjazzjoni li tirriżulta għandha tkun disponibbli b'mod partikolari għall-utenti tas-servizzi portwarji kollha rilevanti bl-istess termini.	4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont il-prattiki kummerċjali relatati mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. , jew għal raġunijiet ta' koeżjoni territorjali, pereżempju l-aċċessibbiltà tar-reġjuni ultraperiferiċi. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u b'rispett għar-regoli tal-kompetizzjoni. Il-varjazzjoni li tirriżulta għandha tkun disponibbli b'mod partikolari għall-utenti tas-servizzi portwarji kollha rilevanti bl-istess termini.

Raġuni

L-emenda titlob li r-regoli jippermettu kriterji oħra ta' prezzar li jqisu l-inaċċessibbiltà tar-reġjuni ultraperiferiċi u l-bżonn li jiġu kkumpensati l-ispejjeż addizzjonali tat-trasport sabiex igawdu l-istess kundizzjonijiet bħall-utenti kollha l-oħra, kif inhu rikonoxxut mill-Artikolu 349 tat-TFUE.

Emenda 21

Artikolu 14 – Nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(…)	(…)
5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet li skont dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura u l-prinċipji komuni dwar in-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet.	5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati skontil-proċedura msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet li skont dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura ~~u l-prinċipji komuni dwar in-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet~~.
(…)	(…)
7. Fuq talba, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ta' sorveljanza indipendenti u kompetenti u tal-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 u l-ispejjeż u d-dħul dettaljati, li jservu bħala bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet u l-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti n-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li magħhom huma relatati dawn il-portijiet.	~~7. Fuq talba, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ta' sorveljanza indipendenti u kompetenti u tal-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 u l-ispejjeż u d-dħul dettaljati, li jservu bħala bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet u l-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti n-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li magħhom huma relatati dawn il-portijiet.~~

Raġuni

Il-libertà kummerċjali tal-korpi maniġerjali portwarji m'għandhiex tiġi mxekkla minn prinċipji bħal dawn (l-iċċarġjar/prezzar huma qasam kompetittiv). Barra minn hekk, kull għoti ta' setgħa konferit lill-Kummissjoni biex tadotta atti ddelegati għandu jinżamm preċiż u limitat kemm jista' jkun.

Emenda 22

Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Korp ta' superviżjoni indipendenti	~~**Korp ta' superviżjoni indipendenti**~~
1. L-Istati Membri għandhom jaraw li l-korp ta' sorveljanza indipendenti jimmonitorja u jissorvelja l-applikazzjoni tar-Regolament fil-portijiet marittimi kollha koperti b'dan ir-Regolament dwar it-territorju ta' kull Stat Membru.	~~1. L-Istati Membri għandhom jaraw li l-korp ta' sorveljanza indipendenti jimmonitorja u jissorvelja l-applikazzjoni tar-Regolament fil-portijiet marittimi kollha koperti b'dan ir-Regolament dwar it-territorju ta' kull Stat Membru.~~
2. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkun legalment separat minn kwalunkwe korp maniġerjali tal-port jew fornituri tas-servizzi portwarji u għandu jkun ukoll funzjonalment indipendenti minnhom. L-Istati Membri li huma l-proprjetarji tal-portijiet jew il-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet jew li jikkontrollawhom għandhom jaraw li ssir separazzjoni strutturali effettiva bejn il-funzjonijiet relatati mas-superviżjoni u l-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament u l-attivitajiet assoċjati ma' dik is-sjieda jew dak il-kontroll. Il-korp ta' superviżjoni indipendenti għandu jeżerċita l-poteri tiegħu b'mod imparzjali u trasparenti u bir-rispett dovut għad-dritt li n-negozju jitwettaq liberament.	~~2. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkun legalment separat minn kwalunkwe korp maniġerjali tal-port jew fornituri tas-servizzi portwarji u għandu jkun ukoll funzjonalment indipendenti minnhom. L-Istati Membri li huma l-proprjetarji tal-portijiet jew il-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet jew li jikkontrollawhom għandhom jaraw li ssir separazzjoni strutturali effettiva bejn il-funzjonijiet relatati mas-superviżjoni u l-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament u l-attivitajiet assoċjati ma' dik is-sjieda jew dak il-kontroll. Il-korp ta' superviżjoni indipendenti għandu jeżerċita l-poteri tiegħu b'mod imparzjali u trasparenti u bir-rispett dovut għad-dritt li n-negozju jitwettaq liberament.~~
3. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jipproċessa l-ilmenti ppreżentati minn kwalunkwe parti b'interess leġittimu kif ukoll it-tilwimiet imressqa quddiemu li jkunu relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	~~3. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jipproċessa l-ilmenti ppreżentati minn kwalunkwe parti b'interess leġittimu kif ukoll it-tilwimiet imressqa quddiemu li jkunu relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.~~
4. F'każ li t-tilwima tqum bejn partijiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, il-korp ta' sorveljanza indipendenti tal-Istat Membru tal-port minn fejn ikun preżunt li oriġinat it-tiwima, għandu jkollu l-kompetenza li jsolvi t-tilwima.	~~4. F'każ li t-tilwima tqum bejn partijiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, il-korp ta' sorveljanza indipendenti tal-Istat Membru tal-port minn fejn ikun preżunt li oriġinat it-tiwima, għandu jkollu l-kompetenza li jsolvi t-tilwima.~~
5. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkollu d-dritt li jeżiġi li l-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet, il-fornituri ta' servizzi portwarji u l-utenti tal-port jissottomettu l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu żgurati l-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	~~5. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkollu d-dritt li jeżiġi li l-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet, il-fornituri ta' servizzi portwarji u l-utenti tal-port jissottomettu l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu żgurati l-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.~~
6. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti jista' joħroġ opinjonijiet fuq talba tal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru dwar kwalunkwe kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	~~6. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti jista' joħroġ opinjonijiet fuq talba tal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru dwar kwalunkwe kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.~~
7. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti jista' jikkonsulta lill-kumitat konsultattiv ta' dawk li jużaw il-port ikkonċernat meta jittratta l-ilmenti jew it-tilwim.	~~7. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti jista' jikkonsulta lill-kumitat konsultattiv ta' dawk li jużaw il-port ikkonċernat meta jittratta l-ilmenti jew it-tilwim.~~
8. Id-deċiżjonijiet tal-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkollhom effett vinkolanti, minħajr ħsara għal analiżi ġuridika.	~~8. Id-deċiżjonijiet tal-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkollhom effett vinkolanti, minħajr ħsara għal analiżi ġuridika.~~
9. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2015 u dwar kwalunkwe modifika fiha. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-lista tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti fuq il-websajt tagħha.	~~9. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2015 u dwar kwalunkwe modifika fiha. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-lista tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti fuq il-websajt tagħha.~~

Raġuni

Hemm dubju dwar il-valur miżjud (tat-twaqqif) ta' korp ta' sorveljanza indipendenti responsabbli għall-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-applikazzjoni tar-Regolament. L-awtoritajiet kompetenti eżistenti (inkluż dawk fil-livell lokali u reġjonali) jistgħu jkunu responsabbli għal dan it-tip ta' superviżjoni. Barra minn hekk, regolament, bħala definizzjoni, "jorbot fl-intier tiegħu" u għalhekk m'għandu bżonn l-ebda miżura biex jiffaċilita l-implimentazzjoni uniformi tiegħu. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 19 jistabbilixxi mekkaniżmu għall-appell.

Emenda 23

Article 18 – Kooperazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Kooperazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti	~~**Kooperazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti**~~
1. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien f'netwerk li jiltaqa' f'intervalli regolari u tal-inqas darba fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem, tikkoordina u tappoġġja l-ħidma tan-netwerk.	~~1. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien f'netwerk li jiltaqa' f'intervalli regolari u tal-inqas darba fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem, tikkoordina u tappoġġja l-ħidma tan-netwerk.~~
2. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jikkooperaw mill-qrib għall-fini ta' assistenza reċiproka fil-kompiti tagħhom, inkluż fit-twettiq tal-investigazzjonijiet meħtieġa biex jindirizzaw ilmenti u tilwim f'każijiet li jinvolvu portijiet fi Stati Membri differenti. Għal dan il-għan, wara talba sostanzjata, korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' korp ieħor bħalu, l-informazzjoni meħtieġa biex dan il-korp ikun jista' jwettaq ir-responsabilitajiet tiegħu skont dan ir-Regolament.	~~2. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jikkooperaw mill-qrib għall-fini ta' assistenza reċiproka fil-kompiti tagħhom, inkluż fit-twettiq tal-investigazzjonijiet meħtieġa biex jindirizzaw ilmenti u tilwim f'każijiet li jinvolvu portijiet fi Stati Membri differenti. Għal dan il-għan, wara talba sostanzjata, korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' korp ieħor bħalu, l-informazzjoni meħtieġa biex dan il-korp ikun jista' jwettaq ir-responsabilitajiet tiegħu skont dan ir-Regolament.~~
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara talba rraġonata, il-korpi konsultattivi indipendenti jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. L-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni għandha tkun proporzjonata mat-twettieq ta' dawk ix-xogħlijiet.	~~3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara talba rraġonata, il-korpi konsultattivi indipendenti jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. L-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni għandha tkun proporzjonata mat-twettieq ta' dawk ix-xogħlijiet.~~
4. Meta l-informazzjoni titqies kunfidenzjali mill-korp ta' sorveljanza indipendenti skont ir-regoli tal-Unjoni jew dawk nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità kummerċjali, il-korp ta' sorveljanza nazzjonali l-ieħor flimkien mal-Kummissjoni għandhom jiżguraw dik il-kunfidenzjalità. Din l-informazzjoni tista' tintuża biss għall-għan li tkun intalbet għalih.	~~4. Meta l-informazzjoni titqies kunfidenzjali mill-korp ta' sorveljanza indipendenti skont ir-regoli tal-Unjoni jew dawk nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità kummerċjali, il-korp ta' sorveljanza nazzjonali l-ieħor flimkien mal-Kummissjoni għandhom jiżguraw dik il-kunfidenzjalità. Din l-informazzjoni tista' tintuża biss għall-għan li tkun intalbet għalih.~~
5. Abbażi tal-esperjenza tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti u tal-attivitajiet tan-netwerk imsemmi fil-paragrafu 1, u sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effiċjenti, il-Kummissjoni tista' tadotta prinċipji komuni dwar l-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 22(2).	~~5. Abbażi tal-esperjenza tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti u tal-attivitajiet tan-netwerk imsemmi fil-paragrafu 1, u sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effiċjenti, il-Kummissjoni tista' tadotta prinċipji komuni dwar l-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 22(2).~~

Raġuni

Dan huwa argument simili għal dak li ntuża fl-emenda għall-Artikolu 17: għadu mhuwiex ċar għalfejn hemm kooperazzjoni bejn awtoritajiet superviżorji indipendenti. Huwa inqas u inqas ċar jekk wieħed isegwi l-loġika tal-Kummissjoni li tagħżel abbozz ta' regolament li bħala definizzjoni "jorbot fl-intier tiegħu" u għandu jipprevjeni piż amministrattiv addizzjonali għall-Istati Membri u l-Kummissjoni u għalhekk ma jeħtieġ l-ebda miżura biex jiffaċilita l-implimentazzjoni uniformi tiegħu. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 19 jistabbilixxi mekkaniżmu għal appell.

Emenda 24

Artikolu 19 – Appell

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
1. Kwalunkwe parti b'interess leġittimu għandu jkollha d-dritt li tappella kontra d-deċiżjonijiet jew il-miżuri individwali meħuda skont dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti, mill-korp maniġerjali tal-port jew mill-korp ta' sorveljanza indipendenti quddiem korp tal-appell li hija indipendenti mill-partijiet involuti. Dan il-korp tal-appell jista' jkun qorti.	1. Kwalunkwe parti b'interess leġittimu għandu jkollha d-dritt li tappella kontra d-deċiżjonijiet jew il-miżuri individwali meħuda skont dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti, jew mill-korp maniġerjali tal-port ~~jew mill-korp ta' sorveljanza indipendenti~~ quddiem korp tal-appell li hija indipendenti mill-partijiet involuti. Dan il-korp tal-appell jista' jkun qorti.
2. Meta l-korp tal-appell imsemmi fil-paragrafu 1 ma tkunx tat-tip ġudizzjarju, għandhom jingħataw raġunijiet bil-miktub għad-deċiżjonijiet tiegħu. Id-deċiżjoni tiegħu għandhom ikunu soġġetti wkoll għal reviżjoni minn qorti nazzjonali.	2. Meta l-korp tal-appell imsemmi fil-paragrafu 1 ma tkunx tat-tip ġudizzjarju, għandhom jingħataw raġunijiet bil-miktub għad-deċiżjonijiet tiegħu. Id-deċiżjoni tiegħu għandhom ikunu soġġetti wkoll għal reviżjoni minn qorti nazzjonali.

Raġuni

Isegwi mill-emendi għall-Artikoli 17 u 18.

Brussell, 28 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġiji għall-Integrazzjoni tar-Rom

(2014/C 114/12)

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali: il-promozzjoni tal-integrazzjoni u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni

1. jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bħala evidenza konkreta tal-impenn tal-UE biex tippromovi l-integrazzjoni tal-komunitajiet tar-Rom ([1]) u tiġġieled id-diskriminazzjoni li jiffaċċjaw ta' spiss permezz ta' strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tagħhom;

2. ifakkar li b'popolazzjoni stmata ta' bejn 10 u 12-il miljun persuna fl-Ewropa (li sitt miljuni minnhom jgħixu fl-UE), ir-Rom huma l-akbar minoranza etnika fl-Ewropa. Ħafna mir-Rom huma ċittadini tal-UE;

3. id-daqs u s-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tal-popolazzjoni tar-Rom huma differenti f'kull reġjun u Stat Membru; għaldaqstant, l-approċċi nazzjonali għall-inklużjoni tar-Rom għandhom jitfasslu skont iċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet speċifiċi fil-post, inkluż billi jiġu adottati jew ikomplu jintużaw politiki li jindirizzaw lill-gruppi emarġinati u żvantaġġati, bħar-Rom, f'kuntest usa';

4. jemmen li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà konġunta li jtejbu l-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali tar-Rom. Ifakkar li l-fatt li jiġu indirizzati d-diskriminazzjoni, il-preġudizzji u l-esklużjoni soċjali li jiffaċċjaw ir-Rom hu obbligu stabbilit fit-Trattat u rekwiżit legali ([2]), fis-sens li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età, is-sess jew l-orjentazzjoni sesswali. Għalhekk jikkundanna bis-sħiħ kull tip ta' diskriminazzjoni kontra l-komunitajiet tar-Rom;

5. jinnota li l-politiki nazzjonali, li ġustament huma maħsuba biex jippromovu r-rispett tal-prinċipju tal-istat tad-dritt fost il-popolazzjonijiet tar-Rom, fl-ebda każ ma jistgħu jipperikolaw jew saħansittra jinnegaw lill-membri tagħhom, bħala ċittadini ta' Stat Membru (mhux apolidi), id-dritt taċ-ċittadinanza Ewropea; jikkundanna l-użu ta' proċeduri ġeneralizzati ta' espuljoni maħsuba biex jeskludu l-akkoljenza tar-Rom mingħajr raġuni tajba u jirrifjutaw kull tentattiv ta' integrazzjoni; jistieden lill-UE tiċċara s-sitwazzjoni f'dan ir-rigward;

6. jikkundanna l-istereotipi u l-aċċess limitat għas-servizzi pubbliċi minħabba l-idea ta' differenzi kulturali. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-isforzi tal-Kummissjoni biex tindirizza l-problemi li jiffaċċjaw il-komunitajiet tar-Rom bħall-faqar, l-ostakli fis-suq tax-xogħol u l-aċċess għad-djar u l-kura tas-saħħa, billi tiffoka fuq il-prekundizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġiji għall-integrazzjoni. Peress li dawn il-problemi għadhom ma ġewx solvuti b'mod adegwat, jirrakkomanda li dawn l-isforzi jiġu msaħħa, anke billi jingħataw aktar responsabilitajiet lill-awtoritajiet lokali u reġjonali;

7. jisħaq li l-integrazzjoni hija proċess miż-żewġ naħat. F'dan ir-rigward, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw ir-Rom għandhom jinformaw lis-soċjetajiet tar-Rom dwar il-benefiċċji li jistgħu jiksbu jekk jintegraw ruħhom tajjeb fil-pajjiż li jospitahom kif ukoll l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-fatt li jirrisjedu f'pajjiż;

8. jappoġġja l-fatt li l-Kummissjoni tagħti prijorità lil diversi prekundizzjonijiet strutturali li huma importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġiji għall-integrazzjoni, b'mod partikolari l-kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji proporzjonati;

L-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE

9. jappella lill-Kummissjoni Ewropea tiddefinixxi indikaturi u miri ċari li jistgħu jitkejlu għal dawk l-Istati Membri li għandhom komunità tar-Rom, b'mod li jiġi mmonitorjat il-progress fl-erba' pilastri, fosthom il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

([1]) B'konformità mal-Komunikazzjoni, it-terminu "Rom" hawnhekk jirreferi għal numru ta' gruppi differenti (bħar-Rom, is-Sinti, il-Kale, iż-Żingari, ir-Romanichels, il-Boyash, l-Ashkali, l-Eġizzjani, il-Yenish, id-Dom u l-Lom) u tinkludi wkoll il-Vjaġġaturi.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità.

10. itenni kemm hu importanti li l-Istati Membri jadottaw strateġija għall-integrazzjoni komprensiva, multisettorjali u koordinata. Fil-fatt, l-oqsma ta' politika ewlenin identifikati mill-Istrateġija Qafas tal-UE huma kwistjonijiet interrelatati. L-UE u l-Istati Membri ma jistgħux isolvu kull problema permezz ta' strateġiji minn fuq għal isfel (top-down) li l-għan tagħhom ikun li jtejbu s-sitwazzjoni tal-komunitajiet minn livell għoli u għandhom iserrħu fuq il-kooperazzjoni mal-atturi kollha fil-livelli kollha;

11. jappella lill-Kummissjoni Ewropea toħloq mekkaniżmu ta' monitoraġġ aktar b'saħħtu għall-evalwazzjoni aktar effettiva tal-progress li jsir biex jintlaħqu l-miri stabbiliti għall-Istati Membri li għandhom komunità tar-Rom kif ukoll tirrakkomanda miżuri prattiċi li jridu jieħdu dawn l-Istati Membri;

12. jiddispjaċih li d-dokument tal-Kummissjoni bilkemm jitkellem dwar l-isforzi għall-integrazzjoni tar-Rom fl-aktar Stati Membri ġodda tal-UE u fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali tal-UE, li wħud minnhom għandhom għadd sinifikanti ta' Rom li jeħtieġu ħafna għajnuna, peress li s-sitwazzjoni tagħhom ġiet ikkawżata mill-esklużjoni u d-diskriminazzajoni jew marret għall-aħar minħabba fihom;

13. jappella lill-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali tal-UE biex ikomplu jadottaw liġijiet kontra d-diskriminazzjoni u jiżviluppaw/jirrevedu l-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-integrazzjoni tar-Rom bil-parteċipazzjoni tal-gvernijiet lokali u reġjonali tagħhom, u biex jinkludu miri li jistgħu jitkejlu u dispożizzjonijiet dwar l-obbligu li jiġi ppubblikat b'mod regolari dak li jinkiseb;

14. jilqa' l-idea li jitwaqqaf netwerk ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għar-Rom biex jiffaċilita l-iskambji multilaterali tal-aħjar prattiki, it-tagħlim *inter pares* u l-kooperazzjoni. Jitlob li r-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu inklużi fin-netwerk. Pjattaforma ta' dan it-tip għandha tinkludi r-rappreżentanti tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali tal-UE;

15. jirrikonoxxi l-ħidma tal-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali (Kunsill tal-Ewropa), b'mod partikolari r-Riżoluzzjoni tiegħu "The situation of Roma in Europe: a challenge for local and regional authorities" *[Is-sitwazzjoni tar-Rom fl-Ewropa: sfida għall-awtoritajiet lokali u reġjonali]* ([3]). Jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jaħdmu aktar mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa biex itejbu l-istatus tar-Rom, pereżempju billi jappoġġjaw l-Alleanza Ewropea tal-Bliet u r-Reġjuni għall-Inklużjoni tar-Rom li twaqqfet dan l-aħħar, u jappoġġjaw il-kampanja "Dosta!" li kellha suċċess kbir;

16. jappella lill-Istati Membri jiżguraw li r-Rom huma protetti mil-liġi internazzjonali u b'mod partikolari mill-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali ([4]);

17. jitlob li l-politiki, l-istrateġiji u l-fondi relatati mar-Rom jinkludu b'mod espliċitu r-Rom migranti li jkunu ġejjin minn Stati Membri oħra u minn pajjiżi terzi, u mhux biss il-popolazzjonijiet tar-Rom stabbiliti;

18. jipproponi li l-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex joħolqu skemi ta' mentoring li joħolqu rabta bejn ir-Rom u l-awtoritajiet pubbliċi u jżidu l-opportunitajiet ta' xogħol għar-Rom;

19. jenfasizza l-ħtieġa li s-soċjetà ċivili ma tillimitax ruħha għar-rwol ta' konsultazzjoni biss, iżda għandha taqdi rwol attiv fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istrateġiji nazzjonali;

20. jisħaq fuq kemm hu importanti li l-livelli kollha ta' gvern jinvolvu lir-rappreżentanti tal-komunitajiet tar-Rom fit-tfassil tal-politiki u l-istrateġiji għall-integrazzjoni tar-Rom;

21. jagħraf li n-nisa Rom jesperjenzaw diversi forom ta' diskriminazzjoni u jorbot lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jaħdmu mal-aġenziji tal-gvern nazzjonali u s-soċjetà ċivili biex jindirizzaw din il-kwistjoni, pereżempju billi jidentifikaw strateġiji għall-involviment attiv u r-responsabilizzazzjoni tagħhom fil-programmi ta' prevenzjoni u integrazzjoni;

Il-finanzjament

22. jilqa' bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li l-integrazzjoni tar-Rom tkun inkluża b'mod espliċitu fil-ftehimiet ta' sħubija għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020;

([3]) Riżoluzzjoni 333 tal-Kungress, Ottubru 2011 (https://wcd.coe.int/ViewDoc.jsp?id=1855297).
([4]) Kunsill tal-Ewropa, 1995 (www.coe.int/t/dghl/monitoring/minorities/).

23. jitlob "approċċ aktar dinamiku" fir-rigward tal-allokazzjoni tal-fondi sabiex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet differenti f'partijiet differenti tal-Ewropa, b'tali mod li jingħata appoġġ effettiv lil dawk iż-żoni li għandhom popolazzjonijiet tar-Rom akbar mill-medja u/jew influss sinifikanti ta' Rom; jitlob ukoll appoġġ ċar, dewwiemi u dinamiku għal dawk l-awtoritajiet lokali u reġjonali li diġà jimplimentaw jew għandhom il-ħsieb li jimplimentaw pjani speċifiċi għall-iżvilupp u l-promozzjoni tar-Rom;

24. itenni li hemm bżonn ta' fondi adegwati għall-awtoritajiet lokali u reġjonali li, permezz tal-politiki tagħhom fl-oqsma tal-ħarsien tat-tfal, is-servizzi għat-tfal żgħar u l-promozzjoni tad-dritt tal-edukazzjoni, jaqdu rwol strateġiku biex it-tfal Rom jiġu inklużi fis-sistemi skolari u preskolari;

25. jemmen li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw jew jiddefendu r-Rom għandu jkollhom aċċess aħjar għall-fondi pubbliċi (inklużi tal-UE) biex jiżviluppaw u jimplimentaw il-politiki tal-integrazzjoni;

26. jissuġġerixxi li r-riżorsi disponibbli għall-promozzjoni tal-integrazzjoni tar-Rom minn diversi sorsi ta' finanzjament jiġu koordinati b'mod aktar effettiv. Dan it-tip ta' approċċ tematiku jkun ta' għajnuna enormi għall-awtoritajiet lokali u reġjonali b'popolazzjonijiet sostanzjali tar-Rom biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi l-ġodda u jwasslu għall-prevenzjoni bikrija tal-esklużjoni tar-Rom, u biex irawmu r-rabtiet mal-komunitajiet lokali;

27. jenfasizza li l-politiki ġeneralizzati jistgħu jkunu kontroproduttivi. Il-politiki dwar ir-Rom li jkunu bbażati fuq l-individwi u li jfittxu li jħeġġu, jixprunaw u jippremjaw l-inizjattivi individwali, speċjalment fir-rigward tal-impjieg u x-xogħol indipendenti, ikunu iktar produttivi. Pereżempju, fir-rigward tat-tfassil ta' profili u t-taħriġ tal-individwi u l-familji, l-appoġġ għall-intrapriżi ġodda u l-edukazzjoni, b'attenzjoni partikolari għal studenti Rom li għandhom talent;

It-tfal u l-edukazzjoni: fattur ċentrali tal-integrazzjoni

28. jagħraf li l-popolazzjoni tar-Rom hija żgħażugħa; 35,7 % għandhom inqas minn 15-il sena meta mqabbla mal-15,7 % tal-popolazzjoni tal-UE, u l-età medja tar-Rom hi ta' 24 sena, meta mqabbla mal-età medja ta' 40 sena fl-UE. Il-biċċa l-kbira tar-Rom fl-età tax-xogħol m'għandhomx l-edukazzjoni meħtieġa biex isibu impjiegi sostenibbli, ħaġa li toħroġ fid-dieher l-importanza tal-investiment fl-edukazzjoni tat-tfal Rom biex jirnexxilhom jidħlu fis-suq tax-xogħol u jintegraw fis-soċjetà;

29. jemmen li biex kwalunkwe programm ta' integrazzjoni jirnexxi, l-enfasi fuq l-edukazzjoni ffokata tal-maġġoranza hija importanti daqs l-edukazzjoni tal-minoranzi;

30. itenni li hemm bżonn approċċ iktar olistiku għall-integrazzjoni u jissuġġerixxi li jiġi żgurat li l-ġenituri jkollhom ħiliet bażiċi marbutin mal-litteriżmu u l-matematika bħala fattur kruċjali biex it-tfal Rom, bħat-tfal l-oħra, jiksbu dawn il-ħiliet;

31. jappella biex tieqaf il-prattika tas-segregazzjoni u li t-tfal Rom jitpoġġew fi skejjel għat-tfal b'diżabbiltà relatata mat-tagħlim, kif ukoll is-segregazzjoni fl-iskejjel ġenerali;

32. iqis li l-prattiki ta' diskriminazzjoni pożittiva għandhom jiddaħħlu biss bl-ikbar kawtela u fuq skala limitata biex jiġi evitat li jiġu kompromessi l-prinċipji tad-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs;

33. iqis li għandhom jittieħdu miżuri biex jiġi mħeġġeġ it-taħriġ tal-għalliema u l-istudenti biex ikunu iktar tolleranti fir-rigward tar-Rom;

34. jenfasizza li s-segregazzjoni fl-iskejjel għandha tiġi evitata u l-edukazzjoni integrata fl-iskejjel għandha tkun l-istandard sabiex jiġu evitati l-esklużjoni u s-segregazzjoni mill-maġġoranza. Fil-fatt, ir-Rom infushom għandhom jaqdu rwol attiv fit-tneħħija tal-ostakli ta' ostilità permezz tal-inklużjoni tal-ġenituri fl-edukazzjoni u l-edukazzjoni bikrija;

35. jemmen li għall-prevenzjoni tal-marġinalizzazzjoni u l-esklużjoni tat-tfal Rom tinħtieġ azzjoni sa minn età żgħira li tkun tiggarantixxi l-edukazzjoni u l-kura tat-tfal tal-preprimarja;

36. iqis li jekk jiġu impjegati iktar Rom bħala għalliema u assistenti tat-tagħlim, dan jista' jnaqqas b'mod attiv it-tensjonijiet etniċi fl-iskejjel;

37. jinsab imħasseb ukoll li t-tfal Rom jinsabu f'riskju ikbar li jispiċċaw f'faqar aktar sever u estrem minn kwalunkwe grupp minoritarju ieħor fl-Ewropa;

38. jappella lill-Istati Memri jadottaw strateġiji effikaċi biex jiġġieldu kontra t-tħaddim tat-tfal, l-involviment tal-minuri biex jittallbu, il-prattiki ta' żwiġijiet mġiegħla u żwiġijiet mal-minuri, u biex jiġġieldu b'mod aktar effettiv kontra t-traffikar tal-bnedmin;

39. ifakkar fl-opinjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Rom ([5]) li jagħmlu enfasi fuq il-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-komunitajiet tar-Rom jiġu involuti b'mod sħiħ fil-ħidma fuq il-politiki nazzjonali dwar l-esklużjoni soċjali u l-integrazzjoni;

Ir-rwol u l-involviment tal-gvernijiet lokali u reġjonali

40. itenni li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma l-livell ta' gvern bl-aktar responsabbiltajiet għall-integrazzjoni tal-popolazzjonijiet tar-Rom;

41. jisħaq li huwa biss permezz ta' sħubijiet ta' ħidma stabbiliti sew bejn il-partijiet interessati kollha, fosthom l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, li jistgħu jitfasslu strateġiji effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom. Jemmen li l-approċċ attwali minn fuq għal isfel ("top-down") mhux jipproduċi riżultati sodisfaċenti;

42. iqis li l-migrazzjoni tar-Rom tibdel il-karatteristiki tal-popolazzjonijiet tar-Rom u l-esperjenzi tagħhom bl-esklużjoni soċjali fiż-żoni lokali, u l-integrazzjoni tagħhom teħtieġ interventi bbażati fuq mudelli differenti, u għalhekk strateġija ċentralizzata waħda għal kulħadd aktarx ma tirnexxix. Għaldaqstant jemmen li approċċ aktar deċentralizzat jindirizza l-kwistjoni b'mod aktar effettiv;

43. jenfasizza li l-istrateġiji għall-integrazzjoni tar-Rom għandhom ikunu koerenti mal-istrateġiji tal-UE għat-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali u ekonomika, u jappella li fil-livelli reġjonali u lokali jiġu identifikati u implimentati programmi u inizjattivi speċifiċi bbażati fuq objettivi konkreti u li jistgħu jitkejlu;

44. jesprimi l-preokkupazzjoni tiegħu rigward il-fatt li 20 Stat Membru biss involvew lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fi djalogu strutturat għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali tar-Rom, li 12-il Stat Membru biss ippromovew l-iskambju tal-esperjenzi u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali, u li 15-il Stat Membru biss allokaw riżorsi għall-integrazzjoni tar-Rom lill-awtoritajiet reġjonali u lokali. Jappella, għalhekk, lill-gvernijiet tal-Istati Membri biex jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali b'mod aktar attiv fl-iżvilupp tal-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom;

45. jenfasizza l-bżonn li tiżdied il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u r-razziżmu rigward ir-Rom, billi titqajjem kuxjenza fost is-soċjetajiet ċivili nazzjonali dwar il-vantaġġi soċjali u ekonomiċi tal-inklużjoni tar-Rom, u billi titqajjem kuxjenza fost ir-Rom stess dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom;

46. jissuġġerixxi li s-sanzjonijiet bħat-telf ta' benefiċċji finanzjarji għandhom jagħmlu parti minn kwalunkwe skema jew inizjattiva li tinvolvi s-sussidji pubbliċi. Is-sanzjonijiet għandhom jiġu imposti biss meta ma jinżammx il-ftehim dwar l-imġiba jew meta tinkiser il-liġi. Għandhom isiru sforzi biex titnaqqas id-dipendenza fit-tul fuq l-Istat billi tittejjeb is-sitwazzjoni tal-impjieg tar-Rom u billi fl-istess ħin jiġi promoss id-dħul finanzjarju mix-xogħol imħallas li jisboq id-dħul mill-benefiċċji tal-qgħad;

47. jappella lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika data aktar speċifika dwar l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali tar-Rom;

48. jitlob li f'kull Stat Membru jinħoloq punt ta' kuntatt tal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jissaħħaħ id-djalogu u jiġi żgurat l-involviment tagħhom;

49. jappella lill-aġenziji tal-gvern biex jappoġġjaw u jiffaċilitaw il-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-adulti biex il-popolazzjoni tar-Rom tkun tista' tikseb il-ħiliet speċifiċi mfittxija. Is-settur privat għandu jkun involut fit-tħejjija u l-ġestjoni ta' dan it-tip ta' programmi ta' taħriġ. Pereżempju, il-kuntratti tax-xogħol staġjonali jistgħu jkunu mezz effettiv u legali li bih il-membri tal-minoranza tar-Rom ikollhom impjieg fis-swieq ħielsa;

([5]) "Qafas tal-UE għall-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Roma sal-2020" (CdR 247/2011 fin); "L-integrazzjoni soċjali u ekonomika tar-Roma fl-Ewropa" (CdR 178/2010 fin).

50. itenni li hu importanti li l-awtoritajiet lokali jingħataw riżorsi finanzjarji u umani adegwati biex ikunu jistgħu jagħtu kontribut effettiv fil-fażijiet kollha tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji għall-integrazzjoni tar-Rom;

Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità

51. f'Opinjoni preċedenti tiegħu ([6]) evalwa l-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, kif definiti fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif ġej:

— il-Proposta tal-Kummissjoni tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, billi l-karattru transnazzjonali tal-komunità tar-Rom fl-Ewropa, u l-aspetti maqsuma tal-esklużjoni soċjali li din il-komunità tiffaċċja f'reġjuni differenti tal-Ewropa, huma tali li l-miżuri proposti jistgħu jinkisbu l-aħjar fil-livell tal-UE;

— il-miżuri adottati ma jintroduċux strumenti legali ġodda minħabba li, minn naħa, jaqgħu fl-ambitu tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni, u, min-naħa l-oħra, ħafna minnhom huma msejsa fuq oqfsa leġislattivi li diġà jeżistu, element kompatibbli mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI FUQ L-ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI (COM(2013) 460 final)**

Emenda 1

Punt 4.2

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Huma għandhom jinvolvu r-reġjuni, l-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili lokali fl-eżaminazzjoni, il-ġestjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom. Il-partijiet interessati rilevanti għandhom ikunu involuti fir-rigward tal-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operattivi kkofinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. L-awtoritajiet ċentrali u lokali għandhom jikkooperaw b'mod kostanti fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jallokaw biżżejjed fondi għall-awtoritajiet pubbliċi lokali biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' settijiet immirati ta' politiki fil-livell lokali.	Huma għandhom jinvolvu r-reġjuni, l-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili lokali fl-eżaminazzjoni, il-ġestjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom. Il-partijiet interessati rilevanti għandhom ikunu involuti ~~fir-rigward~~t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operattivi kkofinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali ~~ċentrali~~ u lokali għandhom jikkooperaw b'mod kostanti fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jallokaw biżżejjed fondi għall-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u/jew lokali biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' settijiet immirati ta' politiki fil-livell reġjonali u/jew lokali.

Raġuni

Emenda 2

Punt 4.7

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jipprovdu Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom b'mandat xieraq, riżorsi finanzjarji u umani sabiex ikunu jistgħu jikkoordinaw b'mod effettiv l-implimentazzjoni transsettorjali u l-monitoraġġ ta' politiki għall-integrazzjoni tar-Rom fil-livell nazzjonali u lokali. Huma għandhom jiżguraw li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom jiġu kkonsultati matul il-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet rigward id-definizzjoni, il-finanzjament u l-implimentazzjoni ta' linji ta' politika rilevanti. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom għandhom jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni u l-involviment tas-soċjetà ċivili tar-Rom fl-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom u l-pjanijiet ta' azzjoni lokali.	L-Istati Membri għandhom jipprovdu Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom b'mandat xieraq, riżorsi finanzjarji u umani sabiex ikunu jistgħu jikkoordinaw b'mod effettiv l-implimentazzjoni transsettorjali u l-monitoraġġ ta' politiki għall-integrazzjoni tar-Rom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Huma għandhom jiżguraw li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom jiġu kkonsultati matul il-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet rigward id-definizzjoni, il-finanzjament u l-implimentazzjoni ta' linji ta' politika rilevanti. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom għandhom jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni u l-involviment tas-soċjetà ċivili tar-Rom fl-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom u l-pjanijiet ta' azzjoni reġjonali jew lokali. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom għandhom ikunu jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar, inkluż fuq l-internet.

Raġuni

([6]) CdR 247/2011 fin.

Emenda 3

Punt 5.4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni se timmonitorja s-sitwazzjoni mill-qrib u se tivvaluta fi żmien tliet snin mill-adozzjoni tagħha l-ħtieġa għar-reviżjoni u l-aġġornament ta' din ir-Rakkomandazzjoni.	Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni se timmonitorja s-sitwazzjoni mill-qrib u se tivvaluta fi żmien 30 xahar ~~tliet snin~~ mill-adozzjoni tagħha l-ħtieġa għar-reviżjoni u l-aġġornament ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Raġuni

Jekk il-Kummissjoni Ewropea jkollha sena, jiġifieri sa Ġunju 2016, biex tevalwa l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, jista' jkun hemm ir-riskju li xi konklużjonijiet possibbli ma jiġux inklużi fir-reviżjoni ta' nofs it-term tar-regolamenti dwar il-Fondi Strutturali.

Brussell, 28 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Direttiva dwar il-fatturar elettroniku u l-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf

(2014/C 114/13)

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali dwar id-Direttiva

1. josserva li, permezz tal-Proposta għal Direttiva dwar il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni għandha l-għan li l-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) jistabbilixxi standard Ewropew ġdid għall-fatturar elettroniku, u li l-Istati Membri jkunu obbligati jiżguraw li l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti ma jirrifjutawx fatturi elettroniċi li jikkonformaw ma' dan l-istandard. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, dawn ir-regoli jidħlu fis-seħħ 48 xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Il-Kumitat tar-Reġjuni jipproponi madankollu li dawn ir-regoli jidħlu fis-seħħ 30 xahar wara l-pubblikazzjoni tar-referenza għall-istandard Ewropew, b'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva;

2. huwa tal-fehma li l-proposta għandha tiġi kkunsidrata bħala mezz lejn amministrazzjoni pubblika mingħajr karti. Il-benefiċċji rikonoxxuti tal-fatturar elettroniku wasslu lil diversi Stati Membri biex jitolbu t-tressiq ta' fatturi elettroniċi fl-akkwist pubbliku fis-settur pubbliku kollu jew f'parti minnu. Madankollu, dawn l-inizjattivi sikwit ikunu bbażati fuq standards nazzjonali li mhumiex interoperabbli;

3. josserva li, f'dawn l-aħħar snin, għadd ta' atturi talbu li tittieħed azzjoni fil-livell Ewropew biex tingħata spinta lill-fatturar elettroniku u saħansitra pproponew li l-fatturar elettroniku jsir obbligatorju; pereżempju, il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2012, iffoka fuq il-frammentazzjoni tas-suq minħabba r-regoli nazzjonali dwar il-fatturar elettroniku, u l-bżonn ta' soluzzjonijiet interoperabbli għall-fatturi elettroniċi, abbażi ta' rekwiżiti legali u standards tekniċi komuni;

4. diġà esprima l-appoġġ tiegħu fil-passat ([1]) favur l-iskambju elettroniku tal-informazzjoni u l-użu ta' mezzi elettroniċi fil-qafas tad-diversi proċeduri tal-akkwist, allavolja dan jitlob żmien raġonevoli ta' preparazzjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi differenti, u speċjalment fir-rigward tal-kumpaniji ż-żgħar;

5. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li huwa raġonevoli li anke l-proċess tal-fatturar, bħala l-parti finali tal-proċess tal-akkwist, isir b'mezzi elettroniċi bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza u jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi;

6. iqis il-Proposta għal Direttiva bħala mod kif jitjiebu sew il-kundizzjonijiet għall-interoperabbiltà u sew il-funzjonament tas-suq intern. Dan jagħmilha iżjed faċli għall-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti kif ukoll għall-fornituri tagħhom, u jnaqqas l-ispejjeż. Fl-istess ħin, jinnota li llum il-ġurnata l-kummerċ transkonfinali huwa limitat u, minn din il-perspettiva, hemm il-periklu li din id-Direttiva jkollha konsegwenzi ekonomiċi kbar b'mod sproporzjonat;

7. josserva li l-Proposta għal Direttiva tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni Ewropea li titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni li jiddefinixxi l-mudell semantiku tad-data tal-fattura elettronika bażika. B'ħekk parti sostanzjali tal-kontenut qiegħda tiġi delegata lil korp li m'għandux kompetenza leġislattiva. Huwa biss abbażi tal-kontenut konkret tal-istandard li ser jitfassal, kontenut li għadu mhux disponibbli, li jistgħu jiġu valutati l-fattibbiltà, il-bżonn possibbli li jiġi adattat kif ukoll l-ispejjeż relatati. Għalhekk bħalissa diffiċli jiġi stabbilit jekk il-proposta hix konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità;

([1]) Fil-passat, il-Kumitat tar-Reġjuni esprima fehmtu dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (COM(2011) 895 final) u l-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku (COM(2011) 896 final).

8. jilqa' b'sodisfazzjon il-possibbiltà li l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti jkomplu jaċċettaw, anke wara l-introduzzjoni ta' standard komuni fil-livell tal-UE, fatturi f'forom standard oħra u saħansitra fuq il-karta, sakemm il-liġi nazzjonali ma tipprevedix mod ieħor. Dan joħloq flessibbiltà kemm għall-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti kif ukoll għall-fornituri li bħalissa jużaw standards oħra. Li l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti li diġà introduċew il-fatturar elettroniku abbażi ta' standards speċifiċi jintalbu jibdew jużaw standard ġdid komuni jfisser spejjeż kemm għalihom kif ukoll għall-fornituri tagħhom. B'konformità mal-Proposta għal Direttiva, il-Kumitat għalhekk huwa tal-fehma li l-formati eżistenti llum il-ġurnata għandhom jitħallew ukoll matul it-tranżizzjoni gradwali lejn użu dejjem ikbar ta' standard Ewropew komuni. Ladarba jiġi żviluppat mudell semantiku komuni tad-data, tiġi ssemplifkata wkoll il-konverżjoni bejn il-formati tekniċi differenti. Rigward il-kontenut tal-fatturi li ma jagħmilx parti mill-kontenut bażiku, li jista' jinħtieġ biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali, ċerti setturi ta' attività jew affarijiet simili, għandu jkun possibbli li jibqgħu jitressqu fatturi b'dan it-tip ta' kontenut fil-format użat attwalment, li ta' spiss iqis dawn il-ħtiġijiet speċjali;

9. madankollu, jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li l-istandard Ewropew propost ma joħloqx xkiel jew kumplikazzjonijiet għall-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti jew il-fornituri tagħhom. Josserva wkoll li l-ispejjeż ikunu kbar jekk l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti jiġu obbligati jaċċettaw fatturi elettroniċi fil-formati tekniċi kollha li jikkonformaw mal-mudell semantiku tad-data;

10. għalhekk, jipproponi li l-Proposta għal Direttiva tiċċara liema huma l-esiġenzi li jridu jissodisfaw l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti. Għandhom ikunu obbligati biss jaċċettaw għadd speċifiku ta' formati tekniċi u mhux il-formati differenti nazzjonali u proprjetarji kollha li jeżistu. Minflok, l-awtoritajiet kontraenti għandhom ikunu obbligati jaċċettaw fatturi elettroniċi li huma bbażati fuq l-istandard Ewropew għall-mudelli semantiku tad-data u l-formati tekniċi bbażati fuq standards internazzjonali tal-korpi tal-istandardizzazzjoni rikonoxxuti fil-leġislazzjoni tal-UE (pereżempju CEN, ISO, UN/CEFACT u OASIS). B'hekk, id-Direttiva tista' titqies bħala l-armonizzazzjoni tal-istandards internazzjonali, iżda għandu jiġi żgurat li l-kontenut bażiku tal-fatturi jissodisfa l-esiġenzi Ewropej b'konformità mal-leġislazzjoni komuni, eċċ.;

11. huwa tal-fehma li, jekk il-mudell semantiku tad-data jkun ibbażat fuq il-mudelli attwali tal-korpi internazzjonali tal-istandardizzazzjoni u, barra minn hekk, jiġu ristretti l-formati tekniċi stabbiliti, dan jgħin biex tiżdied l-interoperabbiltà u fl-istess ħin jitnaqqsu l-ispejjeż. Dan joħloq uniformità għall-atturi kummerċjali li jiżviluppaw soluzzjonijiet tajbin abbażi tal-istandards;

12. jenfasizza wkoll li huwa ta' importanza kbira li l-Kummissjoni tikkunsidra li tippromovi l-fatturar elettroniku fil-qafas tal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi. Dan jiggarantixxi regoli li japplikaw għall-biċċa l-kbira tal-membri tad-WTO, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE. Din hija raġuni oħra għala l-istandards internazzjonali għandhom iservu ta' bażi għall-istandard stabbilit mill-Kummissjoni. B'dan il-mod ma jkunx biss standard Ewropew iżda wieħed internazzjonali wkoll li jirrispetta u jinkludi l-esiġenzi u l-ħtiġijiet Ewropej abbażi ta' leġislazzjoni komuni, eċċ.;

13. jixtieq ukoll jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li titqies il-ħidma li diġà bdiet fuq l-istandardizzazzjoni, l-iżjed dik fi ħdan is-CEN li jistabbilixxi r-rekwiżiti relatati mal-informazzjoni fil-messaġġi kummerċjali fil-qasam tal-akkwist pubbliku kif ukoll il-proċessi ta' skambju ta' dawn il-messaġġi bejn l-imsieħba. Għadd ta' Stati Membri diġà huma involuti f'din il-ħidma ([2]). Huwa previst ukoll li r-riżultati ta' din il-ħidma jintużaw fil-futur fi proġetti mnedija mill-Kummissjoni bħal e-Sens ([3]) u OpenPEPPOL ([4]);

14. josserva li, meta jiġi żviluppat l-istandard attwali jew tissokta l-ħidma mibdija, huwa ta' importanza kbira li l-istandard ikun faċli biex jintuża, u li qabel ma jiġi rakkomandat ikun ġie ttestjat. Barra minn hekk, jista' jkun utli li tiġi pprovduta xi għamla ta' ċertifikazzjoni biex jiġi żgurat li l-fatturi li suppost ikunu bbażati fuq l-istandard jirrispettawh tassew. L-esperjenza fl-Istati Membri fejn hemm l-obbligu li jiġu rispettati standards speċifiċi turi l-bżonn ta' linja gwida biex jiġi evitat li kull awtorità jew entità kontraenti jkollha tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha li ma taċċettax fattura elettronika partikolari. Probabbilment, din il-funzjoni tista' tiġi żviluppata fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali tal-istandardazzjoni rikonoxxuti li ssemmew qabel;

([2]) Ara www.cenbii.eu
([3]) Ara www.esens.eu
([4]) Ara www.peppol.eu

15. josserva wkoll li huwa ta' importanza kbira li r-rappreżentanti tal-livell lokali u reġjonali, kif ukoll amministrazzjonijiet u istituzzjonijiet pubbliċi oħra li jiġu mantnuti mill-baġit statali, jiġu involuti fil-ħidma marbuta mal-iżvilupp tal-istandard;

16. jenfasizza li, fid-dawl tan-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar il-proposta għal regolament ġdid dwar il-protezzjoni tad-data, huwa importanti li jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament jappoġġjaw l-użu ta' fatturar elettroniku li jaħdem tajjeb;

17. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, jeżisti l-prerekwiżit li d-destinatarju jrid jaċċetta l-fatturar elettroniku. Kif diġà ġie osservat fil-Proposta għal Direttiva, dan għandu jitqies meta jkunu qed jiġu żviluppati d-dispożizzjonijiet attwali;

18. josserva li, illum il-ġurnata, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti ma għandhomx il-possibbiltà li jaċċettaw u jipproċessaw fatturi elettroniċi. Għalhekk, jemmen li huwa fundamentali li jkun hemm ippjanar minn qabel adatt qabel ma d-Direttiva tidħol fis-seħħ. Barra minn hekk, ma għandhiex tidħol fis-seħħ qabel ma jidħlu fis-seħħ il-proċeduri l-oħra marbutin mal-akkwist elettroniku inklużi fil-pakkett tal-akkwist elettroniku. Il-Kumitat iqis li sabiex dan jidħol fis-seħħ għandu jgħaddi ammont adegwat ta' żmien, pereżempju tletin xahar, wara li l-Kummissjoni tippubblika r-referenza għall-istandard. B'hekk ikun hemm biżżejjed żmien għall-adattament tas-softwer u biex l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti jsibu sistemi li jissodisfaw l-istandard. L-Istati Membri għandhom jipprovdu taħriġ u appoġġ lill-awtoritajiet kontraenti sabiex id-dispożizzjonijiet fil-Proposta għal Direttiva jkunu jistgħu jiġu implimentati wara l-iskadenza stabbilita;

19. ifakkar li l-introduzzjoni tal-fatturar elettroniku tfisser li bosta awtoritajiet u entitajiet kontraenti jkollhom isibu soluzzjonijiet tal-IT adegwati, u jtejbu b'mod ġenerali l-kompetenzi tagħhom fl-ipproċessar tal-fatturi elettroniċi. Għalhekk, il-miżuri li jridu jittieħdu fl-Istati Membri għandhom jinkludu l-appoġġ biex jinsabu soluzzjonijiet tal-IT għall-aċċettazzjoni tal-fatturi elettroniċi, pereżempju fil-forma ta' ftehim qafas innegozjat b'mod ċentralizzat li l-awtoritajiet jistgħu jużaw għall-akkwist pubbliku jew ta' appoġġ biex jitfasslu r-rekwiżiti tas-sejħiet għall-offerti biex jinstabu soluzzjonijiet għall-fatturar elettroniku;

20. huwa tal-fehma li, minbarra l-miżuri ta' appoġġ fil-qasam tat-taħriġ, eċċ., għall-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti, jinħtieġu oħrajn bil-għan li jittejbu l-kompetenzi fl-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs;

21. fid-dawl tal-fatt li l-għan tal-Proposta għal Direttiva li tissolva l-problema ta' interoperabbiltà fil-kummerċ transkonfinali ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri waħedhom, u fid-dawl tal-fatt li l-abbozz ta' direttiva huwa l-istrument adatt, jaħseb li l-proposta hija konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

22. jenfasizza li l-KtR stabbilixxa l-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku bħala waħda mill-ħames prijoritajiet fil-programm ta' ħidma tiegħu dwar is-sussidjarjetà għall-2012, u f'dan il-kuntest wettaq konsultazzjoni relatata mas-sussidjarjetà tal-imsieħba tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà u l-Grupp ta' Esperti dwar is-Sussidjarjetà;

23. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħti l-eżempju t-tajjeb u tiggarantixxi li l-fatturi elettroniċi jiġu aċċettati fil-kuntratti tal-akkwist pubbliku fil-qafas ta' programmi ta' finanzjament tal-UE;

Kummenti ġenerali dwar il-Komunikazzjoni

24. fid-dawl tal-fatt li, illum il-ġurnata, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti ma jużawx il-fatturar elettroniku, jilqa' b'sodisfazzjon il-miżuri importanti proposti mill-Kummissjoni fil-punt 5.3 li jirrakkomandaw fost affarijiet oħra li l-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji nazzjonali u pjani ta' azzjoni dettaljati għall-implimentazzjoni tal-akkwist elettroniku;

25. jenfasizza li anke l-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs, għandhom itejbu l-kompetenzi tagħhom fil-qasam tal-fatturar elettroniku. Bl-istess mod, probabbilment jeħtieġ li f'ħafna Stati Membri tittejjeb l-infrastruttura. Il-proposta tal-Kummissjoni li l-Istati Membri jeżaminaw il-possibbiltà li jużaw il-Fondi Strutturali biex jiffinanzjaw it-taħriġ (b'mod partikolari tal-SMEs) bil-għan li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u tinbena l-infrastruttura, hija soluzzjoni għal dawn il-problemi;

26. jemmen li l-aspetti marbutin mal-infrastruttura huma element essenzjali fl-implimentazzjoni tal-fatturar elettroniku, u għalhekk huwa tal-fehma li l-proposta tal-Kummissjoni fil-punt 5.2(4) li tiffinanzja u tappoġġja l-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf, inkluż il-fatturar elettroniku, permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) li ġiet proposta, hija mod kif tiġi appoġġjata infrastruttura li taħdem tajjeb għal dawn il-proċeduri. jemmen li possibbilment jinħtieġu miżuri addizzjonali għat-titjib tal-infrastruttura, peress li ċ-ċirkustanzi jvarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor;

27. jemmen li l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiffinanzja proġetti li jippromovu l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet interoperabbli (e-Sens) hija ħaġa pożittiva;

28. jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni li tkompli l-ħidma tal-Forum Ewropew tad-Diversi Partijiet Interessati dwar il-Fatturar Elettroniku, iżda jitlobha tiżgura li l-livell lokali u reġjonali jkun rappreżentat f'dan il-Forum.

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI**

Emenda 1

COM(2013) 449 final

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-istandard Ewropew għall-mudell semantiku tad-dejta tal-fattura elettronika bażika għandu jkompli jibni fuq l-ispeċifikazzjonijiet eżistenti, inkluż b'mod partikolari dawk żviluppati minn organizzazzjonijiet Ewropej jew internazzjonali bħall-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni – CEN (CWA 16356 u CWA 16562), ISO (Fattura Finanzjarja bbażata fuq il-metodoloġija tal-ISO 20022), u UN/CEFACT (CII v. 2.0). Dan m'għandux jirrikjedi firem elettroniċi. Tali standard Ewropew għandu jiddefinixxi l-elementi semantiċi tad-dejta li jirreferu, b'mod partikolari, għad-dejta kumplimentari dwar il-bejjiegħ u x-xerrej, għall-identifikaturi tal-proċess, għall-attributi tal-fattura, għad-dettalji tal-fattura, għall-informazzjoni dwar it-twassil tagħha, u għad-dettalji u l-kundizzjonijiet tal-pagament. Għandu jkun kompatibbli wkoll mal-istandards eżistenti għall-pagamenti sabiex jippermetti l-ipproċessar awtomatiku tal-pagamenti.	L-istandard Ewropew għall-mudell semantiku tad-dejta tal-fattura elettronika bażika għandu jkompli jibni fuq l-ispeċifikazzjonijiet eżistenti, inkluż b'mod partikolari dawk żviluppati minn organizzazzjonijiet Ewropej jew internazzjonali bħall-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni – CEN ~~(CWA 16356 u CWA 16562)~~, ISO ~~(Fattura Finanzjarja bbażata fuq il-metodoloġija tal-ISO 20022)~~, ~~u~~ UN/CEFACT ~~(CII v. 2.0)~~ u OASIS. Dan m'għandux jirrikjedi firem elettroniċi. Tali standard Ewropew għandu jiddefinixxi l-elementi semantiċi tad-dejta li jirreferu, b'mod partikolari, għad-dejta kumplimentari dwar il-bejjiegħ u x-xerrej, għall-identifikaturi tal-proċess, għall-attributi tal-fattura, għad-dettalji tal-fattura, għall-informazzjoni dwar it-twassil tagħha, u għad-dettalji u l-kundizzjonijiet tal-pagament. Għandu jkun kompatibbli wkoll mal-istandards eżistenti għall-pagamenti sabiex jippermetti l-ipproċessar awtomatiku tal-pagamenti.

Raġuni

Fil-proposta tal-Kummissjoni jissemmew ċerti speċifikazzjonijiet. L-istandards relatati mal-fatturar jinbidlu minn żmien għal ieħor, u mhux l-istandards imsemmijin kollha ntużaw. Barra minn hekk ma ssirx referenza għal ċerti standards internazzjonali li jintużaw illum il-ġurnata f'għadd ta' Stati Membri. Għalhekk, huwa aħjar li ssir referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tal-istandards dwar il-fatturar żviluppati minn organizzazzjonijiet Ewropej jew internazzjonali, pereżempju CEN, ISO, UN/CEFAT u OASIS. Din tal-aħħar ma tissemmiex fil-Proposta tal-Kummissjoni, iżda hija organizzazzjoni rikonoxxuta għall-hekk imsejjaħ "standard de facto" li bħalissa jintuża fis-settur pubbliku f'għadd ta' Stati Membri.

Emenda 2

Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-fatturi elettroniċi li jikkonformaw mal-istandard Ewropew	***Il-fatturi elettroniċi li jikkonformaw mal-istandard Ewropew***
L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti ma jirrifjutawx li jirċievu fatturi elettroniċi li jikkonformaw mal-istandard Ewropew, li r-referenza għalih ġiet ippubblikata skont l-Artikolu 3(2).	L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti ma jirrifjutawx li jirċievu fatturi elettroniċi li jikkonformaw mal-istandard Ewropew, li r-referenza għalih ġiet ippubblikata skont l-Artikolu 3(2) u li huma bbażati fuq format tekniku żviluppat minn organizzazzjonijiet internazzjonali tal-istandardizzazzjoni rikonoxxuti fil-leġislazzjoni tal-UE.

Raġuni

Jekk l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti jkollhom jaċċettaw fatturi elettroniċi f'kull format tekniku li jikkonforma mal-mudell semantiku tad-data, dan iġib miegħu spejjeż kbar. Mod wieħed biex jiġi limitat l-għadd ta' formati huwa li jiġi esiġit li l-fatturi elettroniċi jikkonformaw mal-istandard Ewropew għall-mudell semantiku tad-data fil-parti bażika tal-fattura elettronika u li jkunu bbażati fuq formati tekniċi (sintassi) żviluppati minn organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni rikonoxxuti mill-UE (pereżempju, CEN, UN/CEFACT, ISO u OASIS).

Emenda 3

Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
It-traspożizzjoni	***It-traspożizzjoni***
L-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jiġu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn 48 xahar wara d-dħul fis-seħħ. Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet minnufih lill-Kummissjoni.	L-Istati Membri għandhom jaħdmu b'mod attiv biex l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jkunu jistgħu jirċievu fatturi elettroniċi li jikkonformaw mal-istandard Ewropew, li r-referenza għalih ġiet ippubblikata skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva, u li jikkonformaw ma' format tekniku bbażat fuq standards Ewropej u internazzjonali. L-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jiġu konformi ma' din id-Direttiva ~~sa mhux aktar tard minn 48~~ fi żmien 30 xahar wara li l-Kummissjoni tippubblika r-referenza għall-istandard Ewropew, b'konformità mal-Artikolu 3(2) ~~d-dħul fis-seħħ~~. Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet minnufih lill-Kummissjoni.
Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn ikunu jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.	Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn ikunu jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.
L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.	L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Raġuni

Jagħmel iżjed sens li l-iskadenza tiġi bbażata fuq perjodu speċifiku ta' żmien wara li l-Kummissjoni tippubblika r-referenza għall-istandard. Dan jagħti biżżejjed żmien biex jitwaqqfu s-sistemi tal-IT u jiġi ttestjat l-istandard, u jagħmilha possibbli li l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti jsibu sistemi bbażati fuq l-istandard. Skadenza adatta tkun 30 xahar mid-data meta l-Kummissjoni tippubblika r-referenza għall-istandard, b'konformità mal-Artikolu 3(2). Barra minn hekk, huwa importanti li l-Istati Membri jagħtu l-appoġġ meħtieġ lill-awtoritajiet u lill-entitajiet kontraenti biex itejbu l-kompetenzi tagħhom fil-qasam tal-fatturar elettroniku u anke biex isibu soluzzjonijiet tal-IT għall-aċċettazzjoni u l-ipproċessar tal-fatturi elettroniċi. Il-miżuri f'dan ir-rigward jistgħu wkoll jinkludu t-taħriġ maħsub għall-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs. It-test propost joħloq kundizzjonijiet aħjar biex il-fatturi elettroniċi li jikkonformaw mal-istandard stabbilit jiġu aċċettati fil-perjodu ta' żmien propost.

Brussell, 28 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Kooperazzjoni mtejba bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi

(2014/C 114/14)

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jappoġġja bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li ssaħħaħ u tiffformalizza l-kooperazzjoni bejn is-Servizzi Pubbliċi Ewropej tal-Impjieg li, billi tittejjeb il-prestazzjoni tal-PES, għandhom jikkontribwixxu għall-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3 tat-Trattat ta' Lisbona li jiġi promoss livell massimu ta' impjieg; li jiġi miġġieled il-qgħad fost iż-żgħażagħ kif ukoll għall-ksib tal-miri tal-impjieg tal-Ewropa 2020;

2. jisħaq dwar il-fatt li l-Artikolu 29 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiddikjara li "kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għal servizz ta' impjieg mingħajr ħlas" u għalhekk huwa sorpriż dwar in-nuqqas ta' referenza għal din id-dispożizzjoni fil-proposta għal Deċiżjoni ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea;

3. ifakkar li s-servizzi pubbliċi tal-impjieg huma servizz ta' interess ekonomiku ġenerali u għaldaqstant jaqgħu taħt l-Artikolu 14 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 36 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

4. jenfasizza d-diversità fost il-PES madwar l-Istati Membri tal-UE f'termini ta' strutturi, il-mudelli ta' kunsinna, l-attivitajiet u l-fatt li joperaw f'kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol varjati u għandhom livelli differenti ta' riżorsi;

5. jappoġġja l-impenn li ħadu l-parteċipanti fil-konferenza dwar l-impjieg fost iż-żgħażagħ li saret nhar it-3 ta' Lulju f'Berlin, b'mod partikolari l-weġħda li saret mir-rappreżentanti Ewropej tal-PES li jaqdu rwol prinċipali fil-promozzjoni tal-impjieg fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa sabiex tiżdied l-effiċjenza u tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-partijiet interessati l-oħra;

Il-ħidma tan-netwerk tal-PES sal-lum il-ġurnata

6. jinnota li n-netwerk konsultattiv infomali tal-PES Ewropej ilu jeżisti mill-1997 bi gruppi ta' ħidma fuq suġġetti bħal Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda jew l-effiċjenza tal-PES; programm ta' tagħlim reċiproku u d-djalogi PES-PES;

7. jiddikjara li kkontribwixxa b'mod sinifikanti għall-ħidma politika fil-livell tal-UE billi ta kontribut speċjalizzat fuq kwistjonijiet bħall-flessigurtà, ir-rwol tal-PES biex "nagħmlu t-tranżizzjonijiet vijabbli" u l-garanzija għaż-żgħażagħ;

8. josserva li dan in-netwerk kien forum utli ħafna, u kosteffettiv għall-iskambju tal-aqwa prattiki bejn il-PES u sors konsiderevoli ta' tagħlim reċiproku u innovazzjoni fir-rigward ta' firxa wiesgħa ta' oqsma bħas-servizzi diġitali u t-tfassil ta' profili tal-konsumaturi;

9. jirrikonoxxi li t-tagħlim min-netwerk tejjeb il-provvediment u s-servizzi fil-prattika f'xi Stati Membri;

Il-bżonn għal netwerk imtejjeb b'bażi legali

10. jenfasizza li din il-proposta leġislattiva tista' twaqqaf netwerk ta' PES bil-għan li testendi, issaħħaħ u tikkonsolida inizjattivi kontinwi sabiex ikomplu jittejbu l-effikaċja tal-PES u t-tħaddim tas-suq tax-xogħol;

11. jisħaq li l-proposta għal Deċiżjoni ppreżentata mill-Kummissjoni ma toħroġx mill-qafas tal-kompetenzi ta' koordinazzjoni u ta' appoġġ kif definiti fl-Artikolu 149 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

12. jemmen li l-proposta tagħti lin-netwerk aktar viżibbiltà, leġittimità u mandat politiku aktar ċar iżda jsostni li r-rwol tiegħu għandu jibqa' konsultattiv;

13. iqis li din il-leġislazzjoni tista' tagħti lill-PES sens ta' sjieda aktar b'saħħtu tan-netwerk u tkompli ssaħħaħ is-setgħa tagħhom li jaġixxu flimkien fejn ikun adatt;

14. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li mhux il-PES kollha ġew involuti fin-netwerk bl-istess mod, u dan għad-detriment tal-kwalità tar-riżultati tan-netwerk u jdgħajjef ir-rispons tal-politika min-netwerk;

15. isostni li l-formalizzazzjoni tan-netwerk ser tiżgura li l-Istati Membri kollha jiġu involuti u jintalbu b'mod sistematiku jagħtu xhieda ta' kif implimentaw il-bidliet b'konformità mad-deċiżjonijiet ta' politika tal-UE, u b'ħekk jgħinu biex jiġu identifikati l-prestazzjoni ħażina u l-problemi strutturali relatati magħhom;

16. jenfasizza li PES effettivi huma kruċjali fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-garanzija għaż-żgħażagħ u li huwa essenzjali li l-PES kollha jkollhom għarfien fil-fond tal-istruttura tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, il-punti b'saħħithom u dawk dgħajfa taż-żgħażagħ, l-opportunitajiet ta' impjieg kif ukoll ir-rekwiżiti speċifiċi ta' impjieg;

17. jafferma li l-mandat tan-netwerk għandu jiġi definit b'mod ċar ħafna sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm duplikazzjoni bejn il-ħidma tiegħu u dik pereżempju tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u s-sottogruppi tiegħu, flimkien ma' gruppi oħra bħan-Netwerk Ewropew għall-politika dwar l-Iggwidar Tul il-Ħajja u l-EURES; iżda fl-istess ħin iqis li n-netwerk imsaħħaħ għandu jistinka biex jikseb sinerġiji ma' dawn il-gruppi, fejn ikun xieraq;

18. jenfasizza li r-riżultati tan-netwerk imsaħħaħ għandhom jinfurmaw il-ħidma fuq il-politika tal-impjiegi fil-livell tal-UE, b'mod partikolari dik tal-EMCO u tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO);

19. jirrikonoxxi li l-kumplessità dejjem akbar tas-swieq tax-xogħol tirrikjedi aktar kooperazzjoni u shubija fil-ħidma mal-imsieħba soċjali u partijiet interessati oħra pubbliċi, privati u bla skop ta' qligħ, li għandhom jiġu riflessi fin-netwerk imsaħħaħ;

Il-valutazzjoni komparattiva u t-tagħlim komparattiv

20. jaqbel li hemm lok għal aktar valutazzjoni komparattiva li hija prerekwiżit għat-tagħlim komparattiv iżda jħoss li dan għandu jsir b'mod sensittiv u billi jitqiesu bis-sħiħ id-differenzi nazzjonali/reġjonali;

21. jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni, konformi mal-Artikolu 8, se tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati għat-twassil ta' inizjattivi ta' benchmarking u ta' tagħlim reċiproku. F'dan ir-rigward, il-Kumitat tar-Reġjuni jirrimarka li m'għandhom jiġu imposti l-ebda piżijiet amministrattivi sinifikattivi fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali permezz ta' att delegat;

22. iqis li l-għan m'għandu qatt ikun li tinħoloq "klassifika" jew miri stabbiliti, iżda li jiġi ffaċilitat it-tagħlim abbażi ta' metodoloġija kondiviża; l-awtoritajiet nazzjonali u/jew reġjonali u lokali huma l-uniċi entitajiet responsabbli għall-valutazzjoni tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) tagħhom abbażi ta' sensiela ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi b'konformità mal-Artikolu 14 tat-TFUE;

23. jisħaq li l-enfasi tal-ħidma fuq il-valutazzjoni komparattivi u t-tagħlim komparattiv għandha tkun kwalitattiva u mhux kwantitattiva;

24. jitlob li r-riżultati tan-netwerk ikunu bbażati fuq riċerka indipendenti li tagħmel użu mill-aqwa evidenza disponibbli;

25. jipproponi li l-leġislazzjoni l-ġdida tipprovdi l-opportunità li tiġi żviluppata aktar il-preżenza onlajn tan-netwerk sabiex ikun hemm aktar komunikazzjoni dwar il-ħidma tiegħu u jiġu involuti l-partijiet interessati;

26. jafferma li riżultat wieħed tan-netwerk imsaħħaħ ser ikun il-kapaċità akbar li ssir ħidma b'mod aktar olisitiku li tkopri l-kompetenzi ewlenin tal-PES u oqsma relatati mill-qrib bħall-apprendistati, il-ħolqien ta' negozji u l-edukazzjoni intraprenditorjali. Għandhom jiġu enfasizzati l-importanza u l-effikaċja tal-fondi tal-UE f'dawn l-oqsma;

Id-dimensjoni lokali u reġjonali

27. jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali f'xi Stati Membri huma responsabbli għall-PES bi strutturi deċentralizzati u t-teħid tad-deċiżjonijiet, filwaqt li f'ħafna Stai Membri oħra, huma responsabbli għall-attivitajiet bħall-iskemi tal-apprendistati, it-tlaqqigħ u l-antiċipazzjoni tal-ħiliet, it-taħriġ, is-sussidji għall-impjiegi – li huma relatati mill-qrib ħafna mal-ħidma prinċipali tal-PES jew f'xi Stati Membri jagħmlu parti mill-mandat tal-PES;

28. jafferma li l-prattika tajba u l-aqwa prattika sikwit iseħħu fil-livell lokali u reġjonali. Għalhekk huwa assolutament importanti li n-netwerk jirrikonoxxi l-importanza tal-ħidma li ssir f'dan il-livell. In-netwerk għandu jqis l-aħjar prattiki u jxerridhom;

29. josserva li sikwit il-livell lokali u reġjonali huwa l-eqreb ta' dawk li qed ifittxu x-xogħol u ta' ħafna mill-impjegaturi u li s-suq tax-xogħol huwa b'mod predominanti suq lokali;

30. jitlob lir-rappreżentant tal-Istati Membri biex jagħmel l-almu tiegħu biex jiżgura li l-fehmiet u l-esperjenzi tal-PES lokali u reġjonali jikkontribwixxu għall-attivitajiet tagħhom u biex il-PES lokali u reġjonali jibqgħu infurmati bis-sħiħ dwar il-ħidma tagħhom. Jenfasizza li r-rappreżentanti tal-Istati Membri għandhom il-kompitu li jinkorporaw fil-ħidma tan-netwerk il-fehmiet u l-esperjenzi tal-atturi lokali u reġjonali u jipprovdu struttura adattata għad-djalogu mal-PES lokali u reġjonali;

31. jitlob li n-netwerk jinkludi rappreżentant maħtur mill-KtR bħala osservatur sabiex jiġi żgurat li l-fehmiet, l-esperjenzi u l-prattiki mil-livell lokali u reġjonali jiġu riflessi fin-netwerk.

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI**

Emenda 1

Preambolu

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 149 tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikol~~u~~i 149 u 14 tiegħu, Wara li kkunsidraw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u b'mod partikolari l-Artikoli 29 u 36 tagħha,

Raġuni

Skont il-punti 2 u 3.

Emenda 2

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
In-Netwerk tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi għandu jirrinforza l-kooperazzjoni bejn il-membri tiegħu, jiżviluppa inizjattivi konġunti li jkollhom l-għan li jagħmlu skambju tal-informazzjoni u tal-aħjar prattiki fl-oqsma kollha koperti mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, jagħmel analiżi komparattiva u jagħti pariri kif ukoll jippromwovi approċċi innovattivi fit-twassil tas-servizzi tal-impjiegi. Permezz tat-twaqqif ta' dan in-netwerk se jkun jista' jsir paragun ibbażat fuq l-evidenza u orjentat lejn il-prestazzjoni tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi kollha li jwassal għall-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki. B'dawn ir-riżultati, il-membri tan-netwerk għandhom ikunu jistgħu jiffurmaw it-tfassil u t-twassil tas-servizzi tal-impjiegi fi ħdan ir-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom. L-inizjattivi mwettqa min-Netwerk għandhom itejbu l-effettività tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u jippermettu nfiq pubbliku li jkun aktar effiċjenti.	In-Netwerk tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi għandu jirrinforza l-kooperazzjoni bejn il-membri tiegħu, jiżviluppa inizjattivi konġunti li jkollhom l-għan li jagħmlu skambju tal-informazzjoni u tal-aħjar prattiki fl-oqsma kollha koperti mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, jagħmel analiżi komparattiva u jagħti pariri kif ukoll jippromwovi approċċi innovattivi fit-twassil tas-servizzi tal-impjiegi. ~~Permezz tat-twaqqif ta' dan in-netwerk se jkun jista' jsir paragun ibbażat fuq l-evidenza u orjentat lejn il-prestazzjoni tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi kollha li jwassal għall-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki. B'dawn ir-riżultati, il-membri tan-netwerk għandhom ikunu jistgħu jiffurmaw it-tfassil u t-twassil tas-servizzi tal-impjiegi fi ħdan ir-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom.~~ L-inizjattivi mwettqa min-Netwerk għandhom itejbu l-effettività tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u ~~jippermettu~~ jiżguraw infiq pubbliku li jkun aktar effiċjenti.

Raġuni

It-test propost mill-Kummissjoni fil-premessa 8 fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa żejjed peress li huwa repetizzjoni tal-premessa 4. Madankollu, l-ewwel u l-aħħar sentenzi jissintesizzaw x'għandu jkun l-għan tan-netwerk u kif ser jaħdem.

Emenda 3

Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Netwerk tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) madwar l-UE kollha – minn hawn 'il quddiem "in-Netwerk" – huwa stabbilit għall-perjodu li jestendi mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.	Netwerk tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) madwar l-UE kollha – minn hawn 'il quddiem "in-Netwerk" – huwa stabbilit għall-perjodu li jestendi mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.
In-Netwerk se jwettaq l-inizjattivi kif definit fl-Artikolu 3.	In-Netwerk se jwettaq l-inizjattivi kif definit fl-Artikolu 3.
In-Netwerk jinkludi:	In-Netwerk jinkludi:
(a) is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi kif nominati mill-Istati Membri, u	(a) is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi kif nominati mill-Istati Membri, u
(b) mill-Kummissjoni.	(b) mill-Kummissjoni.
L-Istati Membri b'Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi li huma reġjonali u awtonomi għandhom jiżguraw rappreżentanza adegwata fl-inizjattivi speċifiċi tan-Netwerk.	L-Istati Membri b'Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi li huma reġjonali u awtonomi u devoluti jew lokalighandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw rappreżentanza adegwata ta' dawk is-servizzi fl-inizjattivi speċifiċi tan-Netwerk.

Raġuni

L-għan ta' din l-emenda huwa li tiżgura li fejn hemm PES parzjalment jew kompletament deċentralizzata, in-netwerk ikollu obbligu legali li jiżgura li dawn is-servizzi jiġu riflessi b'mod adatt fl-inizjattivi speċifiċi tan-netwerk.

Emenda 4

Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni	CoR amendment
Objettivi	***Objettivi***
Permezz ta' dan in-Netwerk, il-miżura ta' inċentiva prevista hawnhekk għandha tikkontribwixxi:	Permezz ta' dan in-Netwerk, il-miżura ta' inċentiva prevista hawnhekk għandha tikkontribwixxi:
(a) għall-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 għall-impjiegi u tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, u l-miri ewlenin tagħha speċjalment dawk li għandhom x'jaqsmu mal-impjiegi;	(a) għall-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 għall-impjiegi u tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, u l-miri ewlenin tagħha speċjalment dawk li għandhom x'jaqsmu mal-impjiegi;
(b) għall-funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol fl-UE;	(b) għall-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità u sostenibbli;
(c) għall-integrazzjoni aħjar tas-swieq tax-xogħol;	(~~b~~ c) għall-funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol fl-UE;
(d) għal aktar mobilità ġeografika u okkupazzjonali;	(~~c~~ d) għall-integrazzjoni aħjar tas-swieq tax-xogħol;
(e) għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol.	(~~d~~ e) għal aktar mobilità ġeografika u okkupazzjonali minghajr kompetizzjoni mhux ġusta bejn il-haddiema, f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni;
	(~~e~~ f) għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol.

Reason

Self-explanatory.

Emenda 5

Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Kooperazzjoni	***Kooperazzjoni***
1. In-Netwerk għandu jikkoopera mal-partijiet interessati tas-suq tax-xogħol inklużi fornituri oħra tas-servizzi tal-impjieg billi jinvolvihom f'attivitajiet rilevanti u f'laqgħat tan-Netwerk u billi jagħmel skambju magħhom tal-informazzjoni u tad-dejta.	1. In-Netwerk għandu jikkoopera mal-partijiet interessati tas-suq tax-xogħol inklużi fornituri oħra tas-servizzi tal-impjieg billi jinvolvihom f'attivitajiet rilevanti u f'laqgħat tan-Netwerk u billi jagħmel skambju magħhom tal-informazzjoni u tad-dejta.
	2. In-netwerk ser jagħti status ta' osservatur lil rappreżentant maħtur mill-Kumitat tar-Reġjuni.

Raġuni

Bħal fil-każ tal-emenda preċedenti, din iż-żieda hija importanti peress li tirrifletti l-fatt li l-awtoritajiet lokali u reġjonali f'ħafna Stati Membri huma kompletament responsabbli għall-PES jew jorganizzaw attivitajiet bħal taħriġ. l-għoti ta' pariri, konsulenza, sussidji għall-impjieg, antereċipazzjoni tal-ħiliet, eċċ. li huma relatati mill-qrib ħafna mal-ħidma tal-PES (jew fi ħdan il-mandat tal-PES f'xi Stati Membri).

Emenda 6

Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 8 dwar qafas ġenerali għat-twassil tal-attivitajiet tal-valutazzjoni komparattiva u tat-tagħlim reċiproku kif definit fl-Artikolu 3.1 inklużi l-metodoloġija, l-indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi bażiċi għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, l-istrumenti tat-tagħlim tal-programm integrat tat-tagħlim reċiproku u t-termini għall-parteċipazzjoni f'dawn l-inizjattivi.	Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 8 dwar qafas ġenerali għat-twassil tal-attivitajiet tal-valutazzjoni komparattiva u tat-tagħlim reċiproku kif definit fl-Artikolu 3.1 inklużi l-metodoloġija, l-indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi bażiċi għall-valutazzjoni tal-~~prestazzjoni~~funzjonament tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, l-istrumenti tat-tagħlim tal-programm integrat tat-tagħlim reċiproku u t-termini għall-parteċipazzjoni f'dawn l-inizjattivi.

Raġuni

Korrezzjoni tat-terminoloġija għall-konsistenza mal-punt 21.

Brussell, 28 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Pakkett Leġiżlattiv "Fruntieri Intelliġenti"

(2014/C 114/15)

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET ĠENERALI

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali

1. jilqa' l-adozzjoni reċenti tal-Pakkett leġislattiv dwar il-Governanza ta' Schengen, li huwa magħmul mill-mekkaniżmu l-ġdid ta' evalwazzjoni u ta' segwitu intiż biex jikkontrolla l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen ([1]) u tar-regoli komuni dwar l-introduzzjoni temporanja mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali ([2]);

2. jagħraf li l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen jiddependi mill-fiduċja reċiproka u l-kapaċità tal-Istati Membri biex jikkontrollaw il-fruntieri esterni b'konformità mar-regoli komuni;

3. iqis b'mod favorevoli l-introduzzjoni ta' responsabbiltà kondiviża tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-mekkaniżmu l-ġdid ta' evalwazzjoni ta' Schengen, li m'għadux jagħmel parti biss minn sistema purament intergovernattiva, li tista' tikkontribwixxi biex tikkompensa għad-dgħufijiet u tippromovi l-fiduċja reċiproka kif ukoll testendiha għall-aspetti kollha tal-acquis ta' Schengen, inkluż in-nuqqas ta' kontroll fil-fruntieri interni, sabiex jiġu evitati kontrolli illegali li jxekklu l-prinċipju tal-moviment ħieles tal-individwi;

4. jenfasizza li kwalunkwe introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni għandha tkun soġġetta għal koordinazzjoni fil-livell tal-UE sabiex jiġu evitati deċiżjonijiet unilaterali li jistgħu jxekklu l-eżerċizzju sħiħ tal-moviment ħieles tal-individwi f'żona mingħajr fruntieri interni;

5. iqis li l-eżistenza ta' flussi migratorji fil-fruntieri esterni ma tikkostitwixxix fiha nnifisha theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna li tista' tiġġustifika l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri interni;

6. ifakkar li, f'sitwazzjoni ta' pressjoni fil-fruntiera esterna ta' Stat Membru, il-prinċipju tas-solidarjetà Ewropea jitlob il-mobilizzazzjoni tal-miżuri kollha ta' appoġġ tekniku u finanzjarju, nazzjonali u Ewropej, u l-għajnuna mill-korpi tal-Unjoni Ewropea, bħall-Aġenzija FRONTEX u l-EASO (l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil);

7. jilqa' miżuri li jiżguraw kontrolli aktar stretti fil-fruntieri u infurzar aħjar tal-liġi u miżuri li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra r-reati terroristiċi u reati kriminali serji oħra u li jnaqqsu l-migrazzjoni illegali;

8. għaldaqstant iqis li l-introduzzjoni temporanja mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni bħala risposta għan-nuqqasijiet gravi u persistenti tal-kontrolli fil-fruntieri esterni għandha tidħol fil-qafas ta' proċess ta' evalwazzjoni oġġettiva u għandha tiġi awtorizzata b'mod eċċezzjonali u fl-aħħar istanza biss;

9. jirrakkomanda li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-evalwazzjoni u fl-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet gravi u persistenti nnutati fil-kontrolli fil-fruntieri esterni sabiex jiġi garantit li kwalunkwe introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni tkun ir-riżultat ta' evalwazzjoni korretta tas-sitwazzjoni fir-realtà, abbażi ta' sorsi differenti ta' informazzjoni u bil-kontribut ta' atturi differenti;

10. jagħraf l-importanza tal-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-UE biex tiġi garantita mhux biss is-sigurtà iżda wkoll il-mobbiltà ġewwa din iż-żona ([3]);

11. jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni reċenti tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) li hija miżura ta' tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri esterni permezz tal-iskambju ta' informazzjoni operattiva u ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza tal-fruntieri esterni, marittimi u terrestri, u l-FRONTEX; jenfasizza li l-prevenzjoni tal-imwiet fil-baħar għandha tkun il-mira ewlenija ta' dan il-mekkaniżmu flimkien mar-rwol tiegħu sabiex jinstabu l-immigranti illegali u tissaħħaħ is-sigurtà interna permezz tal-prevenzjoni tal-kriminalità transkonfinali, bħat-traffikar tal-bnedmin u tad-droga;

([1]) COM(2011) 559 final.

([2]) COM(2011) 560 final.

([3]) Ara l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Programm ta' Stokkolma, relatur: is-Sinjura Terrón i Cusi,ĠU C 79, 27.3.2010, p. 52.

12. madankollu jwissi li din is-sistema m'għandhiex tikkompromietti l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u m'għandux ikollha prevalenza fuq id-dritt li wieħed jitlob asil jew fuq il-protezzjoni f'dak li jirrigwarda n-'non-refoulement', garantiti mill-Artikoli 18 u 19 (2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; ([4]);

13. jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tat-tendenzi osservati biex terġa' tinkiseb setgħa diskrezzjonali fl-oqsma "Ewropizzati" bħall-moviment ħieles, u jinsab inkwetat b'mod partikolari dwar il-proposta reċenti ta' ċerti Stati Membri li jipprevedu possibbiltajiet usa' ta' restrizzjoni tad-dritt ta' moviment ħieles, li huma essenzjali għall-istatus taċ-ċittadinanza tal-Unjoni;

14. jerġa' jafferma li l-moviment ħieles tal-individwi f'żona mingħajr fruntieri interni huwa wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-UE u wieħed mill-aktar benefiċċji tanġibbli u sinifikanti tagħha għaċ-ċittadini, li m'għandux jiġi kkontestat;

15. iqis li huwa fil-kuntest globali tal-funzjonament taż-żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja li għandu jiġi apprezzat il-Pakkett "Fruntieri Intelliġenti", magħmul mill-proposti għar-regolamenti li ġejjin: il-ħolqien ta' Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) intiża biex tirreġistra d-dħul u l-ħruġ taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-UE ([5]) , il-ħolqien ta' programm ta' vjaġġaturi rreġistrati ([6]) kif ukoll l-emenda tal-kodiċi tal-fruntieri ta' Schengen bil-għan li jkun possibbli li jiġu implimentati ż-żewġ sistemi ([7]);

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

Kummenti speċifiċi dwar il-pakkett "Fruntieri Intelliġenti"

16. jagħraf l-importanza tat-teknoloġiji l-ġodda biex tiġi garantita l-effikaċja tal-ġestjoni tal-fruntieri u biex tiġi indirizzata ż-żieda sinifikanti fl-għadd ta' dawk li jaqsmu l-fruntieri esterni kif ukoll biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-kontroll tagħhom abbażi ta' dak li qed isir diġà fl-Istati Membri;

17. jinnota li l-EES hija maħsuba biex tissostitwixxi s-sistema attwali tal-ittimbrar manwali ta' timbri tad-dħul u l-ħruġ fuq il-passaporti permezz ta' reġistru elettroniku li jinkludu d-data u l-post tad-dħul u tal-ħruġ taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu daħlu għal soġġorni ta' perjodu qasir fiż-żona ta' Schengen (sa tliet xhur), li jippermetti li jsir kalkolu awtomatiku tas-soġġorni awtorizzati;

18. jilqa' l-objettiv ferm pożittiv tal-programm tal-vjaġġaturi rreġistrati li jiffaċilita d-dħul u l-ħruġ mill-fruntieri esterni għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw ta' spiss u li diġà kienu s-suġġett ta' kontroll preċedenti fir-rigward tas-sigurtà u d-dokumenti tagħhom, permezz ta' tranżizzjoni lejn sistemi awtomatizzati ta' kontroll fil-fruntieri, sistemi li jiffaċilitaw id-dħul fiż-żona Ewropea ta' individwi li jivvjaġġaw ta' spiss u b'intenzjonijiet tajbin;

Kummenti dwar l-impatt tal-Pakkett "Fruntieri Intelliġenti" fuq id-drittijiet fundamentali

19. ifakkar fit-tħassib tiegħu fir-rigward tat-twaqqif ta' EES u l-implikazzjonijiet possibbli tagħha għad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali ([8]);

20. jagħraf li l-ġbir ta' kwantità konsiderevoli ta' data personali, inkluża d-data bijometrika, joħloq ċertu tensjoni bejn dawn is-sistemi u d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari, fir-rigward tal-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali, li jirrikjedu li jiġi limitat b'mod strett l-użu aħħari u speċjalment li dawn jiġu sottomessi għal kontroll dwar il-ħtieġa u l-proporzjonalità tagħhom;

([4]) F'dan ir-rigward ara wkoll l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Migrazzjoni u mobbiltà – Approċċ globali", relatur: is-Sur Vendola.

([5]) COM(2013) 95 final.

([6]) COM(2013) 97 final.

([7]) COM(2013) 96 final.

([8]) Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-Programm ta' Stokkolma: sfidi u opportunitajiet fil-kuntest ta' programm multiannwali ġdid fiż-żona tal-UE ta' libertà, sigurtà u ġustizzja" ĠU C 79, 27.3.2010, punt 56

21. itenni l-importanza li jagħti lil-livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali u l-preokkupazzjoni tiegħu fir-rigward taż-żieda esponenzjali tal-informazzjoni diġitali dwar iċ-ċittadini, li hija r-riżultat tal-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ([9]);

22. iwissi kontra r-riskju li, mil-lat tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u tal-protezzjoni tad-data personali, is-sistemi proposti jikkostitwixxu sors ta' preokkupazzjoni serja minħabba l-implikazzjonijiet tagħhom f'termini ta' drittijiet fundamentali, b'mod partikolari dawk taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u dawk li jitolbu l-asil huma u jipprovaw jidħlu fit-territorju tal-UE;

Kummenti dwar il-valur miżjud u l-karattru neċessarju u proporzjonali tal-pakkett "Fruntieri intelliġenti"

23. iqis li peress li ż-żewġ sistemi tal-Pakkett "Fruntieri Intelliġenti" jimplikaw il-ġbir tad-data, inkluża dik bijometrika, fuq skala kbira, jeħtieġ li dawn is-sistemi jintalbu juru b'mod affidabbli l-ħtieġa, il-leġittimità u l-proporzjonalità tagħhom, peress li l-objettivi tagħhom ma jistgħux jinkisbu b'sistemi anqas intrużivi fuq il-ħajja privata u li jkunu anqas għaljin;

24. jieħu nota tal-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-Data (KEPD) li kkritika u kkontesta n-neċessità u n-natura proporzjonali tal-Pakkett "Fruntieri Intelliġenti" fin-nuqqas ta' provi affidabbli li jiġġustifikaw l-introduzzjoni ta' sistemi ġodda. B'mod partikolari, il-KEPD iqis li l-EES jikkostitwixxi ksur tad-dritt tar-rispett għall-privatezza u li l-bilanċ bejn l-ispiża u l-effikaċja huwa dubjuż kemm mil-lat finanzjarju kif ukoll b'rabta mad-drittijiet fundamentali ([10]);

25. jinnota li l-Parlament Ewropew, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikolu 29 u l-maġġoranza tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili wkoll esprimew dubji dwar il-ħtieġa u l-valur miżjud tal-EES ([11]);

26. jagħraf li l-kwistjoni tal-ħtieġa u n-natura proporzjonali tal-ħolqien b'mod partikolari tal-EES hija kontroversjali peress li ma jeżistux provi ċari tal-effikaċja tagħhom biex jiksbu l-objettivi proposti fir-rigward tal-effiċjenza tal-kontrolli fil-fruntieri, tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-forom gravi ta' kriminalità organizzata;

27. jinnota li l-għan prinċipali tal-EES huwa li jiġu identifikati ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu b'mod legali fiż-żona ta' Schengen, b'viża ta' perjodu qasir jew mingħajr viża, u li jibqgħu fiż-żona aktar mill-perjodu awtorizzat. Għal dan il-għan, il-perjodu tas-soġġorn awtorizzat huwa kkalkulat b'mod elettroniku u jintbagħat avviż lill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-persuni li jkunu qabżu l-perjodu ta' soġġorn, u dan jippermetti li jinqabdu l-immigranti f'sitwazzjoni illegali u li jintbagħtu lura;

28. jikkunsidra li l-valur miżjud tal-EES biex jintlaħaq dan il-għan mhuwiex ovvju peress li l-eżistenza ta' sistema ta' twissija dwar soġġorn illegali hija bbażata fuq l-ipoteżi li l-persuni li jidħlu fit-territorju tal-UE b'viża għal perjodu qasir jew mingħajr viża bilfors jiġu obbligati li jitilqu fi żmien massimu ta' tliet xhur. B'ħekk ma jitqisux iċ-ċirkostanzi partikolari bħal talba għall-asil jew regolarizzazzjoni tas-soġġorn skont il-liġijiet nazzjonali;

29. jinnota li l-valutazzjoni tal-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-EES hija iktar neċessarja peress li jekk ma jkunx hemm detenzjoni għal residenza irregolari, is-sistema ma tkunx tista' tiskopri l-immigranti illegali ħlief meta huma joħorġu miż-żona ta' Schengen, li jfisser li l-EES tkun mekkaniżmu għoli ħafna tal-ġbir tal-istatistika dwar l-immigrazzjoni ([12]);

30. jinnota li l-EES ma tistax tidentifika dawk li r-residenza tagħhom ġiet regolarizzata b'applikazzjoni tal-leġislazzjoni dwar id-dritt tal-asil jew ir-regoli nazzjonali fil-qasam tal-immigrazzjoni. Dawn il-persuni jinsabu fil-periklu li jispiċċaw f'detenzjoni illegalment fuq il-bażi ta' twissija li l-EES tibgħat li tkun ibbażata fuq kalkolu awtomatiku tat-tul tas-soġġorn, li ma jkunx qies, u lanqas jista' jqis dawn it-tipi ta' ċirkostanzi;

([9]) Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-Programm ta' Stokkolma: sfidi u opportunitajiet fil-kuntest ta' programm multiannwali ġdid fiż-żona tal-UE ta' libertà, sigurtà u ġustizzja" ĠU C 79, 27.3.2010, punt 37.

([10]) Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta ppublikata fuq https://secure.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Opinions/2013/13-07-18_Smart_borders_EN.pdf Ara wkoll il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (2008), Kummenti Preliminari dwar il-proposta dwar il-Pakkett tal-"Fruntieri intelliġenti", 3 ta' Marzu 2008, p. 4, pubblikati fuq http://www.edps.europa.eu. Ara wkoll l-opinjoni tal-KEPD dwar il-Programm ta' Stokkolma, ĠU C 276, 17.11.2009, punt 71.

([11]) Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni "Impact Assessment accompanying the Proposal for a regulation of the European Parliament and of the Council establishing a Registered Traveller Programme" [Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm ta' Vjaġġaturi rreġistrati], SWD(2013) 47 final, Brussell, 28.2.2013.

([12]) Bigo, Didier, Carrera, Sergio et al (2012), "Evaluating current and forthcoming proposals on JHA data bases and a smart borders system at EU external borders", (Valutazzjoni proposti attwali u futuri fuq il-bażijiet tad-data tal-JHA u sistema ta' fruntieri intelliġenti fil-fruntieri esterni tal-UE) studju mfassal mill-Parlament Ewropew, p. 37.

31. iqis li l-EES timponi wkoll li titqajjem il-mistoqsija dwar l-għaġla tal-kontrolli peress li tobbliga l-ġbir ta' ammont kbir ta' data alfanumerika u bijometrika, li jtawwal iż-żmien ta' stennija tal-vjaġġaturi waqt il-kontrolli fil-fruntieri u bħala konsegwenza ser ikollha impatt negattiv fuq il-mobbiltà transkonfinali, li ma jistax jiġi kumpensat b'mod effikaċi mill-programm ta' vjaġġaturi rreġistrati. Wieħed jista' jistaqsi wkoll jekk l-ispejjeż tal-programm ta' vjaġġaturi rreġistrati humiex proporzjonali għan-numru baxx ta' persuni li jibbenefikaw minnu kull sena skont il-Kummissjoni (5 miljuni) jiġifieri 0,7 % tal-għadd totali tal-persuni li kull sena jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE (madwar 700 miljun) ([13]). L-eżistenza ta' programmi għall-vjaġġaturi frekwenti f'ċerti pajjiżi turi li dawn jistgħu jiġu implimentati minħajr EES. Stati Membri differenti diġà żviluppaw sistemi awtomatizzati ta' kontroll għaċ-ċittadini tal-UE li għandhom passaport bijometriku.

32. josserva li għandhom jiġu eżaminati l-kwistjonijiet dwar il-proporzjonalità u l-leġittimità ta' dawn is-sistemi f'termini ta' kemm jiswew, ammont stmat għal EUR 1,1 biljun li huwa previst li jiġi kopert mill-Fond għas-sigurtà interna, sa EUR 4 600 miljun, tul il-perjodu 2014-2020. Ifakkar li dan l-ammont huwa ħafna oġħla minn dak li l-Kummissjoni stmat fl-2008, barra mill-fatt li m'hemmx garanzija li ser ikun biżżejjed, kif osserva l-KEPD ([14]);

33. ifakkar fid-dubji tiegħu li investiment tant kbir fuq il-kontroll tal-fruntieri huwa l-aktar mod effikaċi biex tiġi miġġielda l-immigrazzjoni illegali b'mod sinifikanti u fit-tul ([15]);

34. jagħraf li analiżi tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji trid tqis ukoll l-ispejjeż kbar u l-piż amministrattiv li dawn is-sistemi jistgħu jimponu fuq l-Istati Membri meta mqabbel man-numru żgħir ta' vjaġġaturi li jaqsmu l-fruntieri esterni;

Ir-rwol tar-reġjuni u tal-awtoritajiet lokali fl-introduzzjoni gradwali ta' sistema integrata ta' ġestjoni tal-fruntieri esterni

35. jikkunsidra li l-koerenza ta' approċċ Ewropew fil-qasam tal-kontroll tal-fruntieri esterni tinvolvi diversi livelli u toħloq għadd ta' sfidi għall-awtoritajiet nazzjonali responsabbli, li jaġixxu f'kooperazzjoni mal-atturi reġjonali u lokali differenti;

36. jiddispjaċih li d-dimensjoni tal-governanza f'diversi livelli ma titqiesx biżżejjed fid-dibattiti politiċi tal-UE dwar liż-żona ta' Schengen, filwaqt li l-applikazzjoni xierqa tal-prinċipju tas-sussidjarjetà tirrikjedi li tiġi żgurata parteċipazzjoni aktar sistematika tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

37. jappella għal parteċipazzjoni akbar mill-awtoritajiet lokali u reġjonali u tal-korpi tal-Kumitat tar-Reġjuni biex jiġi garantit approċċ minn isfel għal fuq f'dan il-qasam, li jikkontribwixxi biex l-esperjenzi u l-preokkupazzjonijiet ta' dawn l-awtoritajiet jiġu kkunsidrati fl-istadji differenti tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni, l-effikaċja u l-valur miżjud tal-finanzjament tal-UE kif ukoll il-komponent tal-governanza f'diversi livelli tal-pakkett "Fruntieri intelliġenti";

38. jappella lil dawk responsabbli għall-implimentazzjoni tal-kodiċi tal-fruntieri ta' Schengen fil-livell lokali li jippromovu azzjonijiet ta' taħriġ u kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar il-leġislazzjoni Ewropea fil-qasam tal-fruntieri u d-drittijiet taċ-ċittadini, biex jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-atturi lokali prinċipali, tiġi promossa l-fiduċja reċiproka ħalli jiġu evitati l-effetti negattivi fiż-żona ta' moviment ħieles u fuq id-drittijiet fundamenali;

39. ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jkollhom rwol importanti fil-promozzjoni tal-harsien tad-drittijiet fundamentali fil-livelli differenti ([16]), inkluż il-fruntieri interni u esterni tal-UE;

40. jinnota li l-finanzjament tal-UE dedikat għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni jikkonċentra fuq is-sigurtà, u jinjora l-kwistjoni tad-drittijiet fundamentali. Għaldaqstant jipproponi li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jingħataw rwol aktar importanti fid-definizzjoni tal-prijoritajiet baġitarji tal-UE fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-finanzjament tal-politiki tal-immigrazzjoni u tal-asil, b'mod li r-riżorsi finanzjarji jingħataw lill-infrastrutturi u s-servizzi fil-fruntieri li għandhom l-akbar bżonn ta' għajnuna f'dan il-qasam;

41. bl-istess mod jissuġġerixxi li jiddaħħal l-obbligu ta' konsultazzjoni aktar vinkolanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-gvernijiet nazzjonali fuq l-ipprogrammar tal-finanzi tal-UE f'dan il-qasam;

([13]) Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni "Impact Assessment accompanying the Proposal for a regulation of the European Parliament and of the Council establishing a Registered Traveller Programme" [Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm ta' Vjaġġaturi rreġistrati], SWD(2013) 50 final, Brussell, 28.2.2013.

([14]) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (2008), Kummenti Preliminari dwar il-proposta dwar il-Pakkett tal-"Fruntieri intelliġenti", 3 ta' Marzu 2008, p. 4, pubblikati fuq http://www.edps.europa.eu.

([15]) Opinjoni dwar l-istrumenti finanzjarji tal-UE għall-Affarijiet Interni, li r-relatur tagħha kien is-Sur Azzopardi, CdR 12/2012, punt 47.

([16]) Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "L-istrateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea", ĠU C 9, 11.1.2012.

42. itenni l-appell tiegħu għal konsolidazzjoni akbar tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil "b'konformità mal-kompetenzi tagħhom fil-kuntest nazzjonali, permezz ta' strumenti li jqisuhom bħala entitajiet destinatarji tal-finanzjament tal-Unjoni, anke mingħajr l-intervent tal-awtoritajiet ċentrali tal-gvern u kumpatibbli mad-differenzi eżistenti bejn bosta Stati Membri" ([17]);

43. jikkunsidra li s-sistemi tal-EES u l-programm ta' vjaġġaturi rreġistrati jimplika trasferiment gradwali tal-kompetenzi fil-qasam tal-kontroll u l-użu tad-data miġbura mill-awtoritajiet nazzjonali għall-korpi tal-UE, li għandhom implikazzjonijiet fuq il-kwistjoni tas-sussidjarjetà;

44. għaldaqstant, jirrakkomanda li l-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll il-Kumitat tar-Reġjuni jiġu konsultati aktar dwar it-tfassil tas-sistemi, fid-dawl tal-impatt fuq ir-reġjuni transkonfinali u minħabba fil-perċezzjoni li l-ġestjoni tal-fruntieri fil-livell lokali tista' tkun differenti mill-interessi li jagħtu direzzjoni lill-għażliet tal-awtoritajiet ċentrali nazzjonali, li huma aktar imħassba dwar is-sigurtà nazzjonali milli huma attenti li jiffaċilitaw iċ-ċirkolazzjoni transkonfinali, li hija aktar preokkupazzjoni tar-reġjuni transkonfinali;

Rakkomandazzjonijiet dwar il-pakkett leġislattiv "Fruntieri intelliġenti"

45. iħeġġeġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jipproċedu b'analiżi fid-dettall tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-EES u l-programm ta' vjaġġaturi rreġistrati, li qed jiddaħħlu f'kuntest ta' reċessjoni ekonomika u ta' awsterità baġitarja, u biex jivvalutaw kemm huma meħtieġa, proporzjonati u effikaċi qabel ma jkomplu bin-negozjati marbutin magħhom;

46. jappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jakkumpanjaw l-EES b'garanziji, fil-każ li titkompla l-implimentazzjoni tiegħu biex jiġu evitati twissijiet li jistgħu jwasslu għad-detenzjoni abbużiva ta' persuni li s-sistema tidentifikahom bħala residenti illegali meta fil-fatt huma jkunu kisbu permess ta' soġġorn minn Stat Membru u għaldaqstant igawdu mid-dritt tal-moviment ħieles fiż-żona Ewropea mingħajr fruntieri interni;

47. jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li f'perjodu ta' awsterità baġitarja jiġi garantit li kull sistema li titwaqqaf tkun tista' tithaddem flimkien mas-sistemi nazzjonali attwali, biex ma tfixkilx il-funzjonament tagħhom u ma jinħlewx investimenti nazzjonali li jkunu saru;

48. jirrakkomanda li jiddaħħlu garanziji sodi ta' nondiskriminazzjoni u ta' salvagwardji biżżejjed għad-dritt tal-ħarsien tad-data, ir-rispett tal-ħajja privata u l-possibbiltà li jsir appell fil-qrati għaċ-ċittadini minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari biex jiġi evitat rimpatriju abbużiv fuq il-bażi ta' twissija falza li tkun intbagħtet mill-EES;

49. f'każ li s-sistema tiġi implimentata, jissuġġerixxi li jiġu promossi azzjonijiet ta' taħriġ dwar id-drittijiet tal-persuni u kampanji ta' sensibilizzazzjoni fost il-professjonisti fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, b'mod partikolari dwar ir-riskji u l-mod korrett/inkorrett ta' applikazzjoni, biex jiġu evitati użi illeċiti u diskriminatorji.

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI**

Emenda 1

COM(2013) 95 final

Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Kull awtorità kompetenti awtorizzata biex taċċessa l-EES skont dan ir-Regolament għandha tiżgura li l-użu tal-EES huwa neċessarju, xieraq u proporzjonat mat-twettiq tal-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti.	Kull awtorità kompetenti awtorizzata biex taċċessa l-EES skont dan ir-Regolament għandha tiżgura li l-użu tal-EES huwa neċessarju, xieraq u proporzjonat mat-twettiq tal-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti u jirrispetta d-dispożizzjonijiet kollha rilevanti tal-UE u dawk nazzjonali dwar il-ħarsien tal-data personali.

([17]) Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Migrazzjoni u mobilità – approċċ globali", is-96 sessjoni plenarja tat-18 u d-19 ta' Lulju 2012.

Raġuni

Huwa importanti li jiġi stabbilit ir-rispett tal-leġislazzjoni rilevanti dwar il-ħarsien tad-data mill-'awtoritajiet kompetenti' bħala "prinċipju ġenerali" ta' dan ir-regolament.

Brussell, 28 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali

(2014/C 114/16)

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

Il-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Osservazzjonijiet ġenerali

1. jinnota l-Proposta tal-Kummissjoni dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti, dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti, u dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, jiġifieri biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini u jiġi garantit tħaddim tajjeb tas-suq intern;

2. bi pjaċir jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tagħraf il-bżonn li jissaħħu l-istrumenti disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri bil-għan li tiġi verifikata l-konformità mal-leġislazzjoni tal-UE (kontrolli, spezzjonijiet u testijiet);

Referenzi għall-Politika Agrikola Komuni

3. jikkonferma li l-kwalità tal-prodotti agrikoli tal-UE hija prinċipalment riżultat tal-Politika Agrikola Komuni u waħda mill-vantaġġi ewlenin fis-suq globali u li l-monitoraġġ effettiv tal-konformità mar-regoli dwar l-ikel u l-għalf, is-saħħa u l-benessri tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti, il-materjal riproduttiv tal-pjanti, u prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, qed jintuża biex jinbena suq stabbli li jkun ibbażat fuq il-fiduċja tas-soċjetà fil-prodotti;

4. il-kompetittività, lokali u globali, tista' tiġi garantita biss bis-saħħa ta' bidliet permanenti fis-suq agroalimentari Ewropew. Għalhekk, bi pjaċir jilqa' din l-inizjattiva li ser isservi biex tiżgura l-kwalità tal-prodotti agrikoli permezz ta' diversi kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra;

5. huwa tal-fehma li r-Regolament jissodisfa l-bżonn li tiġi żgurata l-kompetittività mifruxa tal-kumpaniji fil-katina alimentari li jkunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti;

Sussidjarjetà, proporzjonalità u regolazzjoni aħjar

6. jinnota li l-Proposta għal Regolament tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti ddelegati fi prattikament kull qasam irregolat mir-Regolament (ara mill-Artikolu 15 sal-Artikolu 24). Il-Kumitat ma jaqbilx b'mod partikolari mal-bażijiet previsti fl-Artikoli 15 sa 25 u fl-Artikoli 110, 132 u 133 tal-Proposta leġislattiva għall-għoti tas-setgħa li jiġu adottati atti ddelegati b'dispożizzjonijiet speċjali dwar l-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali. Iqis li hemm assolutament bżonn li d-dispożizzjonijiet kollha li għandhom impatt konsiderevoli fuq l-attività ta' superviżjoni u fuq il-bażits tal-pajjiżi jiġu inklużi b'mod dirett fir-Regolament. Barra minn hekk, b'rabta mal-adozzjoni ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 139, il-Kummissjoni hi mitluba tispjega kif beħsiebha timplimenta l-approċċ deskritt fil-Premessa 81, li tgħid li l-Kummissjoni għandha twettaq il-konsultazzjonijiet adegwati matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż mal-esperti. Il-Kumitat iqis li l-Artikolu 139 għandu jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-esperti tal-Istati Membri;

7. jikkonferma li jkun ta' għajnuna u importanti li l-leġislazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali tiġi armonizzata biex jiġi żgurat livell tajjeb ta' sikurezza għall-ikel u l-għalf u biex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-oġġetti fis-suq intern, biex is-suq intern, il-kompetizzjoni ħielsa u l-interessi u l-informazzjoni tal-konsumatur ikunu protetti b'mod effettiv mill-frodi u mid-dħul ta' prodotti li ma jilħqux standards Ewropej, u biex jinżamm livell ta' fiduċja fil-prodotti esportati jew trasportati (transitu) miż-żona tal-UE;

8. bi pjaċir jinnota li d-Direttiva tintegra sensiela ta' miżuri għall-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali fil-katina agroalimentari, anki miżuri kontra l-pesti tal-pjanti, regoli li jirregolaw il-produzzjoni ta' prodotti materjali għar-riproduzzjoni tal-pjanti bil-għan li jitqiegħdu fis-suq u regoli dwar prodotti sekondarji tal-annimali;

9. jikkonferma li biex jingħata ħarsien effettiv għall-prodotti agroalimentari tal-UE jrid jiġi żgurat li l-prodotti kollha li jinbiegħu fl-UE, irrispettivament mill-oriġini tagħhom, ikunu soġġetti għall-istess kontrolli jew ekwivalenti fil-qasam tal-iġjene u s-sigurtà u l-kwalità tal-ikel; jagħraf li f'każijiet partikolari d-Direttiva ma tillimitax id-dritt tal-Istati Membri li japplikaw miżuri intiżi biex jinkiseb livell ogħla ta' ħarsien tal-konsumaturi permezz ta' kontrolli uffiċjali;

10. bi pjaċir jilqa' s-semplifikazzjoni tar-regoli b'rabta mal-introduzzjoni ta' dokument sanitarju komuni tad-dħul (CHED), li jissostitwixxi d-diversi dokumenti li jintużaw f'kull settur soġġett għall-kontrolli skont ir-regoli eżistenti, l-istandardizzazzjoni tad-dokumenti u l-garanzija tal-kwalità fir-rigward tal-awtenticità tagħhom, l-introduzzjoni tas-sistema tal-UE tas-superviżjoni għall-kontrolli uffiċjali Ewropej u d-diġitazzjoni tagħha;

11. jinnota li r-regoli applikabbli attwalment għall-kontrolli uffiċjali tar-residwi tal-prodotti verterinarji mediċinali qed jiġu sostitwiti b'regoli li huma bbażati iktar fuq analiżi tar-riskju, mingħajr ħsara għaż-żamma ta' kundizzjonijiet adatti għall-ħarsien tas-saħħa;

Kontrolli iktar stretti fuq prodotti minn pajjiżi terzi

12. bi pjaċir jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li, fost affarijiet oħra, tinkludi regoli li għandhom l-għan li jagħmlu l-kontrolli tal-prodotti minn pajjiżi terzi iktar stretti sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li jinħolqu fil-katina alimentari u u r-riskji relatati għas-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE;

13. jilqa' s-semplifikazzjoni fir-regoli li tinvolvi s-sostituzzjoni ta' postijiet ta' spezzjoni mal-fruntiera (għall-annimali u prodotti sekondarji tal-annimali), punti ta' dħul identifikati (għall-prodotti tal-ikel u tal-għalf ta' oriġini veġetali) u punti ta' dħul (għall-pjanti u l-prodotti tal-pjanti) mill-punti ta' kontroll mal-fruntiera soġġetti għal dispożizzjonijiet komuni. Dan l-approċċ jagħmilha iktar faċli biex is-suq Ewropew jiġi protett minn fluss ta' prodotti agroalimentari li ma jkunux konformi;

14. bi pjaċir jinnota l-ħolqien ta' mekkaniżmi fil-qasam ta' "assistenza amministrattiva", li ser jippermettu kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-kontroll biex ir-regoli jiġu infurzati b'mod uniformi u konsistenti buq bażi transnazzjonali. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-UE mhux biss jiġu segwiti fl-Istat Membru fejn ġie rapportat il-ksur iżda anke fl-Istat Membru fejn sar il-ksur;

L-impatt lokali u reġjonali

15. jinnota li l-approċċ il-ġdid ibbażat fuq il-valutazzjoni tar-riskju jagħmilha possibbli li jittieħdu azzjonijiet u deċiżjonijiet malajr dwar id-diversi kategoriji ta' prodotti adatti għal-livell attwali ta' għarfien;

16. josserva li l-obbligu li għal kull kontroll uffiċjali li jsir irid jitfassal rapport u li dan ikun disponibbli għall-operatur li jkun soġġett għall-kontroll huwa piż sinifikanti fuq l-awtoritajiet kompetenti. Dan mhuwiex aċċettabbli fid-dawl tal-piż burokratiku li jinvolvi u l-possibbiltà, li ma tistax tiġi eskluża, tar-rikors għall-protezzjoni legali.

Fil-każ li l-Kummissjoni ma tirtirax dan ir-rekwiżit, ikun hemm bżonn ta' valutazzjoni profonda tal-impatt sabiex jiġi kwantifikat il-piż amministrattiv u finanzjarju addizzjonali. Barra minn hekk, għal din ir-raġuni l-Artikolu 34 tal-Proposta tal-Kummissjoni għandu jippreċiża li l-opinjoni tat-tieni espert hija l-proċedura diġà fis-seħħ li jittieħed kampjun doppju jew it-tieni kampjun flimkien ma' valutazzjoni addizzjonali mill-operatur, u għalhekk ma hemmx bżonn li tiġi introdotta proċedura ġdida;

17. fil-prinċipju jaqbel mal-Kummissjoni li l-interessi tal-intrapriżi ż-żgħar jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tat-tariffi. Madankollu, il-fatt li l-Proposta leġislattiva tipprevedi eżenzjoni ġenerali mill-ħlas tat-tariffi għall-intrapriżi li jħaddmu inqas minn 10 persuni u li l-fatturat annwali jew karta tal-bilanċ tagħhom ma jaqbżux iż-EUR 2 miljun imur kontra l-prinċipji tal-Artikolu 76 li għandhom jiżguraw li jkun hemm il-persunal u r-riżorsi finanzjarji adegwati. Il-Kumitat jipproponi li fis-sistema l-ġdida tal-ispejjeż tiddaħħal regola bħal dik tal-Artikolu 27(6) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirregolaw it-tip u l-estensjoni tal-eċċezzjonijiet;

18. l-Artikolu 80 jistabbilixxi li l-operaturi li jikkonformaw b'mod konsistenti mar-regoli għandhom jingħataw kundizzjonijiet iktar favorevoli meta t-tariffi tal-kontroll jinġabru abbażi ta' rata fissa skont l-Artikolu 79(1)(a). Minflok, għandha tiddaħħal dispożizzjoni, konformi mal-Artikolu 27(6) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, fl-arranġamenti l-ġodda għall-ispejjeż, sabiex l-Istati Membri stess ikunu jistgħu jiddeċiedu kif u kemm għandhom jagħtu eżenzjonijiet, inkluż għall-mikrointrapriżi;

19. jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li jkun hemm garanzija effettiva (adatta) tal-protezzjoni tad-dejta u l-informazzjoni fis-sistemi li nħolqu għall-implimentazzjoni tar-regoli dwar ir-rimborż u l-aċċess mhux awtorizzat filwaqt li fl-istess ħin jitqiesu l-ħtiġijiet u l-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti li jinfurmaw lill-pubbliku dwar avvenimenti sinifikanti fil-katina agroalimentari. Minħabba li f'ċerti Stati Membri l-kompetenzi għall-kontroll tal-katina alimentari huma kondiviżi bejn korpi differenti huwa indispensabbli li, waqt l-iżvilupp tas-sistemi ta' informazzjoni, jitfassal dokument wieħed li jistabbilixxi bl-implimentazzjonijiet differenti tal-kontroll uffiċjali flimkien u tinħoloq u tiġi żviluppata sistema integrata għall-ġestjoni tal-informazzjoni tal-kontrolli uffiċjali;

20. apparti l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri dixxiplinarji mqabbla mar-regoli eżistenti jilqa' wkoll l-introduzzjoni ta' perjodi minimi għat-twettiq tal-miżuri li jinvolvu l-inċentivi għall-applikazzjoni bħala eżenzjonijiet jew tnaqqis fin-nollijiet għall-operaturi li jilħqu jew iżommu l-livell meħtieġ ta' konformità mar-regoli tal-leġislazzjoni tal-ikel u l-għalf u regoli oħra relatati mal-katina alimentari iżda d-deċiżjoni dwar it-tariffi obbligatorji għall-kontrolli ta' rutina għandha tittieħed mill-Istati Membri;

21. jinnota li minħabba l-bosta setgħat għall-adozzjoni ta' atti ddelegati jonqsu l-possibbiltajiet ta' parteċipazzjoni minnaħa tal-Istati Membri u l-pajjiżi ma jkunux jistgħu jbassru jekk hux ser ikollhom piż akbar f'dak li hu persunal u riżorsi finanzjarji.

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-EMENDI**

Emenda 1

Artikolu 1(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għal:	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għal:
(a) it-twettiq tal-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;	(a) it-twettiq tal-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;
(b) l-iffinanzjar tal-kontrolli uffiċċjali;	(b) l-iffinanzjar tal-kontrolli uffiċċjali;
(c) l-għajnuna amministrattiva u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, għall-applikazzjoni korretta tar-regoli msemmija fil-paragrafu 2;	(c) l-għajnuna amministrattiva u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, għall-applikazzjoni korretta tar-regoli msemmija fil-paragrafu 2;
(d) it-twettiq tal-kontrolli tal-Kummissjoni fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi;	(d) it-twettiq tal-kontrolli tal-Kummissjoni fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi;
(e) l-adozzjoni tal-kundizzjonijiet li għandhom jintlaħqu mill-annimali u mill-prodotti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiż terz;	(e) l-adozzjoni tal-kundizzjonijiet li għandhom jintlaħqu mill-annimali u mill-prodotti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiż terz;
(f) l-istabbiliment ta' sistema kompjuterizzata ta' informazzjoni għall-ġestjoni tal-informazzjoni u tad-dejta marbuta mal-kontrolli uffiċjali.	(f) l-istabbiliment ta' sistema kompjuterizzata ta' informazzjoni għall-ġestjoni tal-informazzjoni u tad-dejta marbuta mal-kontrolli uffiċjali **inklużi mekkaniżmi ta' protezzjoni tad-dejta f'konformità mar-regoli applikabbli, jiġifieri d-Direttiva 95/46/KE, u mar-Regolament propost COM(2012)11 final u d-Direttiva proposta COM(2012) 10 final**.

Raġuni

Il-protezzjoni tad-dejta għandha tkun waħda mill-kwistjonijiet li jeħtieġu l-attenzjoni peress li s-sistema hija stabbilita fil-livell tal-UE u waħda mill-funzjonijiet ewlenin tagħha hija t-tqassim tad-dejta dwar il-kontrolli uffiċjali li jkunu saru.

Emenda 2

Artikolu 13(2)(d)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
evalwazzjoni tal-proċeduri fir-rigward ta' prattiki ta' manifattura tajba (PMT), prattiki tal-iġjene tajba (PIT), prattiki ta' biedja tajba, u punti kritiċi ta' kontroll u analiżi tar-riskji (HACCP);	evalwazzjoni tal-proċeduri fir-rigward ta' prattiki ta' manifattura tajba (PMT), prattiki tal-iġjene tajba (PIT), prattiki ta' biedja tajba, u punti kritiċi ta' kontroll u analiżi tar-riskji (HACCP)**, u sistemi analogi oħra, li l-użu tagħhom huwa mitlub mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2)**;

Raġuni

Huwa essenzjali li titwessa' l-firxa ta' regoli (sistemi) li jistgħu jsiru obbligatorji.

Emenda 3

Artikolu 82

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Rimborżi tat-tariffi u eżenzjoni għall-mikrointrapriżi.	Rimborżi tat-tariffi u eżenzjoni għall-mikrointrapriżi
1. It-tariffi pprovduti fl-Artikolu 77 ma għandhomx jingħataw lura direttament jew indirettament, sakemm ma jkunux inġabru bla bżonn	1. It-tariffi pprovduti fl-Artikolu 77 ma għandhomx jingħataw lura direttament jew indirettament, sakemm ma jkunux inġabru bla bżonn.
2. L-intrapriżi li jħaddmu inqas minn 10 persuni, u li l-fatturat annwali jew karta tal-bilanċ tagħhom ma jaqbżux iż-EUR 2 miljun, għandhom ikunu eżentati mill-ħlas tat-tariffi pprovduti fl-Artikolu 77.	2. L-intrapriżi li jħaddmu inqas minn 10 persuni, u li l-fatturat annwali jew karta tal-bilanċ tagħhom ma jaqbżux iż-EUR 2 miljun, **għandhom ikunu jistgħu jkunu** eżentati mill-ħlas tat-tariffi pprovduti fl-Artikolu 77.
3. Il-kostijiet imsemmija fl-Artikoli 77, 78 u 79 ma għandhomx jinkludu dawk imġarrba għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali fuq l-intrapriżi msemmija fil-paragrafu 2.	3. **Il-kostijiet imsemmija fl-Artikoli 77, 78 u 79 L-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli separati għall-kalkolu tal-kostijiet** ma għandhomx jinkludu dawk imġarrba għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali fuq l-intrapriżi msemmija fil-paragrafu 2, **sakemm ikunu konsistenti mal-prinċipji tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE stabbilita fl-Artikoli 101-109 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE)**.

Raġuni

L-Istati Membri għandhom jitħallew jadottaw regoli separati f'dan il-qasam, fid-dawl tal-varjazzjonijiet sinifikanti fil-bilanċ bejn il-kumpaniji ta' diversi daqsijiet fil-pajjiżi tal-UE. B'mod partikolari, dan japplika għall-pajjiżi b'ekonomiji frammentati (għadd kbir ta' mikrointrapriżi).

Emenda 4

Artikolu 131

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-IMSOC għandha:	L-IMSOC għandha:
(a) tippermetti t-trattament u l-iskambju kompjuterizzat tal-informazzjoni, id-dejta u d-dokumenti meħtieġa għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali, li jirriżultaw mit-twettiq ta' kontrolli uffiċjali, jew mir-reġistrazzjoni tat-twettiq jew ir-riżultat ta' kontrolli uffiċjali, fil-każijiet kollha fejn ir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) u l-atti ddelegati pprovduti fl-Artikoli 15 sa 24 jipprovdu għall-iskambju fost l-awtoritajiet kompetenti, bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni, u fejn xieraq, ma' awtoritajiet oħra u l-operaturi, ta' tali informazzjoni, dejta u dokumenti;	(a) tippermetti t-trattament u l-iskambju kompjuterizzat tal-informazzjoni, id-dejta u d-dokumenti meħtieġa għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali, li jirriżultaw mit-twettiq ta' kontrolli uffiċjali, jew mir-reġistrazzjoni tat-twettiq jew ir-riżultat ta' kontrolli uffiċjali, fil-każijiet kollha fejn ir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) u l-atti ddelegati pprovduti fl-Artikoli 15 sa 24 jipprovdu għall-iskambju fost l-awtoritajiet kompetenti, bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni, u fejn xieraq, ma' awtoritajiet oħra u l-operaturi, ta' tali informazzjoni, dejta u dokumenti;
(b) tipprovdi mekkaniżmu għall-iskambju ta' dejta u informazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV;	(b) tipprovdi mekkaniżmu għall-iskambju ta' dejta u informazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV;
(c) tipprovdi għodda għall-ġbir u l-ġestjoni tar-rapporti dwar il-kontrolli uffiċjali pprovduti mill-Istati Membri lill-Kummissjoni;	(c) tipprovdi għodda għall-ġbir u l-ġestjoni tar-rapporti dwar il-kontrolli uffiċjali pprovduti mill-Istati Membri lill-Kummissjoni;
(d) tippermetti l-produzzjoni, it-trattament u t-trażmissjoni, inkluż f'forma elettronika, tal-ktieb tal-vjaġġ imsemmi fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, tar-rekords miksubin mis-sistema ta' navigazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(9) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, taċ-ċertifikati uffiċjali, u tad-dokument sanitarju komuni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament.	(d) tippermetti l-produzzjoni, it-trattament u t-trażmissjoni, inkluż f'forma elettronika, tal-ktieb tal-vjaġġ imsemmi fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, tar-rekords miksubin mis-sistema ta' navigazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(9) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, taċ-ċertifikati uffiċjali, u tad-dokument sanitarju komuni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament.
	(e) tinkludi mekkaniżmu ta' protezzjoni tad-dejta f'konformità mar-regoli applikabbli, jiġifieri d-Direttiva 95/46/KE, u mar-Regolament propost COM(2012) 11 final u d-Direttiva proposta COM (2012) 10 final.

Raġuni

Il-protezzjoni tad-dejta għandha tkun waħda mill-kwistjonijiet li jeħtieġu l-attenzjoni peress li s-sistema hija stabbilita fil-livell tal-UE u waħda mill-funzjonijiet ewlenin tagħha hija t-tqassim tad-dejta dwar il-kontrolli uffiċjali li jkunu saru.

Brussell, 29 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT